

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 399



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

17 ta' Ottubru 2022

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 399/01	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri – Kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021	1
2022/C 399/02	Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti	240

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-
QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021

(2022/C 399/01)

WERREJ

	<i>Paġna</i>
PREFAZZJONI	2
IL-PUNTI FINANZJARJI EWLENIN TAS-SENA	3
NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJET KONSOLIDATI	31
RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI U NOTI TA' SPJEGAZZJONI	32
IL-KARTA BILANĊJALI	33
RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA	34
RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS	35
DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI	37
NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI	38
RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA U NOTI TA' SPJEGA	146
GLOSSARJU	232
LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET	236

PREFAZJONI

Fl-2021, l-Ewropa sfidat il-pandemija li kienet għaddejja minnha. Is-solidarjetà kienet kruċjali sabiex tiġi kkontrollata l-isfida tal-Covid-19 u sabiex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tagħha. Il-baġit Ewropew immobilizza l-mezzi kollha disponibbli sabiex jappoġġa liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-Istati Membri filwaqt li jagħmel lill-Ewropa addattata għall-futur: aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar reżiljenti.

L-Unjoni Ewropea nediet **l-istrument ta' rkupru** dedikat **NextGenerationEU** sabiex tappoġġa l-irkupru tal-Ewropa u sabiex tindirizza l-isfidi kurrenti u futuri. B'ammonti straordinarji ta' finanzjament li ġew iġġenerati fis-swieq finanzjarji minn Ġunju 2021, il-baġit tal-UE wera li għal darb'oħra kien għodda importanti li l-Unjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u tipprovdi valur miżjud ċar għal ħajjet in-nies.

Barra minn hekk, il-programm SURE (**Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza**), kompla jappoġġa lill-Istati Membri kemm sabiex iżommu n-nies fl-impjiegi kif ukoll sabiex jgħinu lill-impjiegi affettwati mill-pandemija.

Minbarra li indirizzat il-kriżi b'reazzjonijiet rapidi u b'aġġustamenti kontinwi fis-sitwazzjoni politika u finanzjarja, l-Unjoni Ewropea żammet il-wegħda tagħha u **wettqet l-oġettivi tal-politika tagħha**. Għalhekk, għamlet l-aħjar użu mill-baġit tal-2021 — l-ewwel wieħed mill-qafas finanzjarju pluriennali attwali, bl-implimentazzjoni tal-baġit li ammontat għal EUR 268,3 biljun f'impenji magħmulin.

Bi pjaċir nippreżenta l-kontijiet annwali tal-2021 tal-Unjoni Ewropea. Huma jipprovdu ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-finanzi tal-UE u lejn l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena li għaddiet, inkluża informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti, l-impenji finanzjarji u l-obbligi l-oħrajn tal-Unjoni. Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea huma parti **mill-pakkett tar-rapportar finanzjarju u ta' responsabbiltà integrat tal-Kummissjoni** u jiffurmaw parti essenzjali mis-sistema żviluppata haġna ta' trasparenza u ta' responsabbiltà fiskali.

Johannes HAHN

Il-Kummissarju għall-Baġit u r-Riżorsi Umani

IL-PUNTI FINANZJARJI EWLENIN TAS-SENA

L-objettiv ta' din it-taqsima tal-Punti Finanzjarji Ewlenin, li tħejjiet fuq il-bażi tal-prinċipji deskritti fil-Linja Gwida dwar il-Prattika Rakkomandata (RPB) tal-IPSASB 2 "Diskussjoni u Analiżi tar-Rapporti Finanzjarji", huwa li tgħin lill-qarrejja jifhmu kif l-attivitajiet operazzjonali, finanzjarji u ta' investiment tal-UE huma riflessi fl-elementi differenti tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE. L-informazzjoni ppreżentata f'din it-taqsima ma ġietx awditjata

Għandu jiġi nnotat li, minħabba l-ittondjar taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, xi data finanzjarja fit-tabelli ta' hawn taħt tista' tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

WERREJ

	Paġna
1. ĊIFRI U PUNTI EWLENIN TAS-SENA	4
2. IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI TAL-2021-2027 U NextGenerationEU	6
2.1. Il-QFP 2021-27 u NextGenerationEU – Iċ-Ċifri Ewlenin	6
2.2. NextGenerationEU – ħarsa ġenerali	7
2.3. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-NGEU fil-31 ta' Diċembru 2021	8
3. SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT	13
3.1. Dħul	13
3.2. Nefqa	15
4. STRUMENTI FINANZJARJI U GARANZIJI BAĠITARJI	16
4.1. Strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE	16
4.2. Garanziji baġitarji: Assi finanzjarji miżmumin fil-fondi ta' garanzija	17
4.3. Is-self u t-teħid ta' self relatat għall-programmi ta' assistenza finanzjarja	17
4.4. Obbligazzjonijiet kontinġenti baġitarji għal programmi ta' assistenza finanzjarja	21
5. ANALIŻI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI	21
5.1. DĦUL	21
5.2. SPEJJEŻ	23
5.3. ASSI	23
5.4. OBBLIGAZZJONIJIET	26
6. QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU, GOVERNANZA U RESPONSABILITÀ TAL-UE	27
6.1. QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU	27
6.2. GOVERNANZA U RESPONSABILITÀ	29

1. ĊIFRI U PUNTI EWLENIN TAS-SENA

Rapporti finanzjarji konsolidati

Ir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE jinkludu aktar minn 50 entità (inklużi l-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-aġenzji tal-UE) u huma mħejjija skont l-ogħla standards disponibbli, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (International Public Sector Accounting Standards, IPSAS).

Is-sena 2021, li kienet l-ewwel sena tal-QFP tal-UE għall-2021–2027, kienet eċċezzjonali f'hafta aspetti. Kif jista' jidher fil-karta bilanċjali ta' hawn taħt u spjegat f'aktar dettall fl-Analiżi tar-Rapporti Finanzjarji (it-taqsimha 5), ir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE tal-2021 kienu partikolarment affettwati mit-tneđija b'suċċess ta' NextGenerationEU fl-2021 (EUR 71,6 biljun żborżati lill-Istati Membri) u mill-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self addizzjonali taħt l-istrument SURE (EUR 50 biljun):



(EUR biljuni)

	2021	2020
ASSI		
Assi Finanzjarji	188,6	113,1
Prefinanzjament	93,4	62,7
Riċevibbli	72,4	74,5
Il-flus u l-ekwivalenti tal-flus	44,9	16,7
Proprjetà, Impjanti u Tagħmir u assi oħrajn	14,7	13,0
Total	414,1	280,0
OBBLIGAZZJONIJIET		
Benefiċċji ta' wara l-impjeg	122,5	116,0
Obbligazzjonijiet finanzjarji	246,1	95,0
Ammonti pagabbli	46,4	32,4
Dovuti	78,1	64,6
Obbligazzjonijiet oħrajn	3,3	5,4
Total	496,4	313,5
ASSI NETTI		
Riżervi	1,3	5,1
Ammonti li jridu jintalbu mill-Istati Membri	(83,6)	(38,5)
Total	(82,3)	(33,4)

⇒ ara l-Analiżi tar-Rapport Finanzjarju, it-taqsimha 5

It-Tnedija b'Suċċess ta' NextGenerationEU

Żborżi taħt NextGenerationEU – EUR 71,6 biljun maqsumin bejn:



**Programmi tal-QFP
EUR 7,2 biljun**

	EUR biljuni
React-EU	7,007
— li minnhom FEŻR	4,926
— li minnhom FSE	2,081
InvestEU	0,151
Żvilupp Rurali (FAEŻR)	0,065
Orizzont Ewropa	0,018
RescEU	0,002
Total	7,243


⇒ ara s-sitwazzjoni finanzjarja tal-NGEU fil-31 ta' Diċembru 2021, it-taqsimu 2.3

2. IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI TAL-2021–2027 U NextGenerationEU

2.1. IL-QFP 2021–27 U NextGenerationEU — IĊ-ĊIFRI EWLENIN

Il-baġit fit-tul tal-UE għall-2021-2027, flimkien mal-istrument għall-irkupru NextGenerationEU (“NGEU”), jammonta għal EUR 2,018-il triljun fi prezzijiet kurrenti (EUR 1,8 triljun fi prezzijiet tal-2018). Dan ir-rispons finanzjarju mingħajr preċedent għall-kriżi se jgħin sabiex jissewva d-dannu ekonomiku u soċjali kkawżat mill-pandemija tal-coronavirus u jappoġġa t-tranżizzjoni lejn Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar sostenibbli.

Il-pakkett jikkonsisti fil-baġit fit-tul, il-qafas finanzjarju pluriennali (“QFP”) tal-2021-2027, magħmul minn EUR 1,211-il triljun fi prezzijiet kurrenti (EUR 1,074 triljun fi prezzijiet tal-2018), flimkien mal-istrument għall-irkupru temporanju, l-NGEU sa EUR 806,9 biljun fi prezzijiet kurrenti (EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018).



Nota: L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali.

Dan huwa baġit verament modernizzat:

- Aktar minn 50 % tal-ammont totali tal-baġit fit-tul li jmiss u tal-NGEU se jappoġġa l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, permezz ta' tranżizzjonijiet klimatiki u diġitali ġusti, permezz tat-tħejija, u permezz ta' azzjonijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza;
- 30 % tal-baġit tal-UE se jintnefaq sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima – l-akbar sehem mill-akbar baġit tal-UE fl-istorja;
- 20 % tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF) – li tirrappreżenta 90 % tal-NGEU – se tiġi investita fit-trasformazzjoni diġitali;
- Fl-2026 u fl-2027, 10 % tal-infiq annwali taħt il-baġit fit-tul se jikkontribwixxi sabiex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-bijodiversità; u
- Għall-ewwel darba, prijoritajiet ġodda u msaħħin għandhom l-oġġla sehem mill-baġit fit-tul, 32 %.

Il-prijoritajiet politiċi li fuqhom huwa bbażat il-QFP 2021-27

Il-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni huma definiti fil-linji gwida politiċi stabbiliti mill-President tal-Kummissjoni. Taħt il-President von der Leyen, il-Kummissjoni li bdiet il-mandat tagħha fl-1 ta' Diċembru 2019 tiffoka fuq is-sitt ambizzjonijiet il-kbar li ġejjin:

6 AMBIZZJONIJIET KBAR

Patt Ekoloġiku Ewropew

- Nistinkaw biex inkunu l-ewwel kontinent newtrali għall-klima

Ewropa lesta għall-era diġitali

- Nagħtu s-setgħa lin-nies permezz ta' ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġiji

Ekonomija għas-servizz tan-nies

- Naħdmu għall-ġustizzja soċjali u għall-prosperità

Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja

- Ewropa li tistinka għal aktar billi ssaħħa il-marka unika tagħna ta' tmexxija globali responsabbli

Il-promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna

- Nibnu Unjoni ta' ugwaljanza fejn kollha kemm aħna jkollna l-istess aċċess għall-opportunitajiet

Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea

- Inrawmu, niproteġu u nsaħħu d-demokrazija tagħna

2.2. NextGenerationEU — ĦARSA ĠENERALI

B'baġit ta' EUR 806,9 biljun, l-istrument NGEU huwa mfassal sabiex jgħin fit-tiswija tad-dannu ekonomiku u soċjali immedjat ikkawżat mill-pandemija tal-coronavirus, u b'hekk jibni Ewropa ta' wara l-COVID-19 aktar ekoloġika, aktar diġitali, aktar reżiljenti u aktar adattata għall-isfidi attwali u dawk tal-ġejjieni.

Parti mill-fondi, sa EUR 338,0 biljun, huma pprovduti fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli, jew ta' għotjiet. Il-parti l-oħra, sa EUR 385,8 biljun, tintuża sabiex jiġi pprovdut self mill-Unjoni lil Stati Membri individwali. Dan is-self ma jibdiex jitħallas lura minn dawk l-Istati Membri qabel ma jgħaddi l-perjodu attwali tal-QFP u jestendi fuq perjodu ta' żmien twil, pereżempju bis-self kurrenti li ma jimmaturax qabel l-2051 (ara t-taqsima 2.3.3).

Barra minn hekk, l-NGEU jsahha diversi programmi u politiki eżistenti tal-UE, kif ġej:

- Il-politika ta' Koeżjoni fil-qafas tal-assistenza fl-irkupru għall-koeżjoni u għat-territorji tal-Ewropa (REACT-EU), sabiex tgħin fl-indirizzar tal-konsegwenzi ekonomiċi tal-COVID-19 fl-ewwel snin tal-irkupru;
- Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, sabiex jiggarantixxi li t-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika taħdem għal kulħadd;
- Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, sabiex jissokta l-appoġġ għall-bdiewa;
- InvestEU, sabiex jiġu appoġġati l-isforzi ta' investment tan-negozji tagħna;
- Orizzont Ewropa, sabiex jiġi żgurati li l-UE jkollha l-kapaċità li tiffinanzja aktar eċċellenza fir-riċerka; u
- RescEU, jara li l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili jkollu l-kapaċità sabiex iwieġeb għal emerġenzi fuq skala kbira.

Faċilità għall-Irkupru u**r-Reżiljenza**

EUR 723,8 biljun

● sa 338,0 f'għotjiet

● sa 385,8 f'self

ENERĠIZZAZZJONI

Teknoloġiji ġodda u rinnovabbli

RINNOVAZZJONI

Effiċjenza enerġetika tal-bini

IĊĊARGĠJAR U RIFORMIMENT

Trasport sostenibbli u stazzjonijiet tal-iċċarġjar

KONNESSJONI

Skjerament ta' servizzi tal-broad-band rapidu

MODERNIZZAZZJONI


Diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika

ESPANSJONI

Proċessuri tad-data fil-cloud u sostenibbli

TAĦRIĠ MILL-ĠDID U TITJIB**TAL-FILIJET**

Edukazzjoni u taħriġ biex jappoġġaw il-ħiliet diġitali

**NextGenerationEU****kontribuzzjoni għal****programmi oħrajn**

EUR 83,1 biljun

REACT-EU (FEŻR/FSE)

50,6

FOND GĦAL TRANŻIZZJONI**ĠUSTA**

10,9

ŻVILUPP RURALI (FAEŻR)

8,1

INVESTEU

6,1

ORIZZONT EWROPA

5,4


RESCEU

2,0

2.3. IS-SITWAZZJONI FINANZJARJA TAL-NGEU FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2021**2.3.1. Ħarsa ġenerali**

Sa mit-tnedija tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-NGEU fil-15 ta' Ġunju 2021 sal-aħħar tal-2021, il-Kummissjoni ġġenerat EUR 71,0 biljun f'finanzjament fit-tul, prinċipalment billi ħarġet bonds fi tranżazzjonijiet sindakati. Barra minn hekk, minn Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha EUR 20 biljun pendenti f'kambjali tal-UE għal terminu qasir. Sa tmiem is-sena 2021, il-Kummissjoni kienet żborżat total ta' EUR 71,6 biljun f'appoġġ finanzjarju. Il-maġġoranza ta' dan l-ammont, EUR 64,3 biljun, ġiet żborżata lil 20 Stat Membru taħt l-RRF (minn dan l-ammont, EUR 46,4 biljun bħala appoġġ mhux ripagabbli u EUR 18,0-il biljun bħala self). EUR 7,2 biljun oħrajn ġew żborżati bħala pagamenti tal-QFP taħt programmi eżistenti. Il-likwidità li fadal ta' EUR 19,4-il biljun tinżamm fil-kont bankarju tal-NGEU mal-BĊE u fil-kont tat-teżor ċentrali tal-Kummissjoni, sakemm isir l-iżborż għall-baġit għall-programmi tal-QFP.

NGEU — Teħid ta' Self u Żborżi Pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021



(*) EUR 1,4 biljun oħrajn f'fondi kienu miżmumin fil-kont tat-teżor ċentrali tal-Kummissjoni sakemm isir l-iżborż għall-baġit għall-programmi tal-QFP.

2.3.2. Teħid ta' self

Sabiex tilħaq il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-NGEU, il-Kummissjoni toħroġ titoli fis-swieq kapitali internazzjonali. Fuq il-bażi ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata, il-Kummissjoni tlaqqa' l-użu ta' strumenti u ta' tekniki ta' finanzjament differenti ma' komunikazzjoni miftuħa u trasparenti lill-parteċipanti fis-suq.

Fl-2021, id-Deċiżjoni ta' Teħid ta' Self annwali⁽¹⁾ ppermettiet lill-Kummissjoni toħroġ sa ammont massimu ta' EUR 125 biljun f'finanzjament fit-tul u jkollha sa massimu ta' EUR 60 biljun pendenti f'finanzjament fuq terminu qasir.

Finanzjament fit-tul – Tranżazzjonijiet sindakati u rkantar ta' bonds tal-UE

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ħadet b'self EUR 66,0 biljun permezz ta' ħames ħarġiet ta' bonds permezz ta' tranżazzjonijiet sindakati (inkluża tranżazzjoni waħda b'segment doppju) kif ukoll EUR 5,0 biljun permezz tal-irkant ta' bonds tal-UE:

(EUR biljuni)

Tranżazzjonijiet ta' finanzjament fit-tul (inklużi taps)	Maturità	Maħruġ/Iġġenerat	Total imħallas lura fi tmiem is-sena	Pendenti fi tmiem is-sena
NGEU#1	04.07.2031	20,0	0,0	20,0
NGEU#2a (inklużi taps)	06.07.2026	11,5	0,0	11,5
NGEU#2b	06.07.2051	6,0	0,0	6,0
NGEU#3	04.07.2041	10,0	0,0	10,0
NGEU#4 (inklużi taps)	04.10.2028	11,5	0,0	11,5
Bond ekoloġiku tal-NGEU #1	04.02.2037	12,0	0,0	12,0
Total		71,0	0,0	71,0

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3991 final.

L-ewwel tranżazzjoni sindakata f'Ġunju 2021 iġġenerat EUR 20,0 biljun. Kienet l-akbar ħaġġa istituzzjonali ta' bonds li qatt kien hemm fl-Ewropa, l-akbar tranżazzjoni istituzzjonali b'segment wieħed u l-akbar ammont li l-UE qatt iġġenerat fi tranżazzjoni waħda.

F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni ħarġet l-ewwel bond ekoloġiku tal-NGEU, u iġġenerat EUR 12,0-il biljun li se jintużaw esklussivament għal investimenti ekoloġiċi u sostenibbli fl-UE. Dan il-ħruġ, li kien jirrappreżenta l-akbar ħruġ ta' bonds ekoloġiċi fid-dinja, ħoloq viżibbiltà għall-politiki ekoloġiċi ffinanzjati minn bonds ekoloġiċi u appoġġa l-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tranżizzjoni ekoloġika. Il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi jeħtieġ l-implimentazzjoni tar-rapportar dwar l-użu preċiż tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi u dwar l-impatt tal-investimenti li huma ffinanzjati permezz ta' bonds ekoloġiċi.

Finanzjament fuq terminu qasir — Irkantar ta' Kambjali tal-UE

Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont pendenti ta' finanzjament fuq terminu qasir, iġġenerat permezz tal-irkantar ta' kambjali tal-UE b'maturità ta' tliet jew sitt xhur, kien jammonta għal EUR 20,0 biljun:

(EUR biljuni)

Irkantar tal-kambjali tal-UE	Pendenti fi tmiem is-sena
Maturità ta' 3 xhur	8,5
Maturità ta' 6 xhur	11,5
Total	20,0

Filwaqt li t-tranżazzjonijiet sindakati se jibqgħu l-pedament tal-programm ta' ħruġ tal-NGEU, tal-anqas fil-fażijiet inizjali, il-kapaċità li jiġu iġġenerati l-flus malajr u bl-irħis permezz tal-irkant ittejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-Kummissjoni li taqdi l-ħtiġijiet tagħha ta' pagament tal-NGEU bl-aktar termini vantaġġużi għall-baġit tal-Unjoni u/jew għall-Istati Membri benefiċjarji.

Barra minn hekk, il-finanzjament fuq terminu qasir ta' EUR 16-il biljun ġie iġġenerat permezz ta' tranżazzjonijiet tas-suq monetarju, li kollha tħallsu lura fl-aħħar tas-sena.

2.3.3. Żborżi

Sa tmiem is-sena 2021, il-Kummissjoni kienet irċiviet 26 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri, li minnhom 22 ġew iwwalutati b'mod pożittiv u sussegwentement ġew approvati mill-Kunsill (il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, il-Portugall, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, is-Slovakkja, il-Litwanja, Malta, is-Slovenja, ir-Rumanija, l-Estonja u l-Finlandja). Erba' Stati Membri oħrajn (il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja u l-Iżvezja) ippreżentaw pjaniet li għalihom il-valutazzjonijiet kienu għadhom għaddejjin fi tmiem is-sena. Is-sottomissjoni ta' pjan ieħor (in-Netherlands) kienet pendenti. L-appoġġ finanzjarju totali approvat skont it-22 pjan approvat kien jammonta għal EUR 291,2 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli (li minnu l-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati sa tmiem is-sena kienu jkopru EUR 195,4 biljun) u EUR 153,9 biljun f'appoġġ b'self finanzjarju (li minnhom il-ftehimiet ta' self iffirmati sa tmiem is-sena kienu jkopru EUR 153,2 biljun).

Appoġġ mhux ripagabbli

Fl-2021, il-Kummissjoni żborżat total ta' EUR 46,4 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli lil 20 mit-22 Stat Membru bi pjaniet għall-irkupru u r-reżiljenza sottomessi u approvati. Minn dan l-ammont, EUR 36,4 biljun tħallsu bħala prefinanzjament. Wara l-ilħuq tal-objettivi intermedji minn Spanja, tħallsu EUR 10 biljun oħrajn qabel tmiem is-sena, bl-approvazzjoni ta' EUR 1,5 biljun mill-prefinanzjament oriġinali. EUR 0,3 biljun oħrajn fi prefinanzjament, relatati mal-appoġġ mhux ripagabbli lill-Finlandja, kienu għadhom ma ġewx żborżati fi tmiem is-sena. Fil-każ tal-Irlanda, kien ġie approvat appoġġ mhux ripagabbli ta' EUR 1,0 biljun, iżda ma ġie ffirmat l-ebda ftehim ta' finanzjament fi tmiem is-sena.

(EUR biljuni)

Stat Membru	Appoġġ mhux ripagabbli massimu (!)	Total iffirmat fil-31.12.2021	Impenji Baġitarji fl-2021	Total żborżat fil-31.12.2021
L-Awstrija	3,5	2,2	1,1	0,4
Il-Belġju	5,9	3,6	1,8	0,8

(EUR biljuni)

Stat Membru	Appoġġ mhux ripagabbli massimu ⁽¹⁾	Total iffirmat fil-31.12.2021	Impenji Baġitarji fl-2021	Total żborżat fil-31.12.2021
Il-Kroazja	6,3	4,6	2,3	0,8
Ċipru	1,0	0,8	0,4	0,1
Iċ-Ċekja	7,0	3,5	1,8	0,9
Id-Danimarka	1,6	1,3	0,6	0,2
L-Estonja	1,0	0,8	0,4	0,1
Il-Finlandja	2,1	— ⁽²⁾	0,8	— ⁽²⁾
Franza	39,4	24,3	12,0	5,1
Il-Ġermanja	25,6	16,3	8,1	2,3
Il-Greċja	17,8	13,5	6,7	2,3
L-Irlanda	1,0	— ⁽³⁾	0,5	—
L-Italja	68,9	47,9	23,7	9,0
Il-Latvja	1,8	1,6	0,8	0,2
Il-Litwanja	2,2	2,1	1,0	0,3
Il-Lussemburgu	0,1	0,1	0,0	0,0
Malta	0,3	0,2	0,1	0,0
Il-Portugall	13,9	9,8	4,8	1,8
Ir-Rumanija	14,2	10,2	5,1	1,9
Is-Slovakkja	6,3	4,6	2,3	0,8
Is-Slovenja	1,8	1,3	0,6	0,2
Spanja	69,5	46,6	23,1	19,0
Approvat	291,2	195,4	98,0	46,4
Il-Bulgarija	6,3	—	—	—
L-Ungerija	7,2	—	—	—
In-Netherlands	6,0	—	—	—
Il-Polonja	23,9	—	—	—
L-Iżvezja	3,3	—	—	—
Għadu mhux approvat	46,6	—	—	—
Total	338,0	195,4	98,0	46,4

⁽¹⁾ L-Istati Membri bi pjanijiet approvati: finanzjament allokat għal kull pjan għall-irkupru u r-reżiljenza approvat. L-Istati Membri mingħajr pjanijiet approvati: allokazzjoni massima f'għotjiet skont ir-Regolament RRF. L-ammonti huma soġġetti għall-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, li huwa previst għat-30 ta' Ġunju 2022.

⁽²⁾ Il-Finlandja: iffirmat u żborżat fl-2022 biss (EUR 0,3 biljun).

⁽³⁾ L-Irlanda: mhux iffirmat sad-data tal-iffirmar ta' dawn il-kontijiet. L-Irlanda ma talbitx prefinanzjament għall-appoġġ mhux ripagabbli.

Self

Fl-2021, il-Kummissjoni żborżat total ta' EUR 18,0-il biljun fil-forma ta' prefinanzjament lil erba' Stati Membri (Ċipru, il-Greċja, l-Italja u l-Portugall), ekwivalenti għal 13 % tal-allokkazzjonijiet tas-self rispettivi tagħhom. EUR 1,9 biljun oħra fi prefinanzjament, relatat mal-appoġġ b'self finanzjarju lir-Rumanija, kienu għadhom ma ġewx żborżati fi tmiem is-sena. Fil-każ tas-Slovenja, l-appoġġ b'self finanzjarju ta' EUR 0,7 biljun kien ġie approvat, iżda l-ebda ftehim ta' self ma ġie ffirmat fi tmiem is-sena:

(EUR biljuni)

Stat Membru	Appoġġ b'self finanzjarju massimu	Total iffirmit fil-31.12.2021	Total żborżat fil-31.12.2021	Total imħallas lura fil-31.12.2021	Total pendenti fil-31.12.2021
Ċipru	0,2	0,2	0,0	—	0,0
Il-Greċja	12,7	12,7	1,7	—	1,7
L-Italja	122,6	122,6	15,9	—	15,9
Il-Portugall	2,7	2,7	0,4	—	0,4
Ir-Rumanija	14,9	14,9	— ⁽¹⁾	—	—
Is-Slovenja	0,7	— ⁽¹⁾	—	—	—
Approvat	153,9	153,2	18,0	—	18,0
Riżerva	231,9	—	—	—	—
Total	385,8	153,2	18,0	—	18,0

⁽¹⁾ Ir-Rumanija: żborżat fl-2022 biss (EUR 1,9 biljun).

⁽¹⁾ Is-Slovenja iffirmit fl-2022 biss. Is-Slovenja ma talbitx prefinanzjament għas-self.

Skont il-ftehimiet ta' self, l-Istati Membri jagħmlu ripagamenti annwali ta' 5 % tal-ammonti żborżati li jibdew għaxar snin wara d-data tal-iżborż. Għalhekk, il-Portugall, il-Greċja, l-Italja u Ċipru se jibdew iħallsu lura s-self mill-2032, bis-self jimmatura fl-2051. L-iskeda ta' ripagament għall-ammonti nominali pendenti fi tmiem is-sena hija kif ġej:

(EUR miljuni)

Stat Membru	Perjodu ta' ripagament	Ripagament annwali	Total tar-ripagament
Ċipru	2032-2051	1	26
Il-Greċja	2032-2051	83	1 655
L-Italja	2032-2051	797	15 938
Il-Portugall	2032-2051	18	351
Total		899	17 970

Il-kontribuzzjoni tal-NGEU għal programmi oħrajn taħt il-baġit tal-UE

Fi tmiem is-sena 2021, il-Kummissjoni kienet żborżat total ta' EUR 7,2 biljun bħala pagamenti għal programmi oħrajn taħt il-QFP, prinċipalment relatati ma' REACT-EU li jiffinanzja l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE):

(EUR biljuni)

Programm tal-QFP	Kontribuzzjonijiet totali approvati tal-QFP	Impenji Baġitarji fl-2021	Total żborżat fil-31.12.2021
REACT-EU	50,6	39,5	7,0
— li minnhom FEŻR	31,5	24,0	4,9
— li minnhom FSE	19,2	15,4	2,1
Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta	10,9	0,0	0,0
Żvilupp Rurali (FAEŻR)	8,1	2,4	0,1
InvestEU	6,1	1,7	0,2
Orizzont Ewropa	5,4	1,8	0,0
RescEU	2,1	0,1	0,0
Total	83,1	45,5	7,2

2.3.4. Likwidità

Is-self ipprovdut taħt l-NGEU ma jsegwix il-prinċipju strett ta' back-to-back ta' strumenti oħrajn ta' assistenza finanzjarja. Minflok, għet żviluppata strateġija ta' finanzjament diversifikata u aggregata għall-NGEU li kienet teħtieġ l-implimentazzjoni ta' immaniġġjar effiċjenti tal-likwidità. L-oġġettiv tal-immaniġġjar tal-likwidità tal-NGEU huwa li jiġi żgurat li l-ammonti miżmumin fil-kont bankarju tal-NGEU jkunu biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha ta' żborż li ġejjin u sabiex iżommu riżerva ta' sikurezza definita, filwaqt li jevitaw kwalunkwe bilanċ eċċessiv. Għall-immaniġġjar tal-likwidità, il-Kummissjoni żviluppat għodda tal-IT li tippermetti l-monitoraġġ tal-kont tal-NGEU fuq bażi ta' kuljum. Fi tmiem is-sena 2021, il-fondi totali miżmumin fil-kont barra l-baġit tal-NGEU ammontaw għal EUR 18,0-il biljun. Barra minn hekk, EUR 1,4 biljun ffondi kienu miżmumin fil-kont tat-teżor ċentrali tal-Kummissjoni sakemm isir l-iżborż għall-baġit għall-programmi tal-QFP.

3. SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

3.1. DĦUL

Fil-baġit inizjali adottat tal-UE, iffirmit mill-President tal-Parlament Ewropew fit-18 ta' Diċembru 2020, l-ammont totali tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2021 kien ta' EUR 166 060 miljun u l-ammont totali li għandu jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprji kien jammonta għal total ta' EUR 156 867 miljun. Ġeneralment, l-estimi ta' dħul u ta' nfiq fil-baġit inizjali jiġu aġġustati matul is-sena finanzjarja permezz ta' baġits emendatorji. L-aġġustamenti fir-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jiżguraw li d-dħul ibbaġitjat ikun jaqbel eżattament man-nefqa bbaġitjata. B'dan il-mod, il-prinċipju tal-ekwilibriju baġitarju jiġi rrispettat, u l-ammonti tad-dħul u tan-nefqa tal-baġit (appropriazzjonijiet ta' pagament) huma ugwali.

Matul l-2021 ġew adottati sitt baġits emendatorji. B'kunsiderazzjoni ta' dawn, id-dħul finali adottat għall-2021 kien jammonta għal EUR 168 011-il miljun u t-total li għandu jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprji kien ta' EUR 156 993 miljun. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fl-2021 baqgħu stabbli. Iż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' pagament (EUR 1 950 miljun) kienet prinċipalment iffinanzjata mis-surplus mis-sena ta' qabel.

Id-dħul ġej minn sitt sorsi (titoli):

Titolu 1: Riżorsi proprji

Il-ġbir ta' Riżorsi proprji tradizzjonali (EUR 158 632 miljun) kien 1,0 % ogħla mill-ammonti fil-baġit (EUR 156 993 miljun). Dan kien dovut l-aktar għal ammont ogħla miġbur milli mistenni fl-aħħar xahrejn tas-sena.

Il-pagamenti finali tal-VAT, tal-ING u tal-Plastiks mill-Istati Membri jikkorrespondu mill-qrib għall-istima baġitarja finali. Id-differenzi bejn l-ammonti mbassrin u l-ammonti effettivament imħallsin huma dovuti għad-differenzi bejn ir-rati tal-euro użati għall-finijiet baġitarji u r-rati fis-seħħ fiż-żmien meta l-Istati Membri barra ż-żona tal-euro effettivament għamlu l-pagamenti tagħhom.

Titolu 2: Surpluses, bilanċi u aġġustamenti

Is-surplus tas-sena finanzjarja ta' qabel kien jammonta għal EUR 1 769 miljun. Dan l-ammont iddaħħal fil-baġit 2021 permezz ta' baġit emendatorju u l-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji mill-Istati Membri tnaqqset kif xieraq.

Għall-bilanċi tal-VAT u tal-ING, ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikolu 10b tar-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni (ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014) ⁽²⁾. Skont dawn ir-regoli, is-somma totali tal-bilanċi hija kkalkolata sabiex l-impatt fuq il-baġit tal-UE jkun żero ("sistema ta' netting") u l-proċedura ma tinvolvi emenda baġitarja. Għalhekk, il-Kummissjoni titlob direttament lill-Istati Membri sabiex iħallsu l-ammonti netti.

Titolu 3: Dħul amministrattiv

Dan it-titolu jinkludi dħul minn taxxi u imposti fuq ir-remunerazzjoni tal-persunal, li jammonta għal EUR 2 230 miljun.

Titolu 4: Dħul finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza, u multi

Fit-titolu 4, id-differenza bejn l-ammont ibbaġitjat (EUR 515-il miljun) u l-eżitu tal-baġit (EUR 1 633 miljun) tirreferi l-aktar għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni.


Titolu 5: Garanziji baġitarji, operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti

Dan it-titolu żdied b'mod sinifikanti bil-miġja tal-NGEU. Il-fondi tal-NGEU fi ħdan dan it-titolu huma dħul assenjat. It-Titolu 5 jkopri d-dħul relatat mal-garanziji u mal-imgħax u mar-ripagamenti tas-selfiet maħruġa. Jalloka wkoll il-fondi (għall-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u għat-tiżni tal-programmi tal-QFP) minn dħul assenjat li l-Istati Membri jirċievu taħt l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI). Ara l-Punti Finanzjarji Ewlenin tas-Sena, it-taqsimiet 2.2 u 2.3. għal ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-NGEU.

Titolu 6: Dħul, kontribuzzjonijiet u ribassi relatati mal-politiki tal-Unjoni

Dan it-titolu jikkonċerna l-aktar id-dħul minn korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-fondi strutturali u agrikoli (FSIE, FAEG u FAEŻR). Jinkludi wkoll il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fi programmi ta' riċerka, l-approvazzjoni ta' kontijiet ffondi agrikoli u kontribuzzjonijiet u rifiżjonijiet oħrajn għal programmi/attivitatijiet tal-UE. Parti sostanzjali minn dan it-total hija magħmula minn dħul assenjat, li jagħti lok għat-tidħil ta' approprazzjonijiet addizzjonali fuq in-naħa tan-nefqa.

Id-dħul baġitarju totali fl-2021 ammonta għal EUR 239 596 miljun



⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

3.2. NEFQA

3.2.1. Implimentazzjoni tal-baġit

Fl-2021, l-ewwel sena tal-QFP 2021-2027 il-ġdid, il-baġit adottat finali ammonta għal total ta' EUR 166,8 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u għal EUR 168,0 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. L-NGEU saħħaħ il-programmi ewlenin b'EUR 421,1 biljun addizzjonali f'approprjazzjonijiet ta' impenn u b'EUR 55,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament imdaħħlin fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat estern ⁽³⁾.

L-implimentazzjoni tal-baġit tal-2021 kienet affettwata b'mod sinifikanti mid-dewmien fl-adozzjoni ta' bażijiet legali ġodda u mir-regoli l-ġodda għall-fondi strutturali. Il-maġġoranza tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2021 għall-fondi strutturali (b'valur nett ta' EUR 49 biljun) ġew riprogrammati għall-2022-2025 skont l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-QFP. F'każijiet permessi mir-Regolament Finanzjarju u/jew minn bażijiet legali ġodda, l-approprjazzjonijiet mhux implimentati ġew riportati għall-2022: EUR 4,1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 4,2 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Għall-ewwel darba, il-possibbiltà li jiġu trasferiti approprjazzjonijiet tal-baġit adottati mhux użati għas-sena sussegwenti ntużat fl-2021 mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali) ⁽⁴⁾, ⁽⁵⁾. Japplikaw u ntużaw dispożizzjonijiet simili għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u għar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR).


L-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn totali fl-2021 kienet tammonta għal EUR 268,3 biljun:

- EUR 113,4-il biljun mill-baġit finali adottat;
- EUR 0,6 biljun minn approprjazzjonijiet riportati mill-2020;
- EUR 154,3 biljun minn approprjazzjonijiet li ġejjin minn dħul assenjat;
 - li minnhom EUR 143,5 biljun mill-NGEU.

Il-pagamenti totali li saru fl-2021 ammontaw għal total ta' EUR 228,0 biljun:

- EUR 163,6 biljun mill-baġit finali adottat;
- EUR 1,8 biljun minn approprjazzjonijiet riportati mill-2020;
- EUR 62,6 biljun minn approprjazzjonijiet li ġejjin minn dħul assenjat;
 - li minnhom EUR 53,6 biljun mill-NGEU.

Total tal-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2021 skont l-oġġettivi ta' politika tal-UE



⁽³⁾ Ara l-Punti Finanzjarji Ewlenin tas-Sena, it-taqsimiet 2.2 u 2.3 għal ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-NGEU.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

⁽⁵⁾ Id-dispożizzjoni għar-riport awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux minfuqin tapplika wkoll għall-programmi l-oħrajn fl-Intestatura 6: Strument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari, Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej, u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) permezz ta' referenzi fil-bażijiet legali rispettivi tagħhom għad-dispożizzjonijiet tal-NDICI-GE.

L-implimentazzjoni tal-2021 għat-tipi kollha ta' approprjazzjonijiet (baġit, riporti mis-sena preċedenti u dħul assenjat) kienet ta' 44 % għall-impenji u ta' 92 % għall-pagamenti. Ir-rati ta' implimentazzjoni tal-2021, minbarra d-dħul assenjat, urew 68 % għal approprjazzjonijiet ta' impenn u 97 % għal approprjazzjonijiet ta' pagament. Sehem importanti mill-pagamenti li saru fl-2021 kien relatat mat-tlestija tal-QFP 2014–2020.

Filwaqt li jitqiesu wkoll ir-riporti u l-impenji taħt ġestjoni kondiviża li ġew irriprogrammati f'konformità mal-Artikolu 7 tal-MFFR, l-implimentazzjoni tal-baġit ivvotat kienet tilħaq kważi 100 % kemm għall-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

L-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-NGEU laħqet l-34 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn totali u 97 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament totali mdaħħlin fil-baġit tal-UE. L-ammont impenjat tal-NGEU kien jirrappreżenta 87 % tal-ammont awtorizzat⁽⁶⁾ għall-impenn fl-2021, li kien ta' EUR 164,6 biljun.

3.2.2. *Impenji pendenti*

L-impenji pendenti (komunement imsejħin RAL — *reste à liquider*), li huma ammonti impenjati li għadhom ma tħallsux, kienu ta' EUR 341,6 biljun fl-aħħar tal-2021. L-impenji pendenti żdiedu meta mqabblin mal-2020 (b'EUR 38,4 biljun), iżda din iż-żieda kienet iżgħar milli kienet prevista inizjalment, peress li l-biċċa l-kbira tal-impenji għall-programmi taħt ġestjoni kondiviża (b'valur nett ta' EUR 49 biljun) ipplanati għall-2021 ġew posposti għall-2022 u għas-snin ta' wara, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-QFP. Ir-riprogrammazzjoni tal-implimentazzjoni ta' ġestjoni kondiviża se tikkontribwixxi għal żieda ulterjuri tal-RAL fis-snin li ġejjin.

L-ixprunatur ewlieni taż-żieda tal-2021 tal-RAL kien il-bidu tal-implimentazzjoni tal-NGEU (il-parti mhux ripagabbli) – li kkontribwixxa EUR 89,9 biljun (26 %) għall-RAL totali fi tmiem l-2021. Id-dħul assenjat tal-NGEU se jwassal għaż-żieda tal-RAL fis-snin li ġejjin peress li l-impenji kollha se jiddaħħlu sal-31 ta' Diċembru 2023 u se jiġu onorati b'pagamenti sal-31 ta' Diċembru 2026, f'konformità mal-Artikolu 3(4) u mal-Artikolu 3(9) tar-Regolament dwar l-EURI⁽⁷⁾.

3.2.3. *Riżultat tal-baġit*

Ir-riżultat tal-baġit (surplus) żdied minn EUR 1,8 biljun fl-2020 għal EUR 3,2 biljun fl-2021, minħabba dħul oġhla milli mistenni mid-dazji doganali u mill-multi.

4. STRUMENTI FINANZJARJI U GARANZIJI BAĠITARJI

4.1. **STRUMENTI FINANZJARJI FFINANZJATI MILL-BAĠIT TAL-UE**

L-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE jeżistu fil-forma ta' strumenti ta' garanzija, ta' strumenti ta' ekwità u ta' strumenti ta' self. Skont il-QFP e2021-2027, l-użu ta' garanziji baġitarji mistenni li jżied meta mqabbel mal-użu ta' strumenti finanzjarji ffinanzjati għalkollox jew ipprovduti mill-baġit tal-UE. B'mod partikolari, skont il-Programm InvestEU, se jiġu pprovduti EUR 26,2 biljun f'garanziji tal-UE lill-grupp tal-BEI u lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn sabiex jiġu appoġġati diversi oġġettivi tal-politika tal-Unjoni permezz ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment. Il-kunċett bażiku wara dan l-approċċ, b'kuntrast mal-metodu tradizzjonali ta' implimentazzjoni tal-baġit li jingħataw għotjiet u sussidji, huwa li għal kull euro li jintefaq mill-baġit permezz ta' strumenti finanzjarji, il-benefiċjarju finali jirċievi aktar minn EUR 1 bħala appoġġ finanzjarju minħabba l-effett ta' ingranaġġ.

Taħt implimentazzjoni tal-baġit ta' dan it-tip, il-fondi jew diġà jkunu ġew żborżati fil-kontijiet fiduċjarji ġestiti mill-entitajiet fdati u jibqgħu disponibbli (bħala flus u ekwivalenti ta' flus, titoli ta' dejn jew investimenti f'fondi tas-suq monetarju jew portafolli aggregati ta' assi) sabiex ikopru t-talbiet għal ħlas ta' garanzija fil-ġejjieni, jew inkella jkunu ġew investiti f'ekwità. Is-sinifikat u l-volum tal-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE taħt ġestjoni diretta u indiretta żdiedu minn sena għal sena.

⁽⁶⁾ L-ammont awtorizzat għall-NGEU 2021 jikkonċerna l-appoġġ tal-2021 fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli lill-Istati Membri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) u l-flus addizzjonali għal programmi jew għal fondi Ewropej oħrajn (Żvilupp Rurali, il-Fond InvestEU, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, Orizzont Ewropa u RescEU). Ir-Regolament dwar l-EURI jipprovdwi l-iskadenzi legali fir-rigward tal-impenji legali filwaqt li d-distribuzzjoni tal-programmazzjoni hija stabbilita fuq il-bażi tal-iskeda pplanata tal-impenji annwali msemmijin speċifikament fil-bażi legali differenti tal-programmi kkonċernati.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

4.2. GARANZIJI BAĠITARJI: ASSI FINANZJARJI MIŻMUMIN FIL-FONDI TA' GARANZIJA

Skont dan it-tip ta' implimentazzjoni tal-baġit, l-UE tipprovdni garanziji lil kontropartijiet li għalihom il-finanzjament huwa biss ipprovdut parzjalment permezz ta' fondi ta' garanzija stabbiliti mill-Kummissjoni, u b'hekk jinħolqu obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit tal-UE f'każ li l-provvediment ma jkunx suffiċjenti sabiex ikopri t-talbiet. L-UE tat garanziji fuq self mogħti barra mill-UE (l-hekk imsejjaħ Mandat ta' Self Estern tal-BEI) u fuq operazzjonijiet ta' dejn u ta' ekwità koperti mill-garanzija tal-FEIS lill-Grupp tal-BEI, kif ukoll garanziji fuq operazzjonijiet koperti mill-EFSD u mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tal-NDICI, mogħtijin lill-Grupp tal-BEI u lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.

Mill-2021, il-proviżjonament permezz ta' fondi ta' garanzija jinżamm fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni (Common Provisioning Fund, CPF). Is-CPF huwa stabbilit mir-Regolament Finanzjarju (*) sabiex iżomm il-provvedimenti magħmulin (jiġifieri l-fondi miżmumin) sabiex ikopri l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji, minn garanziji baġitarji u minn self ta' assistenza finanzjarja mill-QFP 2021-2027. Jinkludi wkoll xi assi ta' proviżjonament li jkopru l-obbligazzjonijiet finanzjarji mill-Oqfsa ta' Finanzjament Pluriennali preċedenti.

Is-CPF jinħoloq u jiffunzjona bħala portafoll wieħed, li bħalissa jikkombina dispożizzjonijiet għal garanziji baġitarji u programmi ta' assistenza finanzjarja differenti tal-UE. Ir-riżorsi tas-CPF huma allokati f'kompartimenti għall-fini tat-traċċar tal-ammonti relatati mad-diversi strumenti ta' kontribuzzjoni tas-CPF (garanziji baġitarji u programmi ta' assistenza finanzjarja).

Wara d-dħul fis-seħħ tal-QFP 2021-2027, l-assi netti tal-Fond ta' Garanzija tal-FEIS ġew ittrasferiti mill-1 ta' Janjar 2021 fis-CPF. L-assi netti tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD u tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni ġew ittrasferiti lis-CPF matul l-2021.

Fil-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha assi finanzjarji fis-CPF għall-kompartimenti li ġejjin:

- il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni — EUR 2,7 biljun;
- il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS — EUR 8,5 biljun;
- il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD — EUR 0,8 biljun; u
- il-Fond ta' Garanzija InvestEU — EUR 0,3 biljun.

Barra minn hekk, EUR 92 miljun jinżammu fit-teżor ċentrali tal-Kummissjoni bħala riżerva ta' likwidità sabiex ikopru talbiet immedjati għal ħlas ta' garanzija.

4.3. IS-SELF U T-TEĦID TA' SELF RELATAT GĦALL-PROGRAMMI TA' ASSISTENZA FINANZJARJA

L-attivitajiet ta' għoti u ta' teħid ta' self tal-UE għall-programmi ta' assistenza finanzjarja huma operazzjonijiet mhux baġitarji. B'mod ġenerali, iżda għajr għall-NGEU, il-fondi ġġenerati jingħataw b'self back-to-back lill-pajjiż benefiċjarju, jiġifieri bl-istess kupun, maturità u ammont. Minkejja l-metodoloġija back-to-back, is-servizz tad-dejn tal-istrumenti ta' finanzjament huwa obligu legali tal-UE, li għandu jiżgura li l-pagamenti kollha jsiru b'mod sħiħ u f'waqtu. Il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ proċeduri sabiex tiżgura r-ripagament tas-self meħud anki f'każ ta' inadempjenza tas-self.

L-appoġġ finanzjarju għall-Istati Membri u għall-pajjiżi terzi fil-forma ta' self bilaterali ffinanzjat mis-swieq kapitali bil-garanzija tal-baġit tal-UE huwa pprovdut mill-Kummissjoni skont id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Fl-2021 il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-UE, operat ħames programmi ewlenin li taħthom tista' tagħti self:

- Assistenza tal-Bilanċ tal-Pagamenti;
- Assistenza fil-qafas tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM);
- Assistenza makrofinanzjarja (MFA);

(*) L-Artikolu 212 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- Assistenza ta' SURE; u
- NGEU – għal aktar informazzjoni dwar l-NGEU, ara t-taqsimha 2.

Fil-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont nominali tas-self mogħti għal assistenza finanzjarja, eskluż l-NGEU, (ara t-taqsimha 2), kien ta':

	(EUR biljuni)			
	Total mogħti	Total żborżat fi tmiem is-sena	Total imħallas lura fi tmiem is-sena	Pendenti fi tmiem is-sena
SURE				
Il-Belġju	8,2	8,2	—	8,2
Il-Bulgarija	0,5	0,5	—	0,5
Il-Kroazja	1,0	1,0	—	1,0
Ċipru	0,6	0,6	—	0,6
Iċ-Ċekja	2,0	2,0	—	2,0
L-Estonja	0,2	0,2	—	0,2
Il-Greċja	5,3	5,3	—	5,3
L-Ungerija	0,5	0,5	—	0,5
L-Irlanda	2,5	2,5	—	2,5
L-Italja	27,4	27,4	—	27,4
Il-Latvja	0,3	0,3	—	0,3
Il-Litwanja	1,0	1,0	—	1,0
Malta	0,4	0,4	—	0,4
Il-Polonja	11,2	8,2	—	8,2
Il-Portugall	5,9	5,4	—	5,4
Ir-Rumanija	4,1	3,0	—	3,0
Is-Slovakkja	0,6	0,6	—	0,6
Is-Slovenja	1,1	1,1	—	1,1
Spanja	21,3	21,3	—	21,3
	94,3	89,6	—	89,6
EFSM				
L-Irlanda	22,5	22,5	—	22,5
Il-Portugall	24,3	24,3	—	24,3
	46,8	46,8	—	46,8
AMF				
L-Ukrajna	5,0	5,0	(0,6)	4,4
It-Tuneżija	1,4	1,1	—	1,1
Il-Ġordan	1,1	0,9	—	0,9

(EUR biljuni)

	Total mogħti	Total żborżat fi tmiem is-sena	Total imħallas lura fi tmiem is-sena	Pendenti fi tmiem is-sena
Oħrajn	1,5	1,2	(0,2)	1,0
	9,0	8,2	(0,8)	7,4
BOP				
Il-Latvja	2,9	2,9	(2,7)	0,2
	2,9	2,9	(2,7)	0,2
Total	153,0	147,5	(3,5)	144,0

L-iskeda ta' ripagament għall-ammonti pendenti fi tmiem is-sena hija kif ġej:

(EUR biljuni)

	SURE	EFSM	AMF	BOP	TOTAL
2022	—	2,7	—	—	2,7
2023	—	3,5	0,1	—	3,6
2024	—	2,6	0,6	—	3,2
2025	8,0	2,4	—	0,2	10,6
2026	8,0	4,0	0,1	—	12,1
2027	—	3,0	0,2	—	3,2
2028	10,0	2,3	0,2	—	12,5
2029	8,1	1,4	0,9	—	10,4
2030	10,0	—	0,1	—	10,1
2031	—	7,3	1,2	—	8,5
2032	—	3,0	0,1	—	3,1
2033	—	2,1	0,5	—	2,6
2034	—	—	0,1	—	0,1
2035	8,5	2,0	2,0	—	12,5
2036	9,0	5,7	1,3	—	16,0
2037	—	—	—	—	—
2038	—	1,8	—	—	1,8
2039	—	—	—	—	—
2040	7,0	—	—	—	7,0
2041	—	—	—	—	—
2042	—	3,0	—	—	3,0
2043	—	—	—	—	—
2044	—	—	—	—	—
2045	—	—	—	—	—

	(EUR biljuni)				
	SURE	EFSM	AMF	BOP	TOTAL
2046	5,0				5,0
2047	6,0				6,0
2048					—
2049					—
2050	10,0		—		10,0
2051	—				—
Total	89,6	46,8	7,4	0,2	144,0

SURE

SURE ġie stabbilit fl-2020 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li jkunu qegħdin jesperjenzaw, jew li huma mheddin serjament b'disturb ekonomiku serju kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 fit-territorju tagħhom. L-istrument jikkomplementa l-miżuri nazzjonali meħudin mill-Istati Membri affettwati. L-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja ma għandux jaqbeż il-EUR 100 biljun għall-Istati Membri kollha.

Fi tmiem l-2021, l-Istati Membri ffirmaw ftehimiet dwar il-faċilità ta' self li jammontaw għal EUR 94,3 biljun u minn dan l-ammont ġew żborżati EUR 89,6 biljun sa tmiem is-sena 2021. L-ammont ta' self ġdid żborżat fl-2021 ammonta għal EUR 50,1 biljun. Il-maturità tas-self tvarja bejn 5, 10, 15, 20 u 30 sena.

EFSM

L-EFSM inħoloq sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri kollha li qed jesperjenzaw jew huma mhedda serjament minn tfixkil finanzjarju ekonomiku serju kkawżat minn okkorrenzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom. L-EFSM intuża sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja, bil-kundizzjoni tal-implimentazzjoni ta' riformi, lill-Irlanda u lill-Portugall bejn l-2011 u l-2014. Dan il-programm skada u ma jista' jittieħed ebda self addizzjonali, għalkemm għadu fis-seħħ għal kompiti speċifiċi bħall-estensjoni tal-maturitajiet għal self lill-Irlanda u lill-Portugall u l-ġhoti ta' self tranżizzjonali. Fl-2021, ammont ta' EUR 9,8 biljun li jimmatūra matul is-sena ġie estiż sal-2036 (EUR 3 biljun għall-Irlanda u EUR 1,8 biljun għall-Portugall) u sal-2031 (EUR 5 biljun għall-Portugall).

L-ammont mogħti lill-Portugall tnaqqas minn EUR 26 biljun għal EUR 24,3 biljun peress li l-ammont ta' EUR 1,7 biljun skada u ma kien possibbli l-ebda żborż ieħor. F'Diċembru 2021, il-Portugall talab li l-maturità tiġi estiża għal EUR 2,2 biljun tas-self totali ta' EUR 2,7 biljun dovut f'April 2022. Fi Frar 2022, il-Kummissjoni ħadet EUR 2,2 biljun b'self sabiex tirriporta s-self, li ġie estiż b'4,5 snin.

AMF

Il-programm tal-AMF huwa forma ta' assistenza finanzjarja estiża mill-UE lil pajjiżi sħab barra l-UE li jesperjenzaw kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti (inklużi EUR 4,4 biljun pendenti għall-Ukrajna). Jieħu l-forma ta' self jew ta' għotjiet fuq perjodu ta' żmien medju/fit-tul, jew kombinazzjoni ta' dawn, u huwa disponibbli biss għal pajjiżi li jibbenifikaw minn programm ta' żborż tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI).

Fl-2020, il-Kummissjoni adottat proposta għal pakkett ta' AMF ta' EUR 3 biljun lil għaxar sħab tat-tkabbir u tal-viċinat sabiex tghinjom jillimitaw il-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-coronavirus. Id-deċiżjoni ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-25 ta' Mejju 2020. Skont din id-deċiżjoni, fl-2021, il-Kummissjoni żborżat 10 selfiet ġodda f'ammont nominali totali ta' EUR 1,7 biljun lil 9 benefiċjarji tal-MFA. Il-maturità tas-self il-ġdid tvarja bejn 10 snin u 15-il sena.

BOP

Il-BOP huwa programm ta' assistenza maħsub għal pajjiżi barra ż-żona tal-euro li qegħdin jesperjenzaw jew li huma mhedda minn diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tagħhom. L-assistenza tal-BOP tieħu l-forma ta' self b'terminu medju li jingħata bil-kundizzjoni tal-implimentazzjoni ta' politiki maħsuba sabiex jindirizzaw il-problemi ekonomiċi sottostanti. Tipikament, l-assistenza tal-BOP mill-UE tiġi offruta f'kooperazzjoni mal-FMI u ma' pajjiżi jew ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħrajn.

L-ammont mogħti lil-Latvja taħt il-BOP tnaqqas minn EUR 3,1 biljun għal EUR 2,9 biljun peress li l-ammont disponibbli ta' EUR 0,2 biljun skada u ma setax jiġi żborżat aktar. Fl-2021, ma seħħet l-ebda operazzjoni ġdida jew ripagamenti ta' self.

4.4. OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI BAĠITARJI GĦAL PROGRAMMI TA' ASSISTENZA FINANZJARJA

It-teħid ta' self tal-UE jikkostitwixxi obbligi diretti u mhux kondizzjonali tal-UE u dan huwa garantit mill-Istati Membri tal-UE (obbligazzjonijiet kontinġenti baġitarji). It-teħid ta' self għall-finanzjament tas-self lil pajjiżi barra mill-UE huwa kopert mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni. Jekk Stat Membru benefiċjarju jsir inadempjenti, is-servizz tad-dejn jiġi prelevat mill-bilanċ tat-teżor disponibbli għall-Kummissjoni, jekk ikun possibbli. Jekk dan ma jkunx possibbli f'dak il-mument, il-Kummissjoni tiġbed il-fondi neċessarji mingħand l-Istati Membri. L-Istati Membri tal-UE huma legalment obbligati, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-riżorsi proprji (l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014), li jagħmlu disponibbli biżżejjed fondi sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-UE. B'hekk, l-investituri huma esposti biss għar-riskju ta' kreditu tal-UE, mhux għal dak tal-benefiċjarju tas-self iffinanzjat. L-għoti ta' self "back-to-back" jiżgura li l-baġit tal-UE ma jassumi l-ebda riskju ta' ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew riskju tal-kambju.

Self ipprovdut lill-Istati Membri taħt l-istrument SURE huwa sostnut minn sistema ta' garanziji volontarji mill-Istati Membri li jammontaw għal 25 % tal-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja. Il-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għall-ammont globali tal-garanzija tikkorrispondi għas-sehem relattiv tagħha fl-introjtu nazzjonali gross (ING) totali tal-Unjoni Ewropea, abbażi tal-baġit tal-UE għall-2020.

Għal kull programm tal-pajjiżi, l-ammont komplessiv mogħti, l-għadd ta' pagamenti parzjali li għandhom jiġu żborżati u l-maturità massima (medja) tal-pakkett tas-self jiġi determinat b'deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Sussegwentement, il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat, jaqblu fuq il-parametri tas-self/tal-finanzjament, b'mod partikolari fuq il-maturità tal-pagamenti parzjali. Barra minn hekk, il-pagamenti parzjali kollha tas-self, ħlief l-ewwel wieħed, jiddependu fuq il-konformità mal-kundizzjonijiet tal-politika, fil-kuntest ta' assistenza finanzjarja konġunta bejn l-UE/FMI, li huwa fattur ieħor li jinfluwenza ż-żmien meta jsiru l-operazzjonijiet ta' finanzjament. Dan jimplika li t-twaqqit u l-maturitajiet tal-ħruġ jiddependu fuq l-attività relatata ta' għoti b'self tal-UE. Il-finanzjament huwa denominat b'mod esklużiv f'euro u l-ispettru tal-maturità huwa ta' minn tlieta (3) sa 30 sena.


5. ANALIŻI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. DĦUL

Id-dħul konsolidat tal-UE jinkorpora l-ammonti relatati mat-tranżazzjonijiet ta' skambju u mat-tranżazzjonijiet mhux ta' skambju, b'dawn tal-aħħar li huma l-aktar sinifikanti. Ix-xejra ta' ħames snin tal-kategoriji ewlenin tad-dħul mhux minn skambju (li jinkludu Riżorsi tal-ING, Riżorsi proprji tradizzjonali, Riżorsi tal-VAT, Riżorsi proprji l-ġodda tal-plastiks, Multi u Rkupru tal-ispejjeż) hija kif ġej:

Ix-xejra fuq ħames snin tad-dħul minn tranżazzjonijiet prinċipali mhux ta' skambju ⁽¹⁾

EUR biljuni



⁽¹⁾ ċifri tal-2020 u tal-2021: minbarra d-dħul relatat mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE

Peress li d-dħul tal-baġit għandu jkun daqs (jew jisboq) in-nefqa tal-baġit, il-fattur ewlieni wara t-tendenza tad-dħul murija hawn fuq huwa l-pagamenti magħmulin kull sena.

Dħul konsolidat — l-iżviluppi ewlenin fl-2021

Fl-2021, id-dħul konsolidat, li jinkludi l-kategoriji kollha tad-dħul, ammonta għal EUR 178,9 biljun, meta mqabbel ma' EUR 224,0 biljun fis-sena ta' qabel. Ir-raġuni ewlenija għat-tnaqqis ta' EUR 45,1 biljun jew ta' 20,1 % kienet l-impatt li qed jonqos tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, li kien żied id-dħul tal-2020 b'EUR 47,5 biljun, iżda kkontribwixxa biss EUR 1,1 biljun għad-dħul tal-2021. Bl-esklużjoni ta' dan id-dħul speċifiku, id-dħul konsolidat tal-2021 jammonta għal EUR 177,8 biljun, li huwa komparabbli mad-dħul konsolidat aġġustat tas-sena ta' qabel (EUR 176,5 biljun).

Fir-rigward tal-kategoriji tad-dħul li jifdal, l-iżviluppi ewlenin kienu l-introduzzjoni tar-riżorsi proprji l-ġodda tal-plastiks, żieda fid-dħul mill-multi u tnaqqis fid-dħul mill-ING:

— Id-dħul mir-riżorsa proprja l-ġodda tal-plastiks, li ġiet introdotta fl-2021 bid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill il-ġodda dwar ir-Riżorsi Proprji (UE, Euratom) 2020/2053 ⁽⁹⁾, ammonta għal EUR 5,8 biljun. Rata uniformi ta' ġbir ta' EUR 0,80 għal kull kilogramma tapplika għall-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat minn kull Stat Membru li mhux irriċiklat. L-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li ma jgix irriċiklat f'sena partikolari jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik irriċiklat f'dik is-sena fi Stat Membru. Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja huma intitolati għal tnaqqis annwali speċifiku fis-somma f'daqqa fil-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom tar-riżorsi proprji tal-plastiks;

— Id-dħul mill-multi żied minn EUR 0,5 biljun fl-2020 għal EUR 2,0 biljun fl-2021. Iż-żieda ta' EUR 1,5 biljun hija dovuta kemm għan-numru ogħla kif ukoll għall-ammonti akbar ta' multi maħruġin fl-2021. Fl-2021, il-multi ewlenin maħruġin kienu: EUR 875 miljun imposti fuq BMW u l-grupp Volkswagen (Volkswagen, Audi u Porsche) għall-kollużjoni fl-iżvilupp tekniku fil-qasam tat-tindif tal-ossidu tan-nitroġenu u EUR 371 miljun imposti fuq Nomura, UBS u UniCredit għall-parteċipazzjoni ta' grupp ta' kummerċjanti f'kartell fis-suq primarju u sekondarju għall-Bonds tal-Gvern Ewropej;


⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

- Id-dħul mill-ING (introjtu nazzjonali gross), l-element primarju tad-dħul operatorju tal-UE, naqas minn EUR 125,4 biljun fl-2020 għal EUR 116,0-il biljun fl-2021. It-tnaqqis ta' EUR 9,4 biljun jew ta' 7,5 % huwa marbut maż-żieda tal-kategoriji l-oħrajn ta' dħul (u d-dħul il-ġdid mir-riżorsi proprji tal-plastiks), peress li d-dħul mill-fondi tal-ING huwa l-parti tal-baġit li ma hijiex koperta minn sorsi oħrajn ta' introjtu.

5.2. SPEJJEŻ

Il-komponenti prinċipali tal-ispejjeż rikonossuti fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati huma l-ispejjeż taħt il-modalità ta' ġestjoni kondiviża, inklużi l-fondi li ġejjin: (i) il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), (ii) il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali, (iii) il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), u (iv) il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Dawn il-fondi kienu jammontaw għal EUR 119,9-il biljun jew għal 54,3 % tal-ispejjeż totali ta' EUR 221,0 biljun imġarrbin fl-2021 (2020: EUR 109,7 biljun, 65,9 % tal-ispejjeż totali). Il-qsim tal-ispejjeż taħt il-modalità ta' ġestjoni kondiviża u l-piżijiet relattivi tagħhom huma ppreżentati hawn taħt:

L-ispejjeż ewlenin taħt il-modalità ta' ġestjoni kondiviża għas-sena finanzjarja 2021



Iż-żieda fl-ispejjeż taħt il-modalità ta' ġestjoni kondiviża hija dovuta l-aktar għall-ispejjeż akbar relatati mal-FEŻR u mal-Fond ta' Koeżjoni (EUR 5,8 biljun) u mal-FSE (EUR 3,0 biljun). Dan jirrifletti ż-żieda fl-implimentazzjoni lejn tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni tal-QFP 2014-2020 kif ukoll iż-żieda temporanja tar-rata ta' kofinanzjament wara l-implimentazzjoni tal-miżuri tas-CRIF+. L-ispejjeż relatati mal-FAEŻR u ma' strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali u mal-FAEG żiedu b'EUR 1,0 biljun u b'EUR 0,3 biljun, rispettivament.


Wara t-tnedija b'suċċess tal-NGEU (ara t-taqsim 2), l-ispejjeż taħt il-modalità ta' ġestjoni diretta, li tirrappreżenta l-implimentazzjoni tal-baġit mill-Kummissjoni, mill-aġenziji eżekuttivi u mill-fondi fiduċjarji, żiedu minn EUR 22,1 biljun fl-2020 għal EUR 63,0 biljun fl-2021. Iż-żieda ta' EUR 40,9 biljun hija prinċipalment dovuta għall-appoġġ mhux ripagabbli mogħti skont l-RRF tal-NGEU, li ammonta għal EUR 42,9 biljun. L-ispejjeż tal-ġestjoni diretta relatata mal-programmi ta' tilqim kontra l-Covid-19 naqsu minn EUR 1,6 biljun fl-2020 għal EUR 0,7 biljun fl-2021.

Taħt il-modalità ġestjoni indiretta, l-ispejjeż jirrapreżentaw l-implimentazzjoni tal-baġit minn aġenziji tal-UE, minn korpi tal-UE, minn pajjiżi terzi, minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn entitajiet oħrajn. Fl-2021, l-ispejjeż taħt il-modalità ta' ġestjoni indiretta ammontaw għal EUR 10,9 biljun, simili għaċ-ċifra tas-sena ta' qabel ta' EUR 11,0-il biljun.

5.3. ASSI

Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-assi totali ammontaw għal EUR 414,1-il biljun (2020: EUR 280,0 biljun) – iż-żieda sinifikanti hija dovuta għal aktar self mill-istrument SURE u għas-self u għall-avvanzi mħallsin skont l-istrument tal-NGEU l-ġdid. L-aktar partiti sinifikanti kienu assi finanzjarji għajr flus u ekwivalenti ta' flus (EUR 188,6 biljun), prefinanzjament (EUR 93,4 biljun), riċevibbli u rekuperabbli (EUR 72,4 biljun) u flus u ekwivalenti ta' flus (EUR 44,9 biljun). Assi oħrajn, li jammontaw għal EUR 14,7-il biljun, kienu jinkludu prinċipalment proprjetà, impjanti u tagħmir u assi intanġibbli.

Il-kompożizzjoni tal-assi fil-31 ta' Diċembru 2021



Iż-żieda sinifikanti fl-assi totali ta' EUR 134,0 biljun jew ta' 47,9% mis-sena ta' qabel kienet prinċipalment dovuta għall-effetti li ġejjin:

- Is-self pendenti żdied minn EUR 93,3 biljun fl-2020 għal EUR 163,6 biljun fl-2021. Iż-żieda ta' EUR 70,3 biljun jew ta' 75,3% tirrifletti l-aktar il-ħruġ ta' self ulterjuri għall-assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE (EUR 50,1 biljun) u l-ħruġ ta' self taħt l-RRF il-ġdida (EUR 18,0-il biljun);
- Il-prefinanzjament totali żdied minn EUR 62,7 biljun fl-2020 għal EUR 93,4 biljun fl-2021. Iż-żieda ta' EUR 30,7 biljun jew ta' 49,0% tirrifletti l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli mogħti skont l-RRF (EUR 30,8 biljun);
- Il-flus u l-ekwivalenti ta' flus żdiedu minn EUR 16,7-il biljun fl-2020 għal EUR 44,9 biljun fl-2021. Iż-żieda ta' EUR 28,2 biljun hija prinċipalment dovuta għal-likwidità relatata mal-NGEU (EUR 18,0-il biljun miżmumin fil-kont tal-NGEU, kif ukoll EUR 1,4 biljun ffondi miżmumin fil-kont tat-teżor ċentrali tal-Kummissjoni sakemm isir l-iżborż għall-baġit għall-programmi tal-QFP). Iż-żieda li jifdal kienet ikkawżata mill-ammonti ogħla ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux implimentati fl-2021, il-multi li saru definittivi fl-aħħar tas-sena u r-Riżorsi proprji tradizzjonali addizzjonali msarrfin iżda li kienu għadhom ma ġewx bbaġitjati fl-aħħar tas-sena.

Il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-UE

Fil-31 ta' Jannar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea. It-termini tat-tluq tiegħu huma definiti fi Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, magħruf ukoll bħala l-“Ftehim dwar il-Ħruġ” jew “FH”. Bħala parti minn dan il-ftehim, ir-Renju Unit qabel li jonora l-obbligi finanzjarji kollha li kien daħal għalihom meta kien għadu membru tal-UE. Il-ftehim daħal fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2020. Ir-Renju Unit se jkompli jikkontribwixxi għall-baġit tal-UE u jibbenefika mill-programmi u min-nefqa tal-UE ta' qabel l-2021 daqslikienu kien Stat Membru. Ir-Renju Unit se jirċievi wkoll lura ċerti flejjes definiti li ħallas fil-baġit tal-UE jew flejjes riċevuti mill-baġit tal-UE marbuta mal-perjodu ta' sħubija tiegħu. L-UE tirrapporta darbejn fis-sena lir-Renju Unit dwar l-ammonti dovuti u r-Renju Unit iħallashom fuq bażi ta' kull xahar. Ir-rapportar jiġi aġġornat kull sena fuq il-bażi ta' ċifri attwali.

L-obbligi skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ joħolqu obligazzjonijiet u riċevibbli għall-UE li jridu jiġu kkalkolati u riflessi fil-kontijiet annwali tal-UE u jkopru b'mod partikolari l-oqsma li ġejjin:

- Riżorsi proprji (l-Artikolu 136)

- Impenji pendenti (l-Artikolu 140)
- Multi dovuti għall-kompetizzjoni (l-Artikolu 141)
- Obbligazzjonijiet tal-Unjoni (l-Artikolu 142)
- Obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti u strumenti finanzjarji (l-Artikoli 143 u 144)
- Assi netti tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (l-Artikolu 145)
- Investiment tal-UE fil-Fond Ewropew tal-Investiment, FEI (l-Artikolu 146)
- Obbligazzjonijiet kontinġenti li jikkonċernaw każijiet legali (l-Artikolu 147).

(EUR miljuni)


	Artikolu 140	Artikolu 142	Oħrajn	31.12.2021	31.12.2020
Dovuti mir-Renju Unit	28 620	14 751	610	43 982	49 579
Dovuti lir-Renju Unit	—	—	(2 229)	(2 229)	(2 122)
Total	28 620	14 751	(1 618)	41 753	47 456
Mhux kurrenti	17 064	14 486	(711)	30 839	40 629
Kurrenti	11 556	265	(908)	10 913	6 827

Prefinanzjament

Fl-2021, il-prefinanzjament, minbarra avvanzi oħrajn lill-Istati Membri u kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji Bèkou u Afrika, ammonta għal EUR 86,2 biljun (2020: EUR 55,5 biljun), li kważi kollha kienu relatati ma' attivitajiet tal-Kummissjoni. Iż-żieda ta' EUR 30,7 biljun jew ta' 55,3 % hija kważi kompletament relatata mal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti skont l-RRF, li rriżulta f'żieda ta' prefinanzjament relatat mal-ġestjoni diretta minn EUR 14,3-il biljun fl-2020 għal EUR 43,7 biljun fl-2021:

Prefinanzjament mill-Kummissjoni skont il-modalità ta' ġestjoni

EUR biljuni




Il-livell ta' prefinanzjament mogħti taħt il-programmi tal-QFP huwa influwenzat b'mod sinifikanti miċ-ċiklu rispettiv tal-QFP – pereżempju, fil-bidu ta' perjodu tal-QFP, huwa mistenni li jitħallsu avvanzi kbar lill-Istati Membri taħt il-politika ta' koeżjoni u li dawn l-ammonti jibqgħu disponibbli għall-Istati Membri sal-għeluq tal-programmi. Jitħallas ukoll prefinanzjament annwali, li jrid jintuża matul is-sena jew jiġi rkuprat fis-sena ta' wara bħala parti mill-għeluq annwali taċ-ċiklu tal-kontijiet. Il-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-prefinanzjament jinżamm f'livell xieraq. Għandu jinstab bilanċ bejn l-iżgurar ta' finanzjament suffiċjenti għall-proġetti u r-rikonoxximent f'waqtu tan-nefqa.

5.4. OBBLIGAZZJONIJIET

Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-obbligazzjonijiet totali kienu ta' EUR 496,4 biljun (2020: EUR 313,5-il biljun) – iż-żieda enormi hija xprunata mis-self meħud fl-2021 taħt l-istrumenti SURE u NGEU. L-aktar entrati sinifikanti kienu s-self għall-NGEU u għall-assistenza finanzjarja (EUR 236,7 biljun), l-obbligi tal-pensjoni u obbligazzjonijiet oħrajn ta' benefiċċji ta' wara l-impjeg (EUR 122,5 biljun), l-imposti dovuti u l-introjtu differit (EUR 78,1 biljun), u l-ammonti pagabbli lil partijiet terzi (EUR 46,4 biljun):

Il-kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2021




Iż-żieda sinifikanti ta' EUR 82,9 biljun jew ta' 58,3 % matul is-sena ta' qabel kienet prinċipalment dovuta għall-effetti li ġejjin:

- It-teħid ta' self żdied minn EUR 93,2 biljun fl-2020 għal EUR 236,7 biljun fl-2021. Iż-żieda ta' EUR 143,5 biljun hija prinċipalment relatata mal-RRF (EUR 91,0 biljun) u ma' teħid ta' self addizzjonali taħt SURE (EUR 50,1 biljun);
- L-imposti dovuti u l-introjtu differit żdiedu minn EUR 64,6 biljun fl-2020 għal EUR 78,1 biljun fl-2021. Iż-żieda ta' EUR 13,5-il biljun jew ta' 20,9 % hija prinċipalment relatata mal-RRF il-ġdid (EUR 8,2 biljun) u l-implimentazzjoni tal-QFP 2014-2020 taħt il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni (EUR 1,9 biljun);
- L-ammonti pagabbli żdiedu minn EUR 32,4 biljun fl-2020 għal EUR 46,4 biljun fl-2021. Iż-żieda ta' EUR 14,0-il biljun jew 43,2 % hija primarjament dovuta għall-RRF (EUR 19,1-il biljun) u tnaqqis fl-ammonti pagabbli fil-qasam tal-koeżjoni, fejn l-ammont tal-pretensjonijiet tal-kost li waslu qabel tmiem is-sena kien aktar baxx mis-sena ta' qabel (EUR 5,3 biljun).

Il-pretensjonijiet tal-kost u l-fatturi totali rċevuti u rikonoxxuti fil-Karta Bilanċjali taħt l-intestatura “Ammonti Pagabbli”

EUR biljuni



Assi netti

L-eċċess tal-obbligazzjonijiet fuq l-assi fil-31 ta' Diċembru 2021 kien jammonta għal EUR 82,3 biljun (2020: EUR 33,4 biljun). Iż-żieda konsiderevoli ta' EUR 48,9 biljun hija dovuta primarjament għas-self fir-rigward tal-appoġġ mhux ripagabbli meħud taħt l-NGEU fl-2021 (li jirriżulta f'żieda fl-ispejjeż tal-ġestjoni diretta ta' EUR 42,9 biljun). Huwa nnotat li l-eċċess tal-obbligazzjonijiet fuq l-assi ma jfissirx li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jinsabu f'diffikultajiet finanzjarji, iżda pjuttost ifisser li ċerti obbligazzjonijiet se jiġu ffinanzjati minn baġits annwali futuri. Ħafna mill-ispejjeż huma rikonoxxuti skont ir-regoli dwar il-kontabilità fuq il-bażi tad-dovuti fis-sena kurrenti, għalkemm effettivament jistgħu jitħallsu fis-snin ta' wara u jiġu ffinanzjati bl-użu ta' baġits futuri; id-dħul relatat se jitqies fil-perjodi futuri biss. Minbarra t-teħid ta' self għall-NGEU, li għandu jitħallas lura bejn l-2028 u l-2051, u l-obbligazzjoni għall-benefiċċji tal-impjegati, li trid titħallas matul diversi deċennji, l-aktar ammoniti sinifikanti li għandhom jiġu enfasizzati huma l-attivitajiet relatati mal-FAEG, li l-biċċa l-kbira tagħhom normalment jitħallsu fl-ewwel kwart tas-sena ta' wara.

6. QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU, GOVERNANZA U RESPONSABILITÀ TAL-UE

L-Unjoni Ewropea (UE) hija Unjoni li lilha l-Istati Membri jagħtu kompetenzi sabiex jilhqqu objettivi li għandhom komuni bejniethom. L-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

6.1. QAFAS POLITIKU U FINANZJARJU

It-Trattati tal-UE

L-objettivi u l-prinċipji ġenerali li jiggwidaw lill-Unjoni u lill-Istituzzjonijiet Ewropej huma definiti fit-Trattati. L-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija mit-Trattati sabiex jilhqqu l-objettivi stabbiliti hemmhekk u jridu jagħmlu dan f'konformità mal-prinċipji⁽¹⁰⁾ tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Sabiex tilħaq l-objettivi tagħha u ttwettaq il-politiki tagħha, l-Unjoni tipprovdli lilha nnifisha bil-mezzi finanzjarji neċessarji. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-promozzjoni tal-interess ġenerali tal-Unjoni, li jinkludi l-eżekuzzjoni tal-baġit u l-ġestjoni tal-programmi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

⁽¹⁰⁾ Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u diment l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok ikunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma ta' azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jaqzbu dawk meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati (ara l-Artikolu 5 tat-TUE).

L-UE ssegwi l-oġġettivi stabbiliti mit-Trattat b'għadd ta' għodod, li waħda minnhom hija l-baġit tal-UE. Oħrajn huma, pereżempju, qafas leġislativ komuni jew strateġiji ta' politika konġunti.

Il-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tal-infiq

Il-politiki appoġġati mill-baġit tal-UE huma implimentati f'konformità mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u mal-leġislazzjoni settorjali korrispondenti li tiddefinixxi l-programmi u l-istrumenti tal-infiq. Dawn isarrfu l-prijoritajiet politiċi tal-UE f'termini finanzjarji fuq perjodu twil biżżejjed sabiex ikunu effettivi u jipprovdu perspettiva koerenti fit-tul għall-benefiċjarji tal-fondi tal-UE u għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kofinanzjament. Jiġu stabbiliti ammonti massimi annwali (limiti massimi) għan-nefqa tal-UE kollha kemm hi u għall-kategoriji ewlenin tan-nefqa (intestaturi). Is-somma tal-limiti massimi tal-intestaturi kollha tagħti l-limitu massimu totali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn. Il-QFP huwa adottat mill-Kunsill b'unanimità tal-Istati Membri kollha, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew. Il-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti tal-2021–2027 ġie adottat fis-17 ta' Diċembru 2020. Il-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021–2027 huwa kkomplementat mill-istrument temporanju għall-irkupru NextGenerationEU.

Il-baġit annwali

Il-baġit annwali jitħejja mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu (normalment sa nofs Diċembru) dwar il-baġit għas-sena ta' wara, fuq il-bażi tal-proċedura tal-Artikolu 314 tat-TFUE. Skont il-prinċipju tal-ekwilibriju baġitarju, id-dħul totali jrid ikun ugwali għan-nefqa totali (appropriazzjonijiet ta' pagament) għal sena finanzjarja partikolari.

Is-sorsi ta' finanzjament ewlenin tal-UE huma d-dħul mir-riżorsi proprji, li huwa kkomplementat minn dħul ieħor. Hemm erba' tipi ta' riżorsi proprji: Riżorsi proprji tradizzjonali (prinċipalment dazji doganali), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat (introdotta fl-2021) u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING). Dħul ieħor li jiġi mill-attivitajiet tal-UE (pereżempju, multi relatati mal-kompetizzjoni) normalment jirrappreżenta anqas minn 10 % tad-dħul totali.

Il-modi ta' ġestjoni

Il-baġit tal-UE huwa implimentat fi tliet modi ta' ġestjoni li jiddeterminaw kif jitħallsu u jiġu ġestiti l-flus:

- Ġestjoni kondiviża: proporzjon kbir ħafna mill-baġit (madwar 3/4 tal-baġit) huwa ġestit taħt sistema ta' ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-fondi strutturali u tal-agrikoltura.
- Ġestjoni diretta: il-Kummissjoni tiġġestixxi wkoll il-programmi hija stess u tista' tiddelega l-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi lil aġenziji eżekuttivi.
- Ġestjoni indiretta: Id-deċiżjonijiet dwar in-nefqa jistgħu wkoll jiġu ġestiti indirettament permezz ta' korpi oħrajn fl-UE jew barra minnha. Ir-Regolament Finanzjarju u/jew il-ftehimiet ta' delega jiddefinixxu l-mekkaniżmi ta' kontroll u rapportar meħtieġa minn dawn l-entitajiet u s-superviżjoni mill-Kummissjoni fejn il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit huma fdati lil aġenziji nazzjonali, lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment, lil pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. il-Bank Dinji jew in-Nazzjonijiet Uniti) u entitajiet oħrajn (eż. aġenziji deċentralizzati tal-UE, Impriżi Konġunti).

Regolament Finanzjarju

Ir-Regolament Finanzjarju (RF)⁽¹⁾ applikabbli għall-baġit ġenerali huwa att ċentrali fl-arkitettura regolatorja tal-finanzi tal-UE. Huwa jiddefinixxi fid-dettall ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE u r-rwoli tal-atturi differenti involuti fl-iżgurar li l-flus jintużaw b'mod tajjeb u b'mod li jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

6.2. GOVERNANZA U RESPONSABILITÀ

6.2.1. Struttura istituzzjonali

L-UE għandha qafas istituzzjonali li permezz tiegħu għandha l-għan li tippromwovi l-valuri tagħha, tmexxi 'l quddiem l-oġettivi tagħha, isservi l-interessi tagħha, dawk taċ-ċittadini tagħha u dawk tal-Istati Membri, kif ukoll tiżgura l-konsistenza, l-effettività u l-kontinwità tal-politiki u tal-azzjonijiet tagħha. L-istruttura organizzazzjonali tikkonsisti f'istituzzjonijiet, f'aġenziji u f'korpi oħrajn tal-UE. Ir-Regolament Finanzjarju, flimkien mar-regoli kontabilistiċi applikabbli, jiddefinixxi liema minn dawn l-entitajiet huma inklużi fil-kontijiet konsolidati tal-UE (jekk jogħġbok ara n-nota 9 tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għal-lista ta' entitajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni).

Il-Parlament Ewropew, flimkien mal-Kunsill, jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi u baġitarji. Il-Kummissjoni hija politikament responsabbli lejn il-Parlament Ewropew. Il-Kunsill iwettaq ukoll funzjonijiet ta' tfassil tal-politika u ta' koordinazzjoni skont id-direzzjoni politika ġenerali u l-prijoritajiet tal-Unjoni stabbiliti mill-Kunsill Ewropew.

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-fergħa eżekuttiva tal-Unjoni Ewropea. Hija tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni u tiegħu inizjattivi xierqa għal dak il-għan. Tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati u tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija teżerċita funzjonijiet ta' koordinazzjoni, eżekuttivi u ta' ġestjoni, teżegwixxi l-baġit u timmaniġġa l-programmi.

Il-Kummissjoni timplimenta l-baġit, fil-biċċa l-kbira b'kooperazzjoni mal-Istati Membri⁽¹²⁾. Flimkien, huma jiżguraw li l-appropriazzjonijiet jintużaw f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Ir-regolamenti jistabbilixxu l-obbligi ta' kontroll u verifika tal-Istati Membri meta jikkondividu l-implimentazzjoni tal-baġit u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw. Huma jistabbilixxu wkoll ir-responsabbiltajiet u r-regoli dettaljati għal kull waħda mill-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tan-nefqa tagħhom stess.

6.2.2. L-istruttura ta' governanza tal-Kummissjoni

L-arranġamenti ta' governanza tal-Kummissjoni u kif dawn jiżguraw li l-Kummissjoni tiffunzjona bħala istituzzjoni moderna, responsabbli u orjentata lejn il-prestazzjoni huma deskritti fil-Komunikazzjoni⁽¹³⁾ dwar il-Governanza fil-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt it-tmexxija tal-Kulleġġ tal-Kummissarji, li jistabbilixxi l-prijoritajiet u jerfa' responsabbiltà politika ġenerali għall-ħidma tal-Kummissjoni. Bħala Kulleġġ, il-Kummissjoni taħdem taħt il-gwida politika tal-President tagħha, li jippreżenta lill-Parlament Ewropew, bħala parti min-nomina tiegħu, l-oġettivi li biħsiebu jsegwi fil-forma ta' linji gwida politiki. Il-President jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni, sabiex jiżgura li din taġixxi b'mod konsistenti, effiċjenti u bħala korp kolleġġjali.

Il-Kulleġġ jiddelega l-implimentazzjoni operazzjonali tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja lid-Diretturi Ġenerali u lill-Kapijiet tas-Servizz li jmxexxu l-istruttura amministrattiva tal-Kummissjoni. Dan l-approċċ deċentralizzat joħloq kultura amministrattiva li thegħeġġ lill-impjegati taċ-ċivil jerfgħu r-responsabbiltà għall-attivitajiet li fuqhom għandhom kontroll u jitlobhom jipprovdu assigurazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet li għalihom huma responsabbli.

Taħt l-awtorità tal-President u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Membri tal-Kummissjoni inkarigat mill-baġit, mir-riżorsi umani u mill-amministrazzjoni, u bl-involvement tas-servizzi ċentrali u tal-President, il-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva jipprovdi koordinazzjoni, sorveljanza, pariri u orjentazzjonijiet strateġiċi.

L-arranġamenti interni jiddefinixxu sett koerenti ta' kontrolli u ta' għodod ta' ġestjoni robusti li jippermettu lill-Kulleġġ tal-Kummissarji jerfa' r-responsabbiltà politika għall-ħidma tal-Kummissjoni⁽¹⁴⁾.

6.2.3. Il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni

Fil-Kummissjoni, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-ġestjoni finanzjarja huma definiti b'mod ċar (eż. fir-Regolament Finanzjarju u fir-Regoli Interni⁽¹⁵⁾) u applikati kif xieraq. Bħala uffiċjali awtorizzanti b'delega, id-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizzi tal-Kummissjoni huma responsabbli għall-ġestjoni finanzjarja tajba tar-riżorsi tal-UE, għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għall-ġestjoni tar-riskji u għall-istabbiliment ta' qafas ta' kontroll intern xieraq.

⁽¹²⁾ Ara l-Artikolu 317 tat-TFUE.

⁽¹³⁾ C(2020) 4240 final tal-24 ta' Ġunju 2020.

⁽¹⁴⁾ Bħala riżultat, it-terminu "Kummissjoni Ewropea" jintuża biex jirreferi kemm għall-istituzzjoni – il-Kulleġġ – ifformata mill-Membri tal-Kummissjoni, kif ukoll għall-amministrazzjoni tagħha ġestita mid-Diretturi Ġenerali tad-dipartimenti tagħha (u kapijiet ta' strutturi amministrattivi oħrajn bħal servizzi, uffiċċji u aġenziji eżekuttivi).

⁽¹⁵⁾ Minn nofs l-2019 (wara l-Artikolu 12 rivedut tar-Regoli Interni), il-ġestjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) hija kodelegata fost ħames dipartimenti (INTPA (DEVCO), ECHO, EAC, EACEA u JRC).

Ir-responsabbiltà tal-Uffiċjali Awtorizzanti tkopri l-proċess kollu tal-ġestjoni, mid-determinazzjoni ta' x'hemm bżonn li jsir biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika stabbiliti mill-istituzzjoni sal-ġestjoni tal-attivitajiet minn perspettiva kemm operattiva kif ukoll ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Il-kompiti jistgħu jiġu ddelegati wkoll lid-Diretturi, lill-Kapijiet ta' Unitajiet u lil oħrajn, li b'hekk isiru Uffiċjali Awtorizzanti b'Sottodelega. Kull uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jibbaża fuq direttur wieħed jew fuq żewġ diretturi inkarigat(i) mill-ġestjoni tar-riskju u mill-kontroll intern biex jissorvelja u jimmonitorja l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern.

Is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni jipprovdu gwida u pariri u jippromwovu l-aħjar prattiki, inkluż permezz tal-ħidma tal-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva.

Ir-Regolament Finanzjarju jesiġi li kull uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jħejji rapport annwali tal-attività (RAA)bid-dettalji tal-kisbiet, u tal-attivitajiet ta' kontroll intern u tal-ġestjoni finanzjarja matul is-sena. Ir-RAA jinkludi dikjarazzjoni li r-riżorsi ntużaw abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u li hemm fis-seħħ proċeduri ta' kontroll li jipprovdu l-garanziji meħtieġa li jikkonċernaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-baġit tal-UE ⁽¹⁶⁾ huwa l-istrument ewlieni **li permezz tiegħu, il-Kulleġġ tal-Kummissarji jassumi responsabbiltà politika għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE.**

L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni huwa ċentralment responsabbli għall-ġestjoni tat-teżor, għall-proċeduri ta' rkupru, għall-istabbiliment ta' regoli tal-kontabilità bbażati fuq metodi u Standards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku, għall-validazzjoni tas-sistemi kontabilistiċi u għat-tħejjija tal-kontijiet annwali konsolidati tal-Kummissjoni u tal-UE. Barra minn hekk, l-Uffiċjal tal-Kontabilità huwa mitlub jiffirma l-kontijiet annwali, filwaqt li jiddikjara li dawn jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-Unjoni. Il-kontijiet annwali jiġu adottati mill-Kulleġġ tal-Kummissarji. L-Uffiċjal tal-Kontabilità huwa funzjoni indipendenti u għandu responsabbiltà ewlenija fir-rigward tar-rapportar finanzjarju fil-Kummissjoni.

L-Awditur Intern tal-Kummissjoni huwa wkoll funzjoni ċentralizzata u indipendenti u jipprovdi pariri, opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet indipendenti dwar il-kwalità u l-funzjonament ta' sistemi ta' kontroll intern ġewwa l-Kummissjoni, l-aġenziji tal-UE u korpi awtonomi oħrajn.

Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar jiżgura l-indipendenza tal-Awditur Intern u jissorvelja l-kwalità tax-xogħol tal-awditjar intern u kif is-servizzi tal-Kummissjoni seggew ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar intern u estern, kif ukoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-kwittanza tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE. Ir-rwol konsultattiv tal-kumitat jikkontribwixxi għat-titjib ulterjuri ġenerali tal-effettività u l-effiċjenza tal-Kummissjoni biex tilħaq l-għanijiet tagħha u jiffaċilita s-sorveljanza mill-Kulleġġ tal-governanza, tal-ġestjoni tar-riskji u tal-prattiki ta' kontroll intern tal-Kummissjoni.

6.2.4. Awditjar estern u l-proċedura ta' kwittanza

F'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-fondi jridu jiġu ġestiti b'mod effettiv, effiċjenti u ekonomiku. Jeżisti qafas ta' responsabbiltà bbażat fuq ir-rapportar komprensiv, l-awditjar estern u l-kontroll politiku sabiex tiġi pprovduta assigurazzjoni raġonevoli li l-fondi tal-UE jintnefqu b'mod xieraq.

Il-Parlament Ewropew jiddeċiedi, wara rakkomandazzjoni mill-**Kunsill**, dwar jekk jipprovdi jew le l-approvazzjoni finali tiegħu, magħrufa bħala "għoti tal-kwittanza", fuq il-mod li bih il-Kummissjoni implimentat il-baġit tal-UE f'sena partikolari. Il-proċedura ta' kwittanza annwali tiżgura li l-Kummissjoni tinżamm politikament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

Kull sena, il-**Qorti Ewropea tal-Awdituri** teżamina l-affidabbiltà tal-kontijiet, jekk id-dħul kollu kienx riċevut u jekk in-nefqa kollha kinitx imġarrba b'mod leġittimu u regolari u jekk il-ġestjoni finanzjarja u l-aspetti kwalitattivi tal-ibbaġitjar, inkluża d-dimensjoni tal-prestazzjoni, kinux b'saħħithom. Il-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-punt tat-tluq għall-proċedura ta' kwittanza. L-awdituri jħejju wkoll rapporti speċjali dwar l-oqsma ta' nfiq jew ta' politika speċifiċi, jew dwar kwistjonijiet baġitarji jew manġerjali.

Id-deċizzjoni dwar il-kwittanza hija bbażata wkoll fuq ir-rapportar finanzjarju u ta' responsabbiltà integrat tal-Kummissjoni, fuq is-seduti ta' smiġh tal-Kummissarji fil-Parlament Ewropew u fuq it-tweġibiet ipprovduti għall-mistoqsijiet bil-miktub indirizzati lill-Kummissjoni.

⁽¹⁶⁾ https://ec.europa.eu/info/publications/integrated-financial-and-accountability-reporting_mt.

NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJJET KONSOLIDATI

Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2021 tħejjew fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u l-korpi skont l-Artikolu 246(2) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Jiena b'dan niddikjara li tħejjew skont it-Titolu XIII ta' dan ir-Regolament Finanzjarju u skont il-prinċipji kontabilistiċi, ir-regoli u l-metodi stabbiliti fin-noti tar-rapporti finanzjarji.

Ksibt l-informazzjoni kollha meħtieġa mingħand l-uffiċjali tal-kontabilità ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-korpi, li ċċertifikaw l-affidabilità tagħha, għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tal-baġit.

Jien b'dan niċċertifika li, fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, u rigward il-kontrolli li qist li huma meħtieġa biex niffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea, għandi aċċertament raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-Unjoni Ewropea.

Rosa ALDEA BUSQUETS

Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni

Is-17 ta' Ġunju 2022

RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI U NOTI TA' SPJEGAZZJONI ⁽¹⁷⁾

WERREJ

	<i>Pàġna</i>
IL-KARTA BILANĊJALI	33
RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA	34
RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS	35
DIKJARAZZJONI TAL-BIDLJET FL-ASSI NETTI	37
NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI	38
1. POLITIKI KONTABILISTIĊI SINIFIKANTI	38
2. NOTI GĦALL-KARTA BILANĊJALI	57
3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA	99
4. OBBLIGAZZJONIJIET U ASSI KONTINĠENTI	109
5. IMPENJI LEGALI U BAĠITARJI	116
6. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU	120
7. DIKJARAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET RELATATI	141
8. EVENTI WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI	143
9. AMBITU TAL-KONSOLIDAZZJONI	143

⁽¹⁷⁾ Għandu jiġi nnotat li minħabba l-ittondjar taċ-ċifri f 'miljuni ta ' euro, xi *data* finanzjarja fit-tabelli t 'hawn taħt tista ' tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

IL-KARTA BILANĊJALI

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
ASSI MHUX KURRENTI			
Assi intanġibbli	2.1	769	620
Proprjetà, impjanti u taġmir	2.2	12 669	11 682
Investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità	2.3	1 192	588
Assi finanzjarji	2.4	181 874	99 214
Prefinanzjament	2.5	60 792	34 519
Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju	2.6	40 642	45 813
		297 938	192 434
ASSI KURRENTI			
Assi finanzjarji	2.4	6 744	13 881
Prefinanzjament	2.5	32 656	28 229
Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju	2.6	31 796	28 681
Inventarji	2.7	84	80
Il-flus u l-ekwivalenti tal-flus	2.8	44 860	16 742
		116 141	87 613
ASSI TOTALI		414 078	280 047
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI			
Pensjoni u benefiċċji oħrajn tal-impjegati	2.9	(122 466)	(116 020)
Provedimenti	2.10	(2 950)	(3 878)
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2.11	(214 974)	(84 399)
		(340 391)	(204 297)
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Provedimenti	2.10	(398)	(1 527)
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2.11	(31 149)	(10 649)
Ammonti pagabbli	2.12	(46 372)	(32 408)
Imposti dovuti u introjtu differit	2.13	(78 068)	(64 584)
		(155 987)	(109 167)
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		(496 377)	(313 464)
ASSI NETTI		(82 299)	(33 418)
Riżervi	2.14	1 325	5 062
Ammonti li għandhom jintalbu mingħand l-Istati Membri ⁽¹⁾	2.15	(83 624)	(38 480)
ASSI NETTI		(82 299)	(33 418)

(¹) Il-Parlament Ewropew adotta baġit fl-24 ta' Novembru 2021 li jipprovi għall-ħlas tal-obbligazzjonijiet bi skadenza qasira tal-Unjoni mir-riżorsi proprji li għandhom jinġabru mill-Istati Membri, jew jiġu mitluba lilhom, fl-2021. Barra minn hekk, taħt l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) tad-29 ta' Frar 1968, kif emendat), l-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu b'mod konġunt l-obbligazzjoni għall-pensjonijiet.

RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

(EUR miljuni)

	Nota	2021	2020
DĦUL			
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju			
Riżorsi tal-ING	3.1	115 955	125 393
Riżorsi proprji tradizzjonali	3.2	20 590	19 559
Riżorsi tal-VAT	3.3	18 340	17 858
Riżorsi proprji tal-plastiks	3.4	5 831	—
Multi	3.5	1 990	452
Irkupru tal-ispejjeż	3.6	1 794	1 355
Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit	3.7	1 122	47 456
Oħrajn	3.8	6 737	7 116
		172 357	219 190
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju			
Dħul finanzjarju	3.9	5 092	3 434
Oħrajn	3.10	1 497	1 404
		6 589	4 838
Dħul Totali		178 946	224 028
SPEJJEŻ			
Implimentati mill-Istati Membri	3.11		
Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija		(40 829)	(40 461)
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali		(15 451)	(14 467)
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni		(46 932)	(41 118)
Il-Fond Soċjali Ewropew		(16 727)	(13 677)
Oħrajn		(4 835)	(2 701)
Implimentati mill-Kummissjoni, mill-aġenziji eżekuttivi u mill-fondi fiduċjarji	3.12	(63 000)	(22 094)
Implimentati minn aġenziji u minn korpi oħrajn tal-UE	3.13	(3 154)	(3 530)
Implimentati minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali	3.13	(4 512)	(4 178)
Implimentati minn entitajiet oħrajn	3.13	(3 225)	(3 257)
Il-kostijiet tal-persunal u tal-pensjonijiet	3.14	(12 417)	(11 995)
Il-kostijiet tal-finanzjament	3.15	(4 201)	(2 188)
Spejjeż oħrajn	3.16	(5 762)	(6 946)
Spejjeż Totali		(221 046)	(166 612)
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA		(42 100)	57 416

RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
Riżultat ekonomiku tas-sena	(42 100)	57 416
Attivitajiet operatorji		
Amortizzament	116	113
Deprezzament	1 054	1 047
(Treġġigħ lura ta') telf minn indeboliment fuq investimenti	—	—
(Żieda)/tnaqqis fis-self	(70 259)	(40 624)
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament	(30 699)	(11 301)
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli ta' skambju u fir-rekuperabbli mhux ta' skambju	2 055	(50 519)
(Żieda)/tnaqqis fl-inventarji	(4)	(12)
Żieda/(tnaqqis) fil-benefiċċji tal-pensjoni u f'benefiċċji oħrajn għall-impjegati	6 447	18 360
Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti	(2 057)	581
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji (minbarra t-teħid ta' self mill-NGEU)	60 075	40 531
Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli	13 964	5 166
Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti u fl-introjtu differit	13 484	(2 645)
Surplus baġitarju tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi flus	(1 769)	(3 218)
Kejl mill-ġdid tal-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati (ċaqliq mhux ta' flus mhux inkluż fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja)	(3 257)	(15 155)
Movimenti oħrajn mhux ta' flus	(1 757)	63
Attivitajiet ta' investiment		
(Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u fil-proprjeta, l-impjanti u t-tagħmir	(2 307)	(1 566)
(Żieda)/tnaqqis fl-investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità	(604)	3
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji mhux derivattivi fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit ⁽¹⁾	(4 636)	(1 180)
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji derivattivi fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	(629)	(62)
Attivitajiet ta' finanzjament		
Żieda/(tnaqqis) fit-teħid ta' self relatat mal-NGEU	91 000	
FLUSS TAL-FLUS NETT	28 118	(3 004)
Żieda netta/(tnaqqis nett) fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus	28 118	(3 004)
Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena	16 742	19 745

(EUR miljuni)

	2021	2020
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus fi tmiem is-sena</i>	44 860	16 742

(¹) Iċ-ċifra tal-2020 hija relatata (maż-żieda)/mat-tnaqqis fl-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLJET FL-ASSI NETTI

(EUR miljuni)

	Ammonti li għandhom jintalbu mingħand l-Istati Membri Surplus/(Deficit) Akkumulat	Riżervi oħrajn	Riżerva ta' valur ġust	Assi Netti
BILANĊ FIL-31.12.2019	(77 560)	4 646	391	(72 523)
Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija	(173)	173	—	—
Ċaqliq fil-valur ġust	—	—	105	105
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' beneficiċji tal-impjegati	(15 155)	—	—	(15 155)
Oħrajn	210	(252)	—	(42)
Riżultat tal-baġit tal-2019 ikkreditat lill-Istati Membri	(3 218)	—	—	(3 218)
Riżultat ekonomiku tas-sena	57 416	—	—	57 416
BILANĊ FIL-31.12.2020	(38 480)	4 566	496	(33 418)
Impatt tal-EAR 11 riveduta (ara n-Nota 1)	1 719	(3 043)	(496)	(1 820)
BILANĊ FL-1.1.2021	(36 761)	1 523	—	(35 238)
Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija	—	—	—	—
Ċaqliq fil-valur ġust	—	—	—	—
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' beneficiċji tal-impjegati	(3 257)	—	—	(3 257)
Oħrajn	262	(198)	—	63
Riżultat tal-baġit tal-2020 ikkreditat lill-Istati Membri	(1 769)	—	—	(1 769)
Riżultat ekonomiku tas-sena	(42 100)	—	—	(42 100)
BILANĊ FIL-31.12.2021	(83 624)	1 325	—	(82 299)

NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI

Innota li fit-tabelli li ġejjin, l-ammonti li jikkonċernaw ir-Renju Unit b'rabta mal-QFP sa tmiem l-2020 għadhom jidhru taħt l-intestatura Stati Membri, minħabba li għalkemm ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni fl-1 ta' Frar 2020, f'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ, huwa għad għandu relazzjoni finanzjarja mal-Unjoni ekwivalenti għal dik ta' Stat Membru għal dawn il-perjodi.

1. POLITIKI KONTABILISTIĊI SINIFIKANTI

1.1. IL-BAŻI LEGALI U R-REGOLI KONTABILISTIĊI

Il-kontijiet tal-UE jinżammu f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Finanzjarju" (RF).

F'konformità mal-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju, l-UE ttejjri r-rapporti finanzjarji tagħha fuq il-bażi ta' regoli tal-kontabbiltà fuq il-bażi tad-dovuti li huma bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS). Dawn ir-regoli kontabilistiċi, adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, iridu jiġu applikati mill-istituzzjonijiet u mill-korpi kollha tal-UE li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni sabiex tiġi żgurata l-konsistenza interna tal-kontijiet konsolidati tal-UE.

L-applikazzjoni ta' Regoli Kontabilistiċi tal-Unjoni Ewropea (EAR) ġodda u emendati

EAR ġodda adottati iżda li kienu għadhom ma japplikawx fil-31 ta' Diċembru 2021

Ma hemm l-ebda EAR ġdida adottata iżda li għadha ma hijiex effettiva fil-31 ta' Diċembru 2021.

EAR riveduti effettivi għal perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2021 jew wara

Fis-17 ta' Diċembru 2020, l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni adotta l-EAR 11 riveduta "Strumenti finanzjarji", li tistabilixxi l-prinċipji tar-rapportar finanzjarju għall-assi finanzjarji u għall-obbligazzjonijiet finanzjarji u hija bbażata fuq l-IPSAS 41 il-ġdid "Strumenti Finanzjarji", fuq l-IPSAS 28 emendat "Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni" u l-IPSAS 30 emendat "Strumenti Finanzjarji: Divulgazzjonijiet" (maħruġin f'Awgust 2018).

L-EAR 11 riveduta hija effettiva b'mod obligatorju mill-1 ta' Jannar 2021, bi kwalunkwe bidla mill-applikazzjoni inizjali kontabilizzata f'dik id-data, u b'hekk ma teħtieġx dikjarazzjoni mill-ġdid tal-ammonti tal-perjodu ta' qabel. B'riżultat ta' dan, l-assi finanzjarji, l-obbligazzjonijiet finanzjarji, ir-riċevibbli ta' skambju u d-dħul/l-ispiża tal-imgħax fil-31 ta' Diċembru 2020 ippreżentati f'dawn il-kontijiet ġew ikkunsidrati f'konformità mal-politiki kontabilistiċi kif iddikjarati fir-rapporti finanzjarji tal-UE tal-2020 skont in-noti 1.5.5, 1.5.8 (għal tranżazzjonijiet ta' skambju biss), 1.5.12 u 1.6.1 (għal tranżazzjonijiet ta' skambju biss).

Il-bidliet ewlenin u l-impatti tagħhom fuq il-kontijiet tal-UE għall-2021 huma kif ġejjin:

Prinċipji ġodda ta' klassifikazzjoni u ta' kejl għall-assi finanzjarji

L-EAR 11 riveduta tintroduċi approċċ ibbażat fuq il-prinċipji għall-klassifikazzjoni tal-assi finanzjarji u teħtieġ l-użu ta' żewġ kriterji: il-mudell tal-entità għall-ġestjoni tal-assi finanzjarji tagħha u l-karatteristiċi kuntrattwali tal-fluss tal-flus ta' dawk l-assi. Skont dawn il-kriterji, l-assi finanzjarji jiġu kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin: "assi finanzjarji b'kost amortizzat" (AC), "assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti" (FVNA), jew "assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit" (FVSD).

Fl-1 ta' Jannar 2021, l-applikazzjoni tal-kriterji l-ġodda wasslet għar-riklassifikazzjoni tal-investimenti ta' ekwità u tat-titoli ta' dejn kollha minn "disponibbli għall-bejgħ" għall-assi finanzjarji fl-FVSD. Ir-riżerva tal-valur ġust relatata ġiet riklassifikata – fi ħdan l-Assi Netti – għal surplus jew għal defiċit akkumulat.

Mudell ta' indeboliment ġdid

Billi l-mudell ta' indeboliment preċedenti kien ibbażat fuq it-telf imġarrab, l-EAR 11 riveduta introduċiet mudell ta' indeboliment li jħares 'il quddiem ibbażat fuq telf ta' kreditu mistenni (expected credit losses, ECL) matul il-ħajja tal-assi finanzjarju. L-ECL tqis avvenimenti ta' inadempjenza possibbli u l-evoluzzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-assi finanzjarji. Il-mudell il-ġdid ta' indeboliment japplika għall-assi finanzjarji kollha mkejlin f'AC jew f'FVNA kif ukoll għal impenji ta' self u għal kuntratti ta' garanziji finanzjarji.

B'mod partikolari, fl-1 ta' Jannar 2021, l-applikazzjoni tal-mudell il-ġdid ta' indeboliment għall-assi finanzjarji kklassifikati bħala AC, wasslet għar-rikonoxximent ta' indeboliment fuq is-self għall-assistenza finanzjarja pprovdut lill-pajjiżi sħab skont il-programmi tal-MFA u tal-Euratom.

Kontabilità ta' garanzija finanzjarja

Taħt l-EAR 11 preċedenti, il-biċċa l-kbira tal-garanziji finanzjarji – b'mod partikolari dawk ipprovduti mingħajr ħlas jew b'konsiderazzjoni nominali – ġew ikkontabilizzati f'konformità mal-prinċipji ta' EAR 10 "Provvedimenti, obbligazzjonijiet kontinġenti u assi kontinġenti", għalhekk jew rikonoxxuti bħala provvedimenti jew iddivulgati bħala obbligazzjonijiet kontinġenti skont il-probabbiltà ta' telf.

L-EAR 11 riveduta teħtieġ l-applikazzjoni tar-rekwiżiti kontabilistiċi tal-garanzija finanzjarja għall-kuntratti ta' garanziji finanzjarji kollha. Il-kejl tal-obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja jiddependi fuq il-valur ġust tal-garanzija fir-rikonoxximent inizjali u fuq l-evoluzzjoni tat-telf ta' kreditu mistenni mill-portafoll tad-djun garantiti. Ara n-nota 1.5.12.

B'konsegwenza ta' dan, fl-1 ta' Jannar 2021 il-kuntratti ta' garanziji finanzjarji eżistenti ġew irriklassifikati minn dispożizzjonijiet finanzjarji għall-kategorija ta' obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja u tkejlu mill-ġdid f'konformità mar-rekwiżiti tal-EAR 11 riveduta. Din il-bidla wasslet għal żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari fir-rigward tal-garanziji pprovduti lill-Grupp tal-BEI skont il-Mandat ta' Self Estern. Wara l-bidla fit-trattament kontabilistiku u r-rikonoxximent tal-obbligazzjoni tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja għall-Mandat ta' Self Estern, ir-riżerva għall-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni – f'Assi Netti sal-31 ta' Diċembru 2020 – ġiet irrilaxxata għas-surplus jew għad-defiċit akkumulat.

It-tabella li ġejja turi l-kategoriji ta' kejl oriġinali skont l-EAR 11 kif applikati għar-rapporti finanzjarji tal-UE tal-2020 u l-kategoriji ta' kejl il-ġodda skont l-EAR 11 riveduta għall-assi u għall-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2021:

(EUR miljuni)

	Kategorija ta' Kejl Qabel l-EAR 11	Ammont nett riportat fil-31.12.2020	Kategorija ta' Kejl EAR 11 Riveduta	Ammont nett riportat fil-1.1.2021
Assi finanzjarji				
<i>Self</i>	<i>Self u riċevibbli</i>	93 309	<i>Kost Amortizzat</i>	93 575
			<i>FVSD</i>	2
<i>Dejn u investimenti fl-ekwità</i>	<i>Disponibbli għall-Bejgħ</i>	19 587	<i>FVSD</i>	19 587
<i>Assi derivattivi</i>	<i>FVSD</i>	199	<i>FVSD</i>	199
<i>Riċevibbli</i>	<i>Self u riċevibbli</i>	3 450	<i>Kost Amortizzat</i>	3 485
			<i>FVSD</i>	3 482
<i>Il-flus u l-ekwivalenti tal-flus</i>	<i>Disponibbli għall-Bejgħ</i>	16 742	<i>Kost Amortizzat</i>	16 742

(EUR miljuni)

	Kategorija ta' Kejl Qabel l-EAR 11	Ammont nett riportat fil-31.12.2020	Kategorija ta' Kejl EAR 11 Riveduta	Ammont nett riportat fil-1.1.2021
Obbligazzjonijiet finanzjarji				
Garanziji finanzjarji	Obbligazzjoni tal-Garanziji Finanzjarji	(90)	Obbligazzjoni tal-Garanziji Finanzjarji	(7 889)
	Provedimenti (EAR10)	(2 523)		
Teħid ta' self	Kost Amortizzat	(93 192)	Kost Amortizzat	(93 521)
Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	Kost Amortizzat	(1 761)	Kost Amortizzat	(1 761)
Obbligazzjonijiet derivattivi	FVSD	(4)	FVSD	(4)
Ammonti pagabbli	Kost Amortizzat	(32 408)	Kost Amortizzat	(32 408)

It-tabella li ġejja tanalizza l-impatt tat-tranżizzjoni għall-EAR 11 riveduta fuq l-assi finanzjarji, fuq ir-riċevibbli, fuq id-dispożizzjonijiet finanzjarji u fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Tirrikonċilja l-ammonti riportati mill-kategorija ta' kejl preċedenti tagħha taħt l-EAR 11 kif applikata għar-rapporti finanzjarji tal-UE tal-2020, għall-kategoriji ta' kejl il-ġodda tagħhom mat-tranżizzjoni għall-EAR 11 riveduta fl-1 ta' Jannar 2021:

(EUR miljuni)

	Bilanċ fil-31.12.2020	Riklassifikazzjoni	Kejl mill-ġdid	Bilanċ fil-1.1.2021
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ				
Bilanċ tal-ftuħ riportat	19 587			
Trasferiment minn AFS għal FVSD		(19 587)		
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				—
Assi finanzjarji fl-FVSD				
Bilanċ tal-ftuħ riportat	199			
Trasferiment minn AFS għal FVSD		19 587		
Trasferiment minn self għal FVSD		2		
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				19 788
Assi finanzjarji b'kost amortizzat (fil-kontijiet tal-2020: Self)				
Bilanċ tal-ftuħ riportat	93 309			
Kejl mill-ġdid: Rata Effettiva tal-Imgħax			329	

(EUR miljuni)

	Bilanċ fil-31.12.2020	Riklassifikazzjoni	Kejl mill-ġdid	Bilanċ fil-1.1.2021
<i>Kejl mill-ġdid: Telf ta' Kreditu Mistenni</i>			(60)	
<i>Riklassifikazzjoni għal FVSD</i>		(2)		
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				93 575
Assi Finanzjarji Totali (Nota 2.4)	113 095	—	269	113 363
Riċevibbli				
<i>Bilanċ tal-ftuħ riportat</i>	3 450			
<i>Kejl mill-ġdid: Telf ta' Kreditu Mistenni</i>			33	
<i>FGC – komponent tar-riċevibbli: kejl mill-ġdid</i>			3 484	
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				6 967
Riċevibbli Totali (Nota 2.6.2)	3 450	—	3 517	6 967
Dispożizzjonijiet Finanzjarji				
<i>Bilanċ tal-ftuħ riportat</i>	(2 523)			
<i>Trasferiment għall-Obbligazzjonijiet tal-Garanziji Finanzjarji</i>		2 522		
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				(1)
Provvedimenti Finanzjarji Totali (Nota 2.10)	(2 523)	2 522	—	(1)
Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji				
<i>Bilanċ tal-ftuħ riportat</i>	(90)			
<i>Trasferiment minn Provvedimenti Finanzjarji</i>		(2 522)		
<i>FGC – komponent tal-ammonti pagabbli: kejl mill-ġdid</i>			(5 277)	
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				(7 889)
Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat				
<i>Bilanċ tal-ftuħ riportat</i>	(94 954)			
<i>Kejl mill-ġdid: Rata Effettiva tal-Imgħax</i>			(329)	
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				(95 283)

(EUR miljuni)

	Bilanċ fil-31.12.2020	Riklassifikazzjoni	Kejl mill-ġdid	Bilanċ fil-1.1.2021
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-FVSD				
<i>Bilanċ tal-ftuħ riportat</i>	(4)			
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				(4)
Obbligazzjonijiet Finanzjarji Totali (Nota 2.11)	(95 048)	(2 522)	(5 606)	(103 175)
Impatt totali tar-reviżjoni tal-EAR 11			(1 820)	

It-tabella li ġejja tanalizza l-impatt tat-tranżizzjoni għall-EAR 11 riveduta fuq l-Assi Netti tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2021:

(EUR miljuni)

	Bilanċ fil-31.12.2020	Rilaxx ta' riżervi	Impatti oħrajn fuq assi netti	Bilanċ fil-1.1.2021
Riżervi				
<i>Bilanċ tal-ftuħ riportat</i>	5 062			
<i>Rilaxx tar-riżerva tal-FV</i>		(496)		
<i>Rilaxx tar-riżerva tal-GF</i>		(3 043)		
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				1 523
Surplus/(Defiċit) Akkumulat				
<i>Bilanċ tal-ftuħ riportat</i>	(38 480)			
<i>Rilaxx tar-riżerva tal-FV</i>		496		
<i>Rilaxx tar-riżerva tal-GF</i>		3 043		
<i>Kejl mill-ġdid tal-assi u tal-obbligazzjonijiet</i>			(1 820)	
Bilanċ tal-ftuħ aġġustat				(36 761)
Assi netti totali	(33 418)	—	(1 820)	(35 238)

It-tabella li ġejja tirrikonċilja l-provvediment għall-indeboliment tal-għeluq tal-perjodu ta' qabel imkejjel f'konformità mal-EAR 11 kif applikata għar-rapporti finanzjarji u għall-provvedimenti finanzjarji tal-UE tal-2020 imkejjlin f'konformità mal-EAR 10 għall-provvediment għall-indeboliment il-ġdid imkejjel f'konformità mal-EAR 11 riveduta fl-1 ta' Jannar 2021:

(EUR miljuni)

	31.12.2020	1.1.2021		
	Provvediment għall-indeboliment/ Provvedimenti finanzjarji	Telf ta' Kreditu Mistenni fuq perjodu ta' 12-il xahar	Telf ta' Kreditu Mistenni Tul il-Ħajja	Provvediment għal indeboliment totali
Assi finanzjarji b'kost amortizzat, li minnhom:	(739)	(49)	(25)	(73)
Self surrogat ⁽¹⁾	(726)	—	—	—
Self ieħor	(13)	(49)	(25)	(73)
Riċevibbli	(190)		(156)	(156)
Kuntratti ta' garanzija finanzjarja	(2 523)	(859)	(5 143)	(6 002)

⁽¹⁾ Sal-2020 kien ġie rikonoxxut b'mod inizjali self surrogat (self inadempjenti li għalih il-grupp tal-BEI ħareġ talba għal ħlas ta' garanzija fuq il-garanzija tal-UE) bl-ammont imħallas sabiex tiġi saldata t-talba għal ħlas ta' garanzija u ġie minnufih indebolit kompletament għall-ammont tat-telf ta' kreditu diġà mġarrab fiż-żmien tas-surroga, li wassal għal ammont riportat nett zero fil-karta bilanċjali. Kwalunkwe mgħax akkumulat wara r-rikonoxximent inizjali ġie wkoll kompletament indebolit. F'konformità mal-EAR 11 riveduta, is-self surrogat issa huwa kklassifikat bħala self b'indeboliment fil-kreditu mixtri jew oriġinat ("POCI"), u għalhekk il-provvediment għal indeboliment huwa relatat biss ma' bidliet fit-telf ta' kreditu mistenni mġarrab wara r-rikonoxximent inizjali. Barra minn hekk, taħt l-EAR 11 riveduta għal self POCl, l-imgħax jakkumula biss fuq l-ammont riportat nett. Għalhekk, il-provvediment għal indeboliment rikonoxxut sa tmien l-2020 għas-self surrogat tħassar kontra l-ammont riportat gross tas-self surrogat fl-1 ta' Jannar 2021, mingħajr ebda impatt fuq l-ammont riportat ta' dak is-self fil-karta bilanċjali.

1.2. IL-PRINĊIPJI KONTABILISTIĊI

L-objettiv tar-rapporti finanzjarji huwa li jipprovdu informazzjoni li tkun utli għal firxa wiesgħa ta' utenti dwar il-pożizzjoni finanzjarja, ir-rendiment u l-flussi tal-flus ta' entità. Għall-UE bħala entità tas-settur pubbliku, l-objettivi huma, b'mod aktar speċifiku, li tiġi pprovduta informazzjoni utli għat-teħid tad-deċiżjonijiet, u li tintwera r-responsabbiltà tal-entità għar-riżorsi fdati lilha. Huwa b'kunsiderazzjoni ta' dawn l-għanijiet li tfassal dan id-dokument.

Il-kunsiderazzjonijiet kumplessivi (jew il-prinċipji kontabilistiċi) li għandhom jiġu segwiti meta jitħejjew ir-rapporti finanzjarji huma stipulati fir-regola kontabilistika 1 tal-UE "Rapporti Finanzjarji" u huma l-istess bħal daww deskritti fl-IPSAS 1: preżentazzjoni ġusta, bażi tad-dovuti, negozju avvjat, konsistenza tal-preżentazzjoni, materjalità, aggregazzjoni, taċija u informazzjoni komparattiva.

Il-karatteristiċi kwalitattivi tar-rapportar finanzjarju huma r-rilevanza, ir-rappreżentazzjoni fidila (l-affidabbiltà), il-komprensibbiltà, il-puntwalità, il-komparabbiltà u l-verifikabbiltà.

1.3. KONSOLIDAZZJONI

Ambitu tal-konsolidazzjoni

Ir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE jinkludu l-entitajiet ikkontrollati sinifikanti kollha, l-arranġamenti konġunti u l-kumpaniji assoċjati. Il-lista sħiħa ta' entitajiet li jaqgħu taħt l-ambitu tal-konsolidazzjoni, li issa tinkludi 55 entità kontrollata u kumpanija assoċjata 1 (2020: 52 entità kontrollata u kumpanija assoċjata 1), jistgħu jinstabu fin-nota 9. Fost l-entitajiet ikkontrollati hemm l-istituzzjonijiet tal-UE (inklużi l-Kummissjoni, iżda mhux il-Bank Ċentrali Ewropew) u l-aġenziji tal-UE (ħlief daww tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni). Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA f'Likwidazzjoni) hija meqjusa wkoll bħala entità kkontrollata. L-unika kumpanija assoċjata tal-UE huwa l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI).

L-entitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, iżda li huma immaterjali għar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE b'mod ġenerali, ma għandhomx b'zonn jiġu kkonsolidati jew ikkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità, meta dan ikun se jirriżulta f'ħin jew kost eċċessiv għall-UE. Daww l-entitajiet issir referenza għalihom bħala "Entitajiet minuri" u huma elenkati separatament fin-nota 9. Fl-2021, kien hemm 8 entitajiet li kienu kklassifikati bħala tali entitajiet minuri (2020: 8 entitajiet).

Entitajiet ikkontrollati

Sabiex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, jiġi applikat il-kunċett ta' kontroll. L-entitajiet ikkontrollati huma entitajiet li fil-każ tagħhom l-UE hija espota, jew għandha dritt, għal benefiċċji varjabbli mill-involviment tagħha u għandha l-kapaċità li taffettwa n-natura u l-ammont ta' dawk il-benefiċċji permezz tas-setgħa tagħha fuq l-entità l-oħra. Din is-setgħa trid tkun preżentement eżerċitabbli u trid tkun relatata mal-attivitàjiet rilevanti tal-entità. L-entitajiet ikkontrollati huma kompletament ikkonsolidati. Il-konsolidazzjoni tibda fl-ewwel data li fiha jeżisti l-kontroll u tintemm meta ma jibqax jeżisti dan il-kontroll.

L-aktar indikaturi komuni ta' kontroll fl-UE huma: il-ħolqien tal-entità permezz ta' trattati fundaturi jew leġislazzjoni sekondarja, il-finanzjament tal-entità mill-baġit tal-UE, l-eżistenza tad-drittijiet tal-vot fil-korpi ta' tmexxija, l-awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-kwittanza mill-Parlament Ewropew. Issir valutazzjoni individwali għal kull entità sabiex jiġi deċiż jekk wieħed mill-kriterji jew il-kriterji kollha elenkati hawn fuq humiex biżżejjed biex jirriżultaw f'kontroll.

It-tranżazzjonijiet u l-bilanċi materjali kollha bejn l-entitajiet u bejn entitajiet ikkontrollati mill-UE jiġu eliminati, filwaqt li l-qligħ u t-telf mhux realizzati fuq tali tranżazzjonijiet ma humiex materjali u allura ma ġewx eliminati.

Arranġamenti Konġunti

Arranġament konġunt huwa ftehim li fuqu għandhom kontroll konġunt l-UE u parti waħda jew aktar. Kontroll konġunt huwa l-kondiviżjoni miftiehma tal-kontroll ta' arranġament permezz ta' arranġament vinkolanti, li jeżisti biss meta d-deċiżjonijiet dwar l-attivitàjiet rilevanti jkunu jeħtieġu l-kunsens unanimu tal-partijiet li jikkondividu l-kontroll. Il-ftehimiet konġunti jistgħu jkunu impriżi konġunti jew operazzjonijiet konġunti. Impriża konġunta hija arranġament konġunt li huwa strutturat permezz ta' veikolu separat u li permezz tiegħu l-partijiet li għandhom kontroll konġunt tal-arranġament għandhom drittijiet fuq l-assi netti tal-arranġament. Il-parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti jiġu kkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità (ara n-nota 1.5.4). Operazzjoni konġunta hija arranġament konġunt li permezz tiegħu l-partijiet li jkollhom kontroll konġunt tal-arranġamenti jkollhom drittijiet għall-assi, u obbligi għall-obbligazzjonijiet, b'rabta mal-arranġament. Il-parteċipazzjonijiet f'operazzjonijiet konġunti jiġu kkontabilizzati permezz tar-rikonossiment fir-rapporti finanzjarji tal-UE tal-assi u l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż tagħha, kif ukoll is-sehem tagħha ta' assi, obbligazzjonijiet, dħul u spejjeż miżmuma jew imġarrba b'mod konġunt.

Kumpaniji assoċjati

Il-kumpaniji assoċjati huma entitajiet li fuqhom l-UE għandha, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti, iżda mhux kontroll esklużiv jew konġunt. Huwa preżunt li teżisti influwenza sinifikanti jekk l-UE jkollha, direttament jew indirettament, 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot. Il-parteċipazzjonijiet f'kumpaniji assoċjati jiġu kkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità (ara n-nota 1.5.4).

Entitajiet mhux konsolidati li l-fondi tagħhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni

Il-fondi tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard għall-persunal tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti jiġu ġestiti mill-Kummissjoni fisem dawn l-entitajiet. Madankollu, billi dawn l-entitajiet ma humiex ikkontrollati mill-UE, huma ma humiex ikkonsolidati fir-rapporti finanzjarji tagħha.

1.4. IL-BAŻI TAT-THEJJJA

Ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull sena f'konformità mal-Artikolu 243 tar-Regolament Finanzjarju. Is-sena kontabilistika tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru.

1.4.1. Il-munita u l-bażi għall-konverżjoni

Il-munita funzjonali u tar-rapportar

Ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati f'miljuni ta' euro, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, billi l-euro hija l-munita funzjonali tal-UE.

Tranżazzjonijiet u bilanċi

It-tranżazzjonijiet f'muniti barranin jiġu kkonvertiti f'euro bir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet. Il-qligħ u t-telf tal-kambju li jirriżultaw mis-saldu ta' tranżazzjonijiet f'muniti barranin u mill-konverżjoni mill-ġdid skont ir-rati tal-kambju fi tmiem is-sena tal-assi u l-obbligazzjonijiet monetarij denominated f'muniti barranin huma rikonossuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Japplikaw metodi ta' konverżjoni differenti għall-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir u għall-assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom feuro bir-rata li tkun ġiet applikata fid-data meta nxtraw.

Il-bilanċi fi tmiem is-sena tal-assi u tal-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin jiġu kkonvertiti feuro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) applikabbli fil-31 ta' Diċembru:

Ir-rati tal-kambju tal-euro

Munita	31.12.2021	31.12.2020	Munita	31.12.2021	31.12.2020
BGN	1,9558	1,9558	PLN	4,5969	4,5597
CZK	24,8580	26,2420	RON	4,949	4,8683
DKK	7,4364	7,4409	SEK	10,2503	10,0343
GBP	0,8403	0,8990	CHF	1,0331	1,0802
HRK	7,5156	7,5519	JPY	130,3800	126,4900
HUF	369,1900	363,8900	USD	1,1326	1,2271

1.4.2. L-użu tal-estimi

F'konformità mal-IPSAS u mal-prinċipji kontabilistiċi aċċettati b'mod ġenerali, ir-rapporti finanzjarji bilfors iridu jinkludu ammonti bbażati fuq estimi u suppożizzjonijiet mill-maniġment ibbażati fuq l-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. L-estimi sinifikanti jinkludu, iżda ma humiex limitati għal: ammonti għal obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati, riskju finanzjarju ta' kontijiet riċevibbli u l-ammonti żvelati fin-noti li jikkonċernaw strumenti finanzjarji, provvedimenti għal indeboliment għal assi finanzjarji b'kost amortizzat u għal obbligazzjonijiet ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji, dħul u ħlasijiet dovuti, provvedimenti, grad ta' indeboliment ta' assi intanġibbli u ta' proprjetà, ta' impjant u ta' tagħmir, valur nett realizzabbli ta' inventarji, assi u obbligazzjonijiet kontinġenti. Ir-riżultati attwali jstgħu jkunu differenti minn dawk l-estimi. Bidliet fl-estimi huma riflessi fil-perjodu li fih isiru magħrufin, jekk il-bidla taffettwa dak il-perjodu biss, jew dak il-perjodu u perjodi futuri, jekk il-bidla taffettwa lit-tnejn li huma.

1.5. IL-KARTA BILANĊJALI

1.5.1. Assi intanġibbli

Ass intanġibbli huwa ass mhux monetarju identifikabbli mingħajr sustanza fiżika. Ass ikun identifikabbli jekk ikun separabbli (jiġifieri jista' jiġi sseparat jew maqsum mill-entità, pereżempju, billi jinbiegħ, jiġi ttrasferit, liċenzjat, mikri, jew skambjat, individwalment jew flimkien ma' kuntratt relatat, ass jew obbligazzjoni identifikabbli, irrispettivament minn jekk l-entità jkollhiex il-ħsieb li tagħmel hekk), jew jekk jirriżulta minn arranġamenti vinkolanti (inklużi drittijiet minn kuntratti jew drittijiet legali oħrajn), irrispettivament minn jekk dawk id-drittijiet ikunux trasferibbli jew separabbli mill-entità jew minn drittijiet u obbligi oħrajn).

L-assi intanġibbli akkwistati jiġu ddikjarati skont il-kost storiku bi tnaqqis tal-amortizzament akkumulat u t-telf mill-indeboliment. L-assi intanġibbli żviluppati internament jiġu kapitalizzati meta jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti tar-Regoli Kontabilistiċi tal-UE u l-ispejjeż ikunu jirrigwardjaw biss il-fażi ta' żvilupp tal-assi. Il-kostijiet kapitalizzabbli jinkludu l-kostijiet attribwibbli direttament kollha meħtieġa biex joħlqu, jipproduċu u jħejju l-ass sabiex ikun jista' jopera bil-mod maħsub mill-maniġment. Il-kostijiet assoċjati mal-attivitatiet ta' riċerka, il-kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzabbli u l-kostijiet tal-manutenzjoni huma rikonoxxuti bħala spejjeż kif imġarrba.

L-assi intanġibbli jiġu amortizzati fuq bażi ta' linja dritta matul il-ħajja utli stmata tagħhom (minn 3 snin sa 11-il sena). Il-ħajjiet utli stmati tal-assi intanġibbli jiddependu mill-ħajja ekonomika jew legali speċifika tagħhom iddeterminata permezz ta' ftehim.

1.5.2. Proprjetà, impjanti u tagħmir

Il-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir kollha jiġu ddikjarati skont il-kost storiku nieqes id-deprezzament akkumulat u t-telf mill-indeboliment. Il-kost jinkludi nefqa li hija attribwibbli direttament għall-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni jew it-trasferiment tal-assi.

Il-kostijiet sussegwenti jiġu inklużi fl-ammont riportat tal-ass jew rikonoxxuti bħala ass separat, kif xieraq, meta jkun probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi futuri jew il-potenzjal tas-servizz assoċjat mal-partita tibbenefika minnhom l-UE u l-kost ta' dan ikun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Il-kostijiet tat-tiswija u tal-manutenzjoni jiġu ddebitati lir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja matul il-perjodu finanzjarju li fih jiġġarrbu.

L-art ma tiġix deprezzata billi hija titqies li għandha ħajja utli indefinita. L-assi taħt kostruzzjoni ma jiġux deprezzati, billi dawn l-assi għadhom ma humiex disponibbli għall-użu. Id-deprezzament fuq assi oħrajn jiġi kkalkolat bl-użu tal-metodu lineari sabiex jiġi allokat il-kost tagħhom nieqes il-valuri residwi tagħhom matul il-ħajja utli stmata tagħhom, kif ġej:

Tip ta' assi	Rata ta' deprezzament lineari
Binjiet	4 % sa 10 %
Assi spazjali	minn 8 % sa 25 %
Impjanti u tagħmir	minn 10 % sa 25 %
Għamara u vetturi	minn 10 % sa 25 %
Hardware tal-kompjuter	minn 25 % sa 33 %
Oħrajn	minn 10 % sa 33 %

Il-qligħ jew it-telf fuq disponimenti jiġu ddeterminati billi r-rikavat nieqes l-ispejjeż tal-bejgħ jitqabbel mal-ammont riportat tal-assi disposti u jiġu inklużi fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Lokazzjonijiet

Lokazzjoni hija ftehim li permezz tiegħu, il-lokatur jagħti lil-lokatarju bi ħlas jew b'serje ta' pagamenti, id-dritt li juża assi għal perjodu ta' żmien miftiehem. Il-lokazzjonijiet jiġu kklassifikati bħala lokazzjonijiet finanzjarji jew lokazzjonijiet operatorji.

Il-lokazzjonijiet finanzjarji huma lokazzjonijiet fejn sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha inċidentali għas-sjeda jiġu ttrasferiti lil-lokatarju. Meta wieħed jidħol f'lokazzjoni finanzjarja bħala lokatarju, l-assi akkwistati taħt il-lokazzjoni finanzjarja jiġu rikonoxxuti bħala assi u l-obbligi ta' lokazzjoni assoċjati bħala obbligazzjonijiet mill-bidu tat-terminu tal-lokazzjoni. L-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu rikonoxxuti f'ammonti ugwali għall-valur ġust tal-proprjetà ta' lokazzjoni jew, jekk ikun aktar baxx, il-valur preżenti tal-pagamenti minimi tal-lokazzjoni, kull wieħed iddeterminat fil-bidu ta' kuntratt ta' lokazzjoni. Matul il-perjodu tat-terminu ta' lokazzjoni, l-assi miżmuma taħt lokazzjonijiet finanzjarji jiġu deprezzati matul l-iqsar ħajja utli tal-assi u t-terminu ta' lokazzjoni. Il-pagamenti minimi tal-lokazzjoni jitqassmu bejn l-imposta finanzjarja (l-element tal-imgħax) u t-tnaqqs tal-obbligazzjoni pendenti (l-element tal-kapital). L-imposta finanzjarja tiġi allokata għal kull perjodu matul it-terminu tal-lokazzjoni sabiex tipproduċi rata peridika kostanti tal-imgħax fuq il-bilanċ li jifdal tal-obbligazzjoni, li tiġi ppreżentata bħala kurrenti/mhux kurrenti, kif applikabbli. Il-kirjiet kontinġenti jiġu ddebitati bħala spejjeż fil-perjodu li fih jiġġarrbu.

Il-lokazzjoni operatorja hija lokazzjoni minbarra lokazzjoni finanzjarja, jiġifieri lokazzjoni fejn il-lokatur iżomm sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha inċidentali għas-sjeda ta' assi. Meta wieħed jidħol f'lokazzjoni operatorja bħala lokatarju, il-pagamenti tal-lokazzjoni operatorja jiġu rikonoxxuti bħala spiża fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja fuq bażi lineari matul it-terminu ta' lokazzjoni la b'ass mogħti b'lokazzjoni u lanqas b'obbligazzjoni ta' lokazzjoni ppreżentata fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja.

1.5.3. Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji

Indeboliment huwa telf fil-benefiċċji ekonomiċi futuri jew il-potenzjal ta' servizz ta' assi, minbarra r-ikonoxximent sistematiku tat-telf tal-benefiċċji ekonomiċi futuri tal-assi jew il-potenzjal ta' servizz permezz ta' amortizzament jew deprezzament (kif applikabbli). L-assi li għandhom ħajja utli indefinita ma humiex soġġetti għal amortizzament/deprezzament u jiġu ttestjati kull sena għal indeboliment. Assi li huma soġġetti għal amortizzament/deprezzament jiġu ttestjati għal indeboliment kull meta jkun hemm indikazzjoni fid-data tar-rapportar li assi jista' jkun indebolit. Telf minn indeboliment jiġi rikonoxxut għall-ammont li bih l-ammont riportat tal-assi jaqbeż l-ammont rekuperabbli (ta' servizz). L-ammont rekuperabbli (ta' servizz) huwa l-ogħla mill-valur ġust ta' ass nieqes il-kostijiet tal-bejgħ u l-valur tiegħu fl-użu.

Il-valuri residwi tal-assi intanġibbli u l-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir u l-ħajja utli jiġu rieżaminati u, jekk ikun xieraq, aġġustati, mill-inqas darba fis-sena. Jekk ir-raġunijiet għall-indeboliment rikonoxxuti fis-snin preċedenti ma japplikawx aktar, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura kif xieraq.

1.5.4. *Investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità*

Parteċipazzjonijiet f'kumpaniji assoċjati u impriżi konġunti

L-investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità inizjalment jiġu rikonoxxuti skont il-kost, bl-ammont riportat inizjali sussegwentement jiżdied jew jitnaqqas sabiex jiġu rikonoxxuti kontribuzzjonijiet ulterjuri, is-sehem tal-UE mis-surplus jew mid-defiċit tad-destinatarja ta' investment, kwalunkwe indeboliment u dividend. Il-kost inizjali flimkien mal-movimenti kollha jagħtu l-ammont riportat tal-investment fir-rapporti finanzjarji fid-data tal-karta bilanċjali. Is-sehem tal-UE mis-surplus jew mid-defiċit tad-destinatarja ta' investment jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, u s-sehem tagħha mill-movimenti tad-destinatarja ta' investment fl-ekwità jiġi rikonoxxut fir-riżervi fi ħdan l-assi netti. Id-distribuzzjonijiet riċevuti mill-investment inaqqsu l-ammont riportat tal-assi.

Jekk is-sehem tal-UE mid-defiċits ta' investment ikkontabilizzat bl-użu tal-metodu tal-ekwità jkun daqs jew aktar mill-interess tagħha fl-investment, l-UE ma tibqax tirikonoxxi s-sehem tagħha mit-telf ulterjuri ("telf mhux rikonoxxut"). Wara li l-interess tal-UE jitnaqqas għal zero, jiġi previst telf addizzjonali u tiġi rikonoxxuta obbligazzjoni biss sal-punt li l-UE tkun għarbet obbligu legali jew kostruttiv jew tkun għamlet pagamenti f'isem l-entità.

Jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' indeboliment, tkun meħtieġa valwazzjoni negattiva għall-inqas ammont rekuperabbli. L-ammont rekuperabbli jiġi ddeterminat kif deskritt fin-nota 1.5.3. Jekk ir-raġuni għall-indeboliment ma tibqax tapplika f'data aktar tard, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura għall-ammont riportat li kien jiġi ddeterminat kieku ma kien rikonoxxut l-ebda telf minn indeboliment.

F'każijiet fejn l-UE jkollha 20 % jew aktar minn fond ta' kapital tal-investment, hija ma tfittix li teżerċita influwenza sinifikanti. Għalhekk, dawn il-fondi jiġu ttrattati bħala strumenti finanzjarji u kkategorizzati bħala assi finanzjarji fl-FVSD.

Il-kumpaniji assoċjati u l-impriżi konġunti kklassifikati bħala entitajiet minuri (ara n-nota 1.3) ma jiġux kontabilizzati skont il-metodu tal-ekwità. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE għal dawk l-entitajiet jiġu kkontabilizzati bħala spiża tal-perjodu.

1.5.5. *Assi finanzjarji*

Klassifikazzjoni mar-rikonoxximent inizjali

Il-klassifikazzjoni tiddependi fuq żewġ kriterji:

- Il-mudell tal-ġestjoni tal-assi finanzjarji. Dan jeħtieġ valutazzjoni ta' kif l-UE timmaniġġja l-assi finanzjarji sabiex tiġġenera flussi tal-flus u sabiex tilħaq l-oġettivi tagħha u kif tevalwa l-prestazzjoni fuq l-assi finanzjarji.
- Il-karatteristiċi tal-flus tal-flus kuntrattwali tal-assi. Dan jeħtieġ valutazzjoni ta' jekk il-flussi tal-flus kuntrattwali humiex biss pagamenti ta' kapital u ta' mgħax fuq il-kapital pendenti. L-imgħax huwa l-korrispettiv għall-valur taż-żmien tal-flus, tar-riskju ta' kreditu u ta' riskji u ta' kostijiet bażiċi oħrajn tas-self.

Wara valutazzjoni bbażata fuq dawn il-kriterji, l-assi finanzjarji jistgħu jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji: Assi finanzjarji b'kost amortizzat (amortised cost, "AC"), assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti (fair value through net assets/equity, "FVNA"), jew assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (fair value through surplus or defiċit, "FVSD").

Assi finanzjarji bi flussi tal-flus kuntrattwali li jirrappreżentaw biss kapital u mgħaxijiet huma kklassifikati skont il-mudell ta' ġestjoni tal-entità. Jekk il-mudell ta' ġestjoni jkun li jinżammu l-assi finanzjarji sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali, l-assi finanzjarji jiġu kklassifikati f'AC. Jekk il-mudell ta' ġestjoni jkun li jinżammu l-assi finanzjarji kemm sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali kif ukoll sabiex jinbiegħu l-assi finanzjarji, il-klassifikazzjoni tkun FVNA. Jekk il-mudell ta' ġestjoni jkun differenti minn dawn iż-żewġ mudelli (eż. l-assi finanzjarji jinżammu għan-negożjar jew jinżammu f'portafoll ġestit u evalwat fuq bażi ta' valur ġust), l-assi finanzjarji huma kklassifikati bħala FVSD.

Assi finanzjarji bi flussi tal-flus kuntrattwali li ma jirrappreżentawx biss kapital u mgħaxijiet, iżda jintroduċu skopertura għar-riskji u volatilità minbarra dawk preżenti f'arranġament ta' self bażiku (eż. bidliet fil-prezzijiet tal-ekwità), huma kklassifikati bħala FVSD, irrispettivament mill-mudell ta' ġestjoni.

Mar-rikonoxximent inizjali, l-UE tikklassifika l-assi finanzjarji kif ġej:

(i) *Assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat*

L-UE tikklassifika f'din il-kategorija:

- Flus u ekwivalenti ta' flus;
- Self (inklużi depożiti b'terminu b'maturità oriġinali ta' aktar minn tliet xhur);
- Riċevibbli ta' skambju, ħliet għall-komponent tar-riċevibbli tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji kklassifikat bħala ass finanzjarju fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit.

Dawn l-assi finanzjarji mhux derivattivi jissodisfaw żewġ kundizzjonijiet: Il-mudell ta' ġestjoni tal-UE huwa li żżommhom sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali. Barra minn hekk, f'jiem speċifikati, hemm flussi tal-flus kuntrattwali li jirrappreżentaw biss il-kapital u l-imgħax fuq il-kapital pendenti.

Assi finanzjarji b'kost amortizzat huma inklużi fl-assi kurrenti, ħliet għal dawk b'maturità ta' aktar minn 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

(ii) *Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwiwità netti*

Dawn l-assi finanzjarji mhux derivattivi għandhom flussi tal-flus kuntrattwali li jirrappreżentaw biss il-kapital u l-imgħax fuq il-kapital pendenti. Barra minn hekk, il-mudell ta' ġestjoni huwa li jinżammu l-assi finanzjarji kemm sabiex jinġabru l-flussi tal-flus kuntrattwali kif ukoll biex jinbiegħu l-assi finanzjarji.

L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti, jekk ikunu mistennijin li jiġu rrealizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

L-UE ma għandhiex assi bħal dawn fil-31 ta' Diċembru 2021.

(iii) *Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit*

L-UE tikklassifika l-assi finanzjarji li ġejjin bħala FVSD minħabba li l-flussi tal-flus kuntrattwali ma jirrappreżentawx biss il-kapital u l-imgħaxijiet fuq il-kapital:

- Derivattivi;
- Investimenti fl-ekwiwità u investimenti f'fondi tas-suq tal-flus jew f'fondi ta' portafoll kollettiv;
- Investimenti oħrajn tat-tip ta' ekwiwità (eż. Operazzjonijiet ta' Kapital ta' Riskju).

Barra minn hekk, l-UE tikklassifika t-titoli ta' dejn li żżomm bħala FVSD minħabba li l-portafolli tat-titoli ta' dejn huma ġestiti u evalwati fuq bażi tal-valur ġust tal-portafoll (eż. Fond ta' Proviżjonament Komuni skont l-Artikolu 212 tar-Regolament Finanzjarju).

L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti, jekk ikunu mistennijin li jiġu rrealizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar.

Rikonoxximent u kejl inizjali

Ix-xiri ta' assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwiwità netti, u abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit jiġu rrikonoxxuti fid-data tan-negozju tagħhom – id-data li fiha l-UE timpenja ruħha li tixtri l-assi. L-ekwivalenti ta' flus u s-self jiġu rrikonoxxuti meta l-flus kontanti jiġu ddepożitati f'istituzzjoni finanzjarja jew avvanzati lill-mutwatarji.

Inizjalment, l-assi finanzjarji jitkejlu abbażi tal-valur ġust. Għall-assi finanzjarji kollha mhux riportati fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jiżdienu mal-valur ġust fir-rikonoxximent inizjali. Għall-assi finanzjarji riportati abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jiġu ddebitati fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Il-valur ġust ta' ass finanzjarju mar-rikonoxximent inizjali normalment ikun il-prezz tat-tranżazzjoni sakemm it-tranżazzjoni ma tkunx distakkata, jiġifieri mingħajr korrispettiv jew b'korrispettiv nominali għal finijiet ta' ordni pubbliku. F'dan il-każ, id-differenza bejn il-valur ġust tal-istrument finanzjarju u l-prezz tat-tranżazzjoni tkun komponent mhux ta' skambju li jiġi rrikonoxxut bħala spiża fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. F'dan il-każ, il-valur ġust ta' ass finanzjarju jiġi dderivat minn tranżazzjonijiet kurrenti tas-suq għal strument direttament ekwivalenti. Jekk ma jkun hemm l-ebda suq attiv għall-istrument, il-valur ġust jiġi dderivat minn teknika ta' valwazzjoni li tuża d-data disponibbli mis-swieq osservabbli.

Meta jingħata self fit-tul li ma jkollu l-ebda mgħax jew inkella jingħata mgħax aktar baxx mill-kundizzjonijiet tas-suq, il-valur ġust tiegħu jista' jiġi stmat bħala l-valur preżenti tar-riċevimenti ta' flus futuri kollha skontati billi tintuża r-rata tal-imgħax tas-suq prevalenti għal strument simili bi klassifikazzjoni tal-kreditu simili.

Is-self mogħti taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u s-self għall-assistenza finanzjarja inizjalment jitkejlu skont l-ammont nominali tagħhom, fejn il-prezz tat-tranżazzjoni jiġi kkunsidrat il-valur ġust tas-self. Dan għaliex:

- L- "ambjent tas-suq" għall-għoti ta' self mill-UE huwa speċifiku ħafna u differenti mis-suq tal-kapital li jintuża sabiex jinħareġ dejn kummerċjali jew tal-gvern. Billi l-mutwanti f'dawn is-swieq għandhom l-opportunità li jagħżlu investimenti alternattivi, l-opportunità li jsir dan tiġi kkunsidrata fil-kalkolu tal-prezzijiet tas-suq. Madankollu, din l-opportunità għal investimenti alternattivi ma teżistix għall-UE, li ma hijiex permessa tinvesti flus fis-swieq kapitali; hija tissellef biss fondi għall-fini li tislef. Dan ifisser li ma hemm l-ebda għażla alternattiva ta' għoti b'self jew investment disponibbli għall-UE għas-somom meħuda b'self. B'hekk, ma hemm l-ebda kost tal-opportunità u, għalhekk, l-ebda bażi ta' tqabbil mar-rati tas-suq. Fil-fatt, is-suq huwa rrappreżentat mill-operazzjoni stess ta' għoti b'self tal-UE. Essenzjalment, billi l-"għażla" tal-kost ta' opportunità ma hijiex applikabbli, il-prezz tas-suq ma jirriflettix b'mod ġust is-sustanza tat-tranżazzjonijiet ta' għoti b'self tal-UE. Għalhekk, ma huwiex xieraq li jiġi ddeterminat il-valur ġust tal-għoti ta' self tal-UE b'referenza għal bonds kummerċjali jew tal-gvern.
- Barra minn hekk, minħabba li ma hemm l-ebda tranżazzjoni tas-suq attiv jew tranżazzjonijiet simili li wieħed jista' jgħabbel magħhom, ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża mill-UE għall-valwazzjoni ġusta tal-operazzjonijiet ta' għoti ta' self tagħha għandha tkun ir-rata tal-imgħax imposta.

Kejl sussegwenti

L-assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat sussegwentement jitkejlu fuq il-bażi tal-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv.

L-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti sussegwentement jitkejlu abbażi tal-valur ġust. Il-qliġh u t-telf minn bidliet fil-valur ġust jiġu rrikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust, ħlief għad-differenzi tal-kambju fuq l-assi monetarji, li jiġu rrikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

L-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit sussegwentement jitkejlu abbażi tal-valur ġust. Il-qliġh u t-telf minn bidliet fil-valur ġust (inklużi dawk li jirriżultaw mill-qliġ tal-valuta barranija u kwalunkwe mgħax miksub) jiġu inklużi fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja fil-perjodu meta jseħħu.

Valur ġust fil-kejl sussegwenti

Il-valuri ġusti tal-investimenti kkwotati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kurrenti tal-offerti. Jekk is-suq għal ass finanzjarju ma jkunx attiv (u għal titoli mhux ikkwotati u derivattivi barra l-Borża), l-UE tistabbilixxi valur ġust billi tuża tekniki ta' valwazzjoni. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet distakkati reċenti, referenza għal strumenti oħrajn li huma sostanzjalment l-istess, analiżi tal-flussi tal-flus skontati, mudelli tal-ipprezzar tal-opzjonijiet u tekniki ta' valwazzjoni oħrajn li jintużaw b'mod komuni mill-parteċipanti tas-suq.

L-investimenti ffondi ta' kapital ta' riskju li ma għandhomx prezz ikkwotat f'suq attiv, jiġu stmati bil-valur tal-assi netti attribwibbli, li jitqies bħala ekwivalenti tal-valur ġust tagħhom.

Indeboliment tal-assi finanzjarji

L-UE tirrikonoxxi u tkejjel telf minn indeboliment għat-telf ta' kreditu mistenni fuq l-assi finanzjarji li jitkejjel fuq il-bażi tal-kost amortizzat u abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti.

It-telf ta' kreditu mistenni (ECL) huwa l-valur preżenti tad-differenza bejn il-flussi tal-flus kuntrattwali u l-flussi tal-flus li l-UE tistenna li tirċievi. L-ECL jinkorpora informazzjoni raġonevoli u appoġġabbli li hija disponibbli mingħajr kost jew sforz bla bżonn fid-data tar-rapportar.

L-ECL jitkejjel b'mudell ta' tliet stadji li jqis l-events ta' inadempjenza ponderati għall-probabbiltà matul il-ħajja tal-ass finanzjarju u l-evoluzzjoni tar-riskju ta' kreditu mill-oriġinazzjoni tal-ass finanzjarju. Għal self, l-oriġinazzjoni hija d-data tal-impenn ta' self irrevokabbli.

Jekk ma jkun hemm l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-oriġinazzjoni ("stadju 1"), it-telf minn indeboliment ikun l-ECL minn events ta' inadempjenza possibbli fit-12-il xahar li jmiss mid-data tar-rapportar ("ECL ta' 12-il xahar"). Jekk ikun hemm żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-oriġinazzjoni ("stadju 2"), jew jekk ikun hemm evidenza oġġettiva ta' indeboliment ta' kreditu ("stadju 3"), it-telf minn indeboliment ikun ugwali għall-ECL minn events ta' inadempjenza possibbli matul il-ħajja kollha tal-ass finanzjarju ("telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja") (ara n-nota 6.5).

Għall-assi fuq il-bażi tal-kost amortizzat, l-ammont riportat tal-assi jitnaqqas bl-ammont tat-telf minn indeboliment li jiġi rikonossut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Għal assi fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti, il-provvediment għat-telf jiġi rikonossut f'assi/ekwità netti u ma jnaqqasx l-ammont riportat tal-ass finanzjarju fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minn indeboliment jonqos, it-telf minn indeboliment rikonossut qabel jitreġġa' lura permezz tar-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

(a) *Self lil sovrani*

L-UE tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-indeboliment tas-self, fil-kuntest tan-natura tal-finanzjament tal-UE u tal-istatus istituzzjonali uniku tagħha.

Għall-indeboliment tas-self lil Stati mhux Membri, l-UE tikkalkola t-telf ta' kreditu mistenni bl-użu ta' *data* esterna dwar il-kwalità tal-kreditu, filwaqt li tqis l-istatus tagħha ta' kreditur preferut, li jnaqqas ir-riskju ta' kreditu. Għall-kalkolu tal-valur preżenti, ir-rata ta' skont hija r-rata tal-imgħax effettiva oriġinali tas-self. Jekk self ikollu rata tal-imgħax varjabbli, ir-rata ta' skont tkun ir-rata tal-imgħax effettiva kurrenti stabbilita skont il-kuntratt.

Għal self lill-Istati Membri, l-UE qatt ma ġarrbet telf minn indeboliment, u lanqas ma ffaċċjat xi inadempjenza fuq il-pagamenti. Għal dan is-self, minbarra l-istatus ta' kreditur preferut, l-UE tqis ir-relazzjonijiet mal-Istati Membri tagħha. Fil-prinċipju, dawn iż-żewġ elementi jiggarrantixxu l-irkupru sħiħ tas-self lill-Istati Membri, mal-maturità. Għalhekk, l-UE tqis li t-telf ta' kreditu mistenni minn self lill-Istati Membri huwa negliġibbli, u approċċ statistiku sabiex jiġi kkalkolat it-telf ta' kreditu mistenni bħala mhux xieraq għal dan is-self. Għalhekk, l-ebda telf ta' kreditu mistenni ma huwa rikonossut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja għas-self lill-Istati Membri.

(b) *Riċevibbli*

L-UE tkejjel it-telf minn indeboliment fl-ammont ta' telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja, billi tuża espedjenti prattiċi (eż. matriċi tal-provvedimenti).

(c) *Il-flus u l-ekwivalenti tal-flus*

L-UE żżomm flus u ekwivalenti ta' flus f'kontijiet bankarji kurrenti u depożiti b'terminu sa 3 xhur. Il-flus kontanti jinżammu f'banek bi klassifikazzjonijiet ta' kreditu għoljin ħafna (ara n-nota 6.5), u b'hekk għandhom probabbiltajiet ta' inadempjenza baxxi ħafna. Minħabba d-durata qasira u l-probabbiltajiet ta' inadempjenza baxxi, it-telf ta' kreditu mistenni minn flus u minn ekwivalenti ta' flus huwa negliġibbli. B'riżultat ta' dan, l-ebda provvediment għal indeboliment ma huwa rikonossut għal ekwivalenti ta' flus.

Irtirar tar-rikonossiment

L-istrumenti finanzjarji ma jibqgħux rikonossuti meta jiskadu d-drittijiet li jiġu riċevuti flussi ta' flus mill-investimenti jew meta l-UE tkun ittrasferiet b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjieda lil parti oħra. Il-bejgħ ta' assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' assi/ekwità netti u permezz ta' surplus jew defiċit huwa rikonossut fid-data tan-negozju tagħhom.

1.5.6. Inventarji

L-inventarji jiġu ddikjarati skont l-inqas kost u valur nett realizzabbli. Il-kost jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodu li jidher li daħal l-ewwel ("first-in, first-out" — FIFO). Il-kost tal-oġġetti lesti u tax-xogħol li jkun għadu għaddej jinkludi l-kostijiet tal-materja prima, il-manodopera diretta, kostijiet oħrajn attribwibbli direttament, kif ukoll spejjeż ġenerali tal-produzzjoni relatati (abbażi tal-kapaċità operazzjonali normali). Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz tal-bejgħ stmat matul il-perkors normali tan-negozju, nieqes il-kostijiet tat-tlestija u l-ispejjeż tal-bejgħ. Meta l-inventarji jinżammu għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas jew għal ħlas nominali, dawn jitkejju skont l-inqas kost u l-kost tas-sostituzzjoni kurrenti. Il-kost tas-sostituzzjoni kurrenti huwa l-kost li ġġarrab l-UE sabiex tikseb l-assi fid-data tar-rapportar.

1.5.7. Ammonti tal-prefinanzjament

Prefinanzjament huwa pagament maħsub sabiex jipprovdi lill-benefiċjarju b'avvanz ta' flus, jiġifieri "float". Jista' jinqasam f'numru ta' pagamenti f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba fuq perjodu definit fil-kuntratt, fid-deċiżjoni, fil-ftehim jew fl-att bażiku partikolari. Il-float jew l'avvanz jew jintuża għall-finijiet li għalihom ġie pprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim jew inkella jitħallas lura. Jekk il-benefiċjarju ma jġarrabx in-nefqa eliġibbli, huwa għandu l-obbligu li jrodd lura l'avvanz ta' prefinanzjament lill-UE. Billi l-UE żżomm il-kontroll fuq il-prefinanzjament u hija intitolata għal rifużjoni għall-parti ineliġibbli, l-ammont jiġi ppreżentat bħala assi.

Il-prefinanzjament għall-ewwel jiġi rikonossut fuq il-karta bilanċjali meta l-flus kontanti jiġu ttrasferiti lir-riċevitur. Dan jitkejjel fl-ammont tal-korrispettiv mogħti. Fil-perjodi sussegwenti, il-prefinanzjament jitkejjel fl-ammont inizjalment rikonossut fuq il-karta bilanċjali nieqes l-ispejjeż eliġibbli (inklużi l-ammonti stmati, fejn meħtieġa) imġarrba matul il-perjodu.

L-imgħax fuq il-prefinanzjament jiġi rikonossut hekk kif jinkiseb f'konformità mal-provvedimenti tal-ftehim rilevanti. Stima tad-dħul mill-imgħax dovut, abbażi tal-aktar informazzjoni affidabbli, issir fl-aħħar tas-sena u tiġi inkluża fil-karta bilanċjali.

Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri li joriġinaw minn rimborż mill-UE ta' ammonti mħallsa bħala avvanzi mill-Istati Membri lill-benefiċjarji tagħhom (inklużi "strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża") jiġu rikonossuti bħala assi u ppreżentati taħt l-intestatura tal-"Prefinanzjament". Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri sussegwentement jitkejju fl-ammont inizjalment rikonossut fuq il-karta bilanċjali nieqes l-aħjar stima tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji finali, ikkalkolat abbażi ta' suppożizzjonijiet raġonevoli u li jistgħu jiġu appoġġati.

Il-kontribuzzjonijiet f'fondi fiduċjarji tal-UE (kif stabbiliti skont l-Artikolu 234 tar-Regolament Finanzjarju) mhux konsolidati fil-Kummissjoni Ewropea, jew f'entitajiet mhux konsolidati oħrajn, jiġu kklassifikati bħala prefinanzjament minħabba li l-għan tagħhom huwa li jaġhtu float lill-fond fiduċjarju sabiex dan ikun jista' jiffinanzja azzjonijiet speċifiċi definiti skont l-oġġettivi tal-fond fiduċjarju. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-fondi fiduċjarji jitkejju fl-ammont inizjali tal-kontribuzzjoni tal-UE nieqes l-ispejjeż eliġibbli, inklużi l-ammonti stmati, fejn ikunu neċessarji, imġarrbin mill-fond fiduċjarju matul il-perjodu tar-rapportar u allokat għall-kontribuzzjoni tal-UE f'konformità mal-ftehim sottostanti.

1.5.8. Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju

Ir-Regoli Kontabilistiċi tal-UE jeħtieġu preżentazzjoni separata ta' tranżazzjonijiet ta' skambju u mhux ta' skambju. Sabiex issir distinzjoni bejn iż-żewġ kategoriji, it-terminu "riċevibbli" huwa riżervat għal tranżazzjonijiet ta' skambju, filwaqt li għal "tranżazzjonijiet mhux ta' skambju", jiġifieri meta l-UE tirċievi valur mingħand entità oħra mingħajr ma taġhti direttament valur kważi ugwali bi skambju, jintuża t-terminu "rekuperabbli" (pereżempju, rekuperabbli minn Stati Membri relatati mar-riżorsi proprji).

Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju huma assi finanzjarji mkejlin fuq il-bażi tal-kost amortizzat, ħlief għal ċerti ammonti ta' komponent tar-riċevibbli tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji li huma kklassifikati bħala ass finanzjarju fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (ara n-nota 1.5.5).

Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jiġu riportati bil-valur ġust fid-data tal-akkwiżizzjoni bit-tnaqqis tal-valwazzjoni negattiva minħabba indeboliment. Valwazzjoni negattiva għal indeboliment ta' rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju tiġi stabbilita meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-UE ma tkunx tista' tiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju. L-ammont tal-valwazzjoni negattiva huwa d-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat. L-ammont tal-valwazzjoni negattiva huwa rikonossut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Issir ukoll valwazzjoni negattiva ġenerali, abbażi tal-esperjenza tal-passat, għal ordnijiet ta' rkupru pendenti li ma humiex diġà soġġetti għal valwazzjoni negattiva speċifika. Ara n-nota 1.5.14 dwar it-trattament tad-dħul dovut fi tmiem is-sena. L-ammonti murija u divulgati bħala rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju ma humiex strumenti finanzjarji, minħabba li ma jirriżultawx minn kuntratt li kien iwassal għal obligazzjoni finanzjarja jew għal strument ta' ekwiżità. Madankollu, fin-noti għar-rapporti finanzjarji, ir-rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jiġu divulgati flimkien mar-riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju, fejn xieraq.

1.5.9. Il-flus u l-ekwivalenti tal-flus

Il-flus u l-ekwivalenti ta' flus huma assi finanzjarji b'kost amortizzat u jinkludu l-flus likwidi, id-depożiti eżerċitabbli jew eżerċitabbli f'qasir żmien miżmuma fil-banek u investimenti ferm likwidi oħrajn għal terminu qasir b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew anqas.

1.5.10. Benefiċċji tal-impjegati

L-UE tipprovdi sett ta' benefiċċji (emolumenti u sigurtà soċjali) lill-impjegati. Għall-finijiet ta' kontabbiltà, dawn għandhom jiġu kklassifikati f'benefiċċji b'terminu qasir u ta' wara l-impjieg.

Benefiċċji ta' terminu qasir għall-impjegati

Il-benefiċċji ta' terminu qasir għall-impjegati huma daww il-benefiċċji li għandhom jiġu saldati qabel 12-il xahar wara tmiem il-perjodu tar-rapportar li fih l-impjegati taw is-servizz, bħal salarji, liv annwali u bi ħlas minħabba mard, u gratifiki oħrajn ta' terminu qasir. Il-benefiċċji ta' terminu qasir għall-impjegati jiġu rikonoxxuti bħala spiża meta jiġi pprovdut is-servizz relatat. Obbligazzjoni tiġi rikonoxxuta għall-ammont li mistenni jitħallas jekk l-UE jkollha obbligu preżenti ta' pagament legali jew kostruttiv bħala riżultat ta' servizz passat ipprovdut mill-impjegat u l-obbligu jkun jista' jiġi stmat b'mod affidabbli.

Benefiċċji ta' wara l-impjieg

L-UE tagħti sett ta' benefiċċji ta' wara l-impjieg lill-impjegati, li jinkludu pensjonijiet tal-irtirar, tal-invalidità u tas-sopravivenza pprovduti taħt l-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej (Pension Scheme of the European Officials, PSEO), kif ukoll kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa pprovduta taħt ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (Joint Sickness Insurance Scheme, JSIS) (ara n-nota 2.9). Dawn il-benefiċċji jiġu pprovduti taħt pjan wieħed – għalkemm maqsum f'żewġ skemi – u dawn iridu jiġu ttrattati b'mod simili sabiex tingħata preżentazzjoni ġusta tas-sitwazzjoni u jkunu jirriflettu r-realtà ekonomika:

- i. Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO): Il-benefiċċji mogħtija taħt din l-iskema ffinanzjata b'mod nozzjonali⁽¹⁸⁾ huma relatati mal-anzjanità, mal-invalidità u mas-sopravivenza, kif ukoll benefiċċji tal-familja, tal-mewt qabel l-irtirar lil daww l-impjegati li jaħdmu jew ħadmu fl-Istituzzjonijiet, fl-Aġenziji tal-UE u f'korpi oħrajn tal-UE jew li huma s-superstiti ta' uffiċjali deċeduti jew pensjonanti. Il-membri tal-persunal jikkontribwixxu terz mill-kost mistenni ta' dawn il-benefiċċji mis-salarji tagħhom.
- ii. Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS): Taħt din l-iskema, l-UE tipprovdi kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa għall-persunal tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Istituzzjonijiet, tal-Aġenziji u ta' korpi oħrajn tal-UE permezz tar-rimborż tal-ispejjeż mediċi. Il-benefiċċji mogħtija lill-persuni "inattivi" ta' din l-iskema (jiġifieri pensjonanti, orfni, eċċ.) huma kklassifikati bħala benefiċċji tal-impjegati ta' wara l-impjieg.

L-UE tipprovdi wkoll benefiċċji ta' wara l-impjieg lil Membri u lil eks Membri tal-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' skemi ta' pensjonijiet separati. Dawn jintwerew taħt l-intestatura "Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn". Permezz ta' dawn l-iskemi l-UE tipprovdi benefiċċji tal-pensjoni lil membri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew, tal-Ombudsman Ewropew u tal-Kontrollur għall-Protezzjoni tad-Data. L-UE tipprovdi kopertura tas-saħħa lill-membri tal-Istituzzjonijiet tal-UE permezz tal-JSIS.

Il-benefiċċji ta' hawn fuq ta' wara l-impjieg jikkwalifikaw bħala obbligi tal-benefiċċji definiti tal-UE u huma kkalkolati f'kull data ta' rapportar billi jiġi stmat l-ammont tal-benefiċċju futur li l-impjegati jkunu għad jidher fil-perjodi kurrenti u ta' qabel, filwaqt li dak l-ammont jiġi skontat u jitnaqqas il-valur ġust ta' kwalunkwe ass tal-pjan. Il-kalkolu tal-obbligu tal-benefiċċju definit isir ta' kull sena bl-użu tal-metodu ta' kreditu għal kull unità proġettata. Il-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit jiġi ddeterminat billi l-ħruġ tal-flus stmat fil-ġejjieni jiġi skontat bl-użu ta' rati tal-imgħax ta' bonds tal-gvern li huma denominati fil-munita li biha jithallu l-benefiċċji u li għandhom perjodi ta' maturità approssimattivi għat-termini tal-obbligazzjoni tal-pensjoni relatata.

Il-benefiċċji ta' wara l-impjieg ipprovduti lill-persunal tal-UE huma inkorporati fi pjan wieħed li jinkludi kemm skema tal-pensjoni (PSEO) kif ukoll reġim tal-assigurazzjoni tal-mard (JSIS), fejn id-dritt ta' kopertura mill-iskema JSIS jiddependi mill-kisba tad-dritt għal kopertura skont l-iskema PSEO. Skont it-termini ta' dan il-pjan uniku, kif stipulat fir-Regolament dwar il-Persunal, ċerti intitolamenti, bħad-dritt għal pensjoni differita u mnaqqsa skont l-iskema PSEO, jinkisbu wara 10 snin ta' servizz. Madankollu, l-intitolamenti miksuba skont il-pjan uniku mis-servizz sussegwenti tal-impjegat huma materjalment ogħla minn daww l-intitolamenti inizjali kif riflessi mid-drittijiet sussegwenti tal-pensjoni li jsiru dovuti ta' kull sena.

⁽¹⁸⁾ Il-PSEO hija fond (virtwali) nozzjonali b'benefiċċji definiti, li fih il-kontribuzzjonijiet tal-persunal iservu biex jiffinanzjaw il-pensjonijiet futuri tagħhom. Għalkemm ma hemm l-ebda fond ta' investiment proprju, l-ammont li kieku kien jinġabar minn fond bħal dan jitqies li ġie investit fil-bonds fit-tul tal-Istati Membri u huwa rifless fl-obbligazzjoni tal-pensjoni li hija rreġistrata fil-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri jigarantixxu b'mod konġunt il-ħlas tal-benefiċċji skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ara COM(2018) 829 għal deskrezzjoni dettaljata tal-iskema).

Għaldaqstant, sabiex tintwera s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni sottostanti rikjesta mill-karatteristika kwalitattiva tar-rappreżentazzjoni leali tar-rapportar finanzjarju kif deskritt kemm fl-EAR 1 kif ukoll fil-Qafas Kunċettwali tal-IPSAS, il-kost tas-servizz imġarrab fuq bażi lineari tul il-perjodu ta' servizz attiv stmat tal-persunal, jiġifieri l-perjodu mid-data meta s-servizz mill-impjegat iwassal għall-ewwel darba għall-benefiċċji skont il-pjan (kemm jekk il-benefiċċji jkun kundizzjonali għal servizz addizzjonali kif ukoll jekk le) sad-data meta s-servizz addizzjonali mill-impjegat ma jwassal għal ebda ammont materjali ta' benefiċċji addizzjonali skont il-pjan, minbarra żidiet ulterjuri fis-salarju. Dan l-approċċ huwa applikat b'mod konsistenti għall-benefiċċji pprovduti skont il-pjan uniku.

Il-kejl mill-ġdid tal-obbligazzjonijiet ta' benefiċċji definiti netti jinkludi l-qligħ u t-telf attwarjali u r-redditu fuq l-assi tal-pjan, u huwa rikonossut minnufih fl-assi netti.

L-UE tagħraf l-ispiża netta tal-imġax (introjtu) u spejjeż oħra relatati mal-pjanijiet tal-benefiċċju definiti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja fi ħdan l-intestatura "kostijiet tal-persunal u tal-pensjoni".

Meta l-benefiċċji pprovduti jinbidlu jew jitnaqqsu, it-tibdil li jirriżulta fil-benefiċċji li jkun relatat mas-servizz fl-imgħoddi jew il-qligħ jew it-telf fuq it-trażżin jiġi rikonossut minnufih fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Il-qligħ u t-telf mas-saldu jiġu rikonossuti meta jseħħ is-saldu. Il-kost tas-servizz passat jiġi rikonossut minnufih fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, sakemm il-bidliet ma jkun kundizzjonali fuq il-fatt li l-impjegati jibqgħu fis-servizz għal perjodu ta' żmien speċifikat.

1.5.11. *Provedimenti*

Il-provedimenti jiġu rikonossuti meta l-UE jkollha obbligu legali jew kostruttiv preżenti lejn il-partijiet terzi bħala riżultat ta' avvenimenti passati, meta jkun aktar probabbli milli le li sabiex jiġi saldat l-obbligu jkun meħtieġ il-ħruġ ta' riżorsi li l-ammont tagħhom ikun jista' jiġi stmat b'mod affidabbli. Il-provedimenti ma jiġux rikonossuti għal telf operatorju fil-futur. L-ammont tal-provediment huwa l-aħjar stima tal-ispejjeż li mistennija jkun meħtieġa sabiex jiġi saldat l-obbligu preżenti fid-data tar-rapportar. Meta l-provediment jinvolvi għadd kbir ta' partiti, l-obbligu jiġi stmat permezz tal-ponderazzjoni tal-eżiti kollha possibbli bil-probabbiltajiet assoċjati tagħhom (il-metodu tal-"valur mistenni").

Il-provedimenti għal kuntratti onerużi jitkejlu bil-valur preżenti ta' dak li hu l-inqas wieħed minn fost il-kost mistenni tat-terminazzjoni tal-kuntratt u l-kost nett mistenni tal-kontinwazzjoni bil-kuntratt.

1.5.12. *Obbligazzjonijiet finanzjarji*

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, bħala obbligazzjonijiet finanzjarji riportati bil-kost amortizzat jew bħala obbligazzjonijiet ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji.

Is-self meħud jikkonsisti f'self meħud minn istituzzjonijiet ta' kreditu u fi djun ipprovati minn ċertifikati (bonds tal-UE, depożiti tal-UE u kambjali tal-UE). Huma jiġu rikonossuti inizjalment abbażi tal-valur ġust, bir-rikavati mill-ħruġ tagħhom (il-valur ġust tal-korrispettiv riċevut) netti tal-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrbin, imbagħad sussegwentement jiġu riportati bil-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imġax effettiv; kwalunkwe differenza bejn ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjoni, u l-prezz tal-fidwa tiġi rikonossuta fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja matul il-perjodu tat-teħid ta' self bl-użu tal-metodu tal-imġax effettiv. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni mġarrba mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma immaterjali u jiġu direttament irrikonossuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

L-obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit jinkludu derivattivi li l-valur ġust tagħhom ikun negattiv. Huma jingħataw l-istess trattament kontabilistiku bħall-assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, ara n-nota **1.5.5**.

L-UE tirrikonossi obbligazzjoni ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji meta tidħol f'kuntratt li jirrikjedi li l-UE tagħmel pagamenti speċifiċi sabiex tirrimborża lid-detentur tal-garanzija għal telf li ġarrab minħabba li debitor speċifiku jonqos milli jaġmel pagament meta dovut f'konformità mat-termini oriġinali jew modifikati ta' strument ta' dejn. Meta l-kuntratt ta' garanzija jirrikjedi li l-UE tagħmel pagamenti b'reazzjoni għal bidliet fil-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji jew għal bidliet f'assi sottostanti oħrajn, il-kuntratt ta' garanzija jkun derivattiv, jiġifieri obbligazzjoni finanzjarja abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit. Il-kuntratti ta' garanziji l-oħrajn kollha jitqiesu bħala proviżjonijiet finanzjarji.

L-obbligazzjonijiet ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji inizjalment jiġu rikonossuti bil-valur ġust. Dan huwa ugwali għall-valur preżenti nett tal-primjum riċevibbli, jekk ikun f'termini tas-suq. Meta ma jintalab l-ebda primjum ta' garanzija jew meta l-korrispettiv ma jkunx valur ġust, il-valur ġust jiġi ddeterminat fuq il-baży tal-prezzijiet ikkwotati f'suq attiv għal kuntratti ta' garanziji finanzjarji direttament ekwivalenti għal dak li jkun iddaħħal fl-obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja, jekk disponibbli, jew bl-użu ta' teknika ta' valwazzjoni. Jekk l-ebda kejl affidabbli tal-valur ġust ma jkun jista' jiġi ddeterminat permezz ta' osservazzjoni diretta ta' suq attiv jew inkella permezz ta' teknika ta' valwazzjoni oħra, l-obbligazzjoni ta' kuntratt ta' garanzija finanzjarja inizjalment titkejjel bl-ammont tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja.

Il-kejl sussegwenti jiddependi mill-evoluzzjoni tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu mill-garanzija finanzjarja. Jekk ma jkun hemm l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu ("stadju 1"), l-obbligazzjonijiet ta' garanziji finanzjarji jitkejlu fl-ogħla ammont tat-telf ta' kreditu mistenni ta' 12-il xahar u l-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes, meta xieraq, l-amortizzament kumulattiv. Jekk ikun hemm żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu ("stadju 2"), l-obbligazzjonijiet ta' garanziji finanzjarji jitkejlu fl-ogħla ammont tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja u fl-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes, meta xieraq, l-amortizzament kumulattiv (ara n-nota 6.5).

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet mhux kurrenti, għajr għall-maturitajiet ta' anqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali. Il-kuntratti ta' garanziji finanzjarji jiġu kklassifikati bħala obbligazzjonijiet kurrenti ħlief jekk l-UE jkollha dritt mhux kondizzjonat li tidifferixxi s-saldu tal-obbligazzjoni għal tal-anqas tnax-il xahar wara d-data tar-rapportar.

Il-fondi fiduċjarji tal-UE li jitqiesu bħala parti mill-attivitajiet operazzjonali tal-Kummissjoni (jiġifieri fondi fiduċjarji Madad u Colombia), jiġu kkontabilizzati fil-kontijiet tal-Kummissjoni u kkonsolidati ulterjorment fil-kontijiet annwali tal-UE. Għalhekk, il-kontribuzzjonijiet minn donaturi oħrajn għall-fondi fiduċjarji tal-UE jissodisfaw il-kriterji tad-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju taħt ċerti kundizzjonijiet u jiġu ppreżentati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet marbutin mal-kontribuzzjonijiet ittrasferiti, jiġifieri l-kostijiet eliġibbli jiġġarrbu mill-fond fiduċjarju. Il-fond fiduċjarju huwa meħtieġ biex jiffinanzja proġetti speċifiċi u jagħti lura l-bqija tal-fondi fil-mument tal-istralċ. Fid-data tal-karta bilanċjali, l-obbligazzjonijiet pendenti tal-kontribuzzjoni jitkejlu f'kontribuzzjonijiet riċevuti neqsin l-ispejjeż imġarrba mill-fond fiduċjarju, inkluż l-ammonti stmati, meta jkun meħtieġ. Għall-finijiet ta' rapportar, l-ispejjeż netti jiġu allokati għall-kontribuzzjonijiet ta' donaturi oħrajn fi proporzjon għall-kontribuzzjonijiet netti mħallsin fil-31 ta' Diċembru. Din l-allokazzjoni ta' kontribuzzjonijiet hija biss indikattiva. Meta l-fond fiduċjarju jiġi stralċat, id-distribuzzjoni attwali tar-riżorsi li jifdal tiġi deċiża mill-bord tal-fond fiduċjarju.

1.5.13. Ammonti pagabbli

Ammont sinifikanti mill-ammonti pagabbli tal-UE huma pretensjonijiet ta' kostijiet mhux imħallsin mill-benefiċjarji ta' għotjiet jew finanzjament ieħor mill-UE (tranżazzjonijiet mhux ta' skambju). Huma jiġu rreġistrati bħala ammonti pagabbli għall-ammont mitlub meta tiġi riċevuta l-pretensjoni tal-kost. Wara verifika u aċċettazzjoni tal-kostijiet eliġibbli, l-ammonti pagabbli jiġu vvalutati fl-ammont eliġibbli.

L-ammonti pagabbli li jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti hekk kif tasal il-fattura għall-ammont oriġinali u l-ispejjeż eliġibbli korrispondenti jiddaħħlu fil-kontijiet meta l-provvisti jew is-servizzi jiġu kkonsejntati u aċċettati mill-UE.

1.5.14. Dħul u imposti dovuti u differiti

It-tranżazzjonijiet u l-events jiġu rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji fil-perjodu li miegħu huma relatati. Fl-aħħar tas-sena, jekk fattura tkun għadha ma nħarġitx iżda s-servizz ikun ingħata, il-provvisti jkunu ġew ikkonsejntati mill-UE jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (pereżempju, b'referenza għal trattat), fir-rapporti finanzjarji jiġi rikonoxxut dħul dovut. Barra minn hekk, fl-aħħar tas-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti jew l-oġġetti fornuti jkunu għadhom ma ġewx ikkonsejntati, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

L-ispejjeż jingħaddu wkoll fil-perjodu li jkunu relatati miegħu. Fl-aħħar tal-perjodu kontabilistiku, l-ispejjeż dovuti jiġu rikonoxxuti fuq il-bażi ta' ammont stmat tal-obbligu tat-trasferiment għall-perjodu. Il-kalkolu tal-ispejjeż dovuti jsir f'konformità mal-linji gwida operazzjonali u prattiċi dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni, li għandhom l-għan li jiżguraw li r-rapporti finanzjarji jipprovdur rappreżentazzjoni fidila tal-fenomeni ekonomiċi u oħrajn li huma jippretendu li jirrappreżentaw. Permezz ta' analoġija, jekk ikun sar pagament bil-quddiem għal servizzi jew oġġetti li jkunu għadhom ma ġewx riċevuti, l-ispiża tiġi differita u rikonoxxuta fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

1.6. RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

1.6.1. Dħul

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU

Il-maġġoranza l-kbira tad-dħul tal-UE huwa relatat ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju kif ġej:

Riżorsi bbażati fuq l-ING, ir-riżorsi proprji tal-VAT u tal-plastiks

Id-dħul jiġi rikonossut għall-perjodu li fih il-Kummissjoni tibgħat sejħa għal fondi lill-Istati Membri, li fiha hija titlob il-kontribuzzjoni ta' għom. Id-dħul jitkejjel skont l-"ammont mitlub". Billi r-Riżorsi Proprji tal-VAT, tal-ING u tal-plastiks huma bbażati fuq estimi tad-data għas-sena finanzjarja kkonċernata, huma jistgħu jiġu riveduti peress li jsejtnu bidliet sakemm tinħareġ id-data finali mill-Istati Membri. L-effett ta' bidla fl-estimu jiġi inkluż meta jiġi ddeterminat is-surplus jew id-defiċit nett għal dak il-perjodu li fih tkun seħħet il-bidla.

Riżorsi proprji tradizzjonali

Ir-rikuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju u d-dħul relatat jiġu rikonossuti meta d-dikjarazzjonijiet rilevanti tat-tip "A" ta' kull xahar (li jinkludu d-dazji miġbura u l-ammonti dovuti li huma garantiti u mhux ikkontestati) jiġu riċevuti mill-Istati Membri. Fid-data ta' rapportar, id-dħul miġbur mill-Istati Membri għall-perjodu iżda li jkun għadu ma tħallasx lill-Kummissjoni Ewropea jiġi stmat u rikonossut bħala dħul dovut. Id-dikjarazzjonijiet tat-tip "B" ta' kull trimestru (li jinkludu dazji li la huma miġbura u lanqas garantiti, kif ukoll ammonti garantiti li ġew ikkontestati mid-debitur) riċevuti mill-Istati Membri jiġu rikonossuti bħala dħul nieqes il-kostijiet tal-ġbir li huma intitolati għalihom. Barra minn hekk, tnaqqis fil-valur jiġi rikonossut għall-ammont tad-differenza stmata fl-irkupru.

Multi

Id-dħul minn multi jiġi rikonossut meta tiġi adottata d-deċiżjoni tal-UE li timponi multa u meta din tkun ġiet innotifikata b'mod uffiċjali lid-destinatariju. Wara d-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa, l-entitajiet immultati għandhom xahrejn mid-data tan-notifika sabieq:

- a) jaċċettaw id-deċiżjoni, f'liema każ jeħtiġilhom iħallsu l-multa fil-limitu ta' żmien stipulat u l-ammont jinġabar b'mod definittiv mill-UE; jew
- b) ma jaċċettawx id-deċiżjoni, f'liema każ jikkontestawha f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Anki jekk tiġi appellata, il-multa trid titħallas fil-limitu ta' żmien ta' tliet xhur stipulat, minħabba li l-appell ma għandux effett ta' sospensjoni (l-Artikolu 278 tat-TFUE). Il-flus riċevuti jintużaw biex jiġi kklirjat l-ammont rikuperabbli. Madankollu, soġġett għall-qbil tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, l-impriża tista' minflok tippreżenta garanzija bankarja għall-ammont. F'dak il-każ, il-multa tibqa' bħala rikuperabbli. Jekk ma jiġux riċevuti flus kontanti jew garanzija u jkun hemm dubji dwar is-solvenza tal-impriża, jiġi rikonossut tnaqqis fil-valur fuq l-intitolament.

Fil-każ li l-impriża tappella kontra d-deċiżjoni, u tkun diġà ħallset il-multa b'mod provviżorju, l-ammont jiġi divulgat bħala obbligazzjoni kontinġenti, jew, jekk jidher probabbli li l-Qorti Ġenerali ma tkunx tista' tiddeċiedi favur l-UE, jiġi rikonossut provvediment sabieq ikopri dan ir-riskju. Jekk, minflok, tingħata garanzija, l-ammont rikuperabbli pendent ssirlu valwazzjoni negattiva.

L-imgħax akkumulat riċevut mill-Kummissjoni fuq il-kontijiet bankarji fejn jiġu ddepożitati l-pagamenti riċevuti jiġi rikonossut bħala dħul, u kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti tiżdied kif xieraq.

Mill-2010, il-multi kollha msarrfin b'mod provviżorju bdew jiġu amministrati mill-Kummissjoni f'fond maħluq speċifikament (BUFI) u investiti fi strumenti finanzjarji.

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJET TA' SKAMBJU

Id-dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi jiġi rikonossut meta r-riskju u l-benefiċċji sinifikanti tas-sjieda tal-oġġetti jiġu ttrasferiti lill-akkwirent. Id-dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi jiġi rikonossut b'referenza għall-istadju ta' meta titlesta t-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar.

Dħul u spejjeż tal-imgħax

Id-dħul u l-ispejjeż tal-imgħax jiġu rikonossuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja billi jintuża l-metodu tal-imgħax effettiv. Dan huwa metodu li jintuża sabieq jiġi kkalkolat il-kost amortizzat ta' assi finanzjarju jew ta' obbligazzjoni finanzjarja u sabieq jiġi allokat id-dħul mill-imgħax jew l-ispiża tal-imgħax matul il-perjodu rilevanti. Meta tikkalkula r-rata effettiva tal-imgħax, l-UE tistma l-flussi tal-flus wara li tikkunsidra t-termini kuntrattwali kollha tal-istrument finanzjarju (pereżempju, għażliet ta' prepagament), iżda ma tqisx it-telf ta' kreditu fil-futur. Il-kalkolu jinkludi l-imposti u l-punti kollha tar-rata tal-imgħax imħallsin jew riċevuti bejn il-partijiet fil-kuntratt li huma parti integrali mir-rata effettiva tal-imgħax, mill-kostijiet tad-tranżazzjoni u mill-premiums jew mill-iskontijiet l-oħrajn kollha.

Ladarba assi finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji simili jitqies li għandu indeboliment tal-kreditu ("stadju 3"), id-dħul mill-imgħax jiġi rrikonoxxut billi tintuża r-rata tal-imgħax sabiex jiġu skontati l-flussi ta' flus futuri għall-fini tal-kejl tat-telf minn indeboliment.

Dħul minn dividendi

Id-dħul minn dividendi u distribuzzjonijiet simili huwa rrikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt li jiġi riċevut pagament.

Dħul u spiża mill-assi finanzjarji permezz ta' surplus jew defiċit

Dan jirreferi għall-qligħ (dħul) fil-valur ġust u għat-telf (spiża) fil-valur ġust minn dawn l-assi finanzjarji, inklużi dawk li jirriżultaw mill-qligħ tal-kambju. Għall-assi finanzjarji li jġarrbu l-imgħax, dan jinkludi wkoll l-imgħax. Ara wkoll in-nota 3.9.

Dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji

Id-dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji (primjum ta' garanzija) jiġi rrikonoxxut maż-żmien li fih l-UE tkun lesta li tikkompensa lid-detentur tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja għat-telf ta' kreditu li jista' jġarrab. L-iskeda ta' amortizzament applikata tqis il-mogħdija taż-żmien u l-volum tal-iskopertura garantita. Id-dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji jinkludi wkoll l-amortizzament tal-obbligazzjoni tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji f'każijiet li fihom il-garanzija ma ġiet ipprovduta bl-ebda korrispettiv jew b'korrispettiv nominali.

1.6.2. Spejjeż

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jirrapreżentaw il-maġġoranza tal-ispejjeż tal-UE. Huma jirrigwardjaw it-trasferimenti lill-benefiċjarji u jistgħu jkunu ta' tliet tipi: (i) intitolamenti, (ii) trasferimenti bi ftehim u għotjiet diskrezzjonali, kif ukoll (iii) kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet.

It-trasferimenti jiġu rrikonoxxuti bħala spejjeż fil-perjodu li matulu jkunu seħħew l-avvenimenti li jkunu wasslu għat-trasferiment, dment li n-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolament (ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolamenti tal-Persunal, jew regolament ieħor) jew ikun ġie ffirmat ftehim li jawtorizza t-trasferiment, kwalunkwe kriterju tal-eliġibbiltà jkun ġie ssodisfat mill-benefiċjarju, u tkun tista' ssir stima raġonevoli tal-ammont.

Meta tasal talba għall-ħlas jew pretensjoni għall-kostijiet u din tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent, hija tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena, l-ispejjeż eliġibbli mġarrba dovuti lill-benefiċjarji, iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati, jiġu stmati u rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet ta' skambju li jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti meta l-provvisti jiġu kkonsejntati u aċċettati mill-UE. Dawn jiġu stmati fl-ammont oriġinali tagħhom fuq il-fattura. Barra minn hekk, fid-data tal-karta bilanċjali, l-ispejjeż relatati mas-servizz mogħti matul il-perjodu li għalih ma tkunx għadha waslet jew ġiet aċċettata fattura, ikunu stmati u rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

1.7. ASSI U OBBLIGAZZJONIJET KONTINĠENTI

1.7.1. Assi kontinġenti

Assi kontinġenti huwa assi possibbli li jinħoloq minn avvenimenti passati u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment inċert wieħed jew aktar fil-ġejjieni mhux fil-kontroll sħiħ tal-UE. Assi kontinġenti jiġi divulgat meta jkun hemm probabbiltà ta' influż ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz.

1.7.2. Obligazzjonijiet kontinġenti

Obbligazzjoni kontinġenti hija obbligu possibbli li jirriżulta minn avvenimenti tal-passat u li l-eżistenza tagħha tiġi kkonfermata biss meta jseħħ jew ma jseħx avveniment inċert wieħed jew aktar fil-futur mhux totalment fil-kontroll tal-UE, jew obbligu preżenti li jirriżulta minn avvenimenti tal-passat iżda li ma huwiex rikonoxxut minħabba li ma jkunx probabbli li jkun meħtieġ ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz għas-saldu tal-obbligu, jew fiċ-ċirkostanzi rari fejn l-ammont tal-obbligu ma jkunx jista' jitkejjel b'affidabbiltà suffiċjenti. Obligazzjoni kontinġenti tiġi divulgata, sakemm il-possibbiltà ta' ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz ma tkunx remota.

1.8. RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS

L-informazzjoni dwar il-fluss tal-flus tintuża sabiex tipprovdri bażi għall-valutazzjoni ta' kemm l-UE hija kapaċi tiġġenera l-flus u l-ekwivalenti ta' flus, kif ukoll il-ħtiġijiet tagħha sabiex tuża dawk il-flussi tal-flus.

Ir-rapport tal-fluss tal-flus jitħejja billi jintuża l-metodu indirett. Dan ifisser li r-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja jiġi aġġustat għall-effetti ta' tranżazzjonijiet ta' natura mhux ta' flus, kwalunkwe differiment jew dovuti ta' riċevuti ta' flus jew pagamenti operatorji, kemm passati kif ukoll futuri, u partiti ta' dħul jew spiża assoċjati mal-investment ta' flussi tal-flus.

Il-flussi tal-flus li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'munita barranija jiġu rreġistrati fil-munita tar-rapportar tal-UE (Euro), billi tiġi applikata, għall-ammont ta' flus fil-munita barranija, ir-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita barranija fid-data tal-fluss tal-flus.

Id-dikjarazzjoni tal-flussi tal-flus tirrapporta l-flussi tal-flus matul il-perjodu, ikklassifikati taħt attivitajiet operatorji, ta' investment u ta' finanzjament.

Attivitajiet operatorji huma l-attivitajiet tal-UE li ma humiex attivitajiet ta' finanzjament jew ta' investment. Dawn huma l-maġġoranza tal-attivitajiet imwettqin.

L-attivitajiet ta' investment huma l-akkwiżizzjoni u d-disponiment ta' assi intanġibbli u ta' proprjetà, ta' impjanti u ta' tagħmir u ta' investimenti oħrajn li ma humiex inklużi fl-ekwivalenti ta' flus. L-attivitajiet ta' investment ma jinkludux self mogħti lill-benefiċjarji peress li dan hu parti mill-oġġettivi ġenerali u għalhekk l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-UE. L-oġġettiv huwa li jintwerew l-investimenti reali li jsiru mill-UE.

L-attivitajiet ta' finanzjament huma attivitajiet li jirriżultaw f'bidliet fid-daqs u fil-kompożizzjoni tat-teħid ta' self minbarra dak mogħti lill-benefiċjarji fuq bażi back-to-back jew għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà, ta' impjanti u ta' tagħmir (li huma inklużi taħt l-attivitajiet operatorji).

2. NOTI GĦALL-KARTA BILANĊJALI

ASSI

2.1. ASSI INTANĠIBBLI

	(EUR miljuni)
<i>Ammont gross riportat fil-31.12.2020</i>	1 409
<i>Żidiet</i>	276
<i>Disponimenti</i>	(32)
<i>Trasferiment bejn kategoriji ta' assi</i>	0
<i>Bidliet oħrajn</i>	(18)
Valur riportat gross fil-31.12.2021	1 636
<i>Amortizzament akkumulat fil-31.12.2020</i>	(789)
<i>Imposta tal-amortizzament għas-sena</i>	(119)
<i>Amortizzament imħassar</i>	3
<i>Disponimenti</i>	36
<i>Trasferiment bejn kategoriji ta' assi</i>	0
<i>Bidliet oħrajn</i>	3
Amortizzament akkumulat fil-31.12.2021	(867)
Valur riportat nett fil-31.12.2021	769
<i>Valur riportat nett fil-31.12.2020</i>	620

L-ammonti ta' hawn fuq huma primarjament relatati ma' software tal-kompjuter.

2.2. PROPRIETÀ, IMPJANTI U TAGĦMIR

Il-kategorija tal-assi spazjali tkopri l-assi fissi operazzjonali relatati maż-żewġ programmi spazjali tal-UE: is-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (Global Navigation Satellite System, GNSS), jiġifieri Galileo u Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (European Geostationary Navigation Overlay System, EGNOS), kif ukoll il-programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-Dinja msejjaħ Copernicus. L-assi tas-sistemi spazjali li għadhom ma humiex operazzjonali huma inklużi taħt l-intestatura "Assi fissi taħt kostruzzjoni". L-assi relatati mal-programmi spazjali tal-UE qegħdin jinbnew bl-assistenza tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (European Space Agency, ESA).

Għal Galileo, f'Diċembru 2021 ġew varati żewġ satelliti. Huma mistennijin jiġu ddikjarati operazzjonali fl-ewwel semestru tal-2022. Fl-istess ħin, ġiet varata b'suċċess ġenerazzjoni ġdida 1.7 tal-infrastruttura tal-art. Il-kostellazzjoni bħalissa tinkludi 26 satellita. Meta titlesta, il-kostellazzjoni Galileo se tkun tinkludi 30 satellita (inklużi 6 satelliti ta' riżerva). L-assi fissi operazzjonali ta' Galileo, li jkopru kemm is-satelliti kif ukoll l-installazzjonijiet fuq l-art, kienu jammontaw għal EUR 3 413-il miljun fil-31 ta' Diċembru 2021, netti mid-deprezzament akkumulat (2020: EUR 2 145 miljun). L-assi fissi taħt kostruzzjoni li jifdal jammontaw għal total ta' EUR 1 344 miljun (2020: EUR 1 872 miljun).

Fir-rigward ta' Copernicus, is-satellita 6A ġiet iddikjarata operazzjonali f'Ġunju 2021. Il-valur totali tal-assi fissi operazzjonali ta' Copernicus huwa ta' EUR 937 miljun (2020: EUR 877 miljun), netti mid-deprezzament akkumulat. EUR 2 115-il miljun oħrajn relatati mas-satelliti ta' Copernicus huma rikonoxxuti bħala assi fissi taħt kostruzzjoni (2020: EUR 1 894 miljun).

L-assi fissi relatati mal-infrastruttura fuq l-art tal-EGNOS ta' EUR 130 miljun (2020: EUR 24 miljun) huma inklużi wkoll taħt l-intestatura "Assi spazjali". Barra minn hekk, l-assi fissi taħt kostruzzjoni tal-EGNOS jammontaw għal EUR 189 miljun (2020: EUR 273 miljun).

PROPRJETÀ, IMPJANTI U TAGĦMIR

(EUR miljuni)

	Art u Bini	Assi spazjali	Impjanti u Tagħmir	Għamara u Vetturi	Hardware tal-Kompjuter	Oħrajn	Lokazzjonijiet finanzjarji	Assi fissi taħt kostruzzjoni	Total
Valur riportat gross fil-31.12.2020	5 924	5 670	546	272	727	332	2 650	4 748	20 868
Żidiet	100	269	45	19	114	20	9	1 472	2 049
Disponimenti	(12)	—	(24)	(12)	(60)	(7)	(7)	—	(122)
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	535	1 791	1	1	(0)	2	(0)	(2 329)	0
Bidliet oħrajn	—	—	—	—	(0)	0	—	(1)	(1)
Valur riportat gross fil-31.12.2021	6 547	7 730	568	281	781	347	2 651	3 890	22 793
Deprezzament akkumulat fil-31.12.2020	(3 676)	(2 625)	(465)	(203)	(557)	(259)	(1 402)		(9 186)
Imposta fuq id-deprezzament għas-sena	(187)	(625)	(38)	(16)	(84)	(23)	(92)		(1 065)
Deprezzament imħassar	5	—	0	0	6	0	—		10
Disponimenti	12	—	24	11	55	7	7		116
Trasferiment bejn kategoriji ta' assi	(0)	—	(0)	—	(0)	0	0		(0)
Bidliet oħrajn	0	—	0	—	(0)	(1)	—		(1)
Deprezzament akkumulat fil-31.12.2021	(3 846)	(3 250)	(479)	(208)	(581)	(276)	(1 487)		(10 126)
VALUR RIPORTAT NETT FIL-31.12.2021	2 701	4 480	89	73	199	72	1 164	3 890	12 669
VALUR RIPORTAT NETT FIL-31.12.2020	2 249	3 045	81	69	170	73	1 248	4 748	11 682

2.3. INVESTIMENTI KONTABILIZZATI BL-UŻU TAL-METODU TAL-EKWITÀ

Il-parteċipazzjoni tal-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, fil-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) hija ttrattata bħala kumpanija assoċjata bl-użu tal-metodu tal-ekwità tal-kontabbiltà. Il-FEI huwa l-istituzzjoni finanzjarja tal-UE li tispesjalizza fil-forniment ta' kapital ta' riskju u garanziji lil intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Il-FEI jinsab fil-Lussemburgu u jopera bħala sħubija pubblika-privata, li l-membri tagħha huma l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), l-UE u grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji.

Fl-2021, l-azzjonisti tal-FEI approvaw żieda ta' kapital minn EUR 4,5 biljun għal EUR 7,4 biljun. Il-kapital sottoskritt fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 7,3 biljun (filwaqt li EUR 70 miljun oħrajn huma awtorizzati iżda għadhom ma ġewx sottoskritti). Din iż-żieda tippermetti lill-FEI jaqdi rwol ewlieni fl-implimentazzjoni ta' InvestEU, il-programm ta' investment tal-UE għall-2021-2027 (ara n-nota **4.1.1**). Tikkontribwixxi wkoll għar-rispons għall-kriżi tal-COVID-19 billi l-FEI qiegħed iniedi wkoll pakketti sinifikanti sabiex jappoġġa lin-negozji ż-żgħar madwar l-Ewropa. L-UE pparteċipat fiż-żieda kapitali, u kkontribwiet EUR 372 miljun. Fil-31 ta' Diċembru 2021, kellha 30 % tal-interessi proprjetarji fil-FEI (2020: 29,7 %) u 30 % tad-drittijiet tal-vot (2020: 29,7 %). F'konformità mal-istatuti tiegħu, il-FEI huwa meħtieġ li jalloka mill-inqas 20 % tar-riżultat nett annwali tiegħu għal riżerva statutorja, sakemm ir-riżerva aggregata tkun tammonta għal 10 % tal-kapital sottoskritt. Din ir-riżerva ma hijiex disponibbli għad-distribuzzjoni.

(EUR miljuni)

	Fond Ewropew tal-Investment
Parteċipazzjoni fil-31.12.2020	588
Kontribuzzjonijiet	372
Dividendi riċevuti	—
Sehem mir-riżultat nett	169
Sehem fl-assi netti	63
Parteċipazzjoni fil-31.12.2021	1 192

L-ammonti riportati li ġejjin huma attribwibbli għall-UE abbażi tal-perċentwal tal-parteċipazzjoni tagħha:

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
	FEI totali	FEI totali
Assi	5 187	3 256
Obbligazzjonijiet	(1 213)	(1 277)
Dħul	781	322
Spejjeż	(217)	(194)
Surplus/(defiċit)	564	129

Ir-rikonċiljazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja miġbura fil-qosor hawn fuq mal-ammont riportat tal-imgħax miżmum fil-FEI hija kif ġej:

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
Assi netti tal-kumpanija assoċjata	3 974	1 979
L-interessi proprjetarji tal-KE fil-FEI	30,0 %	29,7 %
Ammont riportat	1 192	588

L-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, ħallset 20 % tal-ishma sottomskritti tagħha fil-kapital tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2021, bl-ammont mhux mitlub kif ġej:

(EUR miljuni)

	Kapital totali tal-FEI	Sottomskrizzjoni tal-UE
Kapital azzjonarju totali	7 300	2 190
Imħallas	(1 460)	(438)
Mhux mitlub	5 840	1 752

2.4. ASSI FINANZJARJI

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Mhux kurrenti			
Assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat	2.4.1	160 214	82 887
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit ⁽¹⁾	2.4.2	21 660	16 327
		181 874	99 214
Kurrenti			
Assi finanzjarji fuq il-bażi tal-kost amortizzat	2.4.1	3 353	10 422
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit ⁽¹⁾	2.4.2	3 391	3 459
		6 744	13 881
Total		188 618	113 095

⁽¹⁾ Iċ-ċifri tal-2020 jinkludu EUR 16 134 miljun klassifikati bħala assi finanzjarji AFS (Disponibbli għall-bejgħ) mhux kurrenti u EUR 3 453 miljun klassifikati bħala assi finanzjarji AFS kurrenti fil-Kontijiet Annwali Konsolidati tal-UE għall-2020.

2.4.1. Assi finanzjarji abbażi tal-kost amortizzat

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Self għall-RRF (NGEU) u assistenza finanzjarja	2.4.1.1	163 392	93 193
Self ieħor	2.4.1.2	176	116
Total		163 568	93 309
Mhux kurrenti		160 214	82 887
Kurrenti		3 353	10 422

2.4.1.1. Self għall-RRF (NGEU) u assistenza finanzjarja

(EUR miljuni)

	RRF (NGEU)	SURE	EFSM	BOP	AMF	Euratom	Total
Total fil-31.12.2020	—	39 503	47 396	201	5 813	279	93 193
Reviżjoni tal-EAR 11	—	420	(114)	(1)	(27)	(1)	276
Self ġdid (nominali)	17 970	50 137	9 750	—	1 665	100	79 622
Ripagamenti	—	—	(9 750)	—	(14)	(29)	(9 793)
Bidliet fl-ammont riportat	8	507	(144)	0	(24)	—	347
Bidliet fl-indeboliment	—	—	—	—	(243)	(11)	(254)
Total fil-31.12.2021	17 978	90 567	47 138	201	7 170	338	163 392
Mhux kurrenti	17 970	90 502	43 969	200	7 132	314	160 087
Kurrenti	8	65	3 169	1	38	24	3 305

Il-valur nominali tas-self fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 162 394 miljun, li EUR 144 424 miljun minnhom jirreferu għal self għal assistenza finanzjarja (2020: EUR 92 565 miljun) u EUR 17 970 miljun għall-RRF (2020: xejn). Iż-żieda sinifikanti mis-sena ta' qabel hija dovuta għal aktar self mogħti taħt SURE u għat-tnedija tal-istrument tal-RRF (NGEU) fl-2021.

Il-linja "reviżjoni tal-EAR 11" turi l-impatt tal-EAR 11 riveduta fuq l-ammonti ta' self fl-1 ta' Jannar 2021. Għal SURE, għall-EFSM u għall-BOP, l-impatt jirreferi għall-applikazzjoni tal-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax. Għall-MFA u għall-Euratom, l-impatt jirreferi għall-applikazzjoni tar-rata effettiva tal-imgħax u għall-provvediment għall-indeboliment fl-1 ta' Jannar 2021.

- Impatt tar-rata effettiva tal-imgħax: Il-programmi msemmijin hawn fuq, ħliet għall-RRF (NGEU), joperaw fuq bażi "back-to-back". Dan ifisser li l-primjums, l-iskontijiet, l-imgħaxijiet u l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet li ġġarrab l-UE għat-teħid ta' self jiġu imposti mill-ġdid fuq il-benefiċjarju tas-self. B'riżultat ta' dan, ir-rata effettiva tal-imgħax ta' self hija r-rata effettiva tal-imgħax tas-self rispettiv li ffinanzja s-self. Il-primjums jew l-iskontijiet fuq it-tranżazzjonijiet ta' teħid ta' self u l-impożizzjoni mill-ġdid tagħhom fuq il-benefiċjarji tas-self kienu preċedentement inklużi immedjatament fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja. Bl-applikazzjoni tal-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax, il-primjums u l-iskontijiet mhux amortizzati sal-1 ta' Jannar 2021 żdiedu mat-teħid ta' self u mas-self pendenti. L-impatt nett fuq ir-riżultati akkumulati huwa żero. Il-primjums u l-iskontijiet mhux amortizzati issa se jiġu amortizzati sal-maturità.
- Impatt tal-provvediment għal indeboliment: Dan ġie kkalkolat bl-użu ta' mudell ta' telf ta' kreditu mistenni, bl-applikazzjoni tal-politiki għall-indeboliment tas-self (ara n-nota 6.5). Għalhekk, il-Kummissjoni rrikonoxxiet provvediment għal indeboliment għat-telf ta' kreditu mistenni għas-self tal-MFA u tal-Euratom, sal-1 ta' Jannar 2021.

Il-linja "bidliet fl-indeboliment" tikkorrispondi għall-kejl mill-ġdid tat-telf ta' kreditu mistenni sal-31 ta' Diċembru 2021.

Il-linja "bidliet fl-ammont riportat" tikkorrispondi għall-bidla fl-imgħaxijiet dovuti u għall-bidla fil-primjums/fl-iskontijiet (primjums/skontijiet ġodda u amortizzament).

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF)

Fl-2021, l-UE stabbiliet l-RRF bħala strument temporanju sabiex tgħin lill-ekonomiji tal-Istati Membri jirkupraw mill-pandemija tal-coronavirus u jsiru reżiljenti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Skont l-istrument tal-UE għall-Irkupru (NGEU), il-Kummissjoni tissellef fondi li l-RRF tuża sabiex tiffinanzja r-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri. Dawn iridu jkunu allinjati mal-prijoritajiet tal-UE u jridu jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet

speċifiċi għall-pajjiżi skont il-qafas tas-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali. Il-finanzjament jista' jkun jew self (appoġġ ripagabbli) jew għotja (appoġġ mhux ripagabbli, ara n-nota 2.5). L-Istati Membri jistgħu jirċievu finanzjament sa allokkazzjoni miftiehma qabel għal self u għal għotjiet. Sabiex jibbenefikaw mill-appoġġ, l-Istati Membri jridu jissottomettu l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni Ewropea. Kull pjan jistabbilixxi r-riformi u l-investimenti li għandhom jiġu implimentati sa tmiem l-2026 li jiddefinixxu l-oġġettivi intermedji u l-miri ċari li għandhom jiġu analizzati mill-Kummissjoni Ewropea u approvati mill-Kunsill Ewropew. Is-self tal-RRF jista' jiġi żborżat sal-31 ta' Diċembru 2026 biss wara li jintlaħqu l-oġġettivi intermedji u l-miri miftehm. Madankollu, sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni tista' tavanza sa 13 % tal-ammonti tas-self approvati sabiex tnedi l-irkupru ekonomiku.

Fil-31 ta' Diċembru 2021 ġew iffirmati ftehimiet ta' self b'valur ta' EUR 153,2 biljun. Minn dawn, il-Kummissjoni ħarġet EUR 18-il biljun. Ma hemm l-ebda relazzjoni back-to-back bejn is-self tal-RRF u t-teħid ta' self tal-NGEU (ara n-nota 2.11).

Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)

SURE huwa strument Ewropew ġdid li jgħin sabiex in-nies jinżammu f'xogħol u f'impjegi affettwati mill-pandemija tal-coronavirus. L-istrument jippermetti lill-Istati Membri jitolbu għajna finanzjarja mill-UE biex tgħin fil-finanzjament ta' żidiet f'daqqa u severi tan-nefqa pubblika nazzjonali b'rabta ma' skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, inkluż għal persuni li jaħdmu għal rashom, jew ma' miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol b'reazzjoni għall-kriżi. Dan jista' jipprovdi assistenza finanzjarja sa EUR 100 biljun fil-forma ta' self lill-Istati Membri affettwati. L-istrument huwa sostnut minn EUR 25 biljun ta' garanziji li l-Istati Membri pprovdew lill-Kummissjoni għar-ripagament tat-teħid ta' self relatat. F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 ⁽¹⁹⁾, il-Kummissjoni tista' tidħol fi ftehim ta' self ma' Stat Membru biss wara li l-Kummissjoni tkun ipproponiet, u l-Kunsill ikun adotta, deċiżjoni ta' implimentazzjoni għall-assistenza finanzjarja ta' SURE.

Fil-31 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill kien approva u l-Kummissjoni kienet iffirmat ftehimiet ta' self għal EUR 94,3 biljun ta' assistenza finanzjarja. Minn dawn, il-Kummissjoni kienet żborżat EUR 89,6 biljun għall-Istati Membri (ammonti nominali). L-ammonti li jifdal taħt ftehimiet ta' self iffirmati qegħdin jiġu żborżati fl-2022.

Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM)

L-EFSM ippermetta l-għoti ta' assistenza finanzjarja lil Stat Membru f'diffikultajiet jew mhedded serjament minn diffikultajiet severi kkawżati minn ċirkostanzi eċċezzjonali barra l-kontroll tiegħu. L-assistenza tista' tieħu l-forma ta' self jew linja ta' kreditu. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tad-9 ta' Mejju 2010 jirrestrinġu l-faċilità għal EUR 60 biljun, iżda l-limitu legali jirrestrinġi l-ammont pendenti tas-self jew tal-linji ta' kreditu għall-marġini disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Ma huwiex previst li l-EFSM jinvolvi ruħu fi programmi ta' finanzjament ġodda jew li jidħol fi ftehimiet ġodda dwar faċilità ta' self. Ma hemm l-ebda ammont mhux prelevat minn ftehimiet ta' self iffirmati.

Bilanċ tal-Pagamenti (Balance of Payments, BOP)

Dan huwa strument finanzjarju bbażat fuq il-politika li jipprovdi assistenza finanzjarja ta' terminu medju lill-Istati Membri li ma adottawx l-euro. Jippermetti l-għoti ta' self lil Stati Membri li jkunu qegħdin jesperjenzaw, jew li jkunu mheddin serjament minn diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti jew fil-movimenti tal-kapital tagħhom. L-ammont pendenti massimu ta' self mogħti taħt l-istrument huwa limitat għal EUR 50 biljun. Ma hemm l-ebda ammont mhux prelevat minn ftehimiet ta' self iffirmati.

L-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA)

L-MFA hija forma ta' assistenza finanzjarja mill-UE lil pajjiżi sħab li jesperjenzaw kriżi fil-bilanċ tal-pagamenti. Tieħu l-forma ta' self jew għotjiet fuq terminu medju jew fit-tul jew taħlita xierqa tat-tnejn u ġeneralment tikkomplementa finanzjament ipprovdut fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament u ta' riforma appoġġat mill-FMI. It-teħid ta' self għal dan is-self huwa garantit mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni u mbaġħad mill-baġit tal-UE.

Matul l-2021, ġie żborżat self addizzjonali ta' EUR 1,7 biljun, inkluż EUR 0,6 biljun lill-Ukrajna. Hemm EUR 0,6 biljun f'ammonti mhux prelevati kundizzjonali minn ftehimiet ta' self iffirmati.

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1).

Fil-31 ta' Diċembru 2021, il-provvediment għal indeboliment għas-self tal-MFA huwa ta' EUR 293 miljun, li minnhom EUR 197 miljun jirreferu għas-self lill-Ukrajna (li jammontaw għal EUR 4,4 biljun (valur nominali) fi tmiem is-sena). F'konformità mar-regoli kontabilistiċi tal-UE (u mal-IPSAS), dan il-provvediment għal indeboliment ma jqisx l-events ta' wara l-karta bilanċjali mingħajr effett ta' aġġustament, relatati mal-gwerra fl-Ukrajna fl-2022 (ara n-nota 8), iżda jqis biss iż-żieda sinifikanti fir-riskju li ġiet osservata fi tmiem l-2021.

Self tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom)

Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni) issellef flus kemm lil Stati Membri kif ukoll lil Stati li ma humiex Stati Membri, u lil entitajiet tat-tnejn, sabiex tiffinanzja proġetti relatati ma' installazzjonijiet tal-enerġija. Mis-self totali tal-Euratom pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021, EUR 300 miljun (valur nominali) huma relatati ma' self lill-Ukrajna, li għalih ġie rikonoxxut provvediment għal indeboliment ta' EUR 13-il miljun. Fil-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni kienet irċiviet garanziji ta' EUR 350 miljun minn partijiet terzi (2020: EUR 279 miljun) sabiex ikopru s-self tal-Euratom. Ma hemm l-ebda ammont mhux prelevat minn ftehimiet ta' self iffirmati.

Ir-rati effettivi tal-imgħax fuq is-self (espressi bħala firxa ta' rati tal-imgħax)

	31.12.2021	31.12.2020
RRF (NGEU)	0,11 %- 0,12 %	—
SURE	(0,48)%- 0,77 %	0,00 %- 0,30 %
EFSM	(0,03)%- 3,79 %	0,50 %- 3,75 %
BOP	2,95 %	2,88 %
AMF	(0,14)%- 3,70 %	0,00 %- 3,69 %
Euratom	(0,08)%- 1,66 %	0,00 %- 5,76 %

Iċ-ċifri tal-2020 jirreferu għar-rati tal-imgħax nominali, filwaqt li iċ-ċifri tal-2021 huma rati effettivi tal-imgħax f'konformità mal-EAR 11 riveduta.

2.4.1.2. Self ieħor

Dawn jinkludu 3 tipi ta' self:

- Self ta' EUR 74 miljun sal-31 ta' Diċembru 2021 (2020: EUR 75 miljun) mogħti mill-programmi tal-baġit tal-UE (eż. il-programm MEDA tas-Sħubija Ewro-Mediterranja u l-programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali)
- Self inadempjenti mogħti oriġinarjament mis-sħab ta' implimentazzjoni fil-każ li fih il-Kummissjoni ħallset talba għal hłas ta' garanzija u issa għandha d-drittijiet ta' rkupru (self surrogat). Fil-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni żżomm id-drittijiet ta' rkupru għal EUR 855 miljun mit-tali self (inklużi l-imgħaxijiet dovuti). Madankollu, wara li jitqies it-telf ta' kreditu mistenni, l-ammont riportat rikonoxxut fil-karta bilanċjali huwa ta' EUR 48 miljun. Dan is-self ingħata mill-BEI u kien garantit mill-programmi tal-FEIS u tal-ELM.
- Id-depożiti b'terminu ta' EUR 54 miljun, b'maturità ta' aktar minn 3 xhur li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' ekwivalenti ta' flus.

2.4.2. Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (FVSD)

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi (1)	2.4.2.1	24 223	19 587
Assi finanzjarji fl-FVSD derivattivi	2.4.2.2	828	199

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Total		25 051	19 786
Mhux kurrenti		21 660	16 327
Kurrenti		3 391	3 459

(¹) Iċ-ġifra tal-2020 hija relatata mal-ammonti li qabel kienu kklassifikati bħala assi finanzjarji AFS fil-Kontijiet Annwali Konsolidati tal-UE għall-2020.

2.4.2.1. Assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi

Assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi skont it-tip

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
Titoli ta' dejn	19 326	14 862
Fondi tas-suq monetarju u investimenti f'portafolli kollettivi	2 513	3 038
Investimenti fl-ekwità oħrajn	2 384	1 686
Total	24 223	19 587
Mhux kurrenti	20 834	16 134
Kurrenti	3 390	3 453

Iċ-ġifri tal-2020 huma relatati mal-ammonti li qabel kienu kklassifikati bħala assi AFS fil-Kontijiet Annwali Konsolidati tal-UE għall-2020.

It-titoli ta' dejn huma prinċipalment bonds sovrani u korporattivi. Dawn l-investimenti jinżammu fil-fondi (portafolli) ġestiti mill-Kummissjoni, jew mill-BEI fisem l-UE u jirreferu prinċipalment għas-CPF, għal H2020, għall-BUFI u għall-Fond għall-Innovazzjoni (ara hawn taħt). Il-prestazzjoni tal-portafolli tal-assi tiġi evalwata fuq bażi ta' valur ġust (valur tas-suq).

Il-fondi tas-suq monetarju huma fondi mutwi li jinvestu f'titoli ta' dejn b'terminu qasir (eż. il-fond unitarju tal-BEL). L-investimenti f'portafolli kollettivi huma fondi tal-UE tal-programmi tas-CEF u ta' H2020 miġburin flimkien mal-fondi tal-Istati Membri mill-programm NER 300. Jintużaw sabiex jipprovdur garanziji lill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tal-BEL.

L-"investimenti fl-ekwità oħrajn" jirreferu l-aktar għall-investiment tal-flus tal-baġit tal-UE – permezz ta' sħab ta' implimentazzjoni – f'kapital ta' riskju jew f'tipi oħrajn ta' fondi ta' investiment sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-UE. Pereżempju, it-tisħiħ tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs li għadhom jibdew, għar-riċerka u għall-innovazzjoni kif ukoll għall-infrastruttura kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE.

Assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi skont il-programm

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
Il-Fond għall-Innovazzjoni	4 195	—
Investimenti BUFI	1 257	1 598
Il-KEFA f'Likwidazzjoni	1 382	1 445

	(EUR miljuni)	
	31.12.2021	31.12.2020
<i>Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp</i>	188	188
<i>Il-pjan tal-pensjoni tal-persunal lokali tas-SEAE</i>	69	73
	7 091	3 304
<i>Fondi ta' Garanziji Baġitarji:</i>		
<i>Il-Fond ta' Proviżjonament Komuni</i>	11 272	—
<i>Il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS</i>	—	7 526
<i>Il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni</i>	—	2 794
<i>Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD</i>	—	692
	11 272	11 012
<i>L-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE:</i>		
<i>Orizzont 2020</i>	3 342	3 097
<i>Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa</i>	762	764
<i>Il-Faċilitajiet tal-UE ta' Ekwità għall-SMEs</i>	684	533
<i>Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa</i>	213	163
<i>Il-Fond Green for Growth</i>	146	143
<i>Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Effiċjenza Enerġetika</i>	107	104
<i>Oħrajn</i>	606	467
	5 861	5 271
Total	24 223	19 587
<i>Mhux kurrenti</i>	20 834	16 134
<i>Kurrenti</i>	3 390	3 453

Iċ-ċifri tal-2020 huma relatati mal-ammonti li qabel kienu kklassifikati bħala assi AFS fil-Kontijiet Annwali Konsolidati tal-UE għall-2020.

Fond għall-Innovazzjoni (Innovation Fund, IF)

Il-Fond għall-Innovazzjoni ġie stabbilit mid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁰⁾ li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni. Huwa jappoġġa l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'ċerti setturi ekonomiċi. Il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jingħata d-dħul mill-monetizzazzjoni progressiva ta' 450 miljun provvediment u wkoll il-fondi mhux minfuqin mit-300 miljun provvediment disponibbli għall-programm NER300 (ara n-nota 3.8). Il-Fond għall-Innovazzjoni beda jopera fl-2020, iżda l-ammonti kienu miżmumin fi flus kontanti. Mill-2021, il-BEI jimmaniġġja l-flejjes tal-Fond għall-Innovazzjoni billi jinvestihom f'bonds.

⁽²⁰⁾ Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

Investimenti BUFI

Il-Kummissjoni stabbiliet il-fond għall-Multi Baġitarji (Budget Fines, "BUFI") għall-immaniġġjar tal-flus li tirċievi b'mod provviżorju għall-multi relatati mal-kompetizzjoni taħt appell. Sad-deċiżjoni finali tal-qorti, il-Kummissjoni tinvesti l-flus fi strumenti ta' dejn.

Il-KEFA f'Likwidazzjoni

It-Trattat tal-KEFA skada fit-23 ta' Lulju 2002 u l-assi kollha tal-KEFA ġew ittrasferiti lill-Unjoni Ewropea u ġew allokati għar-riċerka fis-setturi assoċjati mal-industrija tal-faħam u tal-azzar. Il-Kummissjoni timmaniġġja l-portafoll, u tinvesti f'titoli ta' dejn denominati f'EUR u kkwotati f'suq attiv.

Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp

L-UE għandha investment finanzjarju fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li fih in-numru ta' ishja miżmumin fil-31 ta' Diċembru 2021 kien ta' 90 044 (2020: 90 044 sehem), li jirrappreżentaw 3 % tal-kapital azzjonarju sottoskritt totali. L-UE sstosskriviet ammont totali ta' EUR 900 miljun ta' kapital azzjonarju, li minnhom, EUR 713-il miljun għadhom ma ntalbu. Skont il-ftehim li jstabilixxi l-BERŻ, l-azzjonisti għandhom xi restrizzjonijiet kuntrattwali, bħall-fatt li l-ishja ma humiex trasferibbli u t-tifdija tagħhom hija limitata sal-massimu tal-kost oriġinali tax-xiri. L-UE tkejjel l-investment tagħha fil-BERŻ abbażi tal-valur ġust. Il-kost oriġinali tax-xiri huwa meqjus bħala l-aħjar stima tal-valur ġust, b'mod partikolari minħabba r-restrizzjonijiet kuntrattwali msemmijin hawn fuq. Għalkemm l-ishja tal-BERŻ ma huma kkwotati fl-ebda suq tal-Borża, kien hemm tranżazzjonijiet reċenti fl-ekwiż tad-destinatarija ta' investment (il-ħruġ ta' kapital b'parità), li jindikaw li l-kost huwa l-aħjar stima tal-valur ġust f'din is-sitwazzjoni.

Il-Fond ta' Proviżjonament Komuni (CPF)

L-UE tiggarantixxi investimenti fl-ekwiż u self li s-sħab ta' implimentazzjoni jipprovdu lis-sovrani u lill-kumpaniji. Għall-ħlas tal-pretensjonijiet minn inadempjenzi jew minn telf ieħor, il-Baġit tal-UE, f'konformità mal-atti legali, qiegħed gradwalment iwarrab il-flus sabiex jibni bafer kapitali, jiġifieri s-CPF. Is-CPF ikopri wkoll it-tehdid ta' self li l-Kummissjoni toħroġ għall-finanzjament tas-self tal-AMF u tal-Euratom lil Stati mhux Membri.

Sal-2020, kien hemm fond separat għal kull garanzija baġitarja (il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS, il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD, il-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet esterni, li jkopri wkoll is-self ta' assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi skont l-AMF u l-Euratom).

Mill-1 ta' Jannar 2021, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni stabbiliet is-CPF għall-ġestjoni tal-bafer kapitali ("proviżjonament") għall-garanziji baġitarji u għas-self ta' assistenza finanzjarja kollha lil pajjiżi terzi, f'portafoll komuni wieħed. Minbarra l-proviżjonament tal-baġit tal-UE, is-CPF jirċievi rkupri minn operazzjonijiet inadempjenti, ir-redditi fuq l-investimenti tiegħu u r-riċevuti mir-remunerazzjoni tal-garanziji baġitarji tal-UE. Is-CPF jista' jirċievi wkoll kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri u minn kontributori oħrajn li -b'dan il-mod- iżidu l-garanziji baġitarji disponibbli tal-UE.

Is-CPF jalloka l-kontribuzzjonijiet li jidħlu f'kompartimenti, fejn kull kompartiment jirreferi għal programm kontributor wieħed. Sal-31 ta' Diċembru 2021, is-CPF kien jikkonsisti f'erba' kompartimenti. Minn dawn, 3 kompartimenti jirreferu għall-istrumenti ta' legat stabbiliti taħt il-QFP preċedenti (FEIS, EFSD u ELM). Dawn it-3 programmi kontributori trasferew il-proviżjonament eżistenti tagħhom fid-data meta ssieħbu mas-CPF. Barra minn hekk, hemm kompartiment għal InvestEU, strument ġdid stabbilit fil-QFP attwali. L-atti legali ta' dawn l-istrumenti jstabilixxu l-proviżjonament neċessarju għall-garanziji pprovduti. Il-baġit tal-UE jiġbor dawn id-dispożizzjonijiet individwali fis-CPF u jottimizza l-ġestjoni tal-assi.

Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-assi tas-CPF kellhom valur ta' EUR 12,3-il biljun li minnhom EUR 11,3-il biljun ġew investiti f'assi finanzjarji f'FVSD mhux derivattivi (titoli ta' dejn).

Orizzont 2020

Skont ir-Regolament tal-UE li jstabilixxi l-Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020), ġew stabbiliti strumenti finanzjarji ġodda sabiex jittejjeb l-aċċess għal finanzjament għall-entitajiet involuti fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). Dawn l-istrumenti huma:

- *Is-Servizz ta' Self u Garanzija InnovFin għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I)* li taħtu l-Kummissjoni tikkondividi r-riskju finanzjarju relatat ma' portafoll ta' operazzjonijiet ta' finanzjament ġodda li daħal għalihom il-BEI;
- *Il-Garanzija ta' InnovFin għall-SMEs u l-Inizjattiva tal-SMEs Strument ta' Garanzija Mingħajr Limitu (SME Initiative Uncapped Guarantee Instrument, SIUGI)* – faċilitajiet ta' garanzija ġestiti mill-FEI li jipprovdu garanziji u kontrogaranziji lill-intermedjarji finanzjarji għall-portafolli ġodda tas-self (skont SIUGI, il-Kummissjoni tikkondividi r-riskju finanzjarju relatat mal-garanzija mogħtija mal-Istati Membri, mal-FEI u mal-BEI);
- *Il-Faċilità tal-Ekwità ta' InnovFin għar-Riċerka u l-Innovazzjoni* ġestita mill-FEI tipprevedi investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju; u
- *Il-Fond EIC (il-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni)* li jipprovdi finanzjament ta' ekwità biex jaċċellera l-azzjonijiet ta' innovazzjoni u ta' użu fis-suq. Il-fond EIC se jkun iffinanzjat primarjament mill-QFP tal-2021-2027 taħt il-programm qafas Orizzont Ewropa. Madankollu, sal-lum, il-Kummissjoni użat ir-riżorsi disponibbli skont l-H2020.

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

Skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²¹⁾, l-istrument tad-dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Connecting Europe Facility – CEF) ġie stabbilit bl-għan li jiffaċilita l-aċċess tal-proġetti ta' infrastruttura għal finanzjament fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. Huwa jiġi ġestit mill-BEI skont fehim mal-UE. Joffri kondivizzjoni tar-riskji għall-finanzjament tad-dejn fil-forma ta' dejn jew garanzija superjuri u subordinat(a), kif ukoll appoġġ għall-bonds tal-proġetti ggarantiti mill-UE.

Il-Faċilitajiet tal-UE ta' Ekwità għall-SMEs

Dawn huma strumenti ta' ekwità ffinanzjati mill-programmi COSME, CIP u MIP u l-Inizjattiva għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li l-FEI huwa l-fiduċjarju tagħhom, li jagħtu l-appoġġ għall-ħolqien u għall-finanzjament tal-SMEs tal-UE fl-istadji bikrin (ta' ftuħ) u ta' tkabbir tagħhom billi jinvestu f'fondi ta' kapital ta' riskju speċjalizzati xierqa.

Ġerarkija tal-valur ġust tal-assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi (fl-2020 klassifikati bħala AFS)

(EUR miljuni)		
Tip ta' assi finanzjarju	31.12.2021	31.12.2020
Livell 1: Prezzijiet ikkwotati fis-swieq attivi	19 336	15 383
Livell 2: Inputs osservabbli għajr il-prezzijiet ikkwotati	2 698	2 706
Livell 3: It-tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq	2 190	1 498
Total	24 223	19 587

Matul il-perjodu, ma kiex hemm trasferimenti bejn il-livell 1 u l-livell 2 tal-ġerarkija tal-valur ġust.

Rikonċiljazzjoni tal-assi finanzjarji mhux derivattivi mkejlin bl-użu ta' tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq (il-livell 3)

(EUR miljuni)	
Ċaqliq fil-valur ġust	
Bilanċ tal-ftuħ fl-1.1.2021	1 498

⁽²¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

(EUR miljuni)	
Ċaqliq fil-valur ġust	
Reviżjoni tal-EAR 11	2
Investimenti matul il-perjodu	505
Ripagamenti tal-kapital	(111)
Dħul saldat	(30)
Qligħ jew telf għall-perjodu f'surplus jew f'defiċit	326
Trasferimenti għal-livell 3	—
Trasferimenti mil-livell 3	—
Oħrajn	—
Bilanċ tal-ghelug fil-31.12.2021	2 190

Il-qligħ nett għall-assi mhux derivattivi tal-livell 3 miżmumin fi tmiem l-2021 kien ta' EUR 295 miljun. Dawn huma inklużi bħala dħul finanzjarju taħt "Qligħ fuq assi jew fuq obligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi" (ara n-nota 3.9) u bħala kostijiet ta' finanzjament taħt "Telf minn assi jew minn obligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi" (ara n-nota 3.15).

2.4.2.2. Assi u obligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD derivattivi

Assi u obligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD derivattivi skont it-tip

(EUR miljuni)						
Tip ta' derivattiv	31.12.2021			31.12.2020		
	Ammont nozzjonali	Assi Abbażi tal-Valur Ġust	Obligazzjoni Abbażi tal-Valur Ġust	Ammont nozzjonali	Assi Abbażi tal-Valur Ġust	Obligazzjoni Abbażi tal-Valur Ġust
Kuntratt forward f'munita barranija	646	2	—	417	6	—
Garanzija fuq portafoll ta' ekwità	4 148	826	(1)	3 412	193	(1)
Garanziji fuq ir-riskju tal-kambju	28	—	(4)	14	—	(4)
Total	4 822	828	(5)	3 843	199	(4)
Mhux kurrenti		826	(5)		193	(4)
Kurrenti		2	—		6	(0)

Kuntratt forward f'munita barranija

L-UE tidħol f'kuntratti forward f'munita barranija sabiex tiħħeġġja r-riskju tal-kambju relatat mat-titoli tad-dejn denominati f'USD miżmuma fil-Fond ta' Garanzija tal-FEIS. Skont dawn il-kuntratti forward f'munita barranija, l-UE twassal l-ammont nozzjonali miftiehem b'mod kuntrattwali f'munita barranija ("stadju ta' pagament"), kif ippreżentat fit-tabella ta' hawn fuq, u se tirċievi l-ammont nozzjonali f'EUR ("stadju ta' riċeviment") fid-data tal-maturità. Dawn il-kuntratti tad-derivattivi jitkejlju abbażi tal-valur ġust fid-data tal-karta bilanċjali u jiġu kklassifikati bħala assi jew obligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit skont jekk il-valur ġust tagħhom ikunx pożittiv jew negattiv.

Garanziji fuq portafolli tal-ekwià

L-intestatura "Garanzija fuq il-portafoll tal-ekwià" tinkludi garanziji mogħtija mill-UE lill-istituzzjonijiet finanzjarji fuq portafolli ta' investimenti fl-ekwià. Dawn il-garanziji huma klassifikati bħala strumenti finanzjarji derivattivi u huma kkontabilizzati bħal assi finanzjarji jew obbligazzjoni finanzjarja abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit, minħabba li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja – ara n-nota 1.5.12. L-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE titkejjel fuq il-bażi tal-valur tal-investimenti sottostanti.

L-ammont totali jirrappreżenta prinċipalment il-garanzija tal-FEIS mogħtija mill-UE lill-Grupp tal-BEI b'investimenti fl-ekwià sottostanti żborżati mill-BEI u mill-FEI li jammontaw għal EUR 3 068 miljun (2020: EUR 2 223 miljun). Il-valur ġust tal-garanzija tal-UE fuq il-portafolli tal-ekwià tal-FEIS kien jammonta għal total ta' EUR 763 miljun (2019: EUR 164 miljun).

Garanzija fuq ir-riskju tal-kambju

L-UE tiggarrantixxi r-riskju tal-kambju ("FX") skont il-Garanzija tal-EFSD, fejn tiggarrantixxi kuntratti ta' swap u forward li għandhom l-għan li jhhegġjaw kontra r-riskji tal-kambju għall-operazzjonijiet ta' investiment fi swieq emerġenti. L-UE tkopri wkoll id-devalwazzjoni ta' valuta tal-kambju relatata ma' self mogħti minn istituzzjonijiet finanzjarji lill-SMEs fl-Ukrajna taħt il-Faċilità ta' Finanzjament tal-SMEs tas-Sħubija tal-Lvant.

Ġerarkija tal-valur ġust tal-assi u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi

(EUR miljun)i

Tip ta' derivattiv	31.12.2021		31.12.2020	
	Assi Abbażi tal-Valur Ġust	Obbligazzjoni Abbażi tal-Valur Ġust	Assi Abbażi tal-Valur Ġust	Obbligazzjoni Abbażi tal-Valur Ġust
Livell 1: Prezzijiet ikkwotati fis-swieq attivi	—	—	—	—
Livell 2: Inputs osservabbli għajr il-prezzijiet ikkwotati	2	(2)	6	(4)
Livell 3: It-tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq	826	(2)	193	(1)
Total	828	(5)	199	(4)

Matul il-perjodu, ma kienx hemm trasferimenti bejn il-livell 1 u l-livell 2. Id-derivattivi fil-Livell 3 tal-Valur Ġust jinkludu prinċipalment garanziji fuq il-portafolli tal-ekwià.

Rikonċiljazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi mkejlin bl-użu ta' tekniki ta' valwazzjoni b'inputs mhux ibbażati fuq data osservabbli tas-suq (il-Livell 3)

(EUR miljuni)

Ċaqliq fil-valur ġust	
Assi/(obbligazzjoni) tal-bilanċ tal-ftuħ fl-1.1.2021	192
Talbiet għal ħlas ta' garanzija mħallsin	5
Talbiet għal ħlas ta' garanzija ritornati	(1)
Dħul saldat minn garanzija	(160)
Qligħ jew telf għall-perjodu f'surplus jew f'defiċit	788
Trasferimenti għal-livell 3	—

(EUR miljuni)

Ċaqliq fil-valur ġust	
Trasferimenti mil-livell 3	—
Oħrajn	—
Bilanċ tal-għeluq fil-31.12.2021	824

Il-qliġ nett għall-assi derivattivi tal-livell 3 miżmumin fi tmiem l-2021 kien ta' EUR 777 miljun. Dan l-ammont huwa ppreżentat bħala dħul finanzjarju u inkluż taħt "Qliġ fuq assi jew fuq obligazzjonijiet finanzjarji f'derivattivi FVSD" (ara n-nota 3.9).

2.5. PREFINANZJAMENT

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Mhux kurrenti			
Prefinanzjament	2.5.1	57 764	30 574
Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri	2.5.2	2 901	3 825
Kontribuzzjoni għall-Fondi Fiduċjarji		126	119
		60 792	34 519
Kurrenti			
Prefinanzjament	2.5.1	28 427	24 902
Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri	2.5.2	4 229	3 327
		32 656	28 229
Total		93 447	62 748

Il-livell ta' prefinanzjament fid-diversi programmi jrid ikun suffiċjenti biex jiġi żgurat il-finanzjament meħtieġ sabiex il-benefiċjarju jkun jista' jibda u javvanza l-proġett, filwaqt li jkun mħarsa wkoll l-interessi finanzjarji tal-UE u jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-restrizzjonijiet legali, operazzjonali u tal-kosteffettività.

Iż-żieda sinifikanti mis-sena ta' qabel hija primarjament riżultat tat-tnedija tal-istrument RRF (NGEU) fl-2021, fejn inizjalment tħallsu EUR 36,4 biljun fi prefinanzjament.

2.5.1. Prefinanzjament

(EUR miljuni)

	Ammont gross	Ikklijati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2021	Ammont gross	Ikklijati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2020
Ġestjoni kondiviża						
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn ta' żvilupp rurali	3 172	(208)	2 965	3 193	—	3 193
Il-FEŻR u l-FK	23 531	(4 571)	18 960	23 074	(3 846)	19 229

(EUR miljuni)

	Ammont gross	Ikklijrjati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2021	Ammont gross	Ikklijrjati permezz ta' dovuti	Ammont nett fil-31.12.2020
FSE	9 085	(1 823)	7 263	8 222	(1 348)	6 874
Oħrajn	4 836	(2 263)	2 572	4 192	(1 520)	2 672
	40 624	(8 865)	31 760	38 681	(6 713)	31 967
Ġestjoni Diretta						
<i>Implimentata minn:</i>						
il-Kummissjoni	46 494	(11 970)	34 525	17 031	(10 648)	6 382
li minnhom l-RRF (NGEU)	34 879	(4 065)	30 814	—	—	—
Aġenziji eżekuttivi tal-UE	23 931	(15 030)	8 901	18 565	(10 931)	7 633
Fondi fiduċjarji	1 140	(847)	293	1 121	(843)	278
	71 565	(27 847)	43 718	36 716	(22 423)	14 294
Ġestjoni Indiretta						
<i>Implimentata minn:</i>						
Aġenziji u korpi oħrajn tal-UE	1 657	(687)	971	1 243	(781)	462
Pajjiżi terzi	1 874	(1 261)	614	1 515	(1 043)	471
Organizzazzjonijiet internazzjonali	9 545	(5 955)	3 590	9 068	(6 020)	3 048
Entitajiet oħrajn	12 992	(7 453)	5 539	11 665	(6 432)	5 233
	26 069	(15 356)	10 713	23 491	(14 276)	9 215
Total	138 258	(52 068)	86 191	98 888	(43 412)	55 476
Mhux kurrenti	57 764	—	57 764	30 574	—	30 574
Kurrenti	80 494	(52 068)	28 427	68 314	(43 412)	24 902

Il-prefinanzjament jirrappreżenta l-flus imħallsin u, b'hekk, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament. Kif ġie spjegat fin-nota 1.5.7, dawn huma avvanzi u, għalhekk, għadhom ma ġewx iddebitati. B'hekk, filwaqt li l-prefinanzjament inaqqas l-impenji pendenti (ara n-nota 5.1), huwa jirrappreżenta l-ispejjeż li għadhom iridu jiġu aċċettati u rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja.

Għall-ġestjoni kondiviża, kważi l-prefinanzjament kollu huwa relatat mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Hemm prefinanzjament inizjali li mhux se jiġi kklirjat (jiġifieri rikonoxxut fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja) qabel l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni u jintwera bħala prefinanzjament mhux kurrenti.

Għall-qasam ta' koeżjoni, hemm ukoll prefinanzjament annwali li jiġi kklirjat fuq bażi annwali u li jintwera bħala prefinanzjament kurrenti. Pagamenti ġodda ta' prefinanzjament magħmula fil-qasam ta' koeżjoni jinkludu l-prefinanzjament annwali tal-2021 (EUR 7,3 biljun), iżda wkoll pagamenti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (EUR 0,8 biljun). Il-pagamenti l-ġodda ġew ikkontrobalanċjati bi kklirjar ta' bejn wieħed u ieħor valuri simili, għalhekk il-livell ta' prefinanzjament pendenti jibqa' stabbli għal dan il-qasam b'mod ġenerali.

Għall-ġestjoni diretta, l-akbar ammonti ta' prefinanzjament huma dawk relatati mal-appoġġ mhux rimborsabbli li jikkonċerna l-istrument RRF li beda fl-2021, ta' EUR 30,8 biljun netti fi tmiem is-sena. Ammonti sinifikanti oħrajn, EUR 8,5 biljun (2020: EUR 9,3 biljun), jirreferu għall-qasam tar-Riċerka (prinċipalment Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa, implimentati mill-aġenziji eżekuttivi tal-UE u mill-Kummissjoni).

Għall-ġestjoni indiretta, il-prefinanzjament ikopri prinċipalment programmi ta' politiki interni bħal Galileo u EGNOS (Programmi Spazjali), iżda wkoll strumenti relatati mal-Ewropa Globali (inklużi strumenti ta' viċinat, ta' żvilupp u ta' kooperazzjoni internazzjonali). L-aktar żieda notevoli fil-prefinanzjament taħt din l-intestatura hija relatata mal-Programmi Spazjali.

Garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament

Dawn huma garanziji li l-Kummissjoni titlob f'ċerti każijiet mingħand il-benefiċjarji li ma humiex Stati Membri, meta tħallas pagamenti bil-quddiem (prefinanzjament). Hemm żewġ valuri li jridu jiġu ddivulgati għal din ix-xorta ta' garanzija, il-valur "nominali" u dak "kurrenti". Għall-valur nominali, l-avveniment ġenerattiv huwa marbut mal-eżistenza tal-garanzija. Għall-valur kurrenti, l-avveniment ġenerattiv tal-garanzija huwa l-pagament tal-prefinanzjament magħmul kontra l-garanzija, imbagħad imnaqqas bl-ikklijar sussegwenti. Fil-31 ta' Diċembru 2021, il-valur nominali tal-garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament kien jammonta għal EUR 433 miljun, filwaqt li l-valur kurrenti ta' dawk il-garanziji kien ta' EUR 383 miljun (2020: EUR 466 miljun u EUR 402 miljun, rispettivament).

Ċerti ammonti ta' prefinanzjament imħallsin taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7) u taħt il-Programmi Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa huma effettivament koperti mill-Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Mutwa (Mutual Insurance Mechanism, MIM), li qabel kien magħruf bħala l-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF). L-MIM huwa strument ta' benefiċċju reċiproku stabbilit sabiex ikopri r-riskji relatati man-nuqqas ta' ħlas ta' ammonti mill-benefiċjarji matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti taħt dawk il-programmi. Il-parteċipanti kollha ta' azzjonijiet indiretti li jirċievu għotja mill-UE jikkontribwixxu 5 % tal-kontribuzzjoni massima tal-UE għall-kapital tal-MIM, li tiġi investita fis-swieq finanzjarji mill-Kummissjoni sabiex jiġi ġġenerat l-imgħax. L-imgħax jista' jintuża sabiex ikopri d-djun mhux onorati minn parteċipant inadempjenti favur l-Unjoni. Fi tmiem l-azzjoni indiretta, il-kontribuzzjonijiet jitħallsu lura lill-parteċipanti. L-UE (irrapreżentata mill-Kummissjoni) taġixxi bħala aġent eżekuttiv tal-parteċipanti tal-MIM, iżda l-fond huwa proprjetà tal-parteċipanti. Għalhekk, l-MIM huwa entità separata li ma hijiex konsolidata f'dawn il-kontijiet annwali tal-UE.

Fil-31 ta' Diċembru 2021, l-ammonti ta' prefinanzjament koperti mill-MIM kienu jammontaw għal total ta' EUR 2,4 biljun (2020: EUR 2,3 biljun). L-assi totali tal-MIM, inklużi l-assi finanzjarji ġestiti mill-Kummissjoni, ammontaw għal EUR 2,5 biljun (2020: EUR 2,4 biljun).

2.5.2. Avvanzi oħrajn lill-Istati Membri

	(EUR miljuni)	
	31.12.2021	31.12.2020
Avvanzi lil Stati Membri għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża	3 647	3 520
Skemi ta' Għajnuna	3 483	3 633
Total	7 130	7 153
Mhux kurrenti	2 901	3 825
Kurrenti	4 229	3 327

Avvanzi lil Stati Membri għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża

Taħt il-qafas tal-programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), huwa possibbli li jsiru pagamenti bil-quddiem mill-baġit tal-UE lill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-istrumenti finanzjarji (jiġifieri self, investimenti ta' ekwità jew inkella garanziji). Dawn l-istrumenti finanzjarji huma stabbiliti u ġestiti taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, mhux tal-Kummissjoni. Madankollu, il-flejjes li ma jintużawx minn dawn l-istrumenti fi tmiem is-sena huma l-proprjetà tal-UE (bħal bil-prefinanzjament kollu) u b'hekk huma ttrattati bħala assi fuq il-karta bilanċjali tal-UE.

Perjodu 2014-2020:

Skont il-politika ta' koeżjoni, mill-EUR 14 692 miljun imħallsin, huwa stmat li EUR 3 547 miljun ma kinux intużaw sal-31 ta' Diċembru 2021. Dan jinkludi l-kontribuzzjoni tal-Istati Membri lill-Inizjattiva tal-SMEs, strument immirat sabiex jstimula self addizzjonali mis-settur bankarju lill-SMEs (EUR 1 326 miljun imħallsin, minbarra l-ammonti li għadhom fil-prefinanzjament, li minnhom EUR 366 miljun huma stmati bħala li ma humiex użati).

Għall-iżvilupp rurali, sa tmiem is-sena kien hemm EUR 97 miljun li kienu għadhom ma ntużawx.

Perjodu 2007-2013:

L-ammonti kollha relatati mal-politika ta' koeżjoni huma meqjusin li ġew implimentati jew li ġew riallokati għal miżuri oħrajn, u għalhekk ma jifdal l-ebda assi fuq il-karta bilanċjali fil-31 ta' Diċembru 2021. Għandu jiġi nnotat li l-implimentazzjoni attwali mid-diversi strumenti se tiġi rieżaminata bħala parti mill-proċess tal-għeluq tal-programmi fis-snin li ġejjin.

Skemi ta' Għajnuna

Simili għal dak li ntqal hawn fuq, ammonti rimborsati li jikkorrespondu għal avvanzi mħallsin mill-Istati Membri għal diversi skemi ta' għajnuna (għajnuna mill-Istat, interventi fis-suq tal-FAEG jew miżuri ta' investiment tal-FAEŻR) li ma ntużawx sal-aħħar tas-sena huma rreġistrati bħala assi (avvanzi) fil-karta bilanċjali tal-UE. Il-Kummissjoni stmat il-valur ta' dawn l-avvanzi abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri; l-ammonti li rriżultaw huma inklużi taħt is-subintestatura Skemi ta' Għajnuna ta' hawn fuq.

Perjodu 2014-2020:

L-ammonti mhux użati fi tmiem is-sena kienu stmati għal EUR 1 768 miljun għall-politika ta' koeżjoni u EUR 1 649 miljun għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

Perjodu 2007-2013:

Huwa stmat li EUR 66 miljun imħallsin fil-kuntest tal-iżvilupp rurali baqgħu ma ntużawx sal-aħħar tal-2021.

2.6. RIĊEVIBBLI TA' SKAMBJU U REKUPERABBLI MHUX TA' SKAMBJU

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Mhux kurrenti			
Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	2.6.1	34 892	44 128
Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju	2.6.2	5 750	1 685
		40 642	45 813
Kurrenti			
Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	2.6.1	29 473	26 915
Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju	2.6.2	2 323	1 766
		31 796	28 681
Total		72 438	74 493

2.6.1. Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Mhux kurrenti			
Stati Membri	2.6.1.1	2 497	2 237
Ftehim dwar il- <i>Ħruġ tar-Renju Unit</i>	2.6.1.2	30 839	40 629
Introjtu dovut u imposti differiti	2.6.1.4	1 556	1 261
Rekuperabbli oħrajn		—	1
		34 892	44 128
Kurrenti			
Stati Membri	2.6.1.1	5 682	7 213
Ftehim dwar il- <i>Ħruġ tar-Renju Unit</i>	2.6.1.2	10 913	6 827
Multi tal-kompetizzjoni	2.6.1.3	11 698	11 295
Introjtu dovut u imposti differiti	2.6.1.4	1 097	787
Rekuperabbli oħrajn	2.6.1.5	83	792
		29 473	26 915
Total		64 365	71 043

2.6.1.1. Rekuperabbli mill-Istati Membri

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
Kontijiet A għal RPT	6 137	5 297
Kontijiet separati għal RPT	1 405	1 460
Riżorsi proprji li jridu jiġu riċevuti	15	2 188
Indeboliment	(875)	(892)
Oħrajn	—	—
Rekuperabbli tar-riżorsi proprji	6 683	8 053
<i>Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)</i>	1 525	1 378
<i>Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali</i>	668	720
Indeboliment	(843)	(837)
Ir-<i>rekuperabbli tal-FAEG u tal-Iżvilupp Rurali</i>	1 350	1 260
Irkupru tal-prefinanzjament	26	53
VAT imħallsa u rekuperabbli	45	35

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
Rekuperabbli oħrajn mill-Istati Membri	73	49
Total	8 178	9 450
<i>Mhux kurrenti</i>	2 497	2 237
<i>Kurrenti</i>	5 682	7 213

L-akbar ammont inkluż taħt mhux kurrenti huwa relatat ma' ammonti dovuti mill-Istati Membri, speċifikament EUR 2,1 biljun li jikkonċernaw il-każ ta' ksur tar-Renju Unit (UK) (spjegat hawn taħt). Bħal fis-snin ta' qabel, l-ammonti inklużi wkoll bħala mhux kurrenti huma ammonti relatati ma' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità mhux eżegwiti għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). L-ammonti relatati ma' dawn id-deċiżjonijiet qed jiġu rkuprati f'pagamenti parzjali annwali.

Rekuperabbli tar-riżorsi proprji

Il-“Kontijiet A” jirreferu għar-rapporti ta' kull xahar li fihom l-Istati Membri jikkomunikaw l-intitolamenti ta' Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) stabbiliti. It-tabella telenka l-ammonti tal-“Kontijiet A” li għadhom ma tħallsux lill-Kummissjoni. Ir-RPT huma prinċipalment dazji doganali li jinġabru mill-Istati Membri fisem il-Kummissjoni.

Il-“kontijiet A” kellhom tendenza li jkollhom livell fil-medda ta' EUR 3 biljun sa EUR 3,5 biljun fi tmiem is-sena. Madankollu, fis-sentejn li għaddeu, l-2021 kif ukoll l-2020, l-ammont totali inkluda l-ammonti addizzjonali tar-RPT relatati mal-każ ta' ksur tar-Renju Unit (ara hawn taħt) u ma' rapporti ta' spezzjoni oħrajn tar-RPT. Għalhekk, billi huwa applikabbli mgħax fuq ħlasijiet li jsiru tard ta' EUR 2,2 biljun (2020: EUR 1,7 biljun), daww l-ammonti huma rrapportati wkoll f'dawn il-kontijiet annwali (ara n-noti 2.6.2 u 3.9).

Fir-rigward tal-każ ta' ksur tar-Renju Unit, fit-8 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni Ewropea baġtet ittra ta' intimazzjoni (Ksur Nru 2018/2008) lir-Renju Unit, minħabba li dan naqas milli jagħmel l-ammont korrett ta' Riżorsi proprji tradizzjonali disponibbli għall-baġit tal-UE. Billi r-Renju Unit ma pprovdix tweġiba sodisfaċenti, la għall-ittra ta' intimazzjoni u lanqas għall-opinjoni motivata mibgħuta fl-24 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi l-ksur lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u ppreżentat l-applikazzjoni tagħha fis-7 ta' Marzu 2019. Il-każ oriġina frapport tal-OLAF tal-2017, li sab li l-importaturi fir-Renju Unit kienu evitaw ammont kbir ta' dazji doganali billi użaw fatturi fittizji u foloz u dikjarazzjonijiet mhux korretti tal-valur doganali fl-importazzjoni. Fuq il-bażi ta' metodoloġija żviluppata mill-OLAF u mill-JRC u tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni stmat li l-ksur mir-Renju Unit irriżulta, matul il-perjodu minn Novembru 2011 sa Ottubru 2017, f'telf għall-baġit tal-UE li jammonta għal EUR 2,1 biljun (nett, jiġifieri wara li jitnaqqsu l-kostijiet tal-għbir li għandhom jinżammu mir-Renju Unit mill-ammont gross ta' EUR 2,7 biljun). Fit-8 ta' Marzu 2022, il-Qorti ħarġet is-sentenza relatata u kkonfermat li r-Renju Unit kien kiser l-obbligi tiegħu li jipproteġi l-baġit tal-Unjoni. Madankollu, hija talbet lill-Kummissjoni sabiex terġa' tikkalkola l-ammont mitlub. Issa l-Kummissjoni se tivvaluta s-sentenza u, b'mod partikolari, il-kummenti tal-Qorti, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammonti inkwistjoni. Għalhekk, bħalissa qiegħda ssir analiżi legali u operazzjonali dettaljata, li l-konklużjonijiet tagħha għadhom ma humiex disponibbli. Għalhekk, kemm il-kapital ta' EUR 2,1 biljun kif ukoll l-imgħax ta' inadempjenza stmati ta' EUR 2,1 biljun dovuti sa tmiem l-2021 (meta mqabbel ma' EUR 1,6 biljun f'imgħax dovut u rikonoxxut sa tmiem l-2020) għadhom jiġu kklassifikati bħala assi fuq terminu twil, peress li din hija l-aħjar stima disponibbli.

Din is-sena, fil-31 ta' Diċembru 2021, ir-rekuperabbli jinkludu wkoll ammont ta' EUR 0,4 biljun f'telf stmat ta' RPT dovuti minn xi Stati Membri għall-importazzjonijiet ta' tessuti u ta' żraben miċ-Ċina b'valur ferm sottodikjarat. Dawn l-estimi huma soġġetti għal reviżjoni, b'mod partikolari wara s-sentenza tal-Qorti għall-kawża ta' ksur tar-Renju Unit.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni inkludiet fil-kontijiet riċevibbli ta' EUR 0,17 biljun għad-dazji doganali stabbiliti u imgħax fuq ħlasijiet li jsiru tard li huwa bbażat fuq l-aħħar informazzjoni disponibbli.

“Kontijiet separati” tirreferi għal intitolamenti stabbiliti li ma ġewx inklużi fil-“kontijiet A”, minħabba li ma ġewx irkuprati mill-Istati Membri u ma ġie pprovdut ebda titolu ta' sigurtà (jiġifieri garanzija) (jew ikun ġie pprovdut titolu ta' sigurtà iżda l-ammonti jkunu kkontestati). Dawn l-intitolamenti huma soġġetti għal indeboliment abbażi tal-informazzjoni pprovduta kull sena mill-Istati Membri. L-ammonti tal-indeboliment ġeneralment ikunu flivell simili fi tmiem kull sena, kif jidher fit-tabella.

“Riżorsi proprji li għandhom jiġu riċevuti” fl-2021 jirreferu għal rekuperabbli bħala riżultat tal-baġit emendatorju Nru 6/2021 adottat fl-24 ta' Novembru 2021. L-ammonti ddaħħlu mill-Istati Membri fl-ewwel jum ta' xogħol ta' Jannar 2022.

Ir-rekuperabbli tal-FAEG u tal-Iżvilupp Rurali

Din il-partita tkopri primarjament l-ammonti dovuti mill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2021, kif iddikjarati u ċċertifikati mill-Istati Membri fil-15 ta' Ottubru 2021. Tinhaġġ stima għar-rekuperabbli li jirriżultaw wara din id-dikjarazzjoni u sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-Kummissjoni qed tikkalkula wkoll tniżżil fil-valur tal-ammonti dovuti minn benefiċjarji, li aktarx ma jiġux irkuprati. Il-fatt li jsir dan l-aġġustament ma jfissirx li l-Kummissjoni qiegħda tirrinunzja l-irkupru ta' dawn l-ammonti fil-futur. Huwa inkluż ukoll tnaqqis ta' 20 % fl-aġġustament, li jikkorrispondi għal dak li l-Istati Membri jistgħu jżommu sabiex ikopru l-kostijiet amministrattivi.

2.6.1.2. Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit

Il-“Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika” (ref. 2019/C 384 I/01) (il-“Ftehim dwar il-ħruġ”) iffirmat bejn l-UE u r-Renju Unit jistabbilixxi diversi obbligi finanzjarji fuq iż-żewġ partijiet. Fil-31 ta' Diċembru 2021, ir-riċevibbli nett mir-Renju Unit abbażi ta' dawn l-obbligi ammonta għal EUR 41 753 miljun (2020: EUR 47 456 miljun), li minnhom EUR 10 913-il miljun għandhom jitħallsu fi żmien it-12-il xahar wara d-data tar-rapportar (2020: EUR 6 827 miljun):

	(EUR miljuni)				
	Artikolu 140	Artikolu 142	Oħrajn	31.12.2021	31.12.2020
Dovuti mir-Renju Unit	28 620	14 751	610	43 982	49 579
Dovuti lir-Renju Unit	—	—	(2 229)	(2 229)	(2 122)
Total	28 620	14 751	(1 618)	41 753	47 456
Mhux kurrenti	17 064	14 486	(711)	30 839	40 629
Kurrenti	11 556	265	(908)	10 913	6 827

Aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit (l-Artikolu 139)

Skont l-Artikolu 139, is-sehem tar-Renju Unit mill-obbligi finanzjarji li jirriżultaw mill-ftehim dwar il-ħruġ għandu jkun perċentwal ikkalkolat bħala l-proporzjon bejn ir-riżorsi proprji magħmulin disponibbli mir-Renju Unit fis-snin 2014 sa 2020 u r-riżorsi proprji magħmulin disponibbli matul dak il-perjodu mill-Istati Membri kollha u mir-Renju Unit. Dan kien ġie kkalkolat f'Marzu 2021 bħala 12,358072326018200 %. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 139, is-sehem irid jiġi aġġustat bl-ammont tal-bilanċi tal-VAT u tal-ING (2014-2020) ikkomunikat lill-Istati Membri qabel l-1 ta' Frar 2022. Għalhekk, is-sehem finali tar-Renju Unit ġie kkalkolat bħala 12,431681219587700 %. Wara l-aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit fir-rigward tal-kalkoli sottostanti għall-ammonti diġà fatturati lir-Renju Unit fl-2021, ammont addizzjonali ta' EUR 67 miljun ġie ffatturat lir-Renju Unit f'April 2022.

Pagamenti skont il-Ftehim dwar il-ħruġ

Il-mekkaniżmu ta' pagament li għandu jiġi applikat għall-obbligi previsti bejn iż-żewġ partijiet huwa stabbilit fl-Artikolu 148. Fil-qosor, l-UE tiffattura l-ammonti netti dovuti mir-Renju Unit f'April u f'Settembru ta' kull sena u r-Renju Unit iħallas dawn fuq bażi ta' kull xahar. L-ammonti rrapportati f'April ta' sena partikolari għandhom jitħallsu f'erba' pagamenti parzjali ta' kull xahar ugwali minn Ġunju sa Settembru ta' dik is-sena. L-ammonti rrapportati f'Settembru jridu jitħallsu fi tmien pagamenti parzjali ndaq ta' kull xahar minn Ottubru ta' dik is-sena sa Mejju tas-sena ta' wara. Peress li xi ammonti rrapportati bilfors li huma bbażati fuq previżjonijiet u fuq estimi, ir-rapportar jiġi aġġornat kull sena abbażi taċ-ċifri attwali.

Fl-2021, l-ammont totali rrapportat lir-Renju Unit skont l-Artikolu 136, u l-Artikoli 140 sa 147, kien ta' EUR 11 930 miljun, li minnhom EUR 3 763 miljun ġew irrapportati f'April 2021 u EUR 8 166 miljun ġew irrapportati f'Settembru 2021. Il-pagamenti totali riċevuti fl-2021 ammontaw għal EUR 6 826 miljun, li minnhom EUR 3 763 miljun kienu relatati mar-rapport ta' April (imħallsa f'erba' pagamenti parzjali ndaq fix-xahar fil-perjodu minn Ġunju sa Settembru 2021) u EUR 3 062 kienu relatati mar-rapport ta' Settembru (imħallsin fi tliet pagamenti parzjali ndaq fil-perjodu Ottubru sa Diċembru 2021):

(EUR miljuni)

	Rapport ta' April 2021 (dovuti u mħallsin minn Ġunju sa Settembru 2021)	Rapport ta' Settembru 2021: (dovuti u mħallsin minn Ottubru sa Diċembru 2021)	Total
Artikolu 140	3 696	3 054	6 750
Artikolu 142	—	11	11
Artikolu 136	230	18	247
Artikolu 147	21	—	21
	3 946	3 083	7 029
Artikolu 141	—	(20)	(20)
Artikolu 143	(93)	—	(93)
Artikolu 144	(46)	—	(46)
Artikolu 145	(37)	—	(37)
Artikolu 146	(7)	—	(7)
	(183)	(20)	(203)
Total	3 763	3 062	6 826

Il-bilanċ li jifdal tal-fattura ta' Settembru 2021 fl-aħħar tas-sena, li jammonta għal EUR 5 104 miljun, tħallas f'frames pagamenti parzjali ndaqs ta' kull xahar fil-perjodu minn Jannar sa Mejju 2022.

Artikolu 140 – Impenji Pendenti

Ir-Renju Unit impenja ruħu li jħallas lill-UE s-sehem tiegħu tal-impenji baġitarji pendenti fil-31 ta' Diċembru 2020 (l-hekk imsejħa "impenji pendenti tal-Brexit"), kif aġġustat mir-rekwiżiti tal-Artikolu 140. Fil-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont totali rikonoxxut bħala riċevibbli ammonta għal EUR 28 620 miljun (2020: EUR 34 966 miljun), li minnhom EUR 11 556 miljun huma pagabbli fi żmien 12-il xahar wara t-tmiem tas-sena. It-tabella li ġejja tippreżenta l-movimenti ewlenin bejn l-ammont totali rikonoxxut bħala riċevibbli fil-31 ta' Diċembru 2020 (ikkalkolat abbażi tas-sehem tar-Renju Unit mhux aġġustat) u l-ammont totali rikonoxxut bħala riċevibbli fil-31 ta' Diċembru 2021:

(EUR miljuni)

Ammont dovut mir-Renju Unit fil-31.12.2020 (ibbażat fuq sehem mhux aġġustat tar-Renju Unit)	34 966
Aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit	208
Ammont dovut mir-Renju Unit fil-31.12.2020 (ibbażat fuq sehem aġġustat tar-Renju Unit)	35 174
Korrezzjonijiet finanzjarji netti relatati mal-perjodi ta' programmazzjoni 2014–2020 jew preċedenti (inkluż aġġustament tat-tnaqqis tal-2020)	(58)
RPT relatati mal-2020 u maġħmula disponibbli lill-Unjoni fl-2021 (inkluż aġġustament tat-tnaqqis tal-2020)	(82)
Pagamenti netti riċevuti mir-Renju Unit fl-2021	(6 750)

(EUR miljuni)	
Aġġustament tan-nuqqas ta' implimentazzjoni stmat	337
Total	28 620
<i>Mhux kurrenti</i>	17 064
<i>Kurrenti</i>	11 556

It-tnaqqis minn sena għal sena tal-ammont totali rikonoxxut bħala riċevibbli ammonta għal EUR 6 346 miljun u kien dovut l-aktar għall-pagamenti riċevuti mir-Renju Unit fl-2021 (EUR 6 750 miljun).

L-aġġustament tal-ammont dovut mir-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru 2020, li jirriżulta f'żieda ta' EUR 208 miljun, jirrifletti l-aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit tal-impenji baġitarji aġġustati fil-31 ta' Diċembru 2020 li fuqhom jiġi applikat is-sehem tar-Renju Unit (EUR 216,7-il miljun). Inklużi wkoll huma l-aġġustamenti tat-tnaqqis inklużi fil-kontijiet Annwali tal-UE għall-2020 għall-korrezzjonijiet finanzjarji netti relatati mal-perjodi tal-programmi tal-2014-2020 jew daww preċedenti u r-RPT relatati mal-2020 u magħmulin disponibbli għall-Unjoni fl-2021 (EUR 2,4 miljun), u l-aġġustament tat-tnaqqis għan-nuqqas ta' implimentazzjoni stmat (EUR 6,0 miljun).

It-tnaqqis totali għall-korrezzjonijiet finanzjarji netti relatati mal-perjodi tal-programmi 2014-2020 jew daww preċedenti, li jammonta għal EUR 58,5 miljun, jinkludi l-ammonti fatturati f'Settembru 2021 li kienu għadhom ma ġewx inklużi fil-kontijiet annwali tal-2020 (EUR 34,8 miljun, li minnhom EUR 12,8-il miljun tħallsu mir-Renju Unit fil-perjodu bejn Ottubru u Diċembru 2021 u EUR 22,0 miljun minn Jannar sa Mejju 2022), l-aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit ta' dawn l-ammonti (EUR 0,2 miljun) u l-ammonti li għandhom jiġu fatturati f'Settembru 2022 u li huma pagabbli f'Ottubru sa Diċembru 2022 (EUR 23,5 miljun).

It-tnaqqis totali għar-RPT relatati mal-2020 u magħmulin disponibbli għall-Unjoni fl-2021, li jammonta għal EUR 82,0 miljun, jinkludi l-ammonti fatturati f'Settembru 2021 li kienu għadhom ma ġewx inklużi fil-kontijiet annwali tal-2020 (EUR 16,7-il miljun, li minnhom EUR 6,3 miljun tħallsu mir-Renju Unit fil-perjodu bejn Ottubru u Diċembru 2021 u EUR 10,4 miljun minn Jannar sa Mejju 2022), l-aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit ta' dawn l-ammonti (EUR 0,1 miljun), u l-ammonti fatturati f'April 2022 (EUR 65,2 miljun).

L-ammont li għandu jitħallas fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar (EUR 11 556 miljun), jinkludi l-bilanċ li jifdal tal-fattura ta' Settembru 2021 (EUR 5 090 miljun), l-ammont fatturat f'April 2022 (EUR 4 029 miljun) u l-ammont li għandu jiġi fatturat f'Settembru 2022 u pagabbli fil-perjodu Ottubru sa Diċembru 2022 (EUR 2 437 miljun). L-ammont fatturat f'April 2022 huwa magħmul minn EUR 3 280 miljun relatati mas-sehem tar-Renju Unit fl-implimentazzjoni tar-RAL stmati fl-2022, EUR 65,2 miljun għat-tnaqqis għal RPT, EUR 70,5 miljun għall-aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit tal-ammonti fatturati fl-2021, u EUR 743,6 miljun relatati mal-aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit tal-RAL minħabba l-implimentazzjoni fl-2021. L-ammont li għandu jiġi fatturat f'Settembru 2022 u pagabbli fil-perjodu minn Ottubru sa Diċembru 2022 huwa magħmul minn EUR 2 460 miljun relatati mas-sehem tar-Renju Unit tal-implimentazzjoni stmata tal-RAL fl-2022 u EUR 23,5 miljun relatati mat-tnaqqis għall-korrezzjonijiet finanzjarji netti.

Wara l-aġġornament tat-tbassir uffiċjali tal-Kummissjoni dwar id-diżimpenji tal-istokk kollu ta' impenji pendenti fil-31 ta' Diċembru 2020, l-ammonti tar-Renju Unit dovuti żdiedu bi EUR 337 miljun minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni stmat aġġornat.

Artikolu 142 – Obligazzjonijiet tal-Unjoni fi tmiem l-2020

Ir-Renju Unit impenja ruħu li jħallas lill-UE s-sehem tiegħu mill-obbligazzjonijiet tal-Unjoni fi tmiem l-2020 bl-eċċezzjoni tal-obbligazzjonijiet: (a) b'assi korrispondenti u (b) relatati mal-operat tal-baġit u mal-ġestjoni tar-riżorsi proprji (inklużi l-ammonti diġà koperti mill-impenji pendenti, ara l-Artikolu 140 aktar 'il fuq). Hawnhekk, l-ammont ewlieni jikkonċerna l-obbligazzjonijiet tal-UE tal-benefiċċji ta' wara l-impjeg (pensjonijiet u assigurazzjoni tal-mard) eżistenti fil-31 ta' Diċembru 2020.

Obbligazzjonijiet pendenti tal-2020 skont l-Artikolu 142(6)

(EUR miljuni)

	Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	31.12.2021	31.12.2020
Obbligazzjonijiet pendenti tal-2020	104 832	9 675	114 507	113 676
Sehem tar-Renju Unit	13 032	1 203	14 235	14 048
Kontribuzzjonijiet tal-PSEO/JSIS	227	8	236	0
Total	13 260	1 211	14 471	14 048
Mhux kurrenti	13 032	1 203	14 235	14 048
Kurrenti	227	8	236	0

Skont il-modalità ta' ħlas predefinita stabbilita fl-Artikolu 142(6), ir-Renju Unit jikkontribwixxi kull sena għall-pagamenti netti magħmulin mill-baġit tal-Unjoni fis-sena preċedenti lil kull benefiċjarju tal-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej (Pension Scheme of European Officials, PSEO) u għall-kontribuzzjoni relatata tal-baġit tal-Unjoni għar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) għal kull benefiċjarju jew persuna li tibbenefika permezz ta' benefiċjarju. Il-ħlas ta' dawn il-kontribuzzjonijiet annwali huwa skedat li jibda minn Ġunju 2022 (b'kull pagament parzjali annwali pagabbli f'erba' pagamenti parzjali kull xahar minn Ġunju sa Settembru tas-sena rispettiva).

Is-sehem aġġustat tar-Renju Unit tal-pagamenti netti magħmulin mill-baġit tal-Unjoni fl-2021 lill-benefiċjarji tal-PSEO u lill-JSIS ammonta għal EUR 227 miljun u għal EUR 8 miljun, rispettivament. Dawn l-ammonti ġew ikkomunikati lir-Renju Unit bħala parti mill-fattura ta' April 2022 (u għalhekk għandhom jitħallsu f'erba' pagamenti parzjali ugwali ta' kull xahar fil-perjodu minn Ġunju sa Settembru 2022).

Barra minn hekk, fil-31 ta' Diċembru 2021, l-obbligazzjonijiet pendenti tar-Renju Unit għall-2020 skont l-Artikolu 142(6), relatati mal-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO) u mar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) ammontaw għal EUR 13 032 miljun u għal EUR 1 203 miljun, rispettivament (2020: EUR 12 450 miljun u EUR 1 599 miljun). Iż-żieda għall-iskema PSEO kienet xprunata primarjament mit-telf attwarji mill-bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji – ara n-nota 2.9 għal aktar dettalji. Ta' min jinnota li fil-waqt li t-telf attwarju mill-bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji jħalli impatt fuq il-valur preżenti tal-obbligazzjonijiet pendenti tal-2020 ikkalkolati fuq il-bażi tal-IPSAS 39/EAR 12, huwa la jbidel l-ammont tal-benefiċċji li fil-fatt se jkollhom jitħallsu mill-UE, u lanqas, b'implikazzjoni, il-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit għal dawn il-pagamenti hekk kif dovuti skont il-mekkaniżmu ta' saldu awtomatiku tal-Artikolu 142(6).

Fil-31 ta' Diċembru 2021, ir-Renju Unit ma għamilx użu mill-għażla ta' saldu bikri li ttiprevedi l-ħlas tal-obbligazzjonijiet pendenti tal-PSEO u tal-JSIS tal-2020, ikkalkolati bl-użu ta' valwazzjonijiet attwarji magħmulin f'konformità mal-IPSAS 39/EAR 12, f'haimes pagamenti parzjali ndaqs skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 142(6), l-aħħar subparagrafu.

Obbligazzjonijiet pendenti tal-2020 skont l-Artikolu 142(5)

Skont l-Artikolu 142(5), ir-Renju Unit jikkontribwixxi għall-obbligazzjonijiet relatati mal-Iskemi l-oħrajn ta' rtirar (pensjoni) hekk kif dawn ġew irreġistrati fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2020 f'10 pagamenti parzjali li bdew fil-31 ta' Ottubru 2021 (b'kull pagament parzjali annwali pagabbli fi tmien pagamenti parzjali ta' kull xahar minn Ottubru sa Mejju tas-sena ta' wara). Dawn l-obbligazzjonijiet fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2020 ammontaw għal EUR 2 344 biljun, li rriżultaw f'seħem aġġustat ta' EUR 291 miljun għar-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru 2020. Meta jitqiesu l-ammonti riċevuti mir-Renju Unit matul l-2021, li jammontaw għal EUR 11-il miljun, is-seħem pendenti tar-Renju Unit mill-Iskemi l-oħrajn tal-irtirar (tal-pensjoni) naqas għal EUR 281 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021, li minnhom EUR 29 miljun għandhom jitħallsu fi żmien it-12-il xahar wara t-tmiem tas-sena.

Għal aktar informazzjoni dwar l-iskemi tal-benefiċċji tal-impjegati, jekk jogħġbok ara n-nota 1.5.10 u n-nota 2.9.

Oġġetti oħrajn

	(EUR miljuni)	
	31.12.2021	31.12.2020
Dovuti mir-Renju Unit:		
Artikolu 136	557	230
Artikolu 147	53	46
	610	275
Dovuti lir-Renju Unit:		
Artikolu 141	(1 818)	(1 766)
Artikolu 143	(163)	(93)
Artikolu 144	(73)	(46)
Artikolu 145	(148)	(183)
Artikolu 146	(27)	(33)
	(2 229)	(2 122)
Total	(1 618)	(1 847)
Mhux kurrenti	(711)	(1 894)
Kurrenti	(908)	47

L-Artikolu 136 – Dispożizzjonijiet applikabbli fir-rigward tar-riżorsi proprji

L-Artikolu 136 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet applikabbli wara l-31 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tar-riżorsi proprji. Ir-Renju Unit huwa intitolat li jirċievi jew obbligat iħallas, skont il-każ, is-sehem tiegħu fejn ir-riżorsi proprji relatati mas-snin finanzjarji sa tmiem l-2020 għandhom ikunu disponibbli, ikkoreġuti jew soġġetti għal aġġustamenti wara l-31 ta' Diċembru 2020. Barra minn hekk, huwa se jirċievi s-sehem tiegħu ta' aġġustamenti relatati man-nonparteċipazzjoni għas-sena 2020. Huwa wkoll soġġett għal kwalunkwe aġġustament tar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-ING relatati mas-snin finanzjarji sa tmiem l-2020. Dawn l-aġġustamenti tal-VAT u tal-ING se jiġu kkalkolati kull sena sal-31 ta' Diċembru 2028. L-aġġornamenti tal-korrezzjoni tar-Renju Unit tal-2018–2019 għandhom jitqiesu wkoll.

Ir-Renju Unit huwa meħtieġ iħallas ir-Riżorsi proprji tradizzjonali miġburin minnu wara t-28 ta' Frar 2021, iżda relatati mas-sena 2020 u mas-snin ta' qabel. Is-sehem tiegħu mit-total magħmul disponibbli minnu mbagħad jitnaqqas minn dan l-ammont. Il-kont separat għar-Riżorsi proprji tradizzjonali għandu jiġi likwidat kompletament fil-31 ta' Diċembru 2025.

L-ammont nett dovut mir-Renju Unit pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 557 miljun, li minnhom EUR 544 miljun se jkollu jitħallas lir-Renju Unit fi żmien it-12-il xahar wara t-tmiem tas-sena u EUR 1 101 miljun se jkollhom jithallu mir-Renju Unit wara:

	(EUR miljuni)
Ammont dovut mir-Renju Unit fil-31.12.2020	230
Aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit	(2)
Ammont fatturat lir-Renju Unit f'Settembru 2021	47
Pagamenti riċevuti fl-2021	(247)
Korrezzjoni tar-Renju Unit	(497)
Nonparteċipazzjoni	(105)

	(EUR miljuni)
Aġġustamenti tal-VAT u tal-ING (relatati mal-2020 u mas-snin ta' qabel)	1 101
Riżorsi proprji tradizzjonali netti tar-Renju Unit wara t-28 ta' Frar 2021	31
Ammont dovut mir-Renju Unit fil-31.12.2021	557
Mhux kurrenti	1 101
Kurrenti	(544)

Artikolu 141 – Multi

Ir-Renju Unit huwa intitolat għas-sehem tiegħu ta' multi deċiżi qabel l-31 ta' Diċembru 2020 kif ukoll dawk deċiżi mill-Unjoni wara l-31 ta' Diċembru 2020 fi proċedura msemija fl-Artikolu 92(1) meta dawn isiru definittivi. L-ammont ta' multi rilevanti tar-Renju Unit li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 13,8-il biljun (2020: EUR 14,3-il biljun). It-tnaqqis ta' EUR 0,5 biljun huwa prinċipalment dovut għaż-żieda fl-indeboliment ta' multi ta' EUR 0,9 biljun, kontrobalanċjata miż-żieda netta ta' EUR 0,3 biljun fil-multi (EUR 1,7 biljun f'multi maħruġin fl-2021 nieqes EUR 1,4 biljun f'multi kkonfermati u mħallsin, imnaqqsin jew imħassrin b'deċiżjonijiet tal-qorti matul l-2021). Is-sehem aġġustat tar-Renju Unit ta' dawn il-multi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 1,7 biljun (2020 (sehem mhux aġġustat): EUR 1,8 biljun), li minnhom ammont ta' EUR 80,8 miljun se jiġi inkluż fil-fattura ta' Settembru 2022 u jitħallas lir-Renju Unit fil-perjodu minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023. Barra minn hekk, ir-Renju Unit huwa intitolat għas-sehem aġġustat tar-Renju Unit ta' multi definittivi li kienu għadhom ma ġewx fatturati (EUR 69,2 miljun, li għandhom jiġu inklużi wkoll fil-fattura ta' Settembru 2022 u jitħallas lir-Renju Unit fil-perjodu Ottubru 2022 sa Mejju 2023), is-sehem mhux aġġustat tar-Renju Unit ta' multi definittivi li ġie fatturat f'Settembru 2021 iżda li għadu ma tħallasx fi tmiem is-sena (EUR 33,6 miljun, imħallsin lir-Renju Unit fil-perjodu minn Jannar sa Mejju 2022), u l-aġġustament tas-sehem tar-Renju Unit tal-multi li ġew fatturati f'Settembru 2021 (EUR 0,3 miljun, inklużi fil-fattura ta' April 2022 u pagabbli lir-Renju Unit fil-perjodu minn Ġunju sa Settembru 2022). Għalhekk, is-sehem totali ta' multi tar-Renju Unit jammonta għal EUR 1,8 biljun (2020: 1,8 biljun), li minnhom EUR 90,2 miljun għandhom jithallasu fi żmien it-12-il xahar wara d-data tar-rapportar (2020 (sehem mhux aġġustat): EUR 20 miljun).

Artikolu 143 – Obligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti: self għal assistenza finanzjarja, FEIS, EFSF u ELM

Skont dan l-Artikolu, ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli li jiffinanzja s-sehem tiegħu mill-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE fir-rigward tal-attivitàjiet mutwatarji, mutwanti u ta' garanzija tiegħu jekk dawn iseħħu u jekk ma jkunux koperti minn fondi ta' garanzija eżistenti – ara n-nota 4.1 għall-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati. L-UE se tirrimborża lir-Renju Unit ammonti li r-Renju Unit diġà kkontribwixxa għall-fondi ta' garanzija u li ma għadhomx aktar meħtieġa. Ir-Renju Unit għandu wkoll dritt għar-rimborżi minn operazzjonijiet li għalihom huwa jikkondividi l-obbligazzjoni. Fil-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont li għandu jitħallas lir-Renju Unit, kollu fit-12-il xahar li ġejjin, huwa ta' EUR 163 miljun (2020 (sehem mhux aġġustat): EUR 93 miljun).

Artikolu 144 – Strumenti finanzjarji

Skont dan l-Artikolu, l-UE impenjat ruħha li tirrimborża lir-Renju Unit is-sehem tagħha tar-rimborżi li jirriżultaw minn operazzjonijiet finanzjarji approvati sad-data tal-ħruġ, kif ukoll is-sehem tagħha tal-iżborżi magħmula għal operazzjonijiet finanzjarji approvati wara d-data tal-ħruġ. Fil-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont li għandu jitħallas lir-Renju Unit, kollu fit-12-il xahar li ġejjin, huwa ta' EUR 73 miljun (2020 (sehem mhux aġġustat): EUR 46 miljun).

Artikolu 145 – Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'Likwidazzjoni

Ir-Renju Unit huwa intitolat għas-sehem tiegħu mill-assi netti tal-KEFA f'Likwidazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020, li għandu jitħallas lura f'ħames pagamenti parzjali fit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, mill-2021. L-assi netti tal-KEFA f'Likwidazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020 ammontaw għal EUR 1,5 biljun li minnhom is-sehem aġġustat tar-Renju Unit huwa ta' EUR 184 miljun (2020 (sehem mhux aġġustat): EUR 183 miljun). Wara l-ħlas tal-ewwel pagament parzjali ta' EUR 37 miljun fl-2021, l-ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 148 miljun, li minnhom EUR 37 miljun għandhom jithallasu fi żmien 12-il xahar wara d-data tar-rapportar.

Artikolu 146 – Investiment fil-Fond Ewropew tal-Investment (FEI)

Ir-Renju Unit huwa intitolat għas-sehem tiegħu mill-investment tal-UE fil-kapital azzjonarju mħallas tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2020, li għandu jitħallas lura f'fames pagamenti parzjali fit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, mill-2021. L-investment tal-UE fil-kapital azzjonarju mħallas tal-FEI fil-31 ta' Diċembru 2020 kien ta' EUR 267 miljun li minnhom is-sehem aġġustat tar-Renju Unit huwa ta' EUR 33 miljun (2020 (sehem mhux aġġustat): EUR 33 miljun). Wara l-ħlas tal-ewwel pagament parzjali ta' EUR 7 miljun, l-ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021 kien ta' EUR 27 miljun, li minnhom EUR 7 miljun iridu jitħallsu fi żmien 12-il xahar wara d-data tar-rapportar.

Artikolu 147 – Kawżi legali

Ir-Renju Unit impenja ruħu li jikkontribwixxi s-sehem tiegħu tal-pagamenti tal-UE li jirriżultaw minn kawżi legali li jikkonċernaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li jsiru dovuti, dment li l-fatti li jiffurmaw is-suġġett ta' dawk il-każijiet ikunu seħħew mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. Meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet u d-dovuti fi tmiem is-sena, kif ukoll il-pagamenti attwali magħmulin mill-UE għall-kawżi legali fl-2021 (minbarra dawk diġà rrapportati lir-Renju Unit u mħallsin minnu fl-2021), l-ammont stmat li r-Renju Unit se jkollu jħallas huwa ta' EUR 53 miljun (2020 (sehem mhux aġġustat): EUR 46 miljun), li minnhom EUR 6 miljun għandhom jitħallsu fi żmien 12-il xahar wara d-data tar-rapportar.

2.6.1.3. Rekuperabbli mill-multi tal-kompetizzjoni

	(EUR miljuni)	
	31.12.2021	31.12.2020
<i>Ammont gross tal-ammonti rekuperabbli minn multi</i>	14 922	14 503
<i>Ħlasijiet provviżorji</i>	(2 100)	(3 023)
<i>Indeboliment</i>	(1 125)	(186)
Total	11 698	11 295
<i>Mhux kurrenti</i>	—	—
<i>Kurrenti</i>	11 698	11 295

Il-kumpaniji mmultati li nedew jew li qed jippjanaw li jniedu appell għandhom għażla li jagħmlu pagamenti provviżorji jew li jipprovdu garanziji bankarji lill-Kummissjoni. Għat-total tal-multi pendenti fi tmiem is-sena, EUR 2 100 miljun (2020: EUR 3 023 miljun) ġew riċevuti bħala pagamenti provviżorji filwaqt li EUR 11 067 miljun (2020: EUR 11 004 miljun) f'garanziji ġew riċevuti.

L-ammonti mniżżlin fil-valur minħabba indeboliment jirriflettu l-valutazzjoni każ b'każ mill-Kummissjoni tal-ammonti ta' multi mhux imsarrfin jew mhux koperti b'garanzija, li l-Kummissjoni tistenna li ma hijiex se tirkupra.

Obbligazzjoni kontinġenti tiġi ddikjarata għall-possibbiltà li l-ammonti mħallsin b'mod provviżorju jkollhom jitħallsu lura lill-kumpaniji mmultati – ara n-nota **4.2.1**.

2.6.1.4. Introjtu dovut u imposti differiti

	(EUR miljuni)	
	31.12.2021	31.12.2020
<i>Introjtu dovut</i>	2 313	1 755
<i>Nefqa differita relatata ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju</i>	340	293
Total	2 653	2 048

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
<i>Mhux kurrenti</i>	1 556	1 261
<i>Kurrenti</i>	1 097	787

L-introjtu dovut jinkludi EUR 2 biljun (2020: EUR 1,7 biljun) li l-Kummissjoni tistenna li tirkupra fil-qasam tal-koeżjoni bħala riżultat tal-eżaminazzjoni u tal-aċċettazzjoni tal-kontijiet annwali ppreżentati mill-Istati Membri. L-akbar parti ta' dan l-ammont (EUR 1,2 biljun) hija mistennija li tiġi rkuprata fl-għeluq tal-programmi sottostanti biss (bħala konsegwenza tal-miżuri tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus) u, għalhekk, ikklassifikata bħala mhux kurrenti. Tinkludi wkoll EUR 0,3 biljun li jikkonċernaw il-każ ta' sottovalwazzjoni msemmi fin-nota **2.6.1.1**, speċifikament l-estimi li għadhom ma tħallsux b'mod provviżorju mill-Istati Membri.

2.6.1.5. Rekuperabbli oħrajn

EUR 744 miljun li jirriżultaw mit-trasferiment tal-fondi mhux minfuqin tal-NER300 għall-Fond għall-Innovazzjoni li kienu għadhom ma ġewx irkuprati mill-BEI fi tmiem l-2020, u inklużi f'rekuperabbli oħrajn fi tmiem l-2020, ġew irkuprati matul l-2021 – ara n-nota **2.4.2.1**.

2.6.2. Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
Mhux kurrenti		
<i>Komponent tar-riċevibbli ta' garanziji finanzjarji</i>	2 630	—
<i>Imgħax fuq ħlas li jsir tard</i>	3 052	1 641
<i>Riċevibbli oħrajn</i>	68	44
	5 750	1 685
Kurrenti		
<i>Komponent tar-riċevibbli ta' garanziji finanzjarji</i>	485	—
<i>Klijenti</i>	302	324
<i>Indeboliment fuq ir-riċevibbli mingħand il-klijenti</i>	(172)	(188)
<i>Nefqa differita relatata ma' tranżazzjonijiet ta' skambju</i>	236	345
<i>Imgħax fuq ħlas li jsir tard</i>	1 127	1 085
<i>Oħrajn</i>	345	200
	2 323	1 766
Total	8 073	3 450

L-imgħax mhux kurrenti fuq ħlas li jsir tard jikkonċerna l-każijiet ta' sottovalwazzjoni msemmijin fin-nota **2.6.1.1** (EUR 1,8 biljun huma relatati mar-Renju Unit u l-ammont li jifdal ta' EUR 1,3 biljun huwa relatat mal-Istati Membri l-oħrajn), filwaqt li l-imgħax kurrenti fuq ħlas li jsir tard jikkonċerna prinċipalment l-introjtu dovut li jirriżulta mir-rapporti ta' spezzjoni tar-RPT u mill-imgħax dovut fuq garanziji pprovduti minn kumpaniji mmultati.

Il-komponent tar-riċevibbli ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji jirrappreżenta l-valur preżenti tal-primjums li għandhom jiġu riċevuti bħala remunerazzjoni għall-garanziji mogħtijin mill-UE. Il-maġġoranza tal-garanziji tal-UE ma humiex remunerati jew issussidjati. Għalhekk, ir-riċevibbli huwa ferm iżgħar mill-obbligazzjoni tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji (ara n-nota **2.11.2**). Eċċezzjoni ta' din ir-regola hija l-garanzija tal-FEIS li fl-2021 kienet tikkostitwixxi 94 % tal-komponent tar-riċevibbli tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja, segwita mill-parti tal-mandat ta' self lis-settur privat, imdaħħla mill-ġdid

fil-garanzija tal-UE tal-mandat ta' self estern lill-BEI (ELM) li fl-2021 kienet tammonta għal EUR 106 miljun, u minn Orizzont 2020 għal EUR 59 miljun. Mill-ammont totali ta' EUR 3 115-il miljun tal-komponent tar-riċevibbli tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2021, EUR 3 113-il miljun huma kklassifikati bħala assi finanzjarji mkejlin abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (il-Livell tal-valur ġust 3). Meta mqabbel mal-bilanċ tal-ftuħ ta' EUR 3 484 miljun fl-1 ta' Jannar 2021, b'kolloxx il-komponent tar-riċevibbli naqas bi EUR 357 miljun minħabba saldi fl-2021 u bi EUR 12-il miljun oħrajn minħabba anqas primjums futuri milli mistenni.

2.7. INVENTARJI

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
Materjali xjentifiċi	58	59
Oħrajn	26	21
Total	84	80

2.8. IL-FLUS U L-EKWIVALENTI TAL-FLUS

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Kontijiet ma' Teżori u Banek Ċentrali		20 121	11 342
Kontijiet kurrenti		453	80
Kontijiet tal-impres		8	8
Trasferimenti (flus fi tranżitu)		—	0
Kontijiet bankarji għall-implimentazzjoni tal-baġit	2.8.1	20 582	11 430
NGEU	2.8.2	18 027	—
Strumenti finanzjarji	2.8.3	2 838	2 446
Multi	2.8.4	1 953	1 458
Istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħrajn		1 396	1 362
Fondi fiduċjarji		65	46
Total		44 860	16 742

2.8.1. Kontijiet bankarji għall-implimentazzjoni tal-baġit

Din l-intestatura tkopri l-fondi li l-Kummissjoni żżomm fil-kontijiet bankarji tagħha f'kull Stat Membru u f'pajjiż tal-EFTA (teżor jew bank ċentrali), kif ukoll f'kontijiet kurrenti ta' banek kummerċjali, kontijiet tal-impres u ammonti żgħar ta' flus kontanti. Il-bilanċ tat-teżor fi tmiem l-2021 huwa xprunat mill-elementi prinċipali li ġejjin:

- Ammont ta' EUR 14,4-il biljun mhux implimentat fi tmiem is-sena, li minnhom EUR 8,6 biljun huma relatati ma' dħul assenjat, EUR 1,4 biljun huma relatati ma' krediti tal-NGEU u EUR 4,4 biljun huma relatati ma' approprjazzjonijiet ta' pagament (inklużi EUR 1,4 biljun tal-FAEG);
- Ammont ta' EUR 2,2 biljun li jappartjeni għat-teżori tal-aġenziji ġestiti mill-Kummissjoni li ma jkunx intefaq fi tmiem is-sena;

- Ammont ta' EUR 1,7 biljun f'Riżorsi proprji tradizzjonali addizzjonali msarraġ u li ma ġiex allokat fil-baġit; u
- Ammont ta' EUR 1,1 biljun f'multi definitivi li għadu ma ġiex ibbaġitjat.

2.8.2. NGEU

L-NGEU jżomm flus f'kont bankarju fil-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Bl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata fl-istrument NGEU – ara n-nota **2.11** – il-bilanċ tal-flus fl-istrument NGEU huwa sostanzjali u laħaq it-EUR 18-il biljun fil-31 ta' Diċembru 2021. Il-bilanċ għoli ta' flus jinżamm bl-objettiv li jiġi żgurat li l-ammonti miżmumin fil-kont bankarju tal-NGEU jkunu biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha ta' żborż li ġejjin u sabiex tinżamm riżerva ta' sikurezza definita filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe bilanċ eċċessiv.

2.8.3. Strumenti finanzjarji

L-ammonti murijin taħt din l-intestatura huma primarjament relatati ma' ekwivalenti ta' flus ġestiti mill-fiduċjarji fisem il-Kummissjoni għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' programmi partikolari ta' strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE: EUR 1,8 biljun fil-31 ta' Diċembru 2021, li minnhom EUR 0,6 biljun huma relatati mal-Faċilità ta' Garanzija COSME – ara n-nota **4.1.3**. Tinkludi wkoll flus u ekwivalenti ta' flus miżmumin fis-CPF u li għadhom ma ġewx investiti f'titoli fi tmiem is-sena (EUR 1 biljun fil-31 ta' Diċembru 2021) u l-flus li jappartjenu għall-Fond għall-Innovazzjoni ġestiti mill-BEI – ara n-nota **2.4.2.1**. Din l-intestatura ma tkoprix ir-riżerva ta' likwidità relatata mas-CPF (EUR 91,6 biljun fil-31 ta' Diċembru 2021), li tinżamm fit-teżor ċentrali tal-Kummissjoni. Il-flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji jistgħu jintużaw biss fil-programmi kkonċernati.

2.8.4. Multi

Dawn huma primarjament flus riċevuti b'konnessjoni mal-multi maħruġin mill-Kummissjoni li għalihom il-każ għadu miftuħ. Dawn l-ammonti jinżammu f'kontijiet ta' depożitu speċifiċi li ma jintużawx għal attivitajiet oħrajn. Meta jkun tressaq appell jew meta ma jkunx magħruf jekk huwiex se jittressaq appell mill-kumpanija mmultata, l-ammont sottostanti jintwera bħala obbligazzjoni kontinġenti fin-nota **4.2.1**. Mill-2010, il-multi sussegwenti kollha msarrfin b'mod provviżorju bdew jiġu ġestiti mill-Kummissjoni fil-fond BUFI u investiti fi strumenti finanzjarji kategorizzati bħala assi finanzjarji fl-FVSD mhux derivattivi (ara n-nota **2.4.2**). Iż-żieda ta' flus relatati mal-multi fi tmiem is-sena 2021 hija dovuta għal bilanċ ta' flus ogħla miżmum fil-BUFI meta mqabbel mal-aħħar tas-sena 2020. Ta' min jinnota li wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-UE fil-kawża Intel Corporation vs Il-Kummissjoni f'Jannar 2022, fi Frar 2022 il-Kummissjoni rrimborżat ammont ta' EUR 1 060 miljun li qabel kien tħallas b'mod provviżorju minn Intel.

OBBLIGAZZJONIJIET

2.9. PENSJONI U BENEFIĊĠI OĦRAJN TAL-IMPJEGATI

2.9.1. Obbligazzjoni ta' skema ta' benefiċċji netti tal-impjegati

(EUR miljuni)

	Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	31.12.2021 Total	31.12.2020 Total
Obbligu ta' Benefiċċju Definit	109 679	2 600	10 647	122 926	116 468
Assi tal-pjan	M/A	(74)	(386)	(460)	(448)
Obbligazzjoni netta	109 679	2 526	10 261	122 466	116 020

Iż-żieda fl-obbligazzjoni totali tal-benefiċċji tal-impjegati hija primarjament xprunata miż-żieda fl-obbligazzjoni netta tal-Iskema ta' Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej (PSEO), l-akbar skema fis-seħħ. Din l-obbligazzjoni tal-PSEO żdiedet prinċipalment minħabba t-telf attwarju mill-bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji sottostanti (ara n-nota **2.9.4**). Dan kien xprunat minn żieda fir-rata tal-inflazzjoni, li wasslet għal tnaqqis fir-rata ta' skont reali. Ir-rata ta' skont reali baqgħet negattiva għat-tielet sena konsekuttiva – li jfisser li kwalunkwe ammont partikolari fil-futur kompli jiswa aktar illum milli

meta fil-fatt iseħħ fil-futur. Ta' min jinnota li filwaqt li tnaqqis fir-rata ta' skont reali jħalli impatt fuq id-daqs tal-obbligazzjoni, huwa ma jbidilx l-ammont tal-benefiċċji li fil-fatt se jkollhom jitħallsu mill-baġit tal-UE lill-benefiċjarji fis-snin futuri. Barra minn hekk, id-drittijiet dovuti matul is-sena minħabba servizz huma ogħla mill-benefiċċji mħallsin matul is-sena. Hemm ukoll żieda minħabba l-kost tal-imgħax annwali (it-tħollija tal-iskontar tal-obbligazzjoni) kif ukoll telf attwarju mill-esperjenza.

Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej

Dan l-obbligu tal-benefiċċju definit jirrappreżenta l-valur preżenti ta' pagamenti futuri mistennija li l-UE hija meħtieġa tagħmel sabiex issalda l-obbligi ta' pensjoni li jirriżultaw mis-servizz tal-impjegati fil-perjodi kurrenti u ta' qabel. L-iskema għadha għaddeja u, bħala tali, il-pagamenti kollha meħtieġa li jridu jsiru mill-iskema fuq bażi annwali jiġu inklużi fil-baġit tal-UE kull sena.

F'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ħlas tal-benefiċċji previsti fl-iskema tal-pensjoni tal-persunal hu impost fuq il-baġit tal-UE. L-iskema hija ffinanzjata b'mod figurattiv, u l-Istati Membri jiggarantixxu l-ħlas ta' dawn il-benefiċċji b'mod kollettiv. Mis-salarji bażiċi tal-membri attivi titnaqqas kontribuzzjoni tal-pensjoni obligatorja, li bħalissa hija ta' 10,1%. Dawn il-kontribuzzjonijiet huma ttrattati bħala dhuġ tal-baġit għas-sena u jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-infiq tal-UE b'mod ġenerali, ara wkoll in-nota 3.8.

L-obbligazzjonijiet tal-iskema tal-pensjoni ġew ivvalutati abbażi tan-numru ta' membri tal-persunal tal-PSEO (membri tal-persunal attivi, persuni ritirati, dawġ li qabel kienu membri tal-persunal attivi u li issa qegħdin fuq invalidità, kif ukoll dipendenti ta' membri tal-persunal deċeduti) fil-31 ta' Diċembru 2021 u abbażi tar-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli f'din id-data. Din il-valwazzjoni twettqet f'konformità mad-dispożizzjonijiet kontabilistiċi tal-IPSAS 39 (u għalhekk anki mar-regola kontabilistika tal-UE nru 12).

Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn

Din tirreferi għall-obbligazzjoni li tirrigwardja l-obbligi tal-pensjonijiet fil-konfront tal-Membri u tal-eks-Membri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, u tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kunsill, tal-Ombudsman Ewropew u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. F'din l-intestatura hemm inklużi wkoll obbligazzjonijiet relatati mal-pensjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard

Barra mill-iskemi ta' benefiċċji għall-irtirar ta' hawn fuq, issir valutazzjoni għall-obbligazzjoni stmata li għandha l-UE rigward ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) fir-rigward tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa li jridu jitħallsu matul il-perjodi ta' wara l-attività (netti mill-kontribuzzjonijiet tagħhom). Kif iddikjarat fin-nota 1.5.10, il-kalkolu ta' din l-obbligazzjoni jqis il-perjodu tas-servizz attiv sħiħ, filwaqt li jiżgura li kemm l-iskema ta' pensjonijiet kif ukoll l-iskema tal-assigurazzjoni tal-mard tal-pjan ta' wara l-impjieg tal-persunal jiġu kontabilizzati b'mod konsistenti.

Meta wieħed iqis l-obbligu li tiġi ppreżentata b'mod leali s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni sottostanti kif rikjest kemm mill-EAR kif ukoll mill-IPSAS, l-IPSAS 39 ma ġiex interpretat f'sens aktar strett meta ġew attribwiti l-benefiċċji għall-perjodi ta' servizz. Li kieku l-kost tas-servizz kellu jsir dovut għall-iskema JSIS bis-sħiħ fuq 10 snin għall-uffiċjali kollha, minflok għall-perjodu tas-servizz attiv tal-impjegat, l-impatt ta' approċċ bħal dan fuq l-obbligu tal-benefiċċju definit fi tmiem is-sena jkun żieda ta' EUR 3,1 biljun. Madankollu, kif diġà indikat, dan l-approċċ aktar strett ma jkunx kompatibbli mal-karatteristika kwalitattiva tar-rappreżentazzjoni leali, u għalhekk ma jkunx meqjus bħala li jipprovi informazzjoni affidabbli f'konformità mal-EAR 1 u mal-Qafas Kunċettwali tal-IPSAS. Din l-istima hija sensitiva ħafna għall-evoluzzjoni tal-istatus amministrattiv tal-persunal attwali (b'mod partikolari l-għadd ta' membri b'kuntratt għal żmien fiss li wieħed jassumi li se jsiru uffiċjali fil-futur).

2.9.2. Moviment fil-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit fir-rigward tal-benefiċċji tal-impjegati

Il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit huwa l-pagamenti futuri mistennija skontati meħtieġa biex jiġi saldat l-obbligu li jirriżulta mis-servizz tal-impjegati fil-perjodi kurrenti u ta' qabel.

Hawn taħt hija ppreżentata analiżi taċ-ċaqliq tas-sena kurrenti fl-obbligu tal-benefiċċju definit:

(EUR miljuni)

	Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	Total
Il-valur preżenti fil-31.12.2020	100 741	2 438	13 289	116 468
Rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja				
Kost tas-servizz attwali	4 095	110	363	4 567
Kost tal-imgħax	401	5	66	473
Kost tas-Servizz Passat	—	—	—	—
Rikonoxxuti fl-assi netti				
Kejl mill-ġdid f'obbligazzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati (Qligħ)/telf attwarju minn esperjenza	1 457	26	(209)	1 273
(Qligħ)/telf attwarju minn suppożizzjonijiet demografiċi	—	—	—	—
(Qligħ)/telf attwarju minn suppożizzjonijiet finanzjarji	4 787	90	(2 774)	2 103
Oħrajn				
Benefiċċji mħallsin	(1 801)	(69)	(88)	(1 957)
Il-valur preżenti fil-31.12.2021	109 679	2 600	10 647	122 926

Il-kost tas-servizz attwali huwa ż-żieda fil-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit li jirriżulta mis-servizz tal-membri kurrenti fil-perjodu kurrenti.

Il-kost tal-imgħax jirreferi għaż-żieda matul il-perjodu fil-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit minħabba li l-benefiċċji huma perjodu wieħed eqreb lejn is-saldu.

Il-qligħ u t-telf attwarjali mill-esperjenza jirreferu għall-effetti ta' differenzi bejn dak li kien mistenni skont is-suppożizzjonijiet li saru s-sena l-oħra għall-2021 u dak li verament seħħ fl-2021.

Il-qligħ u t-telf attwarjali mill-bidliet fil-valuri tas-suppożizzjonijiet attwarjali (varjabbli demografiċi bħad-dawran tal-impjegati u l-mortalità u varjabbli finanzjarji bħar-rati ta' skont u ż-żidiet mistennija fis-salarji) jirriżultaw meta dawn is-suppożizzjonijiet jiġu aġġornati sabiex ikunu jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet sottostanti.

Il-benefiċċji (pereżempju, pensjonijiet jew rimborżi ta' kostijiet mediċi) jitħallsu matul is-sena skont ir-regoli tal-iskema. Dawn il-benefiċċji mħallsin iwasslu għal tnaqqis fl-obbligu ta' benefiċċju definit.

2.9.3. Assi tal-pjan

(EUR miljuni)

	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	Total
Il-valur preżenti fil-31.12.2020	94	354	448
Moviment nett fl-assi tal-pjan	(20)	32	12

(EUR miljuni)

	Skemi ta' benefiċċji tal-irtirar oħrajn	Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard	Total
Il-valur preżenti fil-31.12.2021	74	386	460

2.9.4. Suppożizzjonijiet attwarjali – benefiċċji tal-impjegati

Is-suppożizzjonijiet attwarjali prinċipali użati fil-valwazzjoni taż-żewġ skemi ewlenin ta' benefiċċji għall-impjegati tal-UE huma murija hawn taħt:

	2021	2020
Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej		
<i>Ir-rata ta' skont nominali</i>	1,0 %	0,4 %
<i>Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija</i>	2,0 %	1,2 %
<i>Rata ta' skont reali</i>	(1,0) %	(0,8) %
<i>Ir-rata mistennija ta' żidiet fis-salarju fil-futur</i>	1,8 %	1,8 %
<i>Tendenzi fir-rati tal-kost mediku</i>	M/A	N/A
<i>Età tal-irtirar</i>	63/64/66	63/64/66
Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard		
<i>Ir-rata ta' skont nominali</i>	1,0 %	0,5 %
<i>Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija</i>	2,0 %	1,3 %
<i>Rata ta' skont reali</i>	(1,0) %	(0,8) %
<i>Ir-rata mistennija ta' żidiet fis-salarju fil-futur</i>	1,9 %	1,8 %
<i>Tendenzi fir-rati tal-kost mediku</i>	2,5 %	2,6 %
<i>Età tal-irtirar</i>	63/64/66	63/64/66

Ir-rati ta' mortalità għall-2021 huma bbażati fuq it-Tabella tal-UE dwar il-Ħajja tal-Impjegati taċ-Ċivil – EULT 2018.

Ir-rata ta' skont nominali hija ddeterminata bħala l-valur tar-rendiment tat-titoli f'euro "zero coupon" (b'maturità ta' 23 sena minn Diċembru 2021 għall-PSEO, u ta' 25 sena għar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard). Ir-rata tal-inflazzjoni użata tkun ir-rata tal-inflazzjoni mistennija matul il-perjodu ekwivalenti. Hija trid tiġi ddeterminata b'mod empiriku, abbażi tal-valuri prospettivi kif espressi mill-bonds marbuta mal-indiċi fuq is-swieq finanzjarji Ewropej. Ir-rata ta' skont reali tiġi kkalkolata mir-rata ta' skont nominali u mir-rata ta' inflazzjoni mistennija fit-tul.

Filwaqt li fl-2021 ir-rati nominali bdew jirkupraw mit-tnaqqis osservat qabel, l-impatt miż-żieda tagħhom kien ibbilanċjat minn żieda sinifikanti fis-suppożizzjoni tar-rata tal-inflazzjoni. Dan irriżulta fi tnaqqis kumplessiv fir-rata ta' skont reali, u b'hekk kompli x-xejra negattiva u kkontribwixxa għat-telf attwarjali mis-suppożizzjonijiet finanzjarji fis-sena.

2.9.5. Analiżi tas-sensittività

L-analiżi tas-sensittività hija bbażata fuq simulazzjonijiet li jibdlu, b'kull ħaġa oħra tkun ugwali, il-valur tas-suppożizzjonijiet ikkonċernati.

Sensittività tal-Iskema ta' Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej

Bidla ta' għaxar punti bażi (0,1 %) fir-rata ta' skont preżunta jkollha l-effetti li ġejjin:

(EUR miljuni)

	2021		2020	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
Obbligu ta' benefiċċju definit	(2 464)	2 544	(2 247)	2 319

Bidla ta' għaxar punti bażi (0,1 %) fiż-żidiet mistennija fis-salarju jkollha l-effetti li ġejjin:

(EUR miljuni)

	2021		2020	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
Obbligu ta' benefiċċju definit	2 414	(2 345)	2 206	(2 143)

Bidla ta' sena fl-età ta' rtirar preżunta jkollha l-effetti li ġejjin:

(EUR miljuni)

	2021		2020	
	Żieda ta' sena	Tnaqqis ta' sena	Żieda ta' sena	Tnaqqis ta' sena
Obbligu ta' benefiċċju definit	(1 155)	1 527	(1 104)	1 417

Sensittività tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard

Bidla ta' għaxar punti bażi fir-rati tax-xejriet tal-kostijiet mediċi preżunti jkollha l-effetti li ġejjin:

(EUR miljuni)

	2021		2020	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
<i>L-aggregat tal-kost tas-servizz attwali u l-komponenti tal-kost tal-imgħax tal-kostijiet mediċi netti perjodiċi ta' wara l-impjeg</i>	13	(12)	15	(14)
Obbligu ta' benefiċċju definit	317	(307)	397	(385)

Bidla ta' għaxar punti bażi (0,1 %) fir-rata ta' skont preżunta jkollha l-effetti li ġejjin:

(EUR miljuni)

	2021		2020	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
Obbligu ta' benefiċċju definit	(265)	274	(348)	361

Bidla ta' għaxar punti bażi (0,1 %) fiż-żidiet mistennija fis-salarju jkollha l-effetti li ġejjin:

(EUR miljuni)

	2021		2020	
	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %	Żieda ta' 0,1 %	Tnaqqis ta' 0,1 %
Obbligu ta' benefiċċju definit	(42)	41	(38)	37

Bidla ta' sena fl-età ta' rtirar preżunta jkollha l-effetti li ġejjin:

(EUR miljuni)

	2021		2020	
	Żieda ta' sena	Tnaqqis ta' sena	Żieda ta' sena	Tnaqqis ta' sena
Obbligu ta' benefiċċju definit	(317)	334	(401)	421

2.10. PROVVEDIMENTI

(EUR miljuni)

	Ammont fil-31.12.2020	Reviżjoni ta' EAR 11	Provvedimenti addizzjonali	Ammonti mhux użati mradda lura	Ammonti użati	Trasferiment bejn kategoriji	Bidla fl-istima	Ammont fil-31.12.2021
Kawżi legali:								
Agrikoltura	170	—	210	(25)	(1)	—	—	354
Oħrajn	31	—	5	(14)	(2)	—	2	22
Żarmar ta' siti nukleari	2 426	—	—	—	(33)	—	46	2 440
Servizzi Finanzjarji	2 523	(2 522)	1	—	(1)	—	—	1
Oħrajn	254	—	284	(26)	(19)	—	37	530
Total	5 405	(2 522)	500	(65)	(55)	—	86	3 348
Mhux kurrenti	3 878	(1 165)	212	(25)	(1)	(35)	86	2 950
Kurrenti	1 527	(1 357)	288	(40)	(55)	35	(0)	398

Il-provvedimenti huma ammonti stmati b'mod affidabbli, li jirriżultaw minn avvenimenti tal-passat, li probabbilment se jkollhom jitħallsu mill-baġit tal-UE fil-ġejjieni.

Kawżi legali

Din hija l-istima tal-ammonti li probabbilment ikollhom jitħallsu wara tmiem is-sena b'rabta ma' għadd ta' kawżi legali li għadhom għaddejnin. L-ammonti tal-Agrikoltura huma relatati ma' azzjonijiet legali tal-Istati Membri kontra d-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità għall-FAEG u għall-FAEŻR.

Żarmar ta' siti nukleari

Mill-2017, il-bażi għall-provvediment ġiet aġġornata skont l-Istrateġija tad-Dekummissjonar tal-JRC u tal-Programm tal-Immaniġġar tal-Iskart (D&WMP) — Aġġornata fl-2017. Ir-rieżami tal-istrateġija, flimkien mal-ħtiġijiet tal-baġit u tal-persunal, twettaq flimkien mal-Grupp ta' Esperti indipendenti tad-D&WMP. Huwa jirrappreżenta l-aħjar stima disponibbli tal-baġit u tal-persunal meħtieġa biex jitlesta d-dekummissjonar tas-siti tal-JRC ta' Ispra, Geel, Karlsruhe u Petten.

F'konformità mar-regoli kontabilistiċi tal-UE, dan il-provvediment huwa indiciżzat għall-inflazzjoni u mbagħad skontat għall-valur preżenti nett tiegħu (bl-użu tal-kurva tal-iswap tal-Euro). Fil-31 ta' Diċembru 2021, dan irriżulta fi provvediment ta' EUR 2 440 miljun, maqsum bejn l-ammonti li mistennjin jintużaw fl-2022 (EUR 35 miljun) u wara (EUR 2 405 miljun).

Irid jiġi nnotat li inċertezzi kbar, li huma inerenti għall-ippjanar fit-tul tad-dekummissjonar nukleari, jistgħu jaffettwaw din l-istima, li tista' tiżdied b'mod sinifikanti fil-ġejjieni. Is-sorsi ewlenin ta' inċertezza huma relatati mal-istat aħħari tas-sit dekummissjonat, il-materjali nukleari, l-aspetti tal-immaniġġar u r-rimi tal-iskart, id-definizzjoni inkompleta jew nieqsa tal-oqfsa regolatorji nazzjonali, il-proċessi kkumplikati u li jieħdu ħafna żmien tal-liċenzjar u l-iżviluppi futuri tas-sug industrijali tad-dekummissjonar.

Proviżjonijiet finanzjarji

Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-biċċa l-kbira tal-garanziji finanzjarji kienu kkunsidrati bħala provvedimenti jew divulgati bħala obligazzjonijiet kontinġenti, skont il-probabbiltà tat-telf. Mill-1 ta' Jannar 2021, bid-dħul fis-seħħ tal-EAR 11 riveduta "Strumenti finanzjarji", ġew irriklassifikati bħala Obligazzjonijiet ta' Garanzija Finanzjarja u tkejlu mill-ġdid (ara n-noti 1 u 2.11).

Il-bilanċ li jifdal fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa prinċipalment relatat mat-telf ta' kreditu mistenni għal impenji irrevokabbli mhux prelevati.

2.11. OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Mhux kurrenti			
Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat	2.11.1	214 824	84 395
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	2.4.2.2	5	4
Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji	2.11.2	146	—
		214 974	84 399
Kurrenti			
Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat	2.11.1	23 501	10 559
Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	2.4.2.2	—	0

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji	2.11.2	7 648	90
		31 149	10 649
Total		246 123	95 048

2.11.1. Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Self għall-NGEU u assistenza finanzjarja	2.11.1.1	236 720	93 192
Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	2.11.1.2	1 605	1 761
Total		238 325	94 954
Mhux kurrenti		214 824	84 395
Kurrenti		23 501	10 559

2.11.1.1. Self għall-NGEU u assistenza finanzjarja

(EUR miljuni)

	NGEU	SURE	EFSM	BOP	AMF	Euratom	Total
Total fil-31.12.2020		39 503	47 396	201	5 813	279	93 192
Reviżjoni tal- <i>EAR 11</i>	—	420	(114)	(1)	24	1	329
Teħid ta' self ġdid – nominali	111 947	50 137	9 750	—	1 665	100	173 599
Ripagamenti	(20 996)	—	(9 750)	—	(14)	(29)	(30 789)
Bidliet fl-ammont riportat	49	507	(144)	0	(24)	—	388
Total fil-31.12.2021	91 000	90 567	47 138	201	7 464	351	236 720
Mhux kurrenti	70 960	90 502	43 969	200	7 425	327	213 383
Kurrenti	20 040	65	3 169	1	39	24	23 338

It-tehdid ta' self jirreferi prinċipalment għal bonds fit-tul għall-NGEU u għall-programmi ta' assistenza finanzjarja, madankollu mill-2021 il-Kummissjoni bdiet toħroġ ukoll kambjali tal-UE b'maturitajiet qosra għall-NGEU (EUR 20 biljun fil-31 ta' Diċembru 2021).

It-tehdid ta' self tal-NGEU jiffinanzja self tal-RRF, appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF u programmi oħrajn tal-QFP. Għall-NGEU, il-Kummissjoni ma tissellifx fuq bażi back-to-back stretta, jiġifieri sabiex tiffinanzja self speċifiku. Hemm pjan ta' self annwali bbażat fuq il-flussi ta' ħruġ previsti għal self u għal appoġġ mhux ripagabbli. Il-Kummissjoni ssegwi strateġija ta'

finanzjament diversifikata u tuża strumenti ta' finanzjament fit-tul u fuq terminu qasir differenti. Dan jippermetti lill-Kummissjoni toffri self fit-tul b'termini attraenti lill-Istati Membri benefiċjarji. Imbagħad, il-kostijiet tas-self jiġu allokati – skont approċċ uniku unifikat – lill-benefiċjarji tas-self u lill-baġit tal-UE (għall-appoġġ mhux ripagabbli).

Il-bidliet fl-ammont riportat jikkorrispondu għall-bidla fl-imgħaxijiet dovuti u għall-bidla fil-primjums/fl-iskontijiet (primjums/skontijiet ġodda u amortizzament).

Ir-ripagament tas-self meħud imsemmi hawn fuq huwa fl-aħħar mill-aħħar garantit mill-baġit tal-UE – ara n-nota **4.1.2**, u b'estensjoni minn kull Stat Membru.

Ir-rati effettivi tal-imgħax fuq is-self meħud (espressi bħala firxa ta' rati tal-imgħax)

	31.12.2021	31.12.2020
NGEU	(0,95) % — 0,74 %	—
SURE	(0,48) % — 0,77 %	0,00 % — 0,30 %
EFSM	(0,03) % — 3,79 %	0,50 % — 3,75 %
BOP	2,95 %	2,88 %
AMF	(0,14) % — 3,70 %	0,00 % — 3,69 %
Euratom	(0,08) % — 1,58 %	0,00 % — 5,68 %

Iċ-ċifri tal-2020 jirreferu għar-rati tal-imgħax nominali, filwaqt li iċ-ċifri tal-2021 huma rati effettivi tal-imgħax f'konformità mal-EAR 11 riveduta.

2.11.1.2. Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
Mhux kurrenti		
Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji	1 017	1 130
Binjiet imħallsin b'pagamenti parzjali	291	346
Oħrajn	133	136
	1 441	1 612
Kurrenti		
Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji	103	101
Binjiet imħallsin b'pagamenti parzjali	54	38
Multi li jridu jiġu rimborżati	—	8
Oħrajn	6	2
	164	149
Total	1 605	1 761

Obbligazzjonijiet ta' lokazzjonijiet finanzjarji

(EUR miljuni)

	Ammonti futuri li jridu jitħallsu			
	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Obbligazzjoni Totali
Art u bini	98	471	537	1 105
Assi fissi oħrajn	6	9	—	15
Total fil-31.12.2021	103	480	537	1 120
Element tal-imġax	41	140	94	275
Total tal-pagamenti minimi futuri tal-lokazzjonijiet fil-31.12.2021	145	619	631	1 395
Total tal-pagamenti minimi futuri tal-lokazzjonijiet fil-31.12.2020	151	636	790	1 576

L-ammonti relatati mal-lokazzjoni u mal-bini hawn fuq iridu jiġu ffinanzjati minn baġits futuri.

2.11.2. Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji

(EUR miljuni)

	31.12.2021	
	Kuntratt ta' garanzija finanzjarja, komponent riċevibbli (Nota 2.6.2)	Obbligazzjonijiet għal garanzija finanzjarja
<i>Programmi ta' garanziji baġitarji tal-UE</i>		
Garanziji tal-FEIS	2 917	3 618
Garanziji tal-ELM tal-BEI	106	2 569
Garanzija tal-EFSD	2	139
Garanzija ta' InvestEU	—	—
Garanzija tal-UE tal-NDICI	—	4
	3 024	6 330
<i>Programmi ta' strumenti finanzjarji tal-UE</i>		
COSME	0	780
Orizzont 2020	59	410
CCS	—	110
Oħrajn	32	165
	90	1 464
Total	3 115	7 794
Mhux kurrenti	2 630	146
Kurrenti	485	7 648

Fis-snin preċedenti, kienu biss garanziji b'remunerazzjoni bbażata fuq is-suq li tqiesu bħala kuntratti ta' garanziji finanzjarji, jiġifieri l-garanzija tal-FEIS fuq il-portafoll tad-dejn żborżat mill-BEI taħt it-tieqa tal-Innovazzjoni u tal-Infrastruttura (IIW) tal-FEIS u subsett żgħir tal-garanzija tal-Mandat ta' Self Estern (ELM) limitat għas-self tal-BEI żborżat skont l-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI.

L-applikazzjoni tal-EAR 11 riveduta mill-1 ta' Jannar 2021 wasslet għar-riklassifikazzjoni bħala kuntratti ta' garanziji finanzjarji tal-garanziji finanzjarji li qabel kienu jitqiesu bħala proviżjonijiet. Barra minn hekk, l-obbligazzjonijiet ta' garanziji tkejlu mill-ġdid skont il-perspettiva l-ġdida tat-telf ta' kreditu mistenni. Għall-impatt tal-applikazzjoni tal-EAR 11 riveduta, jekk jogħġbok ara n-nota 1.

Mill-2021, l-UE tapplika l-preżentazzjoni grossa tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji, fejn id-dħul li għad irid jiġi riċevut taħt il-garanzija jiġi rikonoxxut bħala komponent tar-riċevibbli tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja (ippreżentat taħt l-intestatura tal-kreditu li jidderiwaw minn skambju – ara n-nota 2.6.2) u tiġi rikonoxxuta obbligazzjoni tal-kuntratt ta' garanzija finanzjarja li tirrappreżenta l-obbligazzjoni tal-UE għall-kopertura tal-pretensjonijiet ta' garanziji futuri. Qabel, il-garanziji tal-FEIS u tal-ELM kienu jintwerew netti, jiġifieri n-netting tar-riċevibbli u tal-obbligazzjonijiet mistennjin tal-garanzija.

Il-garanzija tal-FEIS tibqa' l-aktar waħda finanzjarjament sinifikanti mill-programmi ta' garanzija finanzjarja, b'obbligazzjoni ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji ta' EUR 3 618-il miljun, segwita mill-garanzija tal-ELM b'obbligazzjoni ta' EUR 2 569 miljun. Filwaqt li bi skambju għall-garanzija tal-FEIS, l-UE hija intitolata għal remunerazzjoni mistennija ta' EUR 2 917-il miljun rikonoxxuta bħala kuntratt ta' garanzija finanzjarja – riċevibbli li jkopri fil-biċċa l-kbira l-obbligazzjoni, għall-garanzija tal-ELM, ir-riċevibbli mistenni huwa ta' EUR 106 miljun biss, u b'hekk ikopri biss frazzjoni żgħira tal-garanzija – dan huwa dovut għal sehem għoli ta' sussidjar tal-ELM mill-UE.

Il-biċċa l-kbira tal-programmi ta' garanzija tal-UE li jifdal, b'mod partikolari dawk ipprovduti għal finanzjament b'riskju ogħla għall-SMEs jew għas-settur tal-innovazzjoni, ma humiex remunerati. Jekk jogħġbok ara n-nota 2.4.2.1 għal aktar informazzjoni dwar il-garanziji skont il-programm H2020 u n-nota 4.1.3 fir-rigward ta' COSME.

2.12. AMMONTI PAGABBILI

(EUR miljuni)

	Ammont Gross	Aġġustamenti	Ammont Nett fil-31.12.2021	Ammont Gross	Aġġustamenti	Ammont Nett fil-31.12.2020
Pretensjonijiet tal-kostijiet u fatturi riċevuti minn:						
<i>Stati Membri</i>						
<i>Il-FAEŻR u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali</i>	30	(0)	30	17	—	17
<i>Il-FEŻR u l-FK</i>	6 484	(1 878)	4 606	12 651	(2 698)	9 954
<i>FSE</i>	3 311	(596)	2 715	3 479	(370)	3 109
<i>RRF (NGEU)</i>	19 118		19 118	—	—	—
<i>Oħrajn</i>	663	(58)	605	792	(90)	701
<i>Entitajiet pubbliċi u privati</i>	1 563	(320)	1 244	1 485	(182)	1 302
Pretensjonijiet tal-kostijiet u fatturi totali riċevuti	31 169	(2 851)	28 318	18 424	(3 341)	15 083
FAEG	15 650	M/A	15 650	16 160	M/A	16 160
Ammonti pagabbli varji	2 068	M/A	2 068	784	M/A	784
Oħrajn	335	M/A	335	381	M/A	381

(EUR miljuni)

	Ammont Gross	Aġġustamenti	Ammont Nett fil-31.12.2021	Ammont Gross	Aġġustamenti	Ammont Nett fil-31.12.2020
Total	49 223	(2 851)	46 372	35 748	(3 341)	32 408

L-ammonti pagabbli jinkludu l-fatturi u l-pretensjonijiet tal-kostijiet riċevuti iżda li jkunu għadhom ma tħallsux sa tmiem is-sena. Huma jiġu rikonoxxuti inizjalment fil-mument tal-wasla tal-fatturi jew tal-pretensjonijiet tal-kostijiet għall-ammonti mitluba. L-ammonti pagabbli sussegwentement jiġu aġġustati sabiex ikunu jirriflettu biss l-ammonti aċċettati wara r-rieżami tal-kostijiet, u l-ammonti stmati li huma eliġibbli. L-ammonti stmati li ma humiex eliġibbli huma inklużi fil-kolonna "Aġġustamenti"; l-akbar ammonti jirrigwardaw l-azzjonijiet strutturali.

Iż-żieda sinifikanti meta mqabbla ma' tmiem is-sena preċedenti hija kkawżata primarjament mill-istrument tal-RRF (NGEU) li beda fl-2021 u fejn l-ammonti pagabbli pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021 ammontaw għal EUR 19,1-il biljun.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni 2013/1303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²²⁾ (RDK) applikabbli għall-Fondi Strutturali (il-FEŻR u l-FSE), għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) jipprevedi li l-baġit tal-UE huwa protett permezz ta' żamma sistematika ta' 10 % tal-pagamenti *interim* magħmula. Sa Frar wara t-tmiem tas-sena kontabilistika tar-RDK (mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju), iċ-ċiklu ta' kontroll jitlesta, kemm permezz ta' verifiki ta' ġestjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni kif ukoll permezz ta' awditi mill-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni teżamina d-dokumenti ta' assigurazzjoni u l-kontijiet ipprovduti mill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri. Il-ħlas jew l-irkupru tal-bilanċ finali jsir biss wara li tiġi ffinalizzata din il-valutazzjoni u wara li jiġu aċċettati l-kontijiet. L-ammont miżmum skont dan il-provvediment fi tmiem l-2021 kien jammonta għal total ta' EUR 10,4 biljun. Parti minn dan l-ammont (EUR 2,1 biljun) hija stmata bħala mhux eliġibbli abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fil-kontijiet tagħhom u hija inklużi wkoll fil-kolonna "Aġġustamenti".

B'mod ġenerali, l-ammonti pagabbli żdiedu b'EUR 14-il biljun, primarjament minħabba l-bidu tal-RRF (NGEU) fl-2021. Dan kien parzjalment ikkompensat minn tnaqqis fl-ammonti pagabbli fir-rigward tal-FEŻR, prinċipalment ikkawżat mill-ammont aktar baxx ta' pretensjonijiet tal-kostijiet li ġew riċevuti lejn tmiem l-2021 meta mqabbel mas-sitwazzjoni tas-sena ta' qabel.

Iż-żieda fl-ammonti pagabbli oħrajn hija dovuta l-aktar għall-pagamenti provviżorji riċevuti minn kumpaniji mmultati li għandhom jitħallsu lura lill-kumpaniji wara tmiem is-sena.

Talbiet għal prefinanzjament

Minbarra l-ammonti speċifikati hawn fuq, fi tmiem l-2021 ġew riċevuti EUR 0,7 biljun f'talbiet għal prefinanzjament u dawn kienu għadhom ma tħallsux sal-aħħar tas-sena. Skont ir-regoli kontabilistiċi tal-UE, dawn l-ammonti ma jiġux irreġistrati bħala ammonti pagabbli.

2.1.3. IMPOSTI DOVUTI U INTROJTU DIFFERIT

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
<i>Imposti dovuti</i>	77 819	64 383
<i>Introjtu differit</i>	126	128
<i>Oħrajn</i>	123	74
Total	78 068	64 584

(22) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

L-imposti dovuti jitqassmu kif ġej:

	(EUR miljuni)	
	31.12.2021	31.12.2020
RRF (NGEU)	8 263	—
FAEG	25 241	24 599
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali	19 245	18 622
Il-FEŻR u l-FK	10 710	8 766
FSE	3 499	3 009
Oħrajn	10 859	9 386
Total	77 819	64 383

L-ispejjeż dovuti jirreferu għall-ispejjeż rikonoxxuti li għalihom l-Unjoni għad trid tirċievi pretensjonijiet tal-kost. Għall-politika ta' koeżjoni, iż-żieda għall-ispejjeż dovuti tal-FEŻR u tal-FK hija prinċipalment relatata mal-implimentazzjoni tal-perjodu 2014-2020. L-istrument tal-RRF (NGEU) beda biss bl-attivitatiet fl-2021 u huwa r-raġuni ewlenija għaż-żieda kbira fid-dovuti minn tmiem is-sena preċedenti.

ASSI NETTI

2.14. RIŻERVI

		(EUR miljuni)	
	Nota	31.12.2021	31.12.2020
Riżerva ta' valur ġust	2.14.1	—	496
Riżerva tal-Fond ta' Garanzija	2.14.2	—	3 043
Riżervi oħrajn	2.14.3	1 325	1 523
Total		1 325	5 062

2.14.1. Riżerva ta' valur ġust

F'konformità mal-verżjoni preċedenti tal-EAR 11, applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2020, l-aġġustament fil-valur ġust tal-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ ġie kkontabilizzat permezz tar-riżerva ta' valur ġust. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ ġew riklassifikati għal assi finanzjarji fl-FVSD – ara n-nota 2.4. Għalhekk, ir-riżerva ta' valur ġust relatata tiġi rrilaxxata għar-Riżultat Akkumulat – ara n-nota 1.

2.14.2. Riżerva tal-Fond ta' Garanzija

Sal-31 ta' Diċembru 2020, l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-ammonti pendenti garantiti mill-baġit tal-UE skont il-mandat ta' self estern tal-BEI ġie rikonoxxut bħala r-riżerva tal-Fond ta' Garanzija f'assi netti. Wara r-reviżjoni tal-EAR 11, il-garanzija tal-mandat ta' self estern tal-BEI, koperta mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni, titqies bħala obligazzjoni ta' garanzija finanzjarja. Għalhekk, l-obbligazzjoni għal talbiet futuri għal ħlas ta' garanzija skont il-mandat ta' self estern tal-BEI ġiet rikonoxxuta fil-karta bilanċjali – ara n-nota 2.11.2 – u r-riżerva tal-Fond ta' Garanzija ġiet rrilaxxata għal riżultat akkumulat – ara n-nota 1.

2.14.3. Riżervi oħrajn

L-ammont huwa primarjament relatat mar-riżervi tal-KEFA f'Likwidazzjoni (EUR 997 miljun) għall-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, li nħolqu fil-kuntest tal-istralċ tal-KEFA f'Likwidazzjoni.

2.15. AMMONTI LI JRIDU JINTALBU MILL-ISTATI MEMBRI

	(EUR miljuni)
Ammonti li kellhom jintalbu mill-Istati Membri fil-31.12.2020	38 480
<i>Impatt tal-EAR 11 riveduta (ara n-Nota 1)</i>	<i>(1 719)</i>
Bilanċ fl-1.1.2021	36 761
<i>Riżultat tal-baġit tal-2020 ikkreditat lill-Istati Membri</i>	<i>1 769</i>
<i>Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija</i>	<i>—</i>
<i>Kejl mill-ġdid f'obligazzjonijiet ta' beneficiċji tal-impjegati</i>	<i>3 257</i>
<i>Oħrajn</i>	<i>(262)</i>
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	<i>42 100</i>
Ammonti totali li kellhom jintalbu mill-Istati Membri fil-31.12.2021	83 624

Dan l-ammont jirrappreżenta dik il-parti mill-ispejjeż imġarrba mill-UE sal-31 ta' Diċembru li trid titħallas minn baġits futuri. Ħafna mill-ispejjeż huma rikonoxxuti skont ir-regoli dwar il-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti fis-sena N, għalkemm effettivament jistgħu jitħallsu fis-sena N+1 (jew aktar tard) u, għalhekk, jiġu ffinanzjati billi jintuża l-baġit tas-sena N+1 (jew aktar tard). L-inklużjoni ta' dawn l-obbligazzjonijiet fil-kontijiet, flimkien mal-fatt li l-ammonti korrispondenti huma ffinanzjati minn baġits futuri, iwasslu sabiex ikun hemm ħafna aktar obbligazzjonijiet milli assi fi tmiem is-sena. L-aktar ammonti sinifikanti li għandhom jiġu enfasizzati jikkonċernaw l-attivitajiet tal-FAEG u obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati.

Għandu jiġi nnotat ukoll li dan ta' hawn fuq ma għandu l-ebda effett fuq ir-riżultat tal-baġit – id-dħul tal-baġit dejjem għandu jkun daqs jew akbar min-nefqa tal-baġit u kwalunkwe dħul eċċessiv jintradd lura lill-Istati Membri.

Il-kejl mill-ġdid fl-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati huwa relatat mal-qligħ u t-telf attwarjali li jirriżultaw mill-valwazzjoni attwarjali ta' dawn l-obbligazzjonijiet.

Iż-żieda konsiderevoli tal-ammonti li għandhom jintalbu mill-Istati Membri hija primarjament dovuta għat-tehdid ta' self fir-rigward tal-appoġġ mhux ripagabbli meħud taħt l-NGEU fl-2021.

3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA

DĦUL

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJET MHUX TA' SKAMBJU: RIŻORSI PROPRI

3.1. RIŻORSI TAL-ING

Id-dħul mir-riżorsi proprji huwa l-element primarju tad-dħul operattiv tal-UE. Id-dħul tal-ING (introjtu nazzjonali gross) jammonta għal EUR 115 955 miljun għall-2021 (2020: EUR 125 393 miljun) u huwa l-aktar sinifikanti mill-erba' kategoriji ta' riżorsi proprji. Jiġi impost perċentwal uniformi fuq l-ING ta' kull Stat Membru. Id-dħul tal-ING jibbilanċja d-dħul u l-infiq, jiġifieri jiffinanzja l-parti mill-baġit li ma hijiex koperta minn sorsi oħrajn ta' introjtu. It-tnaqqis fid-dħul tal-ING bejn l-2021 u l-2020 huwa dovut kemm għall-introduzzjoni ta' riżorsa proprja ġdida (ibbażata fuq skart tal-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat) kif ukoll għaż-żieda ta' dħul ieħor.

3.2. RIŻORSI PROPRI TRADIZZJONALI

Ir-riżorsi proprji tradizzjonali huma relatati prinċipalment mad-dazji doganali fejn l-Istati Membri jżommu, permezz tal-kostijiet tal-ġbir, 20 % tal-ammonti, u għalhekk iċ-ċifri ta' hawn fuq huma netti minn dan it-tnaqqis. Il-ġbir tad-dazji doganali baqa' flivell simili meta mqabbel mas-sena l-oħra.

3.3. RIŻORSI TAL-VAT

Ir-riżorsa proprja tal-VAT tiġi kkalkolata abbażi tal-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri, li huma armonizzati għal dan l-għan f'konformità mar-regoli tal-UE. Rata uniformi ta' ġbir ta' 0,30 % tapplika għall-ammont totali ta' riċevuti tal-VAT ta' kull Stat Membru miġburin għall-provvisti taxxabbli kollha diviż bir-rata medja ponderata tal-VAT. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tal-ING ta' kull Stat Membru. Ir-riżorsa tal-VAT baqgħet flivell ġeneralment simili meta mqabbla mas-sena l-oħra.

3.4. RIŻORSI PROPRI TAL-PLASTIKS

Rata uniformi ta' ġbir ta' EUR 0,80 għal kull kilogramma tapplika għall-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat minn kull Stat Membru li mhux irriċiklat. L-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li ma jiġix irriċiklat f'sena partikolari jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik irriċiklat f'dik is-sena fi Stat Membru. Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja huma intitolati għal tnaqqis annwali speċifiku fis-somma f'daqqa fil-kontribuzzjonijiet rispettivi ta' għom tar-riżorsi proprji tal-plastiks. Din hija riżorsa proprja għal li ġiet introdotta fl-2021 mad-dħul fis-seħħ tad-Deċizzjoni 2020/2053 il-għal dwar ir-Riżorsi Propri.

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJET MHUX TA' SKAMBU:TRASFERIMENTI

3.5. MULTI

Id-dħul ta' EUR 1 990 miljun (2020: EUR 452 miljun) jirrigwarda multi li l-Kummissjoni imponiet fuq il-kumpaniji għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u multi li l-Kummissjoni imponiet fuq l-Istati Membri għal ksur tad-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dħul mill-multi meta tadotta d-deċizzjoni li timponi multa u tinnotifika uffiċjalment lid-destinatariju. L-ammonti jirrigwardaw prinċipalment multi tal-kompetizzjoni (EUR 1 762 miljun). L-akbar każijiet jikkonċernaw ksur tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust, jiġifieri multi imposti fuq BMW u l-grupp Volkswagen (Volkswagen, Audi u Porsche) għal ammont totali ta' EUR 875 miljun għall-kollużjoni fl-iżvilupp tekniku fil-qasam tat-tindif tal-ossidu tan-nitroġenu, flimkien ma' multi imposti fuq Nomura, fuq UBS u fuq UniCredit għal ammont totali ta' EUR 371 miljun għall-parteċipazzjoni ta' grupp ta' kummerċjanti f'kartell fis-suk primarju u sekondarju għall-Bonds tal-Gvern Ewropej.

3.6. IRKUPRU TAL-ISPEJJEŻ

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
Ġestjoni kondiviża	1 682	1 281
Ġestjoni diretta	61	53
Ġestjoni indiretta	51	21
Total	1 794	1 355

Din l-intestatura tirrappreżenta prinċipalment l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni li huma msarrfin jew paċuti kontra (jiġifieri mnaqqsa minn) pagamenti sussegwenti rreġistrati fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni. L-ordnijiet ta' rkupru jinħarġu sabiex tiġi rkuprata n-nefqa li qabel kienet tħallset mill-baġit tal-UE. L-irkupri huma bbażati fuq kontrolli, awditi jew analiżi tal-eliġibbiltà u, għalhekk, dawn l-operazzjonijiet jipproteġu l-baġit tal-UE minn nefqa mġarrba bi ksur tal-liġi.

Ġew inklużi wkoll l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Istati Membri lill-benefiċjarji tan-nefqa tal-FAEG, kif ukoll il-varjazzjoni tal-estimi tal-introjt dovut minn tmiem is-sena preċedenti sa tmiem is-sena kurrenti.

L-ammonti inklużi fit-tabella ta' hawn fuq jirrappreżentaw dħul li jsir permezz tal-ħruġ ta' ordnijiet ta' rkupru. Għal din ir-raġuni, dawn iċ-ċifri ma jstgħux juru l-firxa sħiħa tal-miżuri meħuda biex ikun protett il-baġit tal-UE, partikolarment għall-politika ta' koeżjoni fejn hemm fis-seħħ mekkaniżmi speċifiċi sabiex jiżguraw il-korrezzjoni ta' nefqa ineliġibbli, li ħafna minnha ma tinvolvi il-ħruġ ta' ordni ta' rkupru. Mhux inklużi huma l-ammonti rkuprati permezz ta' tpaċija mal-ispejjeż, l-ammonti rkuprati permezz tal-irtirar u l-irkupri tal-ammonti ta' prefinanzjament.

L-irkupri tal-ġestjoni kondiviża jiffurmaw il-biċċa l-kbira tat-total:

L-Agricoltura: il-FAEG u l-iżvilupp rurali

Fil-qafas tal-FAEG u tal-FAEŻR, l-ammonti kontabilizzati bħala dħul għas-sena taħt din l-intestatura huma korrezzjonijiet finanzjarji tas-sena u rimborżi ddikjarati mill-Istati Membri u rkuprati matul is-sena, kif ukoll iż-żieda netta fl-ammonti pendenti ddikjarati mill-Istati Membri li jridu jiġu rkuprati fi tmiem is-sena fir-rigward ta' frodi u irregolaritajiet.

Il-politika ta' koeżjoni

L-ammonti ewlenin relatati mal-politika ta' koeżjoni jikkorrispondu mal-introjtu dovut ta' EUR 0,7 biljun (2020: EUR 0,4 biljun) li l-Kummissjoni qed tistenna li tirkupra mill-Istati Membri. L-irkupru se jsir bħala rizzultat tal-eżaminazzjoni u tal-aċċettazzjoni tal-kontijiet annwali sottomessi mill-Istati Membri fil-bidu tal-2022. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati jirrappreżentaw essenzjalment id-differenza bejn l-ammonti inizjalment iddikjarati bħala eliġibbli matul is-sena kontabilistika u l-ammonti kkonfermati bħala eliġibbli fil-kontijiet annwali tal-Istati Membri. Ammont baxx ifisser li l-kontrolli fis-seħħ fil-livell tal-Istati Membri ppermettew l-identifikazzjoni ta' ammonti ineliġibbli kmieni fil-proċess.

3.7. FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT

Dan id-dħul huwa relatat mal-ammonti netti dovuti mir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-ħruġ iffirmat wara t-tluq tiegħu mill-Unjoni fl-2020 – ara n-nota 2.6.1.2.

3.8. DĦUL IEĦOR MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-Fond għall-Innovazzjoni	2 187	2 080
Taxxi u kontribuzzjonijiet tal-persunal	1 367	1 316
Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi	1 056	1 592
Kontribuzzjonijiet minn Stati Membri għall-ESI u għajjnuna esterna	199	1 073
Trasferiment ta' assi	356	317
Aġġustamenti baġitarji	1 245	214
Oħrajn	326	524
Total	6 737	7 116

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-Fond għall-Innovazzjoni huma dħul relatat primarjament mal-bejgħ ta' kwoti tal-emissjonijiet li għandhom jintużaw sabiex jappoġġaw l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Id-dħul mit-taxxi u mill-kontribuzzjonijiet tal-persunal huwa relatat primarjament mat-tnaqqisiet mis-salarji tal-persunal. Il-kontribuzzjonijiet tal-irtirar u t-taxxa fuq l-introjtu jirrappreżentaw l-ammonti sostanzjali fi ħdan il-kategorija.

Il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi huma prinċipalment kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi tal-EFTA (EUR 460 miljun) kif ukoll kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' stati terzi għal Orizzont Ewropa (EUR 379 miljun) u għal ERASMUS+ (EUR 119-il miljun).

L-Istati Membri kkontribwew EUR 166 miljun sabiex jifinanzjaw il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.

L-aġġustamenti baġitarji prinċipalment jirrappreżentaw is-surplus baġitarju meħud mis-sena preċedenti, li ammonta għal EUR 1 769 miljun (2020: EUR 3 218-il miljun) u kien kontrobalanċjat mill-aġġustament annwali tal-VAT u tal-ING, li ammonta għal EUR 534 miljun (2020: EUR 3 165 miljun). Dħul ieħor minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jinkludi kontribuzzjonijiet tal-Istati Ospitanti u tas-Sħubija tal-ITER għall-Fużjoni għall-Enerġija, l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (EUR 135 miljun).

DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

3.9. DĦUL FINANZJARJU

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
Imgħax fuq:		
Ħlasijiet tard	1 529	1 129
Self	1 160	1 167

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
<i>Teħid ta' self</i>	220	—
<i>Oħrajn</i>	10	63
<i>Primjums ta' ħruġ</i>	2	674
<i>Dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji</i>	987	258
<i>Qligħ fuq l-assi jew fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD:</i>		
<i>Mhux derivattivi</i>	324	—
<i>Derivattivi</i>	815	70
<i>Qligħ realizat fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ</i>	—	48
<i>Dividendi</i>	30	22
<i>Oħrajn</i>	14	3
Total	5 092	3 434

Id-dħul mill-imgħax fuq arretrati jirriżulta prinċipalment minn multi u minn kontribuzzjonijiet mir-riżorsi proprji dovuti u mhux imħallsin fil-ħin. L-ammonti ewlenin jikkonċernaw il-każijiet ta' sottovalwazzjoni msemmijin fin-nota **2.6.1.1** (EUR 1,4 biljun).

Id-dħul mill-imgħax fuq is-self jirrigwarda prinċipalment is-self tal-EFSM (EUR 1 biljun) li għandu l-ogħla rata effettiva tal-imgħax – ara n-nota **2.4.1**. Id-dħul mill-imgħax minn teħid ta' self jirreferi l-aktar għall-NGEU u għal SURE u huwa dovut għar-rati effettivi negattivi tal-imgħax għal ċerti tranżazzjonijiet.

Il-primjums tal-ħruġ naqsu minħabba li, f'konformità mal-EAR 11 riveduta, issa qegħdin jiġu ammortizzati matul il-ħajja tas-self bil-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax minflok ma jiġu rikonoxxuti direttament fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ara l-paragrafu ta' qabel u n-nota **2.4.1**.

Id-dħul minn kuntratti ta' garanziji finanzjarji jirrigwarda primarjament l-amortizzament tal-obbligazzjonijiet ta' garanzija finanzjarja. Dan jista' jiġi interpretat bħala rilaxx tal-UE minn obbligazzjonijiet ta' garanzija għall-perjodu li l-UE kienet lesta li tikkompensa lid-detenturi tal-garanziji għat-telf ta' kreditu tagħhom. Għalhekk, ir-rikonoxximent tad-dħul għall-garanziji finanzjarji jirrifletti l-mogħdija taż-żmien u l-volum garantit. L-amortizzazzjonijiet japplikaw għaż-żewġ tipi ta' garanziji, dawk li huma remunerati kif ukoll dawk li għalihom l-UE ma tipprevedi l-ebda remunerazzjoni jew remunerazzjoni nominali (ara n-nota **2.11.2**). Mill-garanziji remunerati, l-aktar sinifikanti hi l-garanzija tal-FEIS ipprovduta lill-BEI għall-portafoll tad-dejn tat-Tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni ("IIW") (ara n-nota **4.1.1**). Fl-2021, id-dħul miksub mill-garanzija tal-FEIS fir-rigward tal-portafoll tad-dejn tal-IIW ammonta għal EUR 320 miljun.

Id-dħul relatat mal-obbligazzjonijiet ta' garanzija finanzjarja ta' EUR 987 huwa paċut minn telf minn indeboliment għal obbligazzjonijiet ta' garanzija finanzjarja li jammontaw għal EUR 947 miljun relatati ma' talbiet għal ħlas ta' garanzija netti mill-irkupri (EUR 276 miljun) u ma' telf minn indeboliment mhux realizat ta' EUR 671 miljun (ara n-nota **3.15**). Barra minn hekk, il-KE sussidjat programmi ta' garanziji finanzjarji (EUR 233 miljun) billi applikat primjums ta' garanzija b'rata żero jew b'rati inferjuri minn dawk tas-suq (in-nota **3.15**). B'kollox, ir-riżultat nett mill-programmi ta' garanziji finanzjarji huwa defiċit ta' EUR 193 miljun.

3.10. DĦUL IEĦOR MINN TRANŻAZZJONIJET TA' SKAMBJU

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
<i>Dħul mit-tariffi għall-għoti ta' servizzi (aġenziji)</i>	689	640
<i>Qligħ mir-rata tal-kambju</i>	299	370

(EUR miljuni)

	2021	2020
Bejgħ ta' prodotti	53	48
Sehem mir-riżultat nett tal-FEI	169	38
Dħul mit-tariffi u mill-primjum relatat mal-istrumenti finanzjarji	1	34
Dħul relatat ma' assi fissi	2	5
Oħrajn	284	269
Total	1 497	1 404

Id-dħul mit-tariffi għall-għoti ta' servizzi jinkludi prinċipalment it-tariffi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mitluba mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u t-tariffi tat-trademarks miġbura mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea.

SPEJJEŻ

3.11. ĠESTJONI KONDIVIŻA

(EUR miljuni)

Implimentati mill-Istati Membri	2021	2020
Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija	40 829	40 461
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali	15 451	14 467
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni	46 932	41 118
Il-Fond Soċjali Ewropew	16 727	13 677
Oħrajn	4 835	2 701
Total	124 774	112 425

Iż-żieda tikkonċerna prinċipalment il-politika ta' koeżjoni (FEŻR, FK) fejn kważi l-ispejjeż kollha huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, fejn l-attivitàjiet ikomplu j avvanzaw. Iż-żieda hija wkoll riżultat ta' rati oġhla ta' kofinanzjament applikati għas-sena kontabilistika 2020-2021 fil-kuntest tal-pakkett CRII+.

Spejjeż oħrajn jinkludu prinċipalment: Ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (EUR 1,7 biljun), l-Ażil u l-Migrazzjoni (EUR 0,6 biljun), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (EUR 0,6 biljun), is-Sigurtà Interna (EUR 0,4 biljun), il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (EUR 0,8 biljun) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EUR 0,7 biljun).

3.12. ĠESTJONI DIRETTA

(EUR miljuni)

	2021	2020
Implimentati mill-Kummissjoni	48 265	11 429
li minnhom l-RRF (NGEU)	42 940	—
Implimentati minn Aġenziji Eżekuttivi tal-UE	14 232	10 029
Implimentati minn Fondi fiduċjarji	503	636
Total	63 000	22 094

Minbarra l-ispejjeż tal-RRF (EUR 43 biljun), il-bqija tal-ammonti jikkonċernaw l-aktar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Riċerka (EUR 8,1 biljun), l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (EUR 1,1 biljun), il-Politika Ewropea tal-Viċinat (EUR 1,3 biljun) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-fond ta' infrastruttura komuni għall-varar ta' networks intelliġenti fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni (EUR 2,1 biljun).

Iż-żieda fl-ispejjeż tal-ġestjoni diretta implimentati mill-Aġenziji Eżekuttivi tal-UE tirriżulta prinċipalment mit-trasferiment ta' attivitajiet mis-servizzi tal-Kummissjoni lill-aġenziji eżekuttivi fil-qasam tar-riċerka.

3.13. ĠESTJONI INDIRETTA

(EUR miljuni)		
	2021	2020
Implimentati minn aġenziji u minn korpi oħrajn tal-UE	3 154	3 530
Implimentati minn pajjiżi terzi	890	559
Implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali	3 622	3 619
Implimentati minn entitajiet oħrajn	3 225	3 257
Total	10 891	10 965

Taħt spejjeż ta' ġestjoni indiretta, EUR 3,9 biljun huma relatati ma' azzjonijiet esterni (prinċipalment l-oqsma ta' qabel l-adeżjoni, l-għajnuna umanitarja, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-viċinat). EUR 4,7 biljun oħrajn huma relatati maż-żieda fil-kompetittività tal-Ewropa (foqsma bħar-riċerka, il-programmi spazjali u l-edukazzjoni).

3.14. KOSTIJET TAL-PERSUNAL U TAL-PENSJONIJET

(EUR miljuni)		
	2021	2020
Il-kostijiet tal-persunal	7 377	7 028
Il-kostijiet tal-pensjonijiet	5 040	4 967
Total	12 417	11 995

Il-kostijiet tal-pensjonijiet jirrappreżentaw elementi tal-movimenti li rriżultaw wara l-valwazzjoni attwarjali tal-obbligazzjonijiet tal-benefiċċji tal-impjegati minbarra dawk rikonoxxuti fl-Assi Netti. Għalhekk, huma ma jirrappreżentawx il-pagamenti tal-pensjoni attwali tas-sena, li huma ferm aktar baxxi, b'valur ta' EUR 2,2 biljun.

3.15. IL-KOSTIJET TAL-FINANZJAMENT

(EUR miljuni)		
	2021	2020
Spejjeż tal-imgħax:		
Teħid ta' self	1 209	1 160
Self	146	—
Lokazzjonijiet finanzjarji	56	62
Oħrajn	103	24
Kostijiet tal-ħruġ	—	672

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
Kuntratti ta' garanzija finanzjarja – remunerazzjoni sussidjata	233	—
Telf nett minn indeboliment fuq:		
Kuntratti ta' garanzija finanzjarja	947	70
Self u riċevibbli	1 244	110
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	—	41
Telf fuq l-assi jew fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji fl-FVSD:		
Mhux derivattivi	210	—
Derivattivi	40	21
Telf realizzat fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	—	5
Oħrajn	13	22
Total	4 201	2 188

L-ammont tal-ispejjeż tal-imgħax fuq it-teħid ta' self jikkorrispondi prinċipalment għal tranżazzjonijiet tal-EFSM (EUR 1 biljun), f'konformità mal-introjtu mill-imgħax minn self (tranżazzjonijiet back-to-back). L-ispejjeż tal-imgħax mis-self jirreferu l-aktar għal SURE u huma dovuti għar-rati effettivi negattivi tal-imgħax għal ċerti tranżazzjonijiet.

Il-kostijiet tal-ħruġ naqsu minħabba li, f'konformità mal-EAR 11 riveduta, issa qegħdin jiġu ammortizzati matul il-ħajja tas-self meħud bil-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax minflok ma jiġu rikonossuti direttament fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ara n-nota 2.4.1.

Għal aktar dettalji dwar l-ispejjeż relatati mal-garanziji finanzjarji, ara n-nota 3.9.

3.1.6. SPEJJEŻ OĦRAJN

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
Spejjeż amministrattivi u tal-IT	2 105	1 984
Aġġustament tal-provvedimenti	583	1 390
Spejjeż relatati ma' assi fissi	1 205	1 319
Spejjeż tal-ġestjoni tal-art u tal-bini	591	661
Telf mir-rata tal-kambju	171	578
Spejjeż ta' lokazzjonijiet operatorji	447	423
Oħrajn	660	593
Total	5 762	6 946

L-ammont aggregat tan-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp rikonossut bħala spiża matul l-2021 huwa kif ġej:

	(EUR miljuni)	
	2021	2020
Kostijiet tar-riċerka	401	402

(EUR miljuni)

	2021	2020
<i>Kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzati</i>	122	118
Total	523	520

3.17. RAPPORTAR FUQ IS-SEGMENTI SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (QFP)

(EUR miljuni)

	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	Koezzjoni u Valuri	Riżorsi Naturali u Ambjent	Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	Reżiljenza, Sigurtà u Difiża	Viċinat u d-Dinja	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	Mhux assenjat għall-intestatura tal-QFP ⁽¹⁾	Total
Riżorsi tal-ING	—	—	—	—	—	—	—	115 955	115 955
Riżorsi proprji tradizzjonali	—	—	—	—	—	—	—	20 590	20 590
VAT	—	—	—	—	—	—	—	18 340	18 340
Riżorsi Proprji Ġodda	—	—	—	—	—	—	—	5 831	5 831
Multi	—	—	—	—	—	—	—	1 990	1 990
Irkupru tal-ispejjeż	24	809	893	8	0	27	0	34	1 794
Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit	—	—	—	—	—	—	—	1 122	1 122
Oħrajn	384	132	46	—	—	41	1 559	4 574	6 737
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	408	941	939	8	0	68	1 559	168 434	172 357
Dħul finanzjarju	1 913	45	0	—	0	217	1	2 916	5 092
Oħrajn	257	(16)	(18)	0	(5)	8	329	941	1 497
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju	2 170	29	(17)	0	(5)	225	330	3 857	6 589
Dħul totali	2 578	970	922	8	(5)	293	1 889	172 291	178 946
<i>Spejjeż implimentati mill-Istati Membri:</i>									
FAEG	—	—	(40 829)	—	—	—	—	—	(40 829)
Il-FAEŻR u strumenti oħrajn tal-iżvilupp rurali	—	—	(15 451)	—	—	—	—	—	(15 451)
Il-FEŻR u l-FK	—	(46 932)	—	—	—	—	—	—	(46 932)
FSE	—	(16 727)	—	—	—	—	—	—	(16 727)
Oħrajn	—	24	(710)	(837)	(101)	(233)	—	(2 979)	(4 835)

(EUR miljuni)

	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	Koeżjoni u Valuri	Riżorsi Naturali u Ambjent	Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	Reżiljenza, Sigurtà u Difiża	Viċinat u d-Dinja	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	Mhux assenjat għall-intestatura tal-QFP ⁽¹⁾	Total
Implimentati mill-KE, minn aġenziji eżekuttivi u fondi fiduċjarji	(12 207)	(45 753)	(662)	(289)	(244)	(3 954)	(24)	132	(63 000)
Implimentati minn aġenziji u minn korpi oħrajn tal-UE	(2 374)	(703)	(77)	(680)	(359)	(15)	(312)	1 365	(3 154)
Implimentati minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali	(243)	37	113	(171)	(213)	(4 025)	(3)	(7)	(4 512)
Implimentati minn entitajiet oħrajn	573	(3 301)	73	(7)	(103)	(460)	(0)	0	(3 225)
Il-kostijiet tal-persunal u tal-pensjonijiet	(453)	(9)	(1)	(0)	(1)	(136)	(10 487)	(1 330)	(12 417)
Il-kostijiet tal-finanzjament	(771)	(43)	(24)	(0)	(0)	(445)	(95)	(2 823)	(4 201)
Spejjeż oħrajn	(1 609)	(134)	(251)	(5)	(52)	(240)	(3 069)	(401)	(5 762)
Spejjeż totali	(17 083)	(113 541)	(57 820)	(1 990)	(1 071)	(9 507)	(13 990)	(6 042)	(221 046)
Riżultat ekonomiku tas-sena	(14 505)	(112 571)	(56 899)	(1 982)	(1 076)	(9 215)	(12 101)	166 249	(42 100)

(¹) "Mhux assenjat għal intestatura tal-QFP" tinkludi l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-entitajiet konsolidati u l-eliminazzjonijiet ta' konsolidazzjoni, l-operazzjonijiet barra mill-baġit u l-programmi mhux allokati b'ammonti individwalment immaterjali.

Il-wiri tad-dħul u tal-ispejjeż skont l-intestatura tal-QFP huwa bbażat fuq stima, minħabba li mhux l-impenji kollha huma marbuta ma' intestatura tal-QFP.

4. OBBLIGAZZJONIJIET U ASSI KONTINĠENTI

L-obbligazzjonijiet kontinġenti huma obbligi ta' ħlas futuri possibbli għall-UE li jistgħu jirriżultaw minħabba eventi passati jew impenji legalment vinkolanti meħudin, iżda li jiddependu fuq eventi futuri li ma humiex kompletament taħt il-kontroll tal-UE. Dawn huma relatati prinċipalment ma' garanziji mogħtijin u ma' riskji legali. **L-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha, għajr dawk li jirrigwardjaw il-multi, il-garanziji u l-istrumenti finanzjarji sal-punt li huma koperti mill-fondi (ara n-nota 2.4.2.1), jiġu ffinanzjati, jekk ikunu dovuti, mill-baġit tal-UE (u b'hekk mill-Istati Membri tal-UE) fis-snin li ġejjin.**

4.1. GARANZIJI MOGĦTIJIN MILL-BAĠIT TAL-UE

4.1.1. Garanziji mogħtijin skont il-programmi ta' garanziji baġitarji tal-UE (nominali)

(EUR miljuni)

	31.12.2021			
	Garanziji mogħtija			Assi proviżjonati ⁽¹⁾
	Limitu Massimu	Iffirmati	Żborżati	
Garanziji tal-mandat ta' self estern tal-BEI	33 026	33 026	20 835	2 700
Garanzija FEIS	25 826	24 730	20 358	8 602
Garanzija tal-EFSD	1 391	611	535	796
Garanzija għall-azzjoni esterna tal-NDICI	200	200	200	—
Total	60 442	58 566	41 928	12 098

⁽¹⁾ Iż-EUR 2,7 biljun f'assi proviżjonati għall-garanzija tal-mandat ta' self estern tal-BEI jkopru wkoll it-teħid ta' self taħt l-AMF u l-Euratom (ara n-nota 4.1.2).

(EUR miljuni)

	31.12.2020			
	Garanziji mogħtija			Assi proviżjonati ⁽¹⁾
	Limitu Massimu	Iffirmati	Żborżati	
Garanziji tal-mandat ta' self estern tal-BEI	35 372	32 530	20 050	2 813
Garanzija FEIS	25 543	23 831	18 590	8 028
Garanzija tal-EFSD	1 370	438	34	804
Total	62 285	56 799	38 673	11 645

⁽¹⁾ Iż-EUR 2,8 biljun f'assi proviżjonati għall-garanzija tal-mandat ta' self estern tal-BEI jkopru wkoll it-teħid ta' self taħt l-AMF u l-Euratom (ara n-nota 4.1.2).

It-tabelli ta' hawn fuq juru l-firxa tal-iskopertura tal-baġit tal-UE għall-pagamenti futuri possibbli marbutin mal-garanziji mogħtijin lill-grupp tal-BEI jew lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn. L-ammonti żborżati jirrappreżentaw l-ammonti diġà mogħtija lill-benefiċjarji finali, filwaqt li l-ammonti iffirmati jinkludu dawn il-flejjes żborżati flimkien mal-ftehimiet diġà iffirmati mal-benefiċjarji jew l-intermedjarji finanzjarji, iżda li għadhom ma ġewx żborżati (EUR 16 638 miljun). Il-limitu massimu jirrappreżenta l-garanzija totali li l-baġit tal-UE, u għalhekk l-Istati Membri tagħha, impenjaw ruħhom li jkopru,

billi, għall-fini tal-komunikazzjoni tal-iskopertura massima li ffaċċjat l-UE fil-31 ta' Diċembru 2021, iridu jiġu inklużi wkoll operazzjonijiet awtorizzati għall-iffirmar, iżda li għadhom ma ġewx iffirmati (EUR 1 876 miljun). Għas-sena finanzjarja 2020, l-ammonti huma ppreżentati netti mill-provvedimenti finanzjarji jew l-obbligazzjonijiet finanzjarji rikonossuti għal dawk il-programmi.

Il-programmi ta' garanziji baġitarji huma sostnuti minn proviżjonijiet li gradwalment isiru mill-baġit u jinżammu fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni bħala riżervi ta' likwidità sabiex jiġu koperti t-talbiet futuri għal ħlas ta' garanzija (ara n-nota 2.4.2.1). L-ammonti proviżjonati ammontaw għal EUR 12 098 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021. Jekk jogħġbok ara n-nota 6.2 għall-miżuri stabbiliti sabiex jiġi żgurat li l-proviżjonament ikun biżżejjed sabiex ikopri t-talbiet għal ħlas ta' garanzija fit-terminu medju. Kwalunkwe telf imġarrab taħt il-programmi ta' garanziji baġitarji, lil hinn mill-proviżjonament imwarrab, fi kwalunkwe każ ikun jeħtieġ li jiġi kopert minn baġits futuri.

Garanziji tal-mandat ta' self estern tal-BEI

Il-baġit tal-UE jggarantixxi s-self iffirmat u mogħti mill-BEI mir-riżorsi proprji tal-BEI lil pajjiżi terzi. Fil-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont ta' self pendenti u kopert mill-garanzija tal-UE kien jammonta għal EUR 20 835 biljun. Il-baġit tal-UE jggarantixxi:

- EUR 20 268 miljun permezz tal-kompartiment tal-fond ta' proviżjonament komuni b'rabta mal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni; u
- EUR 567 miljun direttament għas-self mogħti lill-Istati Membri qabel l-adeżjoni.

Il-garanzija tal-mandat ta' self estern tal-UE li tirrigwarda s-self mogħti mill-BEI hija limitata għal 65 % tal-bilanċi pendenti għall-ftehimiet iffirmati wara l-2007 (il-mandati 2007-2013 u 2014-2021). Għall-ftehimiet li saru qabel l-2007, il-garanzija tal-UE hija limitata għal perċentwal tal-limitu massimu tal-linji ta' kreditu awtorizzati, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet 65 %, iżda wkoll 70 %, 75 % jew 100 %. Meta l-limitu massimu ma jintlaħaqx, il-garanzija tal-UE tkopri l-ammont sħiħ.

Bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²³⁾, ġie stabbilit mandat ta' self għas-settur privat għal proġetti mmirati lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul tar-refuġjati, tal-migranti, tal-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu taħt l-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI. Il-baġit tal-Unjoni huwa remunerat għar-riskju meħud b'rabta mal-garanziji mogħtijin għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI skont il-Mandat Privat tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika, li jispjega l-kreditu fil-forma ta' primjum għall-garanzija tal-mandat ta' self estern, li mill-bqija hija garanzija mhux remunerata (ara n-nota 2.11.2).

Il-perjodu awtorizzat għall-iffirmar tal-operazzjonijiet il-ġodda taħt l-ELM 2014-2020 skada fl-2021, u għalhekk il-limitu massimu disponibbli taħt il-garanzija skada għal kwalunkwe ammont mhux użat. Il-mandat il-ġdid tal-BEI huwa previst li jkun kopert mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna stabbilita mir-Regolament tal-NDICI (ara hawn taħt), madankollu, għadu ma ġiex iffirmat.

Il-pagamenti ta' garanzija tal-UE jsiru mill-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni tas-CPF: matul l-2021, tħallsu EUR 93 miljun f'talbiet għal ħlas ta' garanzija (2020: EUR 52 miljun).

Il-garanzija tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS)

Il-FEIS huwa inizjattiva li għandha l-għan li żżid il-kapaċità tal-Grupp tal-BEI li jgħorr ir-riskju billi tippermetti lill-BEI jestendi l-investimenti tiegħu fl-UE. L-oġettiv tal-FEIS huwa li jappoġġa investimenti addizzjonali fl-UE u l-aċċess għall-finanzjament għal kumpaniji żgħar. Il-baġit tal-UE jipprovdi garanzija sa EUR 26 biljun ("garanzija tal-UE tal-FEIS") skont ftehim bejn l-UE u l-BEI, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim tal-FEIS", sabiex il-BEI jiġi protett minn telf potenzjali li jista' jgħarrab mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu.

L-operazzjonijiet tal-FEIS jitwettqu f'żewġ twieqi: it-Tieqa tal-Infrastruttura u l-Innovazzjoni ("Infrastructure and Innovation Window" – IIW) implimentata mill-BEI (garanzija tal-UE tal-FEIS ta' EUR 19 250 biljun) u t-Tieqa tal-SMEs (SMEW) implimentata mill-FEI (garanzija tal-UE tal-FEIS ta' EUR 6 750 miljun), li t-tnejn li huma għandhom portafoll tad-dejn u portafoll tal-ekwità. Il-FEI jaġixxi skont ftehim mal-BEI abbażi ta' garanzija tal-BEI, li hija kontrogarantita mill-Garanzija tal-UE tal-FEIS skont il-Ftehim dwar il-FEIS.

⁽²³⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

L-UE u l-BEI għandhom rwoli distinti fi ħdan il-FEIS. Il-FEIS huwa stabbilit fil-BEI, li jiffinanzja l-operazzjonijiet (dejn u investimenti ta' ekwità) u, biex jagħmel dan, jissellef il-fondi meħtieġa fis-swieq kapitali. Il-Grupp tal-BEI jieħu d-deċizzjonijiet ta' investiment b'mod indipendenti u jiġġestixxi l-operazzjonijiet f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tiegħu. L-UE tippovdi l-garanzija għal dawk l-operazzjonijiet u tkopri t-telf imġarrab mill-BEI sal-limitu massimu ta' din il-garanzija.

Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti magħmulin taħt il-FEIS jibqgħu ffokati fuq l-oġettiv speċifiku li jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u li dawn ikunu eliġibbli għall-protezzjoni tal-garanzija tal-UE, ġiet implimentata struttura ta' governanza ddedikata, inkluż Kumitat tal-Investment ta' esperti indipendenti li jeżamina kull proġett propost mill-BEI skont l-IIW fir-rigward tal-eliġibbiltà tiegħu għall-kopertura mill-garanzija tal-UE u Bord ta' Tmexxija tal-FEIS li jiżgura sorveljanza fuq il-programm.

Billi l-kriterji ta' kontroll u r-rekwiżiti ta' kontabilità għal konsolidazzjoni skont ir-regoli kontabilistiċi tal-UE (u l-IPSAS) ma humiex issodisfati, l-assi garantiti relatati ma jiġux kontabilizzati fil-kontijiet annwali konsolidati tal-UE.

Il-garanzija tal-UE mogħtija lill-Grupp tal-BEI skont il-FEIS hija kontabilizzata bħala obligazzjoni ta' garanzija finanzjarja fir-rigward tal-portafoll tad-dejn tal-IIW u tal-portafoll tad-dejn tal-SMEW (ara n-nota 2.11.2) u bħala derivattiv (assi jew obligazzjoni finanzjarja abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit) għaż-żewġ portafolli ta' ekwità (ara n-nota 2.4.2.2). Il-garanzija tal-FEIS mogħtija tinkludi operazzjonijiet tal-programmi COSME, H2020, CCS u EaSI għall-parti koperta mill-garanzija tal-UE tal-FEIS taħt il-portafoll tad-dejn tal-SMEW.

Matul l-2021, ma tħallset l-ebda talba għal ħlas ta' garanzija mill-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija tal-FEIS tas-CPF (2020: EUR 1 miljun).

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD)

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, stabbilit bir-Regolament tal-EFSD, huwa inizjattiva li għandha l-għan li tappoġġa l-investimenti fl-Afrika u fil-Viċinat Ewropew bħala mezz li jikkontribwixxi għall-kisba tal-iżvilupp sostenibbli u li jindirizza l-kawżi soċjoekonomiċi speċifiċi sottostanti għall-migrazzjoni. Skont ir-Regolament tal-EFSD, l-UE għandha tagħmel disponibbli garanziji ta' EUR 1,5 biljun (miżjuda ulterjorment permezz ta' kontribuzzjonijiet esterni) lis-sħab ta' implimentazzjoni għall-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament tagħhom, sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' investiment tagħhom. Il-Garanzija tal-EFSD hija appoġġata mis-CPF – ara n-nota 2.4.2.1. Mill-31 ta' Diċembru 2021, sittax-il ftehim ta' garanzija tal-EFSD kienu effettivi bil-limitu ta' kopertura tal-garanzija totali jammonta għal EUR 1 391 miljun, filwaqt li l-operazzjonijiet iffirmati mill-kontropartijiet u ggarantiti mill-UE skont dawk il-ftehimiet ammontaw għal total ta' EUR 611-il miljun.

Garanzija għall-azzjoni esterna tal-NDICI

Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁴⁾, stabbilixxa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (l-“Istrument”), inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (l-“EFSD+”) u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, għall-perjodu tal-QFP 2021-2027. Ir-Regolament dwar l-NDICI għandu l-għan li jżid il-koerenza u l-effettività tal-azzjonijiet esterni tal-UE, u b'hekk itejjeb l-implimentazzjoni tal-politiki differenti ta' azzjoni esterna.

Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti minn garanziji baġitarji, minn assistenza makrofinanzjarja u minn self lil pajjiżi terzi.

Sal-31 ta' Diċembru 2021, ġie ffirmat ftehim ta' garanzija baġitarja wieħed, għal limitu massimu totali ta' EUR 200 miljun.

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

Garanzija ta' InvestEU

Ir-Regolament dwar InvestEU (ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017⁽²⁵⁾) jipprevedi garanzija tal-UE sa EUR 26,2 biljun li tappoġġa l-finanzjamenti u l-investimenti tas-sħab ta' implimentazzjoni li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-politiki interni tal-Unjoni f'erba' twieqi ta' politika: L-Infrastruttura sostenibbli, ir-Riċerka, l-Innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, il-Kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, u l-Investment soċjali u l-ħiliet. Gradwalment l-UE qiegħda twarrab flus ("proviżjonament") mill-baġit ta' InvestEU sabiex toħloq bafer kapitali għal talbiet għal ħlas ta' garanzija. Ir-Regolament dwar InvestEU stabbilixxa r-rata ta' proviżjonament għal 40 % tal-garanzija għall-kompartiment tal-Unjoni ta' InvestEU. Bħalissa, l-ammont huwa ta' EUR 300 miljun, investit fis-CPF (ara n-nota 2.4.2.1). L-ewwel ftehim ta' garanzija taħt InvestEU ġie ffirmat f'Marzu 2022 mal-Grupp tal-BEI li jipprevedi garanzija tal-UE sal-limitu massimu ta' EUR 19,6-il biljun. Ir-Regolament dwar InvestEU jippermetti wkoll il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri (taħt il-kompartiment tal-Istati Membri) u minn pajjiżi terzi.

Obbligi tar-Renju Unit li jirriżultaw mit-tluq tiegħu mill-UE

F'konformità mal-Artikolu 143 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli lejn l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' obligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti relatati mal-FEIS, mal-EFSD u mal-operazzjonijiet tal-mandat ta' self estern tal-BEI approvati sad-data tal-ħruġ, il-31 ta' Jannar 2020. L-Artikolu 143 jirrikjedi li f'każ ta' talba għal ħlas ta' garanzija għal operazzjoni finanzjarja li tkun ġiet approvata qabel id-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit ikun responsabbli lejn l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' pagamenti magħmulin mill-Unjoni taħt dawk l-operazzjonijiet, sakemm dan ma jkunx jista' jiġi kopert mis-sehem tar-Renju Unit ta' proviżjonament miżmum fil-fond ta' garanzija, fejn dan ikun rilevanti.

Għas-self mill-mandat ta' self estern tal-BEI (ELM), il-valur tal-garanzija baġitarja tal-UE fid-data tal-ħruġ, għall-operazzjonijiet approvati sad-data tal-ħruġ, kien ta' EUR 33,7 biljun. Fil-31 ta' Diċembru 2021, dan kien inbidel għal EUR 27,6 biljun. Għalhekk, is-sehem tar-Renju Unit ta' din l-obbligazzjoni kontinġenti fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 3,4 biljun. Madankollu, kif iddikjarat aktar 'il fuq, kwalunkwe inadempjenza fuq dan is-self tiġi koperta qabel kollox mill-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni tas-CPF u l-ammonti jinġabru biss mir-Renju Unit jekk il-proviżjonament tar-Renju Unit għal dan il-fond, ta' EUR 338 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021, ma jkunx biżżejjed.

Għar-rigward tal-operazzjonijiet tal-FEIS, il-valur tal-garanzija baġitarja tal-UE fid-data tal-ħruġ, għall-operazzjonijiet approvati sad-data tal-ħruġ, kien ta' EUR 23,5 biljun. Fil-31 ta' Diċembru 2021, dan kien inbidel għal EUR 18,8 biljun. Għalhekk, is-sehem tar-Renju Unit ta' din l-obbligazzjoni kontinġenti fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 2,3 biljun. Kull talba għal ħlas ta' garanzija skont il-FEIS tiġi l-ewwel koperta mill-kompartiment tal-fond ta' garanzija tal-FEIS tas-CPF u l-ammonti jinġabru biss mir-Renju Unit jekk il-proviżjonament tar-Renju Unit għal dan il-fond, ta' EUR 1,1 miljun fil-31 ta' Diċembru 2021, ma jkunx biżżejjed.

Peress li l-ebda operazzjoni ma kienet ġiet approvata mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni fir-rigward tal-Garanzija tal-EFSD qabel id-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit ma għandu l-ebda obbligu hawnhekk.

Is-sehem tar-Renju Unit mill-pagamenti li saru fl-2021 għall-operazzjonijiet approvati fid-data tal-ħruġ jew wara, u sal-31 ta' Diċembru 2021, ammonta għal EUR 47 miljun (EUR 35 miljun għall-FEIS u EUR 12-il miljun għall-ELM), u b'hekk naqqas b'mod korrispondenti l-proviżjonament tar-Renju Unit. L-ammont dovut lir-Renju Unit fl-2022, EUR 163 miljun (ara n-nota 2.6.1.2) jirriżulta mis-sehem tar-Renju Unit mill-irkupri u mid-dħul nett miġburin fl-2021 (EUR 70 miljun), mill-eċċess fil-proviżjonament (EUR 92 miljun) Kif ukoll mill-impatt tal-kalkolu definittiv tas-sehem tar-Renju Unit mill-ammonti dovuti fl-2021 ("rkupru").

4.1.2. Garanziji mogħtijin sabiex ikopru t-teħid ta' self għall-NGEU u għall-assistenza finanzjarja

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
NGEU	91 002	—
SURE	89 702	39 503
EFSM	47 270	47 396

(25) ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30.

(EUR miljuni)		
	31.12.2021	31.12.2020
BOP	201	201
AMF	7 466	5 813
Euratom	350	279
Total	235 991	93 193

L-ammonti tas-self meħud f'din it-tabella huma l-ammonti nominali u l-imghaxxiet dovuti. Il-baġit tal-UE jggarantixxi s-self li l-Kummissjoni toħroġ għall-istrument tal-NGEU u għall-programmi ta' assistenza finanzjarja. Mis-self tal-NGEU pendenti fil-31 ta' Diċembru 2021, EUR 18-il biljun ġew żborżati bħala self tal-RRF, EUR 46,4 biljun bħala appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF u EUR 7,2 biljun bħala kontribuzzjonijiet għall-programmi tal-QFP, filwaqt li l-EUR 19,4-il biljun li jifdal għadhom ma ġewx żborżati u għadhom fi flus u f'ekwivalenti ta' flus (ara n-nota 2.8).

Jekk ikun hemm inadempjenza fuq is-self mogħti b'dan it-teħid ta' self, il-baġit tal-UE eventwalment ikollu jġarrab il-kost sħiħ tal-ammont inadempjenti:

- It-teħid ta' self tal-NGEU u t-teħid ta' self relatat mas-self tal-EFSM, tal-BOP u tal-Euratom huma ggarantiti biss mill-baġit tal-UE;
- It-teħid ta' self relatat ma' SURE huwa garantit mill-baġit tal-UE u sostnut minn garanziji tal-Istati Membri b'valur ta' EUR 25 biljun (25 % tal-ammont massimu tal-assistenza finanzjarja ta' EUR 100 biljun); u
- It-teħid ta' self tal-MFA u tal-Euratom għal self lil pajjiżi terzi huwa koperti qabel kollux mill-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni tas-CPF (ara n-nota 2.4.2) u mbagħad mill-baġit tal-UE.

Obbligi tar-Renju Unit li jirriżultaw mit-tluq tiegħu mill-UE

F'konformità mal-Artikolu 143 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli quddiem l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' obligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti relatati mas-self għal assistenza finanzjarja (EFSM, MFA, BOP u Euratom) approvat/deċiż fid-data tal-ħruġ, il-31 ta' Jannar 2020. L-Artikolu 143 jirrikjedi li f'każ ta' inadempjenza taħt self dwar assistenza finanzjarja li tkun ġiet approvata qabel id-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit ikun responsabbli quddiem l-Unjoni għas-sehem tiegħu ta' pagamenti magħmulin mill-Unjoni taħt l-operazzjonijiet li taqa' taħt l-inadempjenza, sakemm dan ma jkunx jista' jiġi kopert mis-sehem tar-Renju Unit ta' proviżjonament miżmum fil-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni tas-CPF fejn dan ikun rilevanti (jiġifieri self MFA u Euroatom fpajjiżi terzi) – ara n-nota 4.1.1.

L-obbligazzjoni kontinġenti pendenti tal-UE relatata mas-self imsemmi hawn fuq għall-assistenza finanzjarja kienet tammonta għal EUR 53,9 biljun fid-data tal-ħruġ. Wara r-ripagamenti minn dik id-data, il-valur ta' dan is-self kopert mill-garanzija tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' EUR 53,0 biljun – is-sehem tar-Renju Unit minn dan huwa ta' EUR 6,6 biljun.

4.1.3. Garanziji mogħtijin skont il-programmi tal-istrumenti finanzjarji tal-UE (nominali)

(EUR miljuni)	
	31.12.2021
Orizzont 2020	2 590
Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	568
COSME	782
Oħrajn	653
Total	4 593

(EUR miljuni)	
	31.12.2020
Orizzont 2020	1 860
Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	579
Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji	37
Oħrajn	49
Total	2 524

Kif issemma' fl-Artikolu 210(1) tar-RF, in-nefqa baġitarja marbuta ma' strument finanzjarju u l-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE **fl-ebda każ ma għandhom jaqbuż l-ammont tal-impenn baġitarju rilevanti magħmul għalih**, sabiex b'hekk jiġu esklużi l-obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit. Fil-prattika, dan ifisser li dawn l-obbligazzjonijiet għandhom kontroparti fuq in-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali jew huma koperti mill-impenni baġitarji pendenti li jkunu għandhom ma' ġeww iddebitati.

L-ammonti fil-31 ta' Diċembru 2021 jippreżentaw l-ammonti nominali pendenti tal-garanziji, filwaqt li l-obbligazzjonijiet kontinġenti fil-31 ta' Diċembru 2020 jintwerew netti mill-provvedimenti finanzjarji u mill-obbligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti għal dawn l-istrumenti – ara n-noti **2.10** u **2.11.2**.

Il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self (LGF) tal-Programm COSME tikkonsisti primarjament f'garanziji limitati għal portafolli ta' finanzjament ta' dejn b'riskju oġġa (primarjament self) offrut minn intermedjarji finanzjarji lill-SMEs. Il-COSME LGF hija implimentata mill-FEI fisem l-UE.

Għal aktar dettalji dwar Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ara wkoll in-nota **2.4.2.1**.

Obbligi tar-Renju Unit li jirriżultaw mit-tluq tiegħu mill-UE

Fir-rigward tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE għal ammonti approvati sad-data tal-ħruġ fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji tal-UE, inklużi dawk imsemmija hawn fuq, jekk xi waħda minn dawn il-kontinġenti tkun kristalizzata, dawn ikunu koperti mill-baġit tal-UE bl-użu ta' flejjes miżmuma f'kontijiet fiduċjarji. Għalhekk, fil-prinċipju l-ebda ammont mhu se jissejjaħ mir-Renju Unit għajr is-sehem tiegħu fl-RAL baġitarju kif deskritt fl-Artikolu 140 tal-Ftehim dwar il-ħruġ – ara n-nota **2.6.1.2**.

4.2. OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI RELATATI MA' KAWŻI LEGALI

4.2.1. Kawżi legali fil-qasam tal-multi

Fil-31 ta' Diċembru 2021, l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mal-multi ammontaw għal EUR 2 111-il miljun (2020: EUR 2 985 miljun). Dawn l-ammonti jikkonċernaw prinċipalment il-multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni li tħallsu provviżorjament minn kumpaniji mmulti u fejn jew ikun tressaq appell jew fejn ma' jkunx magħruf jekk ikunx se jsir appell. L-obbligazzjoni kontinġenti tinżamm sakemm deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-każ issir finali jew sakemm jiskadi l-perjodu għall-appell. L-imgħax miksub fuq pagamenti provviżorji huwa inkluż fir-riżultat ekonomiku tas-sena, kif ukoll bħala obbligazzjoni kontinġenti biex tkun riflessa l-inċertezza tat-titolu tal-Kummissjoni għal dawn l-ammonti.

Jekk l-UE titef kwalunkwe waħda mill-kawżi relatati mal-multi imposti, l-ammonti li ġew riċevuti b'mod provviżorju jintraddu lura lill-kumpaniji mingħajr impatt baġitarju. L-ammont ta' multi jiġi rikonoxxut biss bħala dħul tal-baġit meta l-multi jkunu definittivi (l-Artikolu 107 tar-RF).

4.2.2. Kawżi legali oħrajn

(EUR miljuni)		
	31.12.2021	31.12.2020
Agrikoltura	79	66
Koeżjoni	210	341

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
<i>Oħrajn</i>	1 153	2 169
Total	1 443	2 576

Agrikoltura

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri konnessi mad-deċizzjonijiet ta' konformità tal-FAEG u tal-iżvilupp rurali, sakemm tingħata sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-determinazzjoni tal-ammont finali tal-obbligazzjoni u s-sena li fiha l-effett ta' appell li jirnexxi jkun attribwit lill-baġit jiddependu fuq it-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti.

Koeżjoni

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri b'rabta ma' azzjonijiet taħt il-politika ta' koeżjoni li qegħdin jistennew id-data tas-smigħ orali jew sentenza pendenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Kawżi legali oħrajn

Din l-intestatura tirrigwardja l-azzjonijiet għad-danni li bħalissa qed jinġiebu kontra l-UE, tilwimiet legali oħrajn u l-ispejjeż legali stmati. Għandu jiġi osservat li f'azzjoni għad-danni skont l-Artikolu 340 tat-TFUE, l-applikant jeħtieġli juri ksur serju biżżejjed, mill-istituzzjoni, tal-istat tad-dritt maħsub sabiex jagħti drittijiet lill-individwi, dannu reali mġarrab mill-applikant u rabta kawżali diretta bejn l-att illegali u d-dannu. It-tnaqqis konsiderevoli minn tmiem is-sena preċedenti jirrigwarda prinċipalment talba għad-danni kontra l-Kummissjoni għal deċizzjoni ta' projbizzjoni ta' fużjoni li eventwalment ġiet miċħuda mill-Qorti.

Obbligi tar-Renju Unit li jirriżultaw mit-tluq tiegħu mill-UE

Skont l-Artikolu 147 tat-Trattat dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli għas-sehem tiegħu tal-pagamenti meħtieġa sabiex jiġu rrilaxxati l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Unjoni li jsiru dovuti f'relazzjoni ma' kawżi legali li jikkonċernaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, dment li l-fatti li jiffurmaw is-suġġett ta' dawk il-kawżi jkunu sehew mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. Hawnhekk, l-iskopertura massima stmata tar-Renju Unit hija ta' EUR 179 miljun (2020: EUR 318-il miljun). Għal kawżi legali li fihom jitqies li jkun probabbli li l-ammonti se jitħallsu mill-baġit tal-UE (ara n-nota **2.10**), is-sehem tar-Renju Unit huwa inkluż bħala parti mill-ammont globali dovut mir-Renju Unit – ara d-dettalji taħt in-nota **2.6.1.2**.

4.3. ASSI KONTINĠENTI

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
<i>Garanziji riċevuti:</i>		
<i>Garanziji ta' prestazzjoni</i>	287	318
<i>Garanziji oħrajn</i>	8	8
<i>Assi kontinġenti oħrajn</i>	98	58
Total	393	384

Garanziji tal-prestazzjoni jintalbu biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratti tagħhom mal-UE.

5. IMPENJI LEGALI U BAĠITARJI

Din in-nota tipprovdi informazzjoni dwar il-proċess baġitarju u l-ħtiġijiet ta' finanzjament fil-ġejjieni u mhux dwar l-obbligazzjonijiet li kienu jeżistu fil-31 ta' Diċembru 2021.

Il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) maqbul mill-Istati Membri jiddefinixxi l-programmi u jistabbilixxi l-limiti massimi tal-intestaturi għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u t-total għall-appropriazzjonijiet ta' pagament li fihom l-UE tista' tidħol f'impenji baġitarji u legali, u fl-aħħar mill-aħħar tagħmel pagamenti għal perjodu ta' 7 snin – ara t-tabella 1.1 fin-noti għar-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja.

L-impenji legali jikkorrespondu għall-programmi, għall-proġetti, għall-ftehimiet jew għall-kuntratti ffirmati, sabiex b'hekk jorbtu legalment lill-UE. Impenn legali huwa l-att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti jidħol f'obbligu jew jistabbilixxi obbligu (għall-UE) li jirriżulta f'imposta (l-Artikolu 2(37) tar-RF).

Fil-prinċipju, impenn baġitarju jsir qabel l-impenn legali, iżda għal xi programmi/proġetti pluriennali jsir bil-maqlub, bl-impenji baġitarji rilevanti jsiru f'pagamenti parzjali annwali, fuq medda ta' diversi snin, meta l-att bażiku hekk jipprevedi. Pereżempju, għall-koeżjoni, l-Artikolu 86 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) (ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁶⁾) jistabbilixxi li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta programm għandha tikkostitwixxi impenn legali skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju, iżda li l-impenji tal-baġit tal-Unjoni fir-rigward ta' kull programm għandhom isiru f'pagamenti parzjali annwali għal kull fond matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027. Bażijiet ġuridiċi oħrajn jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet simili. Għal din ir-raġuni, jista' jkun hemm ammonti li l-UE tkun impenjat ruħha legalment li tħallas, iżda fejn l-impenn baġitarju jkun għadu ma sarx – ara n-nota 5.2 ta' hawn taħt.

Jekk l-impenn baġitarju jkun sar, iżda l-pagamenti sussegwenti jkunu għadhom ma sarux, l-ammont ta' impenn pendenti jissejjaħ "Reste à Liquider" (RAL). Dan jista' jirrappreżenta programmi jew proġetti, spiss pluriennali, li huma ffirmati u li għalihom il-pagamenti se jsiru biss fi snin aktar tard. Huma jirrappreżentaw l-obbligi ta' ħlas għas-snin futuri. Billi r-rapporti finanzjarji jitħejjew fuq bażi tad-dovuti, filwaqt li r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jitħejjew fuq bażi ta' flus kontanti, parti mill-ammonti globali mhux imħallsa (RAL) diġà ġiet iddebitata u hija rikonossuta bħala obbligazzjoni fuq il-karta bilanċjali (ara n-noti 2.12 u 2.13). Il-kalkolu ta' dawn l-ispejjeż isir fuq il-pretensjonijiet tal-kostijiet/il-fatturi riċevuti jew fuq l-implimentazzjoni stmata ta' programm jew ta' proġett, fejn tkun għadha ma ġiet innotifikata l-ebda talba lill-UE sad-data tar-rapportar – ara n-nota 5.1 ta' hawn taħt. Ladarba jsiru l-pagamenti li jirrigwardaw l-RAL, l-obbligazzjoni fuq il-karta bilanċjali ma tibqax rikonossuta. Il-parti tal-RAL li għadha ma ġiet iddebitata ma hijex inklużi taħt l-obbligazzjonijiet, iżda minflok hija divulgata hawn taħt.

B'hekk, id-divulgazzjonijiet ta' hawn taħt jirrappreżentaw ammonti fil-31 ta' Diċembru 2021, li l-UE impenjat ruħha li tħallas abbażi tal-issodisfar tal-ftehimiet kuntrattwali u li għalhekk huma maħsubin sabiex jiġu ffinanzjati minn baġits futuri tal-UE.

(EUR miljuni)

	Nota	31.12.2021	31.12.2020
<i>Impenji baġitarji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati</i>	5,1	266 526	249 309
<i>Impenji legali sinifikanti</i>	5,2	135 181	14 481
Total		401 707	263 790

⁽²⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

5.1. IMPENJI BAĠITARJI PENDENTI LI GĦADHOM MA ĠEWX IDDEBITATI

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
<i>Impenji baġitarji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati</i>	266 526	249 309

L-ammont divulgat hawn fuq huwa l-RAL (“Reste à Liquidier”) baġitarju ta’ EUR 341 634 miljun (ara t-tabella 6.4 fin-noti għar-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit), nieqes l-ammonti relatati li ġew inklużi bħala obligazzjonijiet fil-karta bilanċjali u bħala spejjeż fir-rapport tal-introjt. L-RAL baġitarju huwa ammont li jirrappreżenta l-impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux il-pagamenti u/jew id-diżimpenji. Din hija l-konsegwenza normali tal-eżistenza ta’ programmi pluriennali.

Għandu li jiġi nnotat li l-avvanzi tal-prefinanzjament pendenti fil-31 ta’ Diċembru 2021 kienu jammontaw għal total ta’ EUR 93,4 biljun – ara n-nota 2.5. Dan jirrappreżenta l-impenji baġitarji li tħallsu, li jnaqqsu l-RAL, iżda meta l-ammonti mħallsin ikunu għadhom meqjusa bħala li jappartjenu lill-UE u mhux lill-benefiċjarju, sakemm jiġu ssodisfati l-obbligi kuntrattwali rilevanti. B’hekk, bħall-RAL divulgati hawn fuq, huma għadhom ma ġewx iddebitati.

5.2. IMPENJI LEGALI SINIFIKANTI

(EUR miljuni)

	31.12.2021	31.12.2020
<i>Impenji ta’ appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF (NGEU)</i>	99 530	—
<i>ITER</i>	6 121	6 837
<i>FAEŻR⁽¹⁾</i>	17 662	—
<i>Programm Spazjali</i>	4 189	—
<i>Ftehimiet dwar is-sajd</i>	412	172
<i>Orizzont UE</i>	382	—
<i>EURATOM</i>	445	—
<i>Ir-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit</i>	3 072	—
<i>Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa</i>	—	4 140
<i>Impenji ta’ lokazzjoni operatorja</i>	2 492	2 547
<i>Impenji kuntrattwali oħrajn</i>	876	785
Total	135 181	14 481

⁽¹⁾ Il-qafas finanzjarju għall-FAEŻR ġie estiż sabiex ikopri l-perjodu sal-2022 (ir-Regolament (UE) 2020/2220).

Dawn l-ammonti jirriflettu l-impenji legali fit-tul li kienu għadhom ma humiex koperti mill-appropriazzjonijiet ta’ impenn fil-baġit fi tmiem is-sena. Dawn l-obbligi vinkolanti se jkun bbaġitjati u jitħallsu fi snin futuri.

Ċerti programmi importanti (ara hawn taħt) jistgħu jiġu implimentati b’pagamenti parzjali annwali skont l-Artikolu 112(2) tar-RF. Dan jippermetti lill-UE tagħmel impenji legali (tiffirma ftehimiet ta’ għotjiet, ftehimiet ta’ delega u kuntratti ta’ akkwist) li jaqbżu l-appropriazzjonijiet ta’ impenn disponibbli ta’ sena partikolari. Għalhekk, ammont sostanzjali tal-allokazzjoni globali għall-QFP attwali jista’ jkun impenjat diġà. Dan japplika b’mod partikolari għall-programmi deskritti hawn taħt:

Impenji ta' appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU (RRF)

L-RRF hija programm importanti tal-NGEU, l-Istrument tal-UE għall-Irkupru. Ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021⁽²⁷⁾. Tiffinanzja riformi u investimenti fl-Istati Membri mill-bidu tal-pandemija tal-coronavirus fi Frar tal-2020 sal-2026. L-ammont iddivulgat hawnhekk jirreferi għall-parti tal-impenji legali għal appoġġ mhux ripagabbli tal-RRF li fi tmiem is-sena 2021 ma kinitx koperta minn impenji baġitarji. L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/241 jawtorizza l-użu ta' pagamenti parzjali annwali.

Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)

Dawn l-impenji huma maħsuba biex ikopru l-ħtiġijiet futuri ta' finanzjament tal-faċilitajiet tal-ITER sal-2027. Il-kontribuzzjoni tal-UE (Euratom) lill-ITER Internazzjonali tingħata permezz tal-Aġenzija Fużjoni għall-Enerġija, inklużi wkoll il-kontribuzzjonijiet minn Stati Membri u mill-Isvizzera. L-ammont jirrifletti l-finanzjament prospettiv taħt il-QFP 2021–2027 stabbilit bid-deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2021/281⁽²⁸⁾ tat-22 ta' Frar 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, li tawtorizza l-użu ta' pagamenti parzjali annwali. L-ITER inħoloq sabiex jiġġestixxi u jinkoraġġixxi l-esplojtazzjoni tal-faċilitajiet tal-ITER, jipromwovi l-fehim pubbliku u l-aċċettazzjoni tal-enerġija mill-fużjoni u jwettaq kwalunkwe attività oħra li tkun meħtieġa sabiex jilħaq l-iskop tiegħu. L-ITER jinvolvi lill-UE flimkien ma' diversi pajjiżi oħrajn.

FAEŻR

Dawn huma obbligi legali li l-UE impenjat ruħha li tħallas meta tadotta l-programm tal-FAEŻR li jkopri l-perjodu 2014-2022 skont ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁹⁾. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta programm operazzjonali tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-RF u, ladarba tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat, impenn legali skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament.

Programm Spazjali

Il-programm spazjali jinkludi l-komponenti li ġejjin: Galileo, EGNOS, Copernicus, GovaSatcom u SSA. L-aktar sinifikanti huma Galileo, li qiegħed jiżviluppa s-Sistema Globali Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita, u Copernicus, li huwa relatat mal-osservazzjoni Ewropea tad-Dinja. Dawn l-impenji huma magħmulin għall-perjodu sal-2027. Fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁰⁾, il-Kummissjoni ffirmat ftehimiet ta' delega mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), mal-EUMETSAT, ma' Mercator u maċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Metereoloġiċi fuq Perjodu Medju. L-Artikolu 11.6 tar-Regolament (UE) 2021/696 jawtorizza l-użu ta' pagamenti parzjali annwali.

Ftehimiet dwar is-sajd

Dawn jirrappreżentaw impenji konklużi ma' pajjiżi terzi għal operazzjonijiet taħt il-ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd sal-2026. L-impenji magħmula huma bbażati fuq deċiżjonijiet tal-Kunsill għal kull pajjiż terz (eż. Ftehim bejn l-UE u r-Repubblika ta' Seychelles u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni għalih; ĠU L 60, 28.2.2020) u huma meqjusa bħala trattati internazzjonali speċifiċi bi drittijiet u b'obbligi pluriennali.

⁽²⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

⁽²⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2021/281 tat-22 ta' Frar 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi (ĠU L 62, 23.2.2021, p. 41).

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

⁽³⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

Orizzont Ewropa

Dawn huma ammonti impenjati għall-programm Orizzont Ewropa għal attivitajiet upstream u downstream għad-diversi komponenti spazjali. Dawn l-impenji huma magħmulin għall-perjodu sal-2027. Abbażi tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³¹⁾, il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' delega mal-ESA u ieħor mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA). L-Artikolu 12.8 tar-Regolament (UE) 2021/695 jawtorizza l-użu ta' pagamenti parzjali annwali.

Euratom

L-EUROfusion (il-Konsorzju Ewropew għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni) huwa konsorzju benefiċjarju msemmi tal-Laboratorji u l-istituti tal-UE li l-missjoni tagħhom hija li jwittu t-triq għal reattur tal-enerġija mill-fużjoni. Sabiex jagħmel dan, il-konsorzju jiffinanzja r-riċerka tat-30 membru tiegħu abbażi tal-“Pjan Direzzjonali Ewropew għar-Realizzazzjoni tal-Enerġija mill-Fużjoni” bħala programm konġunt fi ħdan is-Sħubija Ewropea Kofinanzjata mill-Euratom. Il-bażi legali hija r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765⁽³²⁾ tal-10 ta' Mejju 2021 li jstabilixxi l-Programm ta' Riċerka u ta' Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għall-perjodu 2021-2025 li jikkomplementa lil Orizzont Ewropa, li jipprevedi l-użu tal-pagament parzjali annwali fl-Artikolu 4 tiegħu.

Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)

Ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) għandha l-għan li tiġġieled il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (UE) fi Frar 2020. Ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³³⁾. L-ammont divulgat jirrappreżenta l-impenji legali li għadhom iridu jiġu implimentati bħala parti mill-miżuri appoġġati mill-BAR. Hawnhekk tiġi ddivulgata biss il-parti tal-impenji legali li għadhom ma humiex koperti minn impenji baġitarji.

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)

Is-CEF tipprovdi assistenza finanzjarja lin-networks trans-Ewropej sabiex tappoġġa proġetti ta' interess komuni fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. L-impenji legali għall-programm tal-FNE jkopru perjodu ta' implimentazzjoni li jibda mill-2014 u jibqa' sejjer sal-2024 għall-FNE fis-settur tat-Trasport u sal-31 ta' Diċembru 2025 għall-FNE fis-settur tal-Enerġija. Il-bażi legali ta' dawn l-impenji hija r-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, l-20 ta' Diċembru 2013), li jipprevedi l-użu tal-pagament parzjali annwali fl-Artikolu 19 tiegħu. Fi tmiem is-sena 2021, l-impenji legali huma koperti kompletament minn impenji baġitarji.

Impenji ta' lokazzjoni operatorja

L-ammonti minimi li ġew impenjati sabiex jitħallsu skont il-kuntratti sottostanti matul il-bqija tat-terminu ta' dawn il-kuntratti ta' lokazzjoni huma kif ġej:

(EUR miljuni)

	Pagamenti minimi ta' lokazzjoni			
	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total
Binjiet	414	953	1 074	2 442
Materjali tal-IT u tagħmir ieħor	14	27	9	50
Total	428	980	1 083	2 492

⁽³¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jstabilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

⁽³²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jstabilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkomplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament (Euratom) 2018/1563 (ĠU L 167 I, 12.5.2021, p. 81).

⁽³³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jstabilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

F'Marzu 2019, fil-kuntest tan-notifika tar-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-UE, u bħala riżultat tar-Regolament (UE) 2018/1718 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁴⁾ tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004, is-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) ġiet rilokata minn Londra għal Amsterdam. Fit-2 ta' Lulju 2019, l-Aġenzija laħqet ftehim ma' sid il-kera tagħha u minn dak iż-żmien 'l hawn tat il-bini tagħha b'sullokazzjoni lil subinkwilin taħt kundizzjonijiet li huma konsistenti ma' dawk tal-lokazzjoni prinċipali, inkluż it-terminu ta' sullokazzjoni li jiġi estiż sal-iskadenza tal-lokazzjoni prinċipali tal-EMA f'Ġunju 2039.

L-ammonti divulgati fit-tabella ta' hawn fuq jinkludu EUR 383-il miljun li għadhom dovuti skont il-kuntratt tal-lokazzjoni prinċipali. Huwa mistenni li jiġi rċevut ammont ugwali ta' pagamenti mis-subinkwilin taħt is-sullokazzjoni mhux kanċellabbli.

Impenji kuntrattwali oħrajn

L-ammonti inklużi f'din id-divulgazzjoni jikkorrespondu għall-ammonti impenjati li għandhom jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti. L-aktar ammont sinifikanti inkluż hawnhekk jirrigwardja kuntratt ta' bini (JMO2) tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu (EUR 393 miljun).

6. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

Id-divulgazzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-UE huma relatati ma':

- L-attivitajiet ta' għoti ta' self u ta' tehdid ta' self għall-assistenza finanzjarja mwettqa mill-Kummissjoni permezz tal-azzjonijiet tal-NGEU, tal-EFSM, tal-BOP, tal-AMF u tal-Euratom;
- L-operazzjonijiet tat-teżor imwettqin mill-Kummissjoni Ewropea sabiex timplimenta l-baġit tal-UE, inkluża r-riċevuta ta' multi;
- Assi miżmumin fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni għall-garanziji baġitarji, u fil-KEFA f'likwidazzjoni;
- L-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE; u
- Programmi ta' garanzija baġitarja tal-UE.

Bil-bidu tal-NGEU fl-2021, il-Kummissjoni ħatret Uffiċjal Kap tar-Riskju, stabbiliet struttura ta' governanza xierqa u adottat politika ta' riskju li tkopri l-attivitajiet tal-NGEU.

6.1. TIPI TA' RISKJU

Riskju tas-suq huwa r-riskju li l-valur ġust jew il-flussi tal-flus futuri ta' strument finanzjarju jvarjaw, minħabba varjazzjonijiet fil-prezzijiet tas-suq. Ir-riskju tas-suq jinkorpora mhux biss il-potenzjal għal telf, iżda wkoll il-potenzjal għal qligħ. Huwa jinvolvi *r-riskju tal-kambju*, *ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax* u *riskju ieħor tal-prezz* (bħar-riskju ta' ekwità):

- *Ir-riskju tal-kambju* huwa r-riskju li l-operazzjonijiet tal-UE jew il-valur tal-investimenti tagħha jiġu affettwati minn bidliet fir-rati tal-imgħax. Dan ir-riskju jinħoloq mit-tibdil fil-prezz ta' munita kontra oħra;
- *Ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax* huwa l-possibbiltà ta' tnaqqis fil-valur ta' titolu ta' sigurtà, speċjalment bond, li jirriżulta minn żieda fir-rati tal-imgħax. B'mod ġenerali, rati tal-imgħax ogħla jwasslu għal prezzijiet aktar baxxi ta' bonds b'rata fissa, u viċi versa; u
- *Riskju ieħor tal-prezz* huwa r-riskju li l-valur ġust jew il-flussi tal-flus futuri ta' strument finanzjarju jistgħu jvarjaw minħabba bidliet fil-prezzijiet tas-suq (minbarra dawk ikkawżati minn riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew riskju tal-kambju), kemm jekk dawk il-bidliet ikunu kkawżati minn fatturi speċifiċi għall-istrument finanzjarju individwali jew għall-emittent tiegħu, kif ukoll minn fatturi li jaffettwaw kull strument finanzjarju simili nnegozjat fis-suq.

⁽³⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1718 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 291, 16.11.2018, p. 3).

Riskju ta' kreditu huwa r-riskju ta' telf dovut għan-nuqqas ta' ħlas minn debitur/mutwatarju ta' self jew linja ta' kreditu oħra (il-kapital jew l-imgħax jew it-tnejn li huma) jew nuqqas ieħor li jiġi ssodisfat obbligu kuntrattwali. L-avvenimenti inadempjenti jinkludu dewmien fil-ħlasijiet lura, ir-ristrutturar tal-ħlasijiet lura tal-mutwatarju u falliment.

Riskju ta' likwidità huwa r-riskju li entità tal-UE tiltaqa' ma' diffikultajiet sabiex tissodisfa l-obbligi assoċjati mal-obbligazzjonijiet finanzjarji li jissaldu bil-konsenja ta' flus jew ta' assi finanzjarji ieħor.

6.2. POLITIKI TAL-ĠESTJONI TAR-RISKJU

Il-kejl tal-istrumenti finanzjarji

Il-klassijiet li ġejjin ta' assi u ta' obbligazzjonijiet finanzjarji ma jitkejlux abbażi tal-valur ġust: flus u ekwivalenti ta' flus, self, riċevibbli ta' skambju minbarra riċevibbli ta' kuntratti ta' garanziji finanzjarji meta jiġu kklassifikati ma' assi finanzjarji b'FVSD, teħid ta' self, kuntratti ta' garanzija finanzjarja u obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn imkejljin abbażi tal-kost amortizzati. L-ammont riportat ta' dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji huwa meqjus bħala approssimazzjoni raġonevoli tal-valur ġust tagħhom.

L-attivitajiet ta' għoti ta' self u ta' teħid ta' self għall-assistenza finanzjarja

It-tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self u ta' teħid ta' self jitwettqu mill-UE skont ir-Regolamenti tal-Kunsill u d-Deċizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew rispettivi u, jekk applikabbli, il-linji gwida interni. Ġew żviluppatti manwali tal-proċeduri bil-miktub, li jkopru oqsma speċifiċi bħal teħid ta' self u għoti ta' self, li jintużaw mill-unitajiet operazzjonali rilevanti. L-operazzjonijiet ta' għoti ta' self għajr l-NGEU huma ffinanzjati minn teħid ta' self "back-to-back", li b'hekk ma jiġġenerawx pożizzjonijiet miftuħin tar-rata tal-imgħax jew tal-kambju.

Is-self ipprovdut taħt l-NGEU ma jsegwix approċċ back-to-back kif isir għall-istrumenti l-oħrajn ta' assistenza finanzjarja. Minflok, ġiet żviluppata strateġija ta' finanzjament diversifikata u aggregata għall-NGEU li tgħaqqad firxa wiesgħa ta' strumenti ta' finanzjament. L-istrateġija kkombinata diversifikata kienet teħtieġ l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' linji gwida u ta' proċeduri effiċjenti għall-ġestjoni tar-riskju għall-istrument tal-NGEU li jindirizzaw b'mod attiv ir-riskji relatati kuljum.

It-Teżor

Ir-regoli u l-prinċipji għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor tal-Kummissjoni huma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 (kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804⁽³⁵⁾) u fir-Regolament Finanzjarju.

B'riżultat ta' dawn ir-regolamenti, japplikaw il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

- Ir-riżorsi proprji jitħallsu mill-Istati Membri f'kontijiet miftuħa għal dan l-iskop għan-nom tal-Kummissjoni mat-Teżor jew mal-bank ċentrali nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' tibbaża fuq dawn il-kontijiet biss sabiex tkopri r-rekwiżiti ta' flus tagħha;
- Ir-Riżorsi proprji jitħallsu mill-Istati Membri fil-muniti nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-pagamenti tal-Kummissjoni jiġu ddenominati l-aktar f'EUR;
- Il-kontijiet bankarji miftuħa fisem il-Kummissjoni ma jistgħux jinġibdu flus minnhom b'tali mod li dawn ikollhom bilanċ negattiv. Din ir-restrizzjoni ma tapplikax għall-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni f'każ ta' inadempjenza fuq self ikkuntrattat jew iggarantit skont ir-regolamenti u d-deċizzjonijiet tal-Kunsill tal-UE u f'ċerti kundizzjonijiet f'każ li r-rekwiżiti tar-riżorsi ta' flus kontanti jaqbz u l-flus kontanti miżmumin f'dawk il-kontijiet; u
- Il-fondi miżmumin f'kontijiet bankarji denominati f'muniti oħrajn minbarra f'EUR jintużaw jew għall-pagamenti fl-istess muniti jew inkella jinjalbu perjodikament f'EUR.

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804 tas-17 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 85).

Minbarra l-kontijiet tar-riżorsi proprji, infetħu kontijiet bankarji oħrajn mill-Kummissjoni, ma' banek ċentrali u ma' banek kummerċjali, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-pagamenti u sabiex jiġu riċevuti ammonti oħrajn għajr il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit.

L-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti huma awtomatizzati ħafna u jiddependu fuq sistemi ta' informazzjoni moderni. Jiġu applikati proċeduri speċifiċi sabiex jiggarantixxu s-sigurtà tas-sistema u jiżguraw is-segregazzjoni tad-dmirijiet f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, l-istandards tal-kontroll intern tal-Kummissjoni u l-prinċipji tal-awditjar.

Sett ta' linji gwida u proċeduri bil-miktub jirregolaw il-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti tal-Kummissjoni bl-għan li jkun limitat ir-riskju operazzjonali u finanzjarju u li jiġi żgurat livell adegwat ta' kontroll. Huma jkopru oqsma differenti ta' operat (pereżempju: l-eżekuzzjoni tal-pagamenti u l-ġestjoni tal-flus, it-tbassir tal-flussi tal-flus, il-kontinwità tan-negozju, eċċ.), u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri hija kkontrollata regolament.

Multi

Multi msarrfin b'mod provviżorju: depożiti

L-ammonti riċevuti qabel l-2010 għadhom fil-kontijiet bankarji ma' banek speċifikament magħżula għad-depożitu ta' multi msarrfa b'mod provviżorju. L-għażla tal-banek issir f'konformità mal-proċeduri tal-offerti definiti mir-Regolament Finanzjarju. It-tqegħid ta' fondi ma' banek speċifiċi jiġi ddeterminat mill-politika dwar l-immaniġġar tar-riskji interni li tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-ammont ta' fondi li jistgħu jitqiegħdu fi proporzjon mal-ekwità tal-kontroparti. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali jiġu identifikati u evalwati u l-konformità mal-politiki u l-proċeduri interni tiġi vverifikata regolament.

Multi msarrfin b'mod provviżorju: Portafoll BUFI

Mill-2010 'l quddiem, il-multi imposti u msarrfin b'mod provviżorju jiġu investiti f'fond maħluq speċifikament, il-BUFI. L-objettivi ewlenin tal-portafoll huma t-tnaqqis tar-riskji assoċjati mas-swieq finanzjarji u t-trattament ugwali tal-entitajiet kollha permezz tal-applikazzjoni ta' redditu garantit ikkalkolat fuq l-istess bażi għall-ammont nominali tal-multi. Madankollu, ir-redditu garantit applikat għal entitajiet immultati qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid f'Awwiisu 2018 huwa stabbilit flivell minimu ta' zero. L-immaniġġar tal-assi għall-multi msarrfin b'mod provviżorju jitwettaq mill-Kummissjoni f'konformità mal-linji gwida interni dwar l-immaniġġar tal-assi. Ġew żviluppata manwali proċedurali li jkopru oqsma speċifiċi bħall-ġestjoni tat-teżor li qegħdin jintużaw mill-unitajiet operazzjonali rilevanti. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali jiġu identifikati u evalwati u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri interni tiġi vverifikata b'mod regolari.

L-objettivi tal-attivitatijiet tal-immaniġġar tal-assi huma li l-multi mħallsin b'mod provviżorju lill-Kummissjoni jiġu investiti b'tali mod li:

- jiġi żgurat li l-fondi jkunu faċilment disponibbli meta jkunu meħtieġa, filwaqt li
- jimmiraw li, f'ċirkostanzi normali, irendu redditu li, bħala medja, ikun konformi mar-redditu tal-Punt ta' Riferiment tal-BUFI nieqes il-kostijiet imġarrba, filwaqt li jiġi ppreservat l-ammont nominali tal-multi.

L-investimenti huma ristretti essenzjalment għall-kategoriji li ġejjin: depożiti fissi ma' banek ċentrali tal-Istati Membri, aġenziji tad-dejn sovrani, banek jew istituzzjonijiet supranazzjonali li huma l-proprjetà sħiħa tal-Istat jew garantiti mill-Istat, kif ukoll bonds, kambjali u ċertifikati ta' depożitu maħruġa minn istituzzjonijiet sovrani jew supranazzjonali.

Il-garanziji finanzjarji riċevuti

L-ammonti sinifikanti ta' garanziji maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji jinżammu mill-Kummissjoni fir-rigward tal-multi li timponi fuq kumpaniji li jiksru r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni (ara n-nota **2.6.1.3**. Dawn il-garanziji huma pprovvduti minn kumpaniji mmultati bħala alternattiva minflok jagħmlu pagamenti provviżorji. Il-garanziji huma ġestiti f'konformità mal-politika dwar l-immaniġġar tar-riskji interni. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali jiġu identifikati u evalwati u l-konformità mal-politiki u l-proċeduri interni tiġi vverifikata regolament.

Programmi ta' garanziji baġitarji tal-UE

Ir-Regolament Finanzjarju stabbilixxa, fit-Titolu X tiegħu, diversi salvagwardji sabiex jipproteġi l-baġit tal-UE kontra r-riskji finanzjarji maħluqin permezz tal-użu ta' garanziji baġitarji. Jistgħu jinġabru f'erba' kategoriji ewlenin:

1. Miżuri biex jiġi limitat l-ammont ta' obligazzjonijiet kontinġenti

L-ewwel nett, u bħala regola, id-daqs tal-garanzija tal-UE dejjem ikun limitat b'mod definit u ċar. Ir-Regolament Finanzjarju jiddikjara li l-obbligazzjoni finanzjarja u l-pagamenti netti aggregati mill-baġit ma jstgħux jaqbu d-daqs tal-garanzija baġitarja awtorizzata mill-att bażiku tiegħu. L-obbligazzjoni kontinġenti ġġenerata minn garanzija baġitarja tista' biss taqbeż l-assi finanzjarji pprovduti biex tkopri l-obbligazzjoni finanzjarja tal-UE jekk dan ikun previst fl-att bażiku sottostanti u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi li jstabbilixxi.

It-tieni, il-profil tar-riskju mixtieq tal-operazzjonijiet/tal-prodotti finanzjarji garantiti mill-UE huwa ddeterminat, sa fejn possibbli, *ex ante*, jiġifieri fiż-żmien tal-iffirmar tal-ftehimiet ta' garanzija.

2. Miżuri li jikkonċernaw l-għażla tas-sħab ta' implimentazzjoni

Il-programmi ta' garanziji baġitarji jiġu implimentati ma' sħab affidabbli vvalutati abbażi tal-pilastri. Dan jiżgura l-affidabbiltà ta', fost l-oħrajn, is-sistemi kontabilistiċi, finanzjarji u ta' ġestjoni tar-riskju ta' dawn is-sħab ta' implimentazzjoni (IPs). Barra minn hekk, dawn l-IPs għandhom jimpenjaw ir-riżorsi proprji, li jwassal għal allinjament ulterjuri tal-interessi mal-Unjoni.

3. Miżuri sabiex tiġi żgurata kapaċità baġitarja *ex ante* adegwata sabiex jiġu assorbiti talbiet għal ħlas ta' garanzija

Il-programmi ta' garanziji baġitarji huma appoġġati minn dispożizzjonijiet li jinżammu b'mod sikur fis-CPF. Ir-rata ta' proviżjonament hija stabbilita, fl-att bażiku ta' kull programm, f'tali livell li tippermetti li l-programmazzjoni tal-appropriazzjonijiet baġitarji tikkostitwixxi dispożizzjoni li tkun tippermetti l-assorbiment tat-telf mingħajr tfixkil baġitarju. Għalhekk, il-proviżjonament huwa biżżejjed sabiex ilaħħaq mat-telf mistenni u, sa ċertu livell, anki t-telf mhux mistenni ta' dawn il-garanziji baġitarji.

Sussegwentement, il-Kummissjoni tiżgura (kull sena) li l-ammont ta' proviżjonament jikkonforma mar-rata ta' proviżjonament kif definita fl-att bażiku u huwa konformi mal-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju u mal-programmazzjoni finanzjarja.

4. Miżuri sabiex jiġi indirizzat it-telf realizzat li jaqbeż l-estima *ex ante*

Ir-Regolament Finanzjarju jintroduċi żewġ limiti ta' twissija bikrija (jiġifieri meta jibqgħu disponibbli 50 % u 30 % tal-mira ta' proviżjonament). Dawk il-limiti ta' twissija jippermettu lill-Kummissjoni tanticiġa l-eżawriment potenzjali tal-proviżjonament qabel it-terminazzjoni tal-garanzija baġitarja u jippermettu lill-Kummissjoni tevalwa jekk tistax tipponi b'mod eċċezjonali proviżjonament addizzjonali.

Barra minn hekk, hemm rieżami regolari tal-adeqwatezza tar-rata ta' proviżjonament (tal-anqas kull tliet snin). Dan ir-rieżami jiżgura l-adeqwatezza tar-rata ta' proviżjonament mal-profil tar-riskju attwali tal-obbligazzjonijiet pendenti.

F'każ li jkun hemm bżonn ta' proviżjonament addizzjonali, hemm proċeduri fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li jkun hemm likwidità (trasferimenti bejn kompartimenti tas-CPF u l-użu ta' likwidità ċentrali tat-teżor) u spazju baġitarju (appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) suffiċjenti għad-dispożizzjoni.

Barra minn hekk, fl-2020 twaqqaf Kumitat ta' Tmexxija dwar l-Obbligazzjonijiet Kontinġenti li jirriżultaw mill-Garanziji Baġitarji taħt l-awtorità tal-Kummissarju għall-Baġit. Huwa jintervjeni fi kwistjonijiet li jkopru l-garanziji baġitarji u l-assistenza finanzjarja li joħlqu obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit iġġenerat mill-implimentazzjoni tat-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju, inklużi dawk id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Dan jinkludi l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, id-dispożizzjonijiet orizzontali komuni rilevanti tal-ftehimiet standard u r-rapportar integrat sabiex jiġu stabbiliti rekwiżiti korporattivi għall-ġestjoni sostenibbli tal-obbligazzjonijiet kontinġenti.

Il-Fond ta' Proviżjonament Komuni

Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020)1896 tal-25 ta' Marzu 2020 dwar il-linji gwida għall-ġestjoni tal-assi tas-CPF (AMG), ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-manijer finanzjarju tas-CPF ġew iddelegati lid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DG BUDG). Is-CPF jinżamm separat mill-portafolli l-oħrajn ġestiti mid-DG BUDG. Il-Fond ma jeżistix bħala entità ġuridika separata.

Is-CPF huwa ġestit skont il-linji gwida dwar il-ġestjoni tal-assi. L-objettiv huwa li tiġi żgurata l-likwidità neċessarja sabiex jiġi ssodisfat il-ħruġ kollu meħtieġ bħal talbiet għal hłas ta' garanzija b'mod sħiħ u fil-ħin, u li tiġi pprovduta l-preservazzjoni tal-kapital tul il-perjodu ta' investiment tal-fond, b'livell għoli ta' fiduċja.

Sabiex jintlaħaq l-objettiv ġenerali deskritt hawn fuq, il-manijer finanzjarju tas-CPF għandu jimmaniġġja l-assi f'konformità mar-regoli prudenzjali u l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri stabbiliti mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni. Ġew żviluppati manwali ta' proċeduri bil-miktub, li jkopru oqsma speċifiċi bħall-immaniġġjar ta' flus, li qegħdin jintużaw mill-unitajiet operazzjonali rilevanti. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali jiġu identifikati u evalwati u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri interni jiġu vverifikati b'mod regolari.

Il-portafoll tas-CPF għandu jiġi kostitwit sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' diversifikazzjoni bejn il-klassijiet tal-assi eliġibbli, iż-żoni ġeografiki, l-emittenti u l-maturitajiet sabiex jiġu ġestiti l-fluttwazzjonijiet fil-valur tal-portafoll.

Il-linji gwida dwar l-immaniġġjar tal-assi u l-istrategġiji ta' investiment u ta' riskju jiddefinixxu ċerti limiti u restrizzjonijiet sabiex jillimitaw l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-portafoll, li huwa limitat għall-grad tal-investiment, għajr għall-iskopertura tal-Istati Membri tal-UE.

Minħabba li, mill-31 ta' Diċembru 2021, l-unika kontroparti għall-kuntratti forward tal-munita pendenti kollha hija l-Banque de France, ma ġie implimentat ebda titjib tal-kreditu, bħal kollateral, ftehimiet ta' netting jew garanziji, minn din id-data. L-iskopertura massima għar-riskju ta' kreditu għad-derivattivi f'munita barranija li għandhom valur ġust pożittiv fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar hija ugwali għall-ammont riportat fuq il-karta bilanċjali.

Programmi ta' strumenti finanzjarji

L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE ilha tiddependi għal ħafna snin fuq l-użu ta' programmi ta' strumenti finanzjarji. Għal aktar informazzjoni dwar l-ammonti kkonċernati, ara n-nota 2.4.2.

Komuni għall-biċċa l-kbira tal-istrumenti finanzjarji huwa l-fatt li l-implimentazzjoni tiġi ddelegata jew lill-grupp tal-BEI (inkluż il-FEI) jew inkella lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn abbażi ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u l-istituzzjoni finanzjarja. Il-ftehimiet iffirmati ma' dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji jinkludu kundizzjonijiet u obbligi stretti fuq l-intermedjarji biex ikun żgurat li l-flejjes tal-UE jkunu ġestiti sewwa u li jsir rapportar fuqhom. Ladarba tkun ġiet impenjata kontribuzzjoni finanzjarja għal wieħed mill-istrumenti, il-fondi jiġu ttrasferiti għal kont bankarju maħluq speċifikament u miftuħ mill-istituzzjoni finanzjarja għan-nom tagħha iżda f'isem il-Kummissjoni (jiġifieri kont fiduċjarju). L-istituzzjoni finanzjarja tista', skont l-istrument inkwistjoni, tuża l-fondi fuq dan il-kont fiduċjarju sabiex tipprovi self, toħroġ strumenti ta' dejn, tinvesti fi strumenti ta' ekwità jew tkopri t-talbiet għal hłas ta' garanzija. Bħala regola ġenerali, ir-rikavat mill-istrumenti finanzjarji għandu jiġi rimborżat lill-baġit tal-UE.

Ir-riskju fir-rigward ta' dawn l-istrumenti finanzjarji huwa limitat għal-limitu massimu kif indikat fil-ftehimiet sottostanti, li huwa l-ammont ibbaġitjat previst għall-istrument. Billi l-Kummissjoni ta' spiss ikollha "biċċa mill-ewwel telf" u minħabba li l-istrumenti huma maħsubin sabiex jifinanzjaw lill-benefiċjarji l-aktar riskjużi (li jkollhom diffikultajiet sabiex jiksibu finanzjament mingħand mutwanti kummerċjali), huwa għalhekk probabbli li jseħħ xi telf għall-baġit tal-UE.

6.3. RISKJU TAL-KAMBJU

Riskju tal-kambju fil-31 ta' Diċembru 2021

Skopertura tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għar-riskju tal-kambju fi tmiem is-sena – il-pożizzjoni netta

(EUR miljuni)

	31.12.2021						
	USD	GBP	PLN	SEK	Oħrajn	EUR	Total
Assi finanzjarji							
Assi finanzjarji abbażi tal-kost amortizzati ⁽¹⁾	63	18	—	—	7	88	176

(EUR miljuni)

	31.12.2021						
	USD	GBP	PLN	SEK	Oħrajn	EUR	Total
<i>Assi finanzjarji fl-FVSD</i>							
<i>Mhux derivattivi</i>	934	51	—	23	75	23 141	24 223
<i>Derivattivi</i>	(646)	—	—	—	—	1 474	828
<i>Riċevibbli⁽²⁾</i>	109	98	108	4	88	7 372	7 780
<i>Il-flus u l-ekwivalenti tal-flus</i>	85	24	1 014	591	1 692	41 455	44 860
	545	192	1 121	618	1 862	73 529	77 866
Obbligazzjonijiet finanzjarji							
<i>Obbligazzjoni tal-garanziji finanzjarji</i>	(1 047)	(0)	(62)	(19)	(248)	(6 418)	(7 794)
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-FVSD</i>	(1)	—	—	—	(4)	—	(5)
	(1 048)	(0)	(62)	(19)	(251)	(6 418)	(7 798)
Total	(503)	192	1 059	599	1 611	67 111	70 068

⁽¹⁾ Eskluż self għall-RRF (NGEU) u għall-assistenza finanzjarja.⁽²⁾ Esklużi l-imposti differiti.

Li kieku l-euro (EUR) issaħħet kontra muniti oħrajn b'10 %, kien ikollha l-impatt li ġej:

(EUR miljuni)

	2021			
	USD	GBP	PLN	SEK
<i>Riżultat ekonomiku</i>	46	(17)	(96)	(54)

Kieku l-EUR iddgħajfet kontra dawn il-muniti b'10 %, hija kien ikollha l-impatt li ġej:

(EUR miljuni)

	2021			
	USD	GBP	PLN	SEK
<i>Riżultat ekonomiku</i>	(56)	21	118	67

L-attivitajiet ta' għoti ta' self u ta' teħid ta' self għall-NGEU u għall-assistenza finanzjarja

L-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji bħalissa huma espressi biss f'EUR, u għalhekk, l-UE ma għandha ebda riskju tal-kambju.

It-Teżor

Ir-riżorsi proprji mħallsa mill-Istati Membri f'muniti oħrajn minbarra l-EUR jinżammu fil-kontijiet tar-riżorsi proprji, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 609/2014 (kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804). Huma jinqalbu f'EUR meta jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti. Il-proċeduri applikati għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi huma stipulati mir-regolament imsemmi hawn fuq. F'numru limitat ta' każijiet, dawn il-fondi jintużaw direttament għall-pagamenti li jridu jiġu eżegwiti fl-istess muniti.

Numru ta' kontijiet f'muniti tal-UE minbarra l-EUR, inklużi USD, GBP u CHF, jinżammu mill-Kummissjoni ma' banek kummerċjali, għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' pagamenti denominati f'dawn l-istess muniti. Dawn il-kontijiet jiġu riforniti skont l-ammont ta' pagamenti li jridu jiġu eżegwiti u, bħala konsegwenza, il-bilanċi tagħhom ma jirrappreżentawx l-iskopertura għar-riskju tal-kambju.

Meta jiġu riċevuti rikavati mixxellanji (minbarra riżorsi proprji) f'muniti li ma humiex EUR, dawn jew jiġu ttrasferiti fil-kontijiet tal-Kummissjoni miżmuma fl-istess muniti, jekk ikunu meħtieġa sabiex ikopru l-eżekuzzjoni ta' pagamenti, jew inkella jinqalbu f'EUR u mbagħad jiġu ttrasferiti f'kontijiet miżmuma f'EUR. Il-kontijiet tal-impresiti miżmuma f'muniti li ma humiex EUR jiġu riforniti skont il-ħtiġijiet stmati ta' pagamenti lokali b'terminu qasir fl-istess muniti. Il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fil-limiti massimi rispettivi tagħhom.

Multi

Il-multi kollha jiġu imposti, jitħallsu jew ikunu provviżorjament koperti f'EUR u, għalhekk, ma joħlqu l-ebda riskju tal-kambju meta jinżammu fil-Fond BUFI.

Garanziji baġitarji

Bħala regola, il-garanziji baġitarji jiġu estiżi b'limitu massimu definit f'EUR. Madankollu, xi operazzjonijiet sottostanti jistgħu jiġu denominati f'muniti oħrajn (USD jew muniti lokali oħrajn).

Ir-riskju tal-kambju huwa parti mill-kunsiderazzjonijiet meqjusin meta jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet ta' provviżjonament.

Il-Fond ta' Proviżjonament Komuni

Is-CPF bħalissa jopera kemm f'EUR kif ukoll f'USD. Ir-riskju tal-kambju jiġi ġestit permezz tad-dħul f'kuntratti tad-derivattivi (kuntratti forward f'muniti barranin) li jiħħeġġjaw il-valur tas-suq tal-portafoll tal-investimenti f'USD. Il-limitu għall-iskopertura mhux iħħeġġjata massima tal-kambju huwa stabbilit bħala 1 % tal-valur tal-portafoll totali fi ħdan il-punt ta' riferiment u l-allokazzjonijiet tal-istrateġija annwali. B'hekk, movimenti 'l fuq jew 'l isfel fil-valur tas-suq tal-investimenti f'USD fuq jew taħt il-limitu ta' 1 % iwasslu għal kummerċ ta' riekwilibriju (kuntratt forward ġdid fl-istess direzzjoni jew fid-direzzjoni opposta), permezz tal-aġġustament jew it-treġġigħ lura tal-pożizzjoni ħħeġġjata, kif xieraq.

Is-self surrogat lill-UE bħala riżultat tat-talbiet mill-fond, wara inadempjenzi fil-ħlas minn benefiċjarju ta' self – ara n-nota 2.4.1.2 – jitwettaq fil-munita oriġinali tiegħu u għalhekk jiskopri lill-UE għal riskju tal-kambju. Għas-self surrogat, ma hemm l-ebda attività li tikkompensa għall-varjazzjonijiet tal-kambju (attivitajiet ta' "ħħeġġjar") minħabba inċertezza li tirrigwarda t-twaqqit tar-ripagament tas-self.

Riskju tal-kambju fil-31 ta' Diċembru 2020

Skopertura tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għar-riskju tal-kambju fi tmiem is-sena – il-pożizzjoni netta

(EUR miljuni)

	31.12.2020						
	USD	GBP	DKK	SEK	EUR	Oħrajn	Total
Assi finanzjarji							
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	593	42	15	14	18 904	20	19 587

(EUR miljuni)

	31.12.2020						
	USD	GBP	DKK	SEK	EUR	Oħrajn	Total
<i>Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit</i>	(417)	—	—	—	616	—	199
<i>Self⁽¹⁾</i>	21	40	—	—	46	9	116
<i>Riċevibbli u rekuperabbli</i>	22	1 208	116	176	72 233	738	74 493
<i>Il-flus u l-ekwivalenti tal-flus</i>	115	64	178	367	14 429	1 589	16 742
	334	1 353	310	557	106 228	2 356	111 137
Obbligazzjonijiet finanzjarji							
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit</i>	—	—	—	—	(1)	(4)	(4)
<i>Ammonti pagabbli</i>	(3)	(0)	(19)	(1)	(32 366)	(19)	(32 408)
	(3)	(0)	(19)	(1)	(32 367)	(22)	(32 412)
Total	331	1 353	291	556	73 861	2 333	78 725

⁽¹⁾ Minbarra s-self back-to-back għal assistenza finanzjarja.

Li kieku l-euro (EUR) issaħħet kontra muniti oħrajn b'10 %, kien ikollha l-impatt li ġej:

(EUR miljuni)

	2020			
	USD	GBP	DKK	SEK
<i>Riżultat ekonomiku</i>	(13)	(119)	(27)	(49)
<i>Assi netti</i>	(17)	(4)	(1)	(1)

Kieku l-EUR iddgħajfet kontra dawn il-muniti b'10 %, hija kien ikollha l-impatt li ġej:

(EUR miljuni)

	2020			
	USD	GBP	DKK	SEK
<i>Riżultat ekonomiku</i>	16	146	33	60
<i>Assi netti</i>	21	5	2	2

6.4. RISKJU TAĊ-ĊAQLIQ FIR-RATA TAL-IMGĦAX

It-tabella li ġejja turi s-sensittività tar-rati tal-imgħax tat-titoli tad-dejn jekk wieħed jassumi bidla possibbli fir-rati tal-imgħax ta' +/- 100 punt bażi (1 %).

(EUR miljuni)

	Żieda (+) / tnaqqis (-) f'punti bażi	Riżultat ekonomiku
2021: Assi finanzjarji fl-FVSD	+100	(622)
	-100	660
2020: Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	+100	(479)
	-100	513

Is-sensittività għall-bidliet fir-rati tal-imgħax ta' portafoll partikolari ta' strumenti tas-suq monetarju u ta' bonds tiżdied mad-durata tiegħu. Id-durata tal-portafoll tal-assi ewlenin ġestiti mill-Kummissjoni hija deskritta hawn taħt.

L-attivitajiet ta' għoti ta' self u ta' teħid ta' self għall-NGEU u għall-assistenza finanzjarja

Minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha ta' għoti ta' self u ta' teħid ta' self, l-UE għandha assi u obligazzjonijiet sinifikanti li jrendu l-imgħax. Madankollu, għall-istrumenti ta' assistenza finanzjarja eskluża l-NGEU, ma hemm ebda riskju tar-rata tal-imgħax peress li t-teħid ta' self huwa paċut b'self ekwivalenti bl-istess termini u kundizzjonijiet (back to back).

L-istrument tal-NGEU ma japplikax approċċ back-to-back strett u, għalhekk, ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax irid jiġi kopert mill-implimentazzjoni ta' proċeduri u ta' mekkaniżmi li jtaffu r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Il-prinċipju sottostanti wara l-istrategġija ta' finanzjament diversifikat tal-NGEU huwa li jiġu allokati l-kost tal-finanzjament u l-kostijiet l-oħrajn kollha relatati mal-NGEU lill-benefiċjarji (għas-self) u lill-baġit tal-UE (għall-appoġġ mhux ripagabbli) b'mod trasparenti. Il-programm tal-NGEU huwa ggwidat mill-prinċipji ta' rkupru sħiħ tal-kostijiet u ta' operazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Għalhekk, l-UE tgħaddi l-finanzjament li tikseb fis-suq bl-aktar mod kosteffettiv u ekwu bbażat fuq kalkoli tal-imgħax ta' kuljum. Dan jiżgura li l-Istati Membri jġarrbu l-kostijiet kollha relatati mas-self imġarrab mill-Unjoni.

L-NGEU għandha flus sabiex iżżomm riżerva ta' sikurezza definita bħala parti minn strategġija ta' finanzjament diversifikata filwaqt li tevita kwalunkwe bilanċ eċċessiv. Il-flus kontanti tal-NGEU jinżammu fil-Bank Ċentrali Ewropew. Fuq il-baży ta' ftehim reċiproku, il-bilanċ ta' flus pendenti ta' aktar minn EUR 20 biljun huwa soġġett għal imgħax negattiv bir-rata tal-faċilità tad-depożitu tal-BĊE, li kienet ta' - 0,5 % fl-2021. Il-flus kontanti tal-NGEU jinżammu fil-BĊE.

It-Teżor

Ħlief għas-self relatat mal-programm tal-NGEU, il-Kummissjoni ma tissellifx flus sabiex tiffinanzja n-nefqa operazzjonali tiegħu. Lil hinn mill-iskopertura għar-rata tal-imgħax fuq l-NGEU, l-imgħaxijiet jiġu kkalkolati fuq bilanċi miżmumin fil-kontijiet bankarji differenti. Għalhekk, il-Kummissjoni implimentat miżuri sabiex tiżgura li l-imgħaxijiet akkumulati (pożittivi jew negattivi) fil-kontijiet bankarji tagħha jkunu jirriflettur regolament ir-rati tal-imgħax tas-suq, kif ukoll il-fluttwazzjoni possibbli tagħhom.

Il-kontijiet li jinfetħu mat-teżori tal-Istati Membri għar-riċevuti ta' riżorsi proprji ma jkollhomx imgħaxijiet u jkunu mingħajr ħlas. Il-kontijiet miżmuma ma' banek ċentrali nazzjonali (riżorsi proprji u oħrajn) jistgħu jiġu remunerati bir-rati uffiċjali applikati minn kull istituzzjoni. Minħabba l-ambjent attwali ta' mgħax negattiv, xi wħud mir-remunerazzjonijiet applikati għal dawn il-kontijiet bħalissa jstgħu jkunu negattivi. Hemm fis-seħħ proċeduri ta' ġestjoni tal-likwidità sabiex jiġu mminimizzati l-bilanċi miżmumin f'dawn il-kontijiet u jiġu rrispettati l-limiti massimi xierqa skont il-kundizzjonijiet tal-banek. Il-kontijiet tar-riżorsi proprji huma protetti kontra kwalunkwe impatt ta' interess negattiv f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 (kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804).

Il-bilanċi mil-lum għall-għada miżmumin f'kontijiet ta' banek kummerċjali jakkumulaw l-imgħax kuljum. Dan huwa bbażat fuq ir-rati varjabbli tas-suq li għalihom jiġi applikat marġini kuntrattwali (pożittiv jew negattiv). Ir-rati applikati mill-banek kummerċjali ġeneralment jiġu stabbiliti f'livell minimu ta' zero għall-bilanċi operazzjonali sa limitu massimu speċifikat.

Multi

Il-multi msarrfa b'mod provviżorju jiġu investiti f'portafoll ta' strumenti tas-suq monetarju u bonds fit-tul b'tul ta' żmien medju tal-portafoll ta' 1,75 sena.

Il-Fond ta' Provviżjonament Komuni

Il-fondi fis-CPF jiġu investiti f'portafoll ta' strumenti tas-suq monetarju u ta' bonds fit-tul b'durata medja totali tal-portafoll ta' 3,10 snin.

Il-KEFA f'likwidazzjoni

L-ammonti tal-KEFA f'likwidazzjoni jiġu investiti f'portafoll ta' strumenti tas-suq monetarju u ta' bonds fit-tul b'durata medja tal-portafoll ta' 3,24 snin.

6.5. RISKJU TA' KREDITU**Riskju ta' kreditu fil-31 ta' Diċembru 2021****Skopertura massima għar-riskju ta' kreditu**

	(EUR miljuni)
	31.12.2021
Assi finanzjarji	
<i>Self</i>	163 568
<i>Il-flus u l-ekwivalenti tal-flus</i>	44 860
<i>Riċevibbli ta' skambju ⁽¹⁾</i>	7 780
<i>Assi finanzjarji fl-FVSD – titoli ta' dejn</i>	19 326
<i>Assi finanzjarji fl-FVSD – derivattivi</i>	828
Garanziji mogħtija	
<i>Kuntratti ta' garanzija finanzjarja</i>	55 267
Total fil-31.12.2021	291 628

⁽¹⁾ esklużi imposti differiti

Self: kwalità tal-kreditu

	(EUR miljuni)				
	31.12.2021				
	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Stadju Nru 3	POCI	Total
Aġenzija					
<i>Grad primjum u għoli</i>	10 379	—	—	—	10 379
<i>Grad medju superjuri</i>	58 991	—	—	—	58 991
<i>Grad medju inferjuri</i>	79 672	—	—	—	79 672
<i>Grad mhux ta' investiment (inkl. inadempjenza)</i>	8 819	5 965	29	48	14 860
Ammont riportat gross	157 861	5 965	29	48	163 903
<i>Nieqes il-kopertura għal telf</i>	(10)	(299)	(26)	—	(336)
Ammont nett riportat	157 851	5 665	3	48	163 568

L-erba' kategoriji ta' riskju msemmija hawn fuq huma fil-prinċipju bbażati fuq il-kategoriji ta' klassifikazzjoni ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni esterni u jikkorrispondu għal:

- Grad prim u għoli: Moody's P-1, Aaa – Aa3; S&P A-1+, A-1, AAA – AA -; Fitch F1+, F1, AAA – AA- u l-ekwivalenti
- Grad medju superjuri: Moody's P-2, A1 – A3; S&P A-2, A+ – A-; Fitch F2, A+ – A- u l-ekwivalenti
- Grad medju inferjuri: Moody's P-3, Baa1 – Baa3, S&P A-3, BBB+ – BBB-; Fitch F3, BBB+ – BBB- u l-ekwivalenti
- Grad mhux ta' investiment: Moody's mhux prim, Ba1 – C; S&P B, C, D, BB+ – D; Fitch B, C, D, BB+ – D u l-ekwivalenti
- L-UE tuża dawn il-kategoriji ta' klassifikazzjoni tal-aġenziji esterni bħala punt ta' referenza, b'mod partikolari għal strumenti finanzjarji u għal banek kummerċjali, iżda, wara li tagħmel l-analiżi tagħha stess ta' każijiet individwali, tista' żżomm l-ammonti f'waħda mill-kategoriji ta' riskju msemmija hawn fuq, anki jekk waħda jew aktar mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni msemmija hawn fuq jistgħu jkunu naqqsu l-grad tal-kontroparti korrispondenti.

L-ammonti murijin hawn fuq taħt self ikkategorizzat fi grad mhux ta' investiment huma primarjament relatati ma' self ta' appoġġ finanzjarju żborżat mill-Kummissjoni lil pajjiżi sħab li jinsabu f'diffikultajiet finanzjarji. Is-self kollu lill-Istati Membri jinsab fl-Istadju Nru 1. Is-self POCI huwa s-self surrogat mill-programmi tal-FEIS u tal-ELM.

L-attivitajiet ta' għoti ta' self u ta' teħid ta' self għall-NGEU u għall-assistenza finanzjarja

L-iskopertura għar-riskju ta' kreditu hija ġestita billi jinkisbu garanziji mill-Istat fil-każ tal-Euratom (ara n-nota 2.4.1.1).

Self ipprovdut lill-Istati Membri taħt l-istrument SURE huwa sostnut minn sistema ta' garanziji volontarji mill-Istati Membri, li tammonta għal 25 % tal-limitu massimu disponibbli għall-assistenza finanzjarja relatata.

F'każ ta' inadempjenza tad-debituri, u sabiex jiġi sservizzat kwalunkwe dejn relatat dovut, il-Kummissjoni tista' tibbaża fuq l-assi miżmumin fis-CPF (għas-self tal-MFA u tal-Euratom lil pajjiżi terzi) u tippreżenta talba lill-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta l-limiti massimi tar-riżorsi proprji (ara n-nota 6.6).

Self: Ċaqliq fil-provvediment għat-telf minn indeboliment

(EUR miljuni)

	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Stadju Nru 3	POCI	Total
Provvediment għat-telf fl-01.01.2021	49	6	19	—	73
Trasferiment għall-Istadju Nru 1	0	—	—	—	0
Trasferiment għall-Istadju Nru 2	(41)	41	—	—	—
Trasferiment għall-Istadju Nru 3	(0)	(1)	1	—	(0)
Self ġdid	4	69	0	—	73
Irtirar tar-rikonoxximent – ripagamenti	(0)	(0)	(0)	—	(0)
Irtirar tar-rikonoxximent – tħassir	—	—	—	—	—
Kejl mill-ġdid tal-provvediment għat-telf	(1)	185	6	—	189
Oħrajn	(0)	—	0	—	(0)
Provvediment għat-telf fl-31.12.2021	10	299	26	—	336

Self: Valutazzjoni fi stadji

Kif imsemmi fil-politiki kontabilistiċi sinifikanti, il-provvediment għall-indeboliment għall-assi finanzjarji b'kost amortizzat minbarra r-riċevibbli jiddependi mill-istadju li fih jiġi kklassifikat assi finanzjarju.

L-allokazzjoni għall-istadji tiddependi l-aktar fuq il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-kontroparti. Il-mudell tal-istadji jiddependi fuq valutazzjoni relattiva tar-riskju ta' kreditu, jiġifieri, l-UE jista' jkollha self differenti mal-istess kontroparti fi stadji differenti, skont ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti fl-oriġinazzjoni. L-UE, li għandha status istituzzjonali uniku, tislef il-flus lill-Istati Membri tagħha jew lil sovrani f'diffikultà. B'riżultat ta' dan, l-UE tapplika wkoll valutazzjoni kwalitattiva tar-riskju ta' kreditu bbażata fuq il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ekonomika tal-mutwatarji f'diffikultà.

Stadju Nru 1 – l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu

Self lil kontropartijiet bi klassifikazzjonijiet ta' kreditu fil-grad ta' investment (jiġifieri bejn AAA (Aaa) u BBB- (Baa3) fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' S&P/Fitch (Moody's) jew fi klassifikazzjoni esterna jew interna ekwivalenti) fid-data tar-rapportar, jitqies bħala self b'riskju ta' kreditu baxx, u għalhekk jinżamm fl-istadju nru 1, ħlief jekk ikun ilu skadut għal aktar minn 30 jum (ara l-Istadju Nru 2). Barra minn hekk, kwalunkwe self li għalih ma seħħet l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu, kif iddefinit hawn taħt, jiġi kklassifikat fl-Istadju Nru 1. Għall-assi finanzjarji fl-istadju nru 1, il-provvediment għall-indeboliment jitkejjel fil-livell tat-telf ta' kreditu mistenni ("ECL") fuq 12-il xahar.

Stadju Nru 2 – Żieda sinifikanti fil-klassifikazzjoni ta' kreditu

Sabiex tiddetermina jekk kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu mill-oriġinazzjoni, u b'hekk jekk ġiex ittrasferit għall-Istadju nru 2 japplikax, l-UE tapplika taħlita ta' valutazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi.

Is-self kollu li għalih il-pagamenti kuntrattwali jkunu ilhom skaduti għal bejn 31 u 90 jum, jiġi ttrasferit għall-Istadju Nru 2.

Għal kontropartijiet bi klassifikazzjonijiet ta' kreditu bejn AAA (Aaa) u BB- (Ba3) fid-data tar-rikonoxximent inizjali: Sakemm ma japplikax il-każ ta' riskju baxx (aktar 'il fuq fl-Istadju Nru 1), id-deterjorament jitqies bħala sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni fl-oriġinazzjoni u dik fid-data tar-rapportar tkun ugwali għal 3 livelli jew ogħla.

Għall-kontropartijiet bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' B+ (B1) jew B (B2) fid-data tar-rikonoxximent inizjali: Id-deterjorament jitqies bħala sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni inizjali u l-klassifikazzjoni kurrenti tkun ugwali għal 2 livelli jew ogħla.

Għal kontropartijiet bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' B- (B3) jew anqas (fil-medda CCC/Caa): Id-deterjorament jitqies sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni inizjali u l-klassifikazzjoni kurrenti fid-data tar-rapportar tkun ugwali għal livell 1 jew ogħla.

Is-self oriġina qabel it-trasferiment għall-EAR 11 riveduta (jiġifieri l-1 ta' Jannar 2021), li għalihom ma hija disponibbli l-ebda informazzjoni dwar ir-riskju ta' kreditu fir-rikonoxximent inizjali mingħajr kost u sforz żejda, jiġu kklassifikati fl-istadju nru 2.

Għal self fl-Istadju Nru 2, il-provvediment għall-indeboliment jitkejjel fil-livell tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja.

Stadju Nru 3 – Self b'indeboliment fil-kreditu

Is-self jiġi kklassifikat fl-Istadju Nru 3 meta jkun skadut b'90 jum jew meta jseħħ avveniment wieħed jew aktar wara l-oriġinazzjoni tas-self li jkollu impatt detrimental fuq il-flussi tal-flus futuri stmati ta' dak l-assi finanzjarju. Pereżempju, self huwa kklassifikat għall-Istadju Nru 3, jekk:

- Ikun qiegħed isir probabbli li mutwatarju se jfalli jew jidħol friorganizzazzjoni finanzjarja oħra;
- Il-mutwatarju ikollu klassi ta' klassifikazzjoni D ippubblikata minn aġenzija ta' klassifikazzjoni esterna; u
- Il-mutwatarju jkun inadempjenti skont kwalunkwe obbligu finanzjarju lejn l-UE, jew f'każ ta' self għal assistenza finanzjarja, jekk il-mutwatarju jkun inadempjenti għal kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali oħra li tiffinanzja l-programm.

Għal self fl-Istadju Nru 3, il-provvediment għall-indeboliment jitkejjel fil-livell tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja.

Self b'indeboliment fil-kreditu mixtri jew oriġinat ("POCI")

L-UE għandha wkoll self "b'indeboliment fil-kreditu mixtri jew oriġinat" ("POCI"). Dawn huma self garantit inadempjenti fejn l-UE ħallset talbiet għal hłas ta' garanzija lis-sieħeb ta' implimentazzjoni. Għal dan is-self, id-drittijiet kollha ġew surrogati fl-UE. L-UE tirrikonoxxihom fil-karta bilanċjali tagħha fuq il-bażi tal-valur ġust mar-rikonoxximent inizjali. L-UE tikklassifikahom bħala self POCI u tikkalkola provvediment għal indeboliment abbażi ta' ECL tul il-ħajja. Skont il-ftehimiet rilevanti bejn l-UE u s-sħab ta' implimentazzjoni, il-proċedimenti ta' rkupru jitwettqu mill-BEI fisem l-UE bl-għan li tiġi rkuprata kwalunkwe somma dovuta.

Self: Kejl tal-ECL

Il-kejl tal-ECL huwa stima ponderata għall-probabbiltà tad-differenza bejn il-flussi tal-flus kuntrattwali u l-flussi tal-flus mistennjin. L-UE tuża l-parametri tar-riskju ta' kreditu li ġejjin għal din l-estima:

- Probabbiltà ta' inadempjenza ("PD");
- Telf fil-każ ta' inadempjenza ("LGD"); u
- Skopertura fl-inadempjenza ("EAD").

Il-PD hija perċentwal u tirrappreżenta l-probabbiltà li kontroparti tispiċċa inadempjenti fir-rigward tal-obbligu finanzjarju tagħha, jew tul it-12-il xahar li jmiss (użata għall-"ECL fuq 12-il xahar"), jew tul il-bqija tal-ħajja tal-obbligu (użata għall-"ECL tul il-ħajja").

L-LGD huwa perċentwal li juri n-nuqqas ta' flus mistenni, jiġifieri l-parti tal-iskopertura li mistennija tintilef wara inadempjenza, filwaqt li jitqiesu l-irkupri u l-kollaterali. Sabiex jiġi stmat l-LGD fuq l-iskoperturi sovrani, l-UE tqis l-istatus ta' kreditur preferut *de facto* tagħha.

L-EAD hija l-iskopertura (ammont) pendenti fil-ħin ta' inadempjenza.

Il-flussi tal-flus stmati matul il-ħajja mistennija tal-assi finanzjarju jiġu skontati bir-rata effettiva tal-imgħax.

L-UE tqis informazzjoni raġonevoli u ġustifikata li tħares 'il quddiem, disponibbli mingħajr kost u sforz żejda, u taġġusta l-parametri tal-mudell, meta jkun neċessarju.

Flus u ekwivalenti ta' flus: kwalità tal-kreditu

	(EUR miljuni)
	31.12.2021
Aġenzija	
Grad primjum u għoli	40 716
Grad medju superjuri	3 650
Grad medju inferjuri	306
Grad mhux ta' investiment	189
Ammont riportat gross	44 860
Nieqes il-kopertura għal telf	—
Ammont nett riportat	44 860

It-Teżor

L-ammonti ta' flus u ta' ekwivalenti ta' flus fit-tabella ta' hawn fuq huma relatati prinċipalment mal-flus ġestiti mit-teżor tal-Kummissjoni. Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni jinżammu, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 (kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill 804/2016) dwar ir-riżorsi proprji, fil-kontijiet miftuħin mill-Istati Membri għall-hłas tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji tagħhom (primarjament ING, VAT u TOR). Dawn il-kontijiet kollha huma miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri jew mal-banek ċentrali nazzjonali. Dawn l-istituzzjonijiet għandhom l-aktar riskju ta' kreditu baxx (jew kontroparti) għall-Kummissjoni, minħabba li l-iskopertura

hija mal-Istati Membri tagħha. Għall-parti tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni miżmuma ma' banek kummerċjali sabiex tkopri l-eżekuzzjoni tal-pagamenti, ir-riforniment ta' dawn il-kontijiet isir abbażi tal-prinċipju ta' "eżatt fil-ħin" u jiġi ġestit awtomatikament mis-sistema ta' ġestjoni tal-flus tat-teżor. F'kull kont jinżammu livelli ta' flus minimi, li jqisu l-ammont medju tal-pagamenti ta' kuljum eżegwiti minnu. B'konsegwenza ta' dan, l-ammont totali miżmum mil-lum għall-għada f'dawn il-kontijiet jibqa' kostantament f'livelli baxxi (b'mod ġenerali inqas minn EUR 54 miljun, bħala medja, mifruxa fuq 25 kont) u b'hekk jiġi żgurat li l-iskopertura tal-Kummissjoni għar-riskju tkun limitata. Dawn l-ammonti għandhom jitqiesu fir-rigward tal-bilanċi kumplessivi ta' kull jum tat-teżor li fl-2021 kienu jvarjaw bejn EUR 1 biljun u EUR 38 biljun, u b'ammont kumplessiv ta' pagamenti magħmulin mill-kontijiet bankarji tal-Kummissjoni fl-2021 li jaqbeż il-EUR 170 biljun.

Barra minn hekk, huma applikati linji gwida speċifiċi għall-għażla tal-banek kummerċjali sabiex ikompli jiġi minimizzat ir-riskju tal-kontroparti li għalih hija esposta l-Kummissjoni:

- Il-banek kummerċjali kollha jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni minima tal-kreditu għal perjodu qasir li hija meħtieġa għall-ammissjoni fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti hija S&P A jew l-ekwivalenti. Jista' jiġi aċċettat livell aktar baxx f'ċirkostanzi speċifiċi u debitament ġustifikati;
- Il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-banek kummerċjali li fihom għandha kontijiet il-Kummissjoni jiġu mmonitorjati fuq bażi regolari; u
- Fid-delegi barra l-UE, jinżammu kontijiet tal-impres ma' banek lokali magħżulin permezz ta' proċedura ssimplifikata ta' sejħiet għall-offerti. Ir-rekwiżiti tal-klassifikazzjoni jiddependu fuq is-sitwazzjoni lokali u jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti minn pajjiż għal ieħor. Sabiex tiġi limitata l-iskopertura għar-riskju, il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fl-aktar livelli baxxi possibbli (meta jitqiesu l-ħtiġijiet operazzjonali), jiġu riforniti regolarment u l-limiti massimi applikati jiġu rieżaminati fuq bażi annwali.

NGEU

L-istrumenti ta' għoti u ta' teħid ta' self għall-assistenza finanzjarja, b'mod ġenerali, ma jżommu l-ebda bilanċ ta' flus pendenti minħabba l-prinċipju back-to-back sottostanti tas-self għall-assistenza finanzjarja. Madankollu, bl-implimentazzjoni ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata fl-istrument tal-NGEU, l-NGEU jżomm flus bl-oġettiv li jiġi żgurat li l-ammonti miżmumin fil-kont bankarju tal-NGEU jkunu biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha ta' żborż li ġejjin u sabiex iżommu riżerva ta' sikurezza definita filwaqt li jevitaw kwalunkwe bilanċ eċċessiv. Il-flus kontanti jitqiegħdu f'kont bankarju fil-BĊE u, għalhekk, ir-riskju ta' kreditu huwa baxx ħafna.

Multi msarrfin b'mod provviżorju: depożiti

Il-banek b'depożiti għall-multi msarrfa b'mod provviżorju qabel l-2010 jintgħażlu fi proċedura tal-offerti f'konformità mal-politika dwar l-immaniġġar tar-riskji li tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-ammont ta' fondi li jistgħu jitqiegħdu fi proporzjon mal-ekwiżità tal-kontroparti.

Bħala regola ġenerali, għall-banek kummerċjali li ntgħażlu speċifikament għad-depożitu tal-multi msarrfin b'mod provviżorju, hija meħtieġa klassifikazzjoni minima fit-tul ta' A- (S&P jew ekwivalenti) u b'żewġ aġenziji tal-klassifikazzjoni. Jiġu applikati miżuri speċifiċi fil-każ li l-banek f'dan il-grupp ikunu soġġetti għal tnaqqis fil-grad. Barra minn hekk, l-ammont iddepożitat ma' kull bank huwa limitat għal ċertu perċentwal tal-fondi proprji tiegħu, li jvarja skont il-livell ta' klassifikazzjoni ta' kull istituzzjoni. Il-kalkolu ta' dawn il-limiti jqis ukoll l-ammont ta' garanziji pendenti maħruġa lill-Kummissjoni mill-istess istituzzjoni. Il-konformità tad-depożiti pendenti mar-rekwiżiti tal-politika applikabbli tiġi rieżaminata b'mod regolari.

Riċevibbli: kwalità tal-kreditu

(EUR miljuni)

31.12.2021

	Mhux dovuti	Skaduti	Skaduti	Skaduti	Skaduti	Total
		0-30 jum	31-90 jum	91 jum – sena	> 1 sena	
Ammont riportat gross	2 785	15	9	578	1 453	4 840

(EUR miljuni)

31.12.2021

	Mhux dovuti	Skaduti	Skaduti	Skaduti	Skaduti	Total
		0-30 jum	31-90 jum	91 jum – sena	> 1 sena	
Nieqes il-kopertura għal telf	(2)	(1)	(4)	(18)	(147)	(173)
Ammont nett riportat	2 783	14	5	560	1 305	4 667

L-ammonti f'din it-tabella ma jinkludux imposti differiti u komponent tar-riċevibbli tal-FGC imkejlin fl-FVSD (ara n-nota 2.6.2), peress li ma humiex soġġetti għar-reqwiziti ta' indeboliment.

Fl-10 ta' Lulju 2020 u fit-8 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ħadet deċiżjonijiet sabiex temenda d-dispożizzjonijiet interni tagħha għall-irkupru tal-ammonti riċevibbli sabiex jittaffa l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq id-debituri tal-Kummissjoni. Id-deċiżjoni estendiet temporanjament l-iskadenzi għall-pagamenti għal djun ġodda u pprovdiet għall-possibbiltà li jingħata żmien addizzjonali għall-ħlas għal dawk id-djun li kienu pendenti.

Assi finanzjarji fl-FVSD – titoli ta' dejn: Kwalità tal-kreditu

Il-Fond ta' Proviżjonament Komuni

Il-klassifikazzjoni tal-kreditu medja ponderata tal-portafoll tas-CPF hija A- (S&P jew l-ekwivalenti).

Multi msarrfin b'mod provviżorju: Portafoll BUFI

Għal investimenti tad-dejn sovrani minn multi msarrfin b'mod provviżorju imposti mill-2010, il-Kummissjoni tassumi l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu. L-ogħla konċentrazzjoni ta' skopertura hija lejn Spanja, li tirrappreżenta 10 % tal-portafoll. Il-ħames pajjiżi bl-ogħla skopertura (Spanja, Franza, l-Italja, il-Ġermanja u n-Netherlands) ilkoll flimkien jirrappreżentaw 30 % tal-portafoll tal-investment. Il-klassifikazzjoni tal-kreditu medja ponderata tal-portafoll hija A (S&P jew l-ekwivalenti).

Il-garanziji finanzjarji riċevuti

Il-politika dwar il-ġestjoni tar-riskji applikata għall-aċċettazzjoni ta' tali garanziji tiżgura kwalità kreditizja għolja għall-Kummissjoni. Il-politika tinkludi d-definizzjoni ta' skopertura massima ta' kreditu lejn entità partikolari fis-settur finanzjarju abbażi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħha u l-livell tal-kapital ta' entità kif ikkontabilizzat fir-rapporti finanzjarji tagħha tal-IFRS. Il-konformità tal-garanziji pendenti mar-reqwiziti tal-politika applikabbli tiġi rieżaminata regolarment.

Il-KEFA f'likwidazzjoni

Il-linji gwida dwar l-immaniġġar tal-assi u l-istrategġji ta' riskju u ta' investment jiddefinixxu ċerti limiti u restrizzjonijiet sabiex jillimitaw l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-portafoll, li huwa limitat għall-grad tal-investment, ħlief għall-iskopertura tal-Istati Membri tal-UE. Il-klassifikazzjoni ta' kreditu medja ponderata tal-portafoll hija BBB+ (S&P jew l-ekwivalenti).

Assi finanzjarji fl-FVSD – derivattivi: Kwalità tal-kreditu

L-assi derivattivi huma prinċipalment relatati mal-garanziji fuq il-portafolli tal-ekwità u mal-kuntratti forward tal-muniti. Għalhekk, ir-riskju ta' kreditu huwa limitat għar-riskju tal-kontroparti. Il-garanzija fuq l-ekwità tiġi saldata mas-sieħeb ta' implimentazzjoni tal-UE, il-Grupp tal-BEI, li huwa kklassifikat AAA. Mill-31 ta' Diċembru 2021, l-unika kontroparti għall-kuntratti forward tal-muniti pendenti kollha hija l-Banque de France, u għalhekk ma ġie implimentat ebda titjib tal-kreditu, bħal kollateral, ftehimiet ta' netting jew garanziji, minn din id-data.

Kuntratti ta' garanziji finanzjarji: kwalità tal-kreditu

(EUR miljuni)

	31.12.2021		
	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Total
Klassifikazzjoni fit-tul			
Grad prim u għoli	0	1	1
Grad medju superjuri	2	—	2
Grad medju inferjuri	219	—	219
Grad mhux ta' investiment	3 964	51 079	55 043
Immaniġġati fuq bażi kollettiva / mhux klassifikati	2	—	2
Total	4 187	51 080	55 267

Kuntratti ta' garanziji finanzjarji: Ċaqliq fil-provvediment għat-telf

(EUR miljuni)

	Stadju Nru 1	Stadju Nru 2	Total
Provvediment għat-telf fl-01.01.2021	859	5 143	6 002
Trasferiment għall-Istadju Nru 2	(494)	494	0
Trasferiment għall-Istadju Nru 1	—	—	—
Żidiet	8	623	630
Rilaxx tal-garanziji	(0)	(0)	(0)
Kejl mill-ġdid	112	789	900
Provvediment għat-telf fl-31.12.2021	485	7 048	7 533
Ammont riportat tal-obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja fil-31.12.2021	610	7 183	7 794

It-trasferimenti minn u lejn l-istadju nru 1 / l-istadju nru 2 jitkejlu fil-provvediment għall-indeboliment tal-bilanċ tal-ftuħ, filwaqt li l-bidliet fl-ammont li jirriżultaw mill-bidla fl-istadju (jiġifieri l-kejl tal-ECL fuq 12-il xahar jew tul il-ħajja) huma parti mill-kejl mill-ġdid.

Kuntratti ta' garanziji finanzjarji: politiki dwar it-tqassim fi stadji

L-indikatur tar-riskju ewlieni għall-allokazzjoni tal-FGC għall-istadji huwa l-klassifikazzjoni tal-kreditu tad-dejn garantit. Il-mudell tat-tqassim fi stadji jqabbel il-klassifikazzjoni tal-kreditu fl-oriġinazzjoni mal-klassifikazzjoni tal-kreditu fid-data tar-rapportar. Għall-garanziji tal-portafoll, titqies il-klassifikazzjoni medja ponderata tal-kreditu tal-portafoll garantit.

Stadju Nru 1 – l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu

FGC bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu fil-grad ta' investiment (jiġifieri bejn AAA (Aaa) u BBB- (Baa3) fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni ta' S&P/Fitch (Moody's) jew klassifikazzjoni esterna jew interna ekwivalenti) fid-data tar-rapportar, jitqiesu bħala riskju ta' kreditu baxx indipendentement mill-klassifikazzjoni tal-kreditu inizjali u jinżammu fl-istadju nru 1. Barra minn hekk, kwalunkwe FGC li għalih ma seħħet l-ebda żieda sinifikanti fir-riskju ta' kreditu, kif iddefinit hawn taħt, jiġi kklassifikat fl-istadju Nru 1. Għall-FGC fl-istadju Nru 1, il-provvediment għall-indeboliment jitkejjel fil-livell tal-ECL fuq 12-il xahar.

Stadju Nru 2 – Żieda sinifikanti fil-klassifikazzjoni ta' kreditu

Id-deterjorament tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li ġej jitqies sinifikanti u jwassal għal riklassifikazzjoni ta' FGC għall-Istadju Nru 2:

- Għal garanziji bi klassifikazzjoni tal-kreditu bejn AAA (Aa1) u BB- (Ba3) fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni ta' S&P/Fitch (Moody's) jew fi klassifikazzjoni esterna jew interna ekwivalenti mar-rikonoxximent inizjali, deterjorament tal-klassifikazzjoni jitqies sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni inizjali u dik fid-data tar-rapportar tkun daqs jew akbar minn 3 livelli għal garanziji relatati ma' strument ta' dejn uniku u 2 livelli għal garanziji relatati ma' portafoll ta' dejn;
- Għal garanziji bi klassifikazzjoni tal-kreditu bejn B+ (B1) jew B (B2) mar-rikonoxximent inizjali, deterjorament tal-klassifikazzjoni jitqies sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni inizjali u dik fid-data tar-rapportar tkun daqs jew akbar minn 2 livelli għal garanziji relatati ma' strument ta' dejn uniku u livell 1 għal garanziji relatati ma' portafoll ta' dejn; u
- Għal garanziji bi klassifikazzjoni tal-kreditu bejn B- (B3) jew anqas mar-rikonoxximent inizjali, deterjorament tal-klassifikazzjoni jitqies sinifikanti jekk id-differenza bejn il-klassifikazzjoni inizjali u dik fid-data tar-rapportar tkun daqs jew akbar minn livell 1 (dejn u portafoll uniċi).

Jekk l-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-kreditu ma tkunx disponibbli iżda tkun saret stima tal-pretensjonijiet annwali mistennjin mar-rikonoxximent inizjali, il-livell attwali tal-pretensjonijiet meta mqabbel mal-ippjanar inizjali jitqies ukoll bħala indikatur tar-riskju raġonevoli għall-valutazzjoni tal-SICR.

Minbarra l-kriterji ta' hawn fuq, l-UE tista' tapplika valutazzjoni kwalitattiva tal-SICR, ibbażata fuq informazzjoni addizzjonali, raġonevoli u ġustifikata disponibbli.

L-FGC oriġina qabel it-trasferiment għall-EAR 11 riveduta (jiġifieri qabel l-1 ta' Jannar 2021), li għalihom ma hija disponibbli l-ebda informazzjoni dwar ir-riskju ta' kreditu fir-rikonoxximent inizjali mingħajr kost u sforz żejda, jiġu kklassifikati fl-Istadju Nru 2.

Għal FGC fl-Istadju Nru 2, il-provvediment għall-indeboliment jitkejjel fil-livell tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja.

Il-klassifikazzjoni għall-Istadju Nru 3 u għall-POCI ma tapplikax għall-FGC.

Garanziji baġitarji

L-Unjoni hija skoperta l-aktar għar-riskju ta' kreditu permezz tal-operazzjonijiet li tiggarantixxi. Meta l-kwalità tal-kreditu tal-operazzjonijiet sottostanti tiddeterjora, l-avvenimenti ta' inadempjenza jsiru aktar probabbli u, b'hekk, jitolbu wkoll garanziji tal-UE.

Sabiex timmonitorja u timmaniġġja dan ir-riskju, il-Kummissjoni tiddependi fuq Mudell tar-Riskju ta' Kreditu sabiex tivvaluta t-telf potenzjali, billi tuża, fost l-oħrajn, l-inputs ipprovduti mis-Sħab ta' Implimentazzjoni. L-output ta' dawn il-mudelli huwa interpretat u kkombinat ma' ġudizzju espert sabiex tinkiseb valutazzjoni tar-riskju li tkun koerenti mas-sustanza tat-tranżazzjoni u maċ-ċirkostanzi ekonomiċi rilevanti.

Riskju ta' kreditu fil-31 ta' Diċembru 2020

Analiżi tal-età tal-assi finanzjarji li ma humiex indeboliti

(EUR miljuni)

31.12.2020					
	Total	La skaduti u lanqas indeboliti	Skaduti iżda mhux indeboliti		
			< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin
Self	93 309	93 308	0	—	—
Riċevibbli u rekuperabbli	74 493	59 702	505	14 030	257
Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit	199	199	—	—	—
Total fil-31.12.2020	168 001	153 209	505	14 030	257

Il-kwalità tal-kreditu tal-assi finanzjarji li la jkunu skaduti u lanqas ma jkunu indeboliti

(EUR miljuni)

31.12.2020						
	AFS ⁽¹⁾	Assi finanzjarji fl-FVSD ⁽²⁾	Self	Riċevibbli u rekuperabbli	Flus	Total
Kontropartijiet bi klassifikazzjoni tal-kreditu esterna						
Grad prim u għoli	9 005	199	2 040	52 817	13 896	77 956
Grad medju superjuri	3 415	—	35 040	1 535	1 011	41 001
Grad medju inferjuri	2 133	—	48 139	1 886	1 651	53 809
Grad mhux ta' investiment	310	—	7 964	142	165	8 580
	14 862	199	93 182	56 380	16 723	181 347
Kontropartijiet mingħajr klassifikazzjoni tal-kreditu esterna						
Debituri mingħajr inadempjenzi fil-passat	—	—	126	3 318	19	3 463
Debituri b'inadempjenzi fil-passat	—	—	—	4	—	4
	—	—	126	3 322	19	3 466
Total	14 862	199	93 309	59 702	16 742	184 814

⁽¹⁾ Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ (minbarra investimenti f'fondi tas-suq monetarju u strumenti ta' ekwità).⁽²⁾ Assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit.

6.6. RISKJU TA' LIKWIDITÀ

Riskju ta' likwidità fil-31 ta' Diċembru 2021

Analiżi tal-maturità tal-obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi skont il-maturità kuntrattwali li jifdal

(EUR miljuni)

31.12.2021					
	Flussi ta' flus kuntrattwali mhux skontati				Ammont riportat
	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total	
Teħid ta' self	(23 769)	(45 030)	(180 660)	(249 459)	(236 720)
Ammonti pagabbli	(46 372)	—	—	(46 372)	(46 372)
Oħrajn	(218)	(830)	(890)	(1 938)	(1 605)
Total fil-31.12.2021	(70 358)	(45 860)	(181 550)	(297 769)	(284 697)

Analiżi tal-maturità tal-obbligazzjonijiet finanzjarji derivattivi skont il-maturità kuntrattwali li jifdal

(EUR miljuni)

31.12.2021					
	Flussi ta' flus kuntrattwali mhux skontati				Ammont riportat
	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total	
Stadju ta' pagament ta' derivattiv	(646)	(5)	—	(651)	
Stadju ta' riċeviment ta' derivattiv	648	—	—	648	
Il-flussi tal-flus netti fil-31.12.2021	2	(5)	—	(3)	(3)

Analiżi tal-maturità tal-kuntratti ta' garanziji finanzjarji maħruġin skont l-aktar perjodu kmieni li fih tista' ssir talba għal ħlas tal-garanzija

(EUR miljuni)

31.12.2021					
	Ammont massimu tal-garanzija				Ammont Riportat
	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total	
Kuntratti ta' Garanzija Finanzjarja	(55 381)	(878)	(1)	(56 259)	(7 794)
Total fil-31.12.2021	(55 381)	(878)	(1)	(56 259)	(7 794)

Attivitajiet ta' self għall-NGEU u għall-assistenza finanzjarja

L-ewwel rikors għar-ripagament tat-teħid ta' self għall-assistenza finanzjarja huwa l-ġbir f'waqtu tar-ripagamenti relatati tas-self għall-assistenza finanzjarja relatata u għall-NGEU. Madankollu, hemm salvagwardji addizzjonali li jistgħu jiġu applikati f'każ ta' inadempjenzi ta' pagamenti jew ta' dewmien fil-pagamenti mill-mutwatarji.

Għas-self tal-MFA u tal-Euratom lil pajjiżi terzi, il-kompartiment tas-CPF tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni jipprevedi riżerva ta' likwidità. Għalhekk, l-assi disponibbli tal-Fond ta' garanzija jintużaw l-ewwel sabiex jitħallas lura s-self relatat (iżda biss wara l-ewwel rikors għal garanti terzi għall-Euratom – ara n-nota 6.4). Jekk fi kwalunkwe mument l-assi disponibbli ma jkunux biżżejjed sabiex ikopru t-telf attwali, il-Kummissjoni tattiva miżuri sabiex tippovdi għal riżorsi addizzjonali (eż. rikors għal użu temporanju tal-likwidità tat-teżor tal-Kummissjoni, rikors għal trasferimenti temporanji u/jew nefqa addizzjonali mill-baġit tal-UE).

Għall-NGEU, il-Kummissjoni tista' tapplika wkoll għestjoni attiva tal-likwidità u teħid ta' self fuq terminu qasir sabiex tisservizzja d-djun tal-UE, filwaqt li, għal SURE, il-Kummissjoni tista' tirriporta t-teħid ta' self assoċjat ikkuntrattat fisem l-Unjoni.

Għat-teħid ta' self kollu għall-assistenza finanzjarja kif ukoll għat-teħid ta' self għall-NGEU, il-Kummissjoni tista' titlob riżorsi għall-marġni disponibbli tar-Riżorsi Proprji sabiex tisservizzja d-djun tal-UE. Il-leġiżlazzjoni dwar ir-riżorsi proprji tistabilixxi l-limitu massimu għar-riżorsi proprji sabiex jiġu koperti l-appropriazzjonijiet annwali għall-pagamenti għal 1,40 % tal-ING tal-Istati Membri, flimkien ma' żieda temporanja addizzjonali ta' 0,6 ta' punt perċentwali għall-NGEU. Il-baġit tal-2021 kien jinkludi total ta' riżorsi proprji sabiex tiġi ffinanzjata n-nefqa ta' 1,12 % tal-ING. Dan ifisser li, fil-31 ta' Diċembru 2021, kien jeżisti marġni disponibbli ta' 0,88 % sabiex ikopri l-obbligazzjonijiet tiegħu. Għaldaqstant, l-UE hija intitolata li titlob lill-Istati Membri jiżguraw il-konformità mal-obbligu legali tal-UE lejn il-mutwanti tagħha.

Fl-aħħar nett, self ipprovdut lill-Istati Membri taħt l-istrument SURE huwa sostnut minn sistema ta' garanziji volontarji mill-Istati Membri, li tammonta għal 25 % tal-limitu massimu disponibbli għall-assistenza finanzjarja relatata. Qabel ma titlob garanziji pprovduti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni hija mistennija teżamina l-kamp ta' applikazzjoni għall-użu tal-marġni disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-appropriazzjoni tal-pagamenti sal-punt li jitqies sostenibbli mill-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, għall-obbligazzjonijiet kontinġenti totali tal-Unjoni u s-sostenibbiltà tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Eżami bħal dan ma għandux jaffettwa n-natura irrevokabbli, inkondizzjonata u fuq talba tal-garanziji pprovduti.

It-Teżor

Il-prinċipji tal-baġit tal-UE jiżguraw li r-riżorsi tal-flus ġenerali għal sena partikolari jkunu dejjem suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti kollha. Fil-fatt, il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri flimkien mad-dħul mixxellanju huma daqs l-ammont tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għas-sena baġitarja. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jiġu riċevuti fi tna-x-il pagament parzjali kull xahar matul is-sena u jkunu bbażati fuq il-baġit adottat, filwaqt li l-pagamenti huma soġġetti għal ħtiġijiet operazzjonali. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 (dwar il-metodi u l-proċedura biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni riżorsi proprji, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804), il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri relatati mal-baġits emendatorji approvati f'xahar partikolari (N) isiru disponibbli biss jew fl-ewwel jum ta' xogħol tax-xahar N+1 (jekk jiġu approvati qabel is-16-il jum tax-xahar partikolari) jew inkella fl-ewwel jum ta' xogħol tax-xahar N+2 (jekk jiġu approvati fis-16-il jum jew aktar tard ta' dak ix-xahar partikolari), filwaqt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament relatati jkunu disponibbli minnufih.

Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tat-teżor disponibbli jkunu dejjem biżżejjed sabiex ikopru l-pagamenti li għandhom jiġu eżegwiti fi kwalunkwe xahar partikolari, hemm fis-seħħ proċeduri dwar it-tbassir regolari tal-flus. Ir-riżorsi proprji jew il-finanzjament addizzjonali jistgħu jintalbu minn qabel mill-Istati Membri jekk ikunu meħtieġa, sa ċerti limiti u f'ċerti kundizzjonijiet previsti skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804. Il-ħtiġijiet operazzjonali u r-restrizzjonijiet baġitarji ġenerali f'dawn l-aħħar snin irriżultaw fil-ħtieġa għal aktar monitoraġġ tar-ritmu tal-pagamenti matul is-sena. Minbarra dak li ntqal hawn fuq, fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kuljum tat-teżor tal-Kummissjoni, l-għodod awtomatizzati għall-ġestjoni tal-likwidità jiżguraw li, fuq bażi ta' kuljum, ikun hemm likwidità suffiċjenti disponibbli fuq kull wieħed mill-kontijiet bankarji tal-Kummissjoni.

Multi

Il-fond tal-BUFI, fejn il-multi jitħallsu b'mod provviżorju, huwa ġestit skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom livell suffiċjenti ta' likwidità u ta' mobilizzazzjoni b'rabta mal-impenji rilevanti. Il-portafoll huwa magħmul l-aktar minn titoli likwidi ħafna li jistgħu jinbiegħu sabiex jissodisfaw il-ħruġ ta' flus b'terminu qasir. Barra minn hekk, is-sehem ta' flus, ta' ekwivalenti ta' flus u ta' titoli li jimmuturaw fi żmien sena (1) huwa ogħla minn 50 %.

Garanziji baġitarji

L-analiżi tal-maturità għall-garanziji finanzjarji hija ppreżentata bl-użu tal-approċċ prudenti, li permezz tiegħu l-ammont massimu tal-garanzija mogħtija jiġi allokat għall-aktar perjodu bikri li fih tista' tintalab il-garanzija. Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-garanziji tal-UE huma tal-ewwel sejħa, ammont sinifikanti jiġi allokat għall-ewwel medda ta' żmien. Madankollu, il-probabbiltà li l-UE tintalab taħt il-garanziji kollha għall-ammont kollu fl-ewwel perjodu hija remota. Barra minn hekk,

l-ammont li l-UE tistenna li titef spiss ikun ħafna aktar baxx mil-limitu massimu tal-garanzija, u għalhekk l-ammont tar-riskju ta' likwidità jeħtieġ li jitqies flimkien mal-ammont riportat tal-obbligazzjonijiet ta' garanzija.

Objettiv ewlieni tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju ta' obbligazzjonijiet kontinġenti huwa li jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jkun jista', fi kwalunkwe ħin, jirrispetta l-obbligi tiegħu mingħajr ma jfixkel l-implimentazzjoni normali tal-baġit. Dan jinvolvi wkoll il-mitigazzjoni tar-riskju ta' likwidità relatat mal-garanziji baġitarji, jiġifieri r-riskju li l-Unjoni ma jkollhiex biżżejjed fondi sabiex tissodisfa fil-ħin l-obbligi kollha tagħha ta' pagament relatati mal-garanzija (li mbaġħad jista' jwassal, pereżempju, għall-esklużjoni ta' spejjeż oħrajn u għall-posponiment tal-pagamenti għas-snin finanzjarji ta' wara).

F'dan ir-rigward, kull garanzija baġitarja hija appoġġata minn proviżjonament suffiċjenti mħallas fis-CPF sabiex jiġi żgurat li dejjem ikun hemm biżżejjed likwidità sabiex jitħallsu t-talbiet għal ħlas ta' garanzija fil-ħin.

L-UE timmonitorja fuq bażi regolari l-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament ta' kull programm ta' garanzija baġitarja u tirrapporta⁽³⁶⁾ kull sena dwar l-estima tagħha dwar jekk dawk l-ammonti humiex biżżejjed sabiex ikopru r-riskju għall-5 snin li ġejjin b'livell definit ta' ċertezza.

Barra minn hekk, hemm proċeduri ta' salvagwardja addizzjonali fis-seħħ (trasferimenti temporanji bejn il-kompartimenti tas-CPF u l-użu tal-likwidità tat-teżor ċentrali) sabiex jiġi żgurat li jkun hemm likwidità suffiċjenti disponibbli.

Il-Fond ta' Proviżjonament Komuni

Is-CPF huwa ġestit skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom livell suffiċjenti ta' likwidità u ta' mobilizzazzjoni b'rabta mal-impenji rilevanti. Il-portafoll huwa magħmul minn assi likwidi li jistgħu jinbiegħu sabiex jissodisfaw il-ħruġ ta' flus b'terminu qasir, jekk ikun meħtieġ. Barra minn hekk, is-sehem ta' flus, ekwivalenti ta' flus u titoli li jimmaturaw fi żmien sena (1) huwa ta' 26 %.

Is-saldu tal-kuntratti tad-derivattivi huwa gross u huwa bbażat fuq il-maturità kuntrattwali tagħhom. L-obbligi jiġu onorati permezz tal-bejgħ ta' assi denominati f'USD u/jew tranżazzjoni ta' swap, fejn huwa possibbli li jinħoloq fluss ta' ħruġ ta' flus minħabba differenzi fir-rata tal-kambju. Ma hija neċessarja l-ebda ġestjoni tal-likwidità fir-rigward tar-reqwiziti ta' kollateral/marġni, minħabba li l-kontroparti tal-iħħeġġjar attwali taċċetta li topera mal-Kummissjoni mingħajr l-ebda reqwizit għall-eżerċitar ta' kollateral/marġni.

Riskju ta' likwidità fil-31 ta' Diċembru 2020

Analiżi tal-maturità tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-maturità kuntrattwali li jifdal

(EUR miljuni)

31.12.2020				
	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total
Teħid ta' self	(10 410)	(20 230)	(62 553)	(93 192)
Ammonti pagabbli	(32 408)	—	—	(32 408)
Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji	(90)	—	—	(90)
Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	(149)	(665)	(947)	(1 761)
Total fil-31.12.2020	(43 057)	(20 895)	(63 500)	(127 451)

⁽³⁶⁾ Pereżempju, fid-Dokument ta' Ħidma XI meħmuż mal-Abbozz tal-Baġit li jippreżenta l-implimentazzjoni tal-Garanziji Baġitarji, il-Fond ta' Proviżjonament Komuni u l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Strumenti finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit

(EUR miljuni)

31.12.2020				
	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total
Stadju ta' pagament ta' derivattiv	(417)	(4)	(1)	(421)
Stadju ta' riċeviment ta' derivattiv	423	—	—	423
Il-flussi tal-flus netti fil-31.12.2020	5	(4)	(1)	1

6.7. RISKJU IEĦOR TAL-PREZZ

Fil-31 ta' Diċembru 2021, l-UE hija skoperta għal riskji oħrajn tal-prezz (riskju ta' ekwità) li jinħolqu minn investimenti fl-ekwità mhux ikkwotati (bħal kapital ta' riskju u fondi oħrajn ta' investment), fondi tas-suq tal-flus (bħall-Fond Unitarju tal-BEL) u investimenti f'portafolli kumulattivi (ara n-nota 2.4.2.1), kif ukoll permezz ta' garanziji li jkopru investimenti fl-ekwità u fi kważi ekwità mhux ikkwotati, ittrattati bħala derivattivi abbażi tal-valur ġust permezz ta' surplus jew defiċit (ara n-nota 2.4.2.2).

Ir-riskju tal-prezz tal-ekwità jirreferi għar-riskju li l-valuri ġusti ta' investimenti fl-ekwità jonqsu b'riżultat tal-bidliet fil-livelli tal-prezzijiet tal-ekwità u/jew il-valur ta' investimenti fl-ekwità garantiti. L-effett fuq is-surplus jew fuq id-defiċit ta' żieda jew ta' tnaqqis fil-valur ta' 10 % tal-istrumenti msemmijin hawn fuq ikun kif ġej:

(EUR miljuni)

	10 %	(10) %
Investimenti fl-ekwità	238	(238)
Fondi tas-suq monetarju u investimenti f'portafolli kollettivi	251	(251)
Garanzija fuq ekwità ⁽¹⁾	415	(415)
Total fil-31.12.2021	905	(905)

⁽¹⁾ Ir-riskju ta' garanziji fuq l-ekwità huwa bbażat fuq l-ammont nozzjonali li huwa kopert mill-garanzija.

L-UE tiggarrantixxi jew tinvesti f'assi mhux ikkwotati li l-valuri tagħhom ma humiex disponibbli pubblikament. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-istrumenti finanzjarji huma implimentati mill-entitajiet fdati, li huma esperti fl-industrija u jivvalutaw u jimmonitorjaw dawk l-assi fuq bażi regolari.

7. DIKJARAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET RELATATI**7.1. IL-PARTIJIET RELATATI**

Il-partijiet relatati tal-UE huma l-entitajiet ikkonsolidati tal-UE, l-assoċjati u l-persunal prinċipali tal-maniġment ta' dawn l-entitajiet. It-tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet iseħħu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-UE u, minħabba li dan huwa l-każ, ma huwa meħtieġ ebda rekwiżit speċifiku ta' divulgazzjoni għal dawn it-tranżazzjonijiet f'konformità mar-regoli tal-kontabbiltà tal-UE.

7.2. INTITOLAMENTI PRINĊIPALI TAL-ĠESTJONI

Għall-finijiet tal-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar tranżazzjonijiet tal-partijiet relatati rigward il-membri kruċjali tal-maniġment tal-UE, tali persuni huma murija hawnhekk taħt ħames kategoriji:

Kategorija 1: il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Kategorija 2: il-Viċi President tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi Presidenti l-oħrajn tal-Kummissjoni

Kategorija 3: is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, il-Membri tal-Kummissjoni, l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-President u l-Membri tal-Qorti Ġenerali, l-Ombudsman u l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data

Kategorija 4: il-President u l-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Kategorija 5: l-ogħla uffiċjali fiċ-ċivil tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji

Sommarju tal-intitolamenti tagħhom huwa mogħti hawn taħt – aktar informazzjoni tista' tinstab fir-Regolamenti tal-Persunal ippubblikati fuq is-sit web Europa, li huwa d-dokument uffiċjali li jiddeskrivi d-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali kollha tal-UE. Il-persunal prinċipali tal-maniġment ma rċieva ebda self preferenzjali mill-UE.

INTITOLAMENTI FINANZJARJI PRINĊIPALI TAL-ĠESTJONI

EUR

Intitolament (għal kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Salarju bażiku (fix-xahar)	29 205,17	26 453,96 – 27 512,13	21 163,17 – 23 808,57	22 856,23 – 24 337,65	13 456,68 – 21 163,17
Allowance Residenzjali jew tal-Espatrijazzjoni	15 %	15 %	15 %	15 %	0-4 %-16 %
Benefiċċji tal-familja:					
Unità domestika (% tas-salarju)	2 % + 196,44	2 % + 196,44	2 % + 196,44	2 % + 196,44	2 % + 196,44
Wild dipendenti	429,24	429,24	429,24	429,24	429,24
Edukazzjoni preprimarja	104,86	104,86	104,86	104,86	104,86
Edukazzjoni, jew	291,24	291,24	291,24	291,24	291,24
Edukazzjoni barra mill-post tax-xogħol	582,48	582,48	582,48	582,48	582,48
Benefiċċju għall-imħallfin li jippresjedu	M/A	M/A	668,22	M/A	M/A
Benefiċċju għar-rappreżentanza	1 582,67	1 017,17	668,22	M/A	M/A
Spejjeż tal-ivvjaġġar annwali	M/A	M/A	M/A	M/A	Rimborżati
Trasferimenti lil Stat Membru:					
Allowance għall-edukazzjoni (1)	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
% tas-salarju (1)	5 %	5 %	5 %	5 %	5 %
% tas-salarju mingħajr cc	massimu ta' 25 %	massimu ta' 25 %	massimu ta' 25 %	massimu ta' 25 %	massimu ta' 25 %
Spejjeż tar-rappreżentanza	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	M/A	M/A
Bidu tal-impieg:					
Spejjeż tal-installazzjoni	58 410,36	52 907,93 –	42 326,35 –	45 712,46 –	Rimborżati
(Kat. 1-4: xahrejn ta' salarju bażiku)		55 024,27	47 617,14	48 675,31	
Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati
Spejjeż tar-rilokazzjoni	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati
Tluq mill-kariga:					
Spejjeż tar-risistemazzjoni	29 205,17	26 453,96 –	21 163,17 –	22 856,23 –	Rimborżati
(Kat. 1-4: xahar ta' salarju bażiku)		27 512,13	23 808,57	24 337,65	

EUR

Intitolament (għal kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati
Spejjeż tar-rilokazzjoni	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati
Tranżizzjoni (% tas-salarju) ⁽²⁾	40 % – 65 %	40 % – 65 %	40 % – 65 %	40 % – 65 %	M/A
Assigurazzjoni medika	Koperta	Koperta	Koperta	Koperta	Koperta
Pensjoni (% tas-salarju, qabel it-taxxa)	Massimu ta' 70 %	Massimu ta' 70 %	Massimu ta' 70 %	Massimu ta' 70 %	Massimu ta' 70 %
Tnaqqis:					
Taxxa Komunitarja	8 % – 45 %	8 % – 45 %	8 % – 45 %	8 % – 45 %	8 % – 45 %
Assigurazzjoni medika (% tas-salarju)	1,7 %	1,7 %	1,7 %	1,7 %	1,7 %
Imposta speċjali fuq is-salarju	7 %	7 %	7 %	7 %	6-7 %
Tnaqqis tal-pensjoni	M/A	M/A	M/A	M/A	10,1 %
L-għadd ta' persuni fi tmiem is-sena	3	8	93	27	118

⁽¹⁾ Bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni ("CC").

⁽²⁾ imħallsa għall-ewwel tliet snin wara t-tluq

8. EVENTI WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI

Fid-data tal-iffirmar ta' dawn il-kontijiet, għajr għall-materja spjegata hawn taħt, ma kien hemm ebda kwistjoni materjali ma nġiebet għall-attenzjoni ta' jew għet irrapportata lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni li kienet teħtieġ li tiġi ddivulgata separatament f'din it-taqsim. Il-kontijiet u n-noti relatati tħejjew billi ntużat l-aktar informazzjoni riċenti disponibbli u dan huwa rifless fl-informazzjoni ppreżentata.

L-Ukrajna

F'konformità mar-regola kontabilistika 19 tal-UE, Eventi Wara d-Data tar-Rapportar, il-gwerra fl-Ukrajna li bdiet fi Frar 2022 titqies bħala avveniment b'nuqqas ta' aġġustament, u b'hekk ma teħtieġx adattamenti għal kwalunkwe ammont f'dawn ir-rapporti finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2021. Kif indikat fin-nota 2.4, l-UE għandha self pendenti (iffinanzjat permezz ta' self, ara n-nota 2.11) ta' EUR 4,7 biljun (valur nominali) fil-31 ta' Diċembru 2021 mal-Ukrajna skont il-programmi tal-MFA u tal-Euratom.

Abbażi tad-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni tat lill-Ukrajna EUR 1,2 biljun oħrajn f'self taħt il-programm tal-MFA li minnhom EUR 600 miljun ġew żborżati f'Marzu u EUR 600 miljun oħrajn f'Mejju 2022.

Barra minn hekk, il-BEI kien ta self ta' valur ta' EUR 2,1 biljun lill-Ukrajna (kapital pendenti żborżat fil-31 ta' Diċembru 2021) skont il-Mandat ta' Self Estern tiegħu, li huwa ggarantit mill-baġit tal-UE – ara n-nota 4.1. L-ammonti kkonċernati huma vvalutati fuq il-bażi tas-sitwazzjoni fi tmiem is-sena, mhux fiż-żmien tat-tħejjija ta' dawn ir-rapporti finanzjarji.

Fuq il-bażi tal-fatti u taċ-ċirkostanzi fiż-żmien tat-tħejjija ta' dawn ir-rapporti finanzjarji, b'mod partikolari s-sitwazzjoni li qed tevolve, l-effett finanzjarju tal-gwerra fl-Ukrajna fuq il-finanzi tal-UE ma jistax jiġi stmat b'mod affidabbli.

9. AMBITU TAL-KONSOLIDAZZJONI

A. ENTITAJIET IKKONTROLLATI (55)

1. Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi (11)

Il-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
L-Ombudsman Ewropew
Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

2. Aġenziji tal-UE (42)

2.1. Aġenziji Eżekuttivi (7)

L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)
L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (CHAFEA) (sal-31 ta' Marzu 2021)
L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) (mill-1 ta' April 2021)
L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA)
L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (EISMEA)
L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)
L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA)

2.2. Aġenziji Deċentralizzati (35)

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)
L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)
L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)
L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)
L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO)
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)
Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)
L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)
Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)
Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)
L-Aġenzija għal Appoġġ għall-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-Uffiċċju BEREC)
L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX)
L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) (mis-26 ta' Mejju 2021)
L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)
 L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)
 L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)
 L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)
 L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)
 Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)
 Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)
 Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)
 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL)
 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)
 L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)
 Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT)
 Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija)
 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)
 L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) (mill-24 ta' Ġunju 2021)

3. Entitajiet ikkontrollati oħrajn (2)

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA f'Likwidazzjoni)
 L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

B. ASSOĊJATI (1)

Il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI)

ENTITAJIET MINURI

L-entitajiet elenkati hawn taħt ma ġewx ikkonsolidati bl-użu tal-metodu tal-ekwità fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-UE għall-2021 abbażi tal-immaterjalità:

ENTITÀ MINURI (8)

L-Impriża Konġunta Ewropa b'Bażi Bijoloġika (CBE JU, Circular Bio-based Europe Joint Undertaking) (is-suċċessur legali u universali tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika)
 L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CAJU) (is-suċċessur legali u universali tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2)
 L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2 JU) (is-suċċessur legali u universali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2)
 L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-RAIL JU) (is-suċċessur legali u universali tal-Impriża Konġunta Shift2Rail)
 L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI JU) (is-suċċessur legali u universali tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2)
 L-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT JU) (is-suċċessur legali u universali tal-Impriża Konġunta ECSEL)
 L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 (SESAR 3 JU) (is-suċċessur legali u universali tal-Impriża Konġunta SESAR)
 L-Impriża Konġunta EuroHPC (EuroHPC)
 Il-kontijiet annwali tal-entitajiet imsemmija hawn fuq huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-siti web rispettivi tagħhom.

RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA U NOTI TA' SPJEGA ⁽³⁷⁾

WERREJ

	<i>Paġna</i>
1. RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAL-UE	148
2. DIKJARAZZJONI TAT-TQABBIL TAL-BAĠIT U L-AMMONTI REALI	149
3. NOTI GĦAR-RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA	153
3.1. IL-QAFAS TAL-BAĠIT TAL-UE	153
3.2. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027	153
3.3. INTESTATURI DETTALJATI TAL-QFP (PROGRAMMI)	155
3.4. NextGenerationEU	155
3.5. IL-BAĠIT ANNWALI	156
3.6. DĦUL	157
3.7. RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU MAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT	158
4. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE 2021	160
5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT TAL-UE	161
5.1. SOMMARJU TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT TAL-UE	161
6. L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-INFIQ TAL-BAĠIT TAL-UE	162
6.1. QFP: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT	162
6.2. QFP: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	163
6.3. QFP: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT	164
6.4. QFP: MOVIMENTI FL-IMPENJI PENDENTI (RAL)	165
6.5. QFP: IMPENJI PENDENTI SKONT IS-SENA TAL-ORIĠINI	166
6.6. QFP: IMPENJI PENDENTI SKONT IT-TIP TA' APPROPRJAZZJONIJIET	167
6.7. QFP DETTALJAT: TQASSIM U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT	168
6.8. QFP DETTALJAT: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	178
6.9. QFP DETTALJAT: L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT	188
6.10. QFP DETTALJAT: MOVIMENTI FL-IMPENJI PENDENTI (RAL)	198
6.11. QFP DETTALJAT: IMPENJI PENDENTI SKONT IS-SENA TAL-ORIĠINI	207
6.12. QFP DETTALJAT: IMPENJI PENDENTI SKONT IT-TIP TA' APPROPRJAZZJONIJIET	213
7. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT SKONT L-ISTITUZZJONI	222
7.1. L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT	222

⁽³⁷⁾ Għandu jiġi nnotat li minħabba l-ittondjar taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, xi data finanzjarja fit-tabelli t'hawn taħt tista' tidher li ma taqbilx fl-għadd finali.

	<i>Pàġna</i>
7.2. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	224
7.3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT	225
8. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-AĠENZJI	226
8.1. DĦUL TAL-BAĠIT	226
8.2. APPROPRAZZJONIJIET TA' IMPENN U TA' PAGAMENT SKONT L-AĠENZJA	228

1. RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAL-UE

Nota	(EUR miljuni)	
	2021	2020
a Dħul għas-sena finanzjarja	239 596	174 306
b Pagamenti kontra l-approprijazzjonijiet tas-sena attwali	(226 175)	(171 721)
c Approprijazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1	(4 244)	(2 086)
d Kanċellazzjoni ta' approprijazzjonijiet mhux użati riportati mis-sena N-1	265	78
e Evoluzzjoni tad-dħul assenjat (B)-(A)	(6 338)	1 398
<i>Approprijazzjonijiet mhux użati fi tmiem is-sena kurrenti (A)</i>	14 032	7 694
<i>Approprijazzjonijiet mhux użati fi tmiem is-sena preċedenti (B)</i>	7 694	9 092
f Differenzi fir-rata tal-kambju għas-sena	126	(207)
Riżultat tal-baġit	3 230	1 768

Ir-riżultat tal-baġit tal-UE jintradd lura lill-Istati Membri fl-2021 permezz ta' tnaqqis tal-ammonti dovuti minnhom. Jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014⁽³⁸⁾ li jstabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji. Aktar informazzjoni tista' tinstab taħt it-taqsimha 1.5 Kalkolu tar-riżultat tal-baġit.

- Dħul għas-sena finanzjarja: it-tabella 5.1 "Sommarju tal-implimentazzjoni tad-Dħul tal-Baġit tal-UE", il-kolonna 8 "Dħul Totali".
- Pagamenti kontra l-approprijazzjonijiet tas-sena kurrenti: it-tabella 6.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprijazzjonijiet ta' Pagament", il-kolonna 2 "Pagamenti magħmula mill-baġit adottat" u l-kolonna 4 "Pagamenti magħmula mid-dħul assenjat".
- Approprijazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1: it-tabella 6.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprijazzjonijiet ta' Pagament", il-kolonna 7 riporti awtomatiċi flimkien mal-kolonna 8 riport permezz ta' deċiżjoni.
- Kanċellazzjoni ta' approprijazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena N-1: tqis l-ammont tal-approprijazzjonijiet ta' pagament riportati (awtomatikament u permezz ta' deċiżjoni) fi tmiem is-sena ta' qabel u l-"Pagamenti magħmula minn riporti" tas-sena kurrenti bħal fil-kolonna 3 tat-tabella 6.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprijazzjonijiet ta' Pagament".
- Evoluzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' dħul assenjati totali fi tmiem is-sena: tikkalkula d-differenza fl-ammont ta' approprijazzjonijiet ta' dħul assenjati fi tmiem is-sena ta' qabel (flimkien) u l-ammont tal-approprijazzjonijiet ta' dħul assenjati fi tmiem is-sena kurrenti (bħal fil-kolonna 9 tat-tabella 6.3 "QFP – Implimentazzjoni tal-Approprijazzjonijiet ta' pagament" – imnaqsa) sabiex tinkiseb il-varjazzjoni netta tad-dħul assenjat fis-sena kurrenti.
- Id-differenzi fir-rata tal-kambju jinkludu differenzi realizzati u mhux realizzati fir-rata tal-kambju.

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 29).

2. DIKJARAZZJONI TAT-TQABBIL TAL-BAĠIT U L-AMMONTI REALI

Dħul tal-baġit

(EUR miljuni)

	Baġit inizjali adottat	Baġit finali adottat	Intitolamenti stabbiliti	Dħul
1 Riżorsi proprji	156 867	156 993	160 869	158 632
11 – Imposti fuq iz-zokkor	0	0	1	1
12 – Dazji doganali	17 606	17 348	21 274	19 037
13 – VAT	17 967	17 941	17 934	17 934
14 – ING	121 294	115 858	115 819	115 819
16 – Tnaqqis tal-kontribuzzjoni bbażata fuq l-ING mogħtija lil ċerti Stati Membri	0	—	11	11
Finanzjament tal-baġit. Il-baġit jipprevedi kemm l-impenji kif ukoll il-pagamenti (flus jew trasferimenti bankarji lill-benefiċjarji). L-approprjazzjonijiet għal impenji u għal pagamenti sikwit ikunu differenti (approprjazzjonijiet differenzjati) minħabba li l-programmi u l-proġetti pluriennali ġeneralment ikunu impenjati bis-shif fis-sena meta jiġu deċiżi u jitħallsu matul is-snin hekk kif l-implimentazzjoni tal-programm u tal-proġett timxi 'l quddiem. L-approprjazzjonijiet mhux differenzjati japplikaw għan-nefqa amministrattiva, għall-appoġġ lis-suq agrikolu u l-pagamenti diretti u għall-approprjazzjonijiet ta' impenn ugwali għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Approprjazzjonijiet amministrattivi

L-approprjazzjonijiet amministrattivi jkopru l-kostijiet operazzjonali tal-Istituzzjonijiet u tal-entitajiet (il-persunal, il-binjiet, it-tagħmir tal-uffiċċju).

Approprjazzjonijiet li jiskadu

Approprjazzjonijiet mhux użati li jridu jiġu kkanċellati fit-tmiem tas-sena finanzjarja. Skadenza tfisser il-kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni kollha, jew ta' parti minnha, sabiex isir l-infiq u/jew jiġġarrbu l-obbligazzjonijiet, li hija rrappreżentata minn approprjazzjoni. Għal Impriżi Konġunti biss, kif speċifikat fir-Regoli Finanzjarji tagħhom, kwalunkwe approprjazzjoni mhux użata tista' tiddaħħal fl-estimi tad-dħul u n-nefqa sa matul it-tliet snin finanzjarji ta' wara (l-hekk imsejħa regola "N+3"). Għalhekk, l-approprjazzjonijiet li skadew għall-JUs jistgħu jiġu riattivati sas-sena finanzjarja "N + 3"

Approprjazzjoni ta' impenn

L-approprjazzjonijiet ta' impenn ikopru l-kost totali tal-obbligi legali (kuntratti, ftehimiet ta' għotja/deċiżjonijiet) li jistgħu jiġu ffirmati fis-sena finanzjarja kurrenti.

Approprjazzjonijiet ta' pagament

L-approprjazzjonijiet ta' pagament ikopru l-infiq dovut fis-sena kurrenti, li jirriżulta mill-impenji legali konklużi fis-sena kurrenti u/jew fis-snin ta' qabel.

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ

L-assi finanzjarji kollha (minbarra d-derivattivi) li huma skont l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku mkejla abbażi tal-valur ġust u li għalihom il-bidliet fil-valur ġust iridu jiġu rikonoxxuti f'riżerva fl-assi netti sal-irtirar tar-rikonoxximent (jew indeboliment).

Assi jew obbligazzjonijiet finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' bilanċ pożittiv jew defiċit

L-assi jew l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha li huma skont l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku mkejla abbażi tal-valur ġust u li għalihom il-bidliet fil-valur ġust għandhom jiġu rikonoxxuti fil-bilanċ pożittiv jew fid-defiċit tal-perjodu (jiġifieri derivattivi).

Assi u obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat

L-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha li jitkejlu skont l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku abbażi tal-kost armozzat.

Baġit adottat

L-abbozz tal-baġit isir il-baġit adottat hekk kif jiġi approvat mill-Awtorità Baġitarja u ddikjarat definittivament adottat mill-President tal-Parlament Ewropew.

Baġit emendatorju

Deċiżjoni adottata matul is-sena finanzjarja sabiex temenda (iżżid, tnaqqas, tittrasferixxi) aspetti tal-baġit adottat ta' dik is-sena.

Derivattivi

L-istrumenti finanzjarji li l-valur tagħhom huwa marbut ma' bidliet fil-valur ta' strument finanzjarju ieħor, indikatur jew komodità. B'kuntrast mad-detentur ta' strument finanzjarju primarju (eż. bond tal-gvern), li għandu dritt mhux kwalifikat li jirċievi flus kontanti (jew xi benefiċċju ekonomiku ieħor) fil-ġejjieni, id-detentur ta' derivattiv għandu biss dritt kwalifikat li jirċievi tali benefiċċju. Eżempju ta' derivattiv huwa kuntratt forward tal-valuti.

Dħul assenjat

Dħul iddedikat riċevut biex jiffinanzja entrati speċifiċi tan-nefqa. Is-sors ewlieni tad-dħul assenjat estern huwa l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi għal programmi ffinanzjati mill-Unjoni. Is-sors ewlieni tad-dħul assenjat intern huwa dħul minn partijiet terzi fir-rigward ta' oġġetti, servizzi jew xogħol fornuti fuq talba tagħhom; dħul li jiġi mill-ħlas lura tal-ammonti mħallsin indebitament u dħul mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet u films.

Diżimpenn

Att li permezz tiegħu jiġi kkanċellat impenn preċedenti (jew parti minnu).

Ġestjoni diretta

Mod ta' implimentazzjoni tal-baġit. Taħt ġestjoni diretta, il-baġit jiġi implimentat direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni, mill-Aġenziji Eżekuttivi jew mill-Fondi Fiduċjarji.

Ġestjoni indiretta

Mod ta' implimentazzjoni tal-baġit. Taħt ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tikkonferixxi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit lill-korpi tad-dritt tal-UE jew nazzjonali.

Ġestjoni kondiviża

Mod ta' implimentazzjoni tal-baġit. Taħt ġestjoni kondiviża, il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu ddelegati lill-Istati Membri. Madwar tlett kwarti tan-nefqa tal-UE taqa' taħt dan il-mod ta' implimentazzjoni.

Il-kost kurrenti tas-servizz

Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet ta' skemi li jirriżultaw mis-servizz fis-sena finanzjarja kurrenti.

Impenji pendenti

Bħala r-*Reste à Liquidier (RAL)*, huma jirrappreżentaw l-ammont fejn sar impenn baġitarju iżda l-ħlas sussegwenti għadu ma sarx. Huma jirrappreżentaw l-obbligi ta' ħlas għall-UE għas-snin futuri u joriġinaw direttament mill-eżistenza ta' programmi pluriennali u mid-dissoċjazzjoni bejn l-approprijazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament.

Impenn

Rahan ġuridiku li jiġu pprovduti finanzi soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. L-UE timpenja ruħha li tirrimborża s-sehem tagħha mill-kostijiet ta' proġett iffinanzjat mill-UE. L-impenji tal-lum huma l-pagamenti ta' għada. Il-pagamenti tal-lum huma l-impenji tal-bieraħ.

Interruzzjonijiet u sospensjonijiet

Jekk il-Kummissjoni ssib, abbażi tal-ħidma tagħha jew tal-informazzjoni rrapportata mill-awtoritajiet tal-awditjar, li Stat Membru jkun naqas milli jirrimedja nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u/jew milli jikkoreġi l-infiq irregolari li kien iddikjarat u ċertifikat, hija tista' tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti.

Irregolarità

Irregolarità hija att li ma jikkonformax mar-regoli applikabbli tal-UE jew nazzjonali u li għandu impatt potenzjalment negattiv fuq l-interessi finanzjarji tal-UE. Irregolaritajiet, li jistgħu jkunu r-riżultat tal-imġiba tal-benefiċjarji li jitolbu l-fondi jew tal-awtoritajiet responsabbli biex jagħmlu l-pagamenti. Il-kunċett ta' irregolarità huwa usa' minn dak ta' frodi, li jirreferi għal imġiba li tista' tikkwalifika bħala reat kriminali.

Kanċellazzjoni tal-approprijazzjonijiet

L-approprijazzjonijiet mhux użati ma jistgħux jintużaw aktar.

Korrezzjoni finanzjarja

L-iskop tal-korrezzjonijiet finanzjarji huwa li jipproteġu l-baġit tal-UE mill-piż ta' nfiq irregolari. Għall-infiq taħt ġestjoni kondiviża, il-komputu tal-irkupru ta' pagamenti skorretti huwa primarjament ir-responsabbiltà tal-Istat Membru.

Ġiet aċċettata korrezzjoni finanzjarja "kkonfermata" mill-Istat Membru kkonċernat. Ġiet adottata korrezzjoni finanzjarja "deċiża" permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni u din hija dejjem korrezzjoni netta, meta l-Istat Membru jintalab jirrimborża fondi irregolari fil-baġit tal-UE, sabiex b'hekk iwassal għal tnaqqis definittiv tal-pakkett allokati lill-Istat Membru kkonċernat. Il-korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati u deċiżi huma rrapportati f'din il-pubblikazzjoni bħala kategorija waħda.

Korrezzjoni finanzjarja "implimentata" kkoreġiet l-irregolarità osservata.

Linja baġitarja

Safejn hija kkonċernata l-istruttura baġitarja, id-dħul u l-infiq huma murija fil-baġit f'konformità ma' nomenklatura vinkolanti li tirrifletti n-natura u l-iskop ta' kull entrata, kif imposti mill-awtorità tal-baġit. L-intestaturi individwali (titolu, kapitolu, artikolu jew linja) jipprovdu deskrizzjoni formali tan-nomenklatura.

Miżura preventiva

Il-miżuri preventivi, li huma għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-baġit tal-UE meta tkun konxja ta' nuqqasijiet potenzjali, jinkludu sospensjonijiet u interruzzjonijiet tal-pagamenti mill-baġit tal-UE għall-programm operazzjonali.

Prefinanzjament

Pagament maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju bi float. Huwa jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti parzjali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt, tad-deċiżjoni, tal-ftehim jew tal-att ġuridiku bażiku sottostanti. Il-float jew l-avvanz jew jintuża għall-finijiet li għalihom ġie pprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim jew inkella jitħallas lura.

Qligħ u telf attwarju

Għal skema b'benefiċċji definiti, il-bidliet fil-bilanċi pożittivi jew id-defiċits attwarji. Huma jinħolqu bħala riżultat tad-differenzi bejn is-suppożizzjonijiet attwarji preċedenti u dak li effettivament seħħ u minħabba l-effetti tal-bidliet fis-suppożizzjonijiet attwarji.

Rapporti Annwali tal-Attività (RAA)

Ir-Rapporti Annwali tal-Attività jindikaw ir-riżultati tal-operazzjonijiet b'referenza għall-oġettivi stabbiliti, ir-riskji assoċjati u l-istruttura ta' kontroll intern, fost l-oħrajn. Sa mill-eżerċizzju tal-baġit tal-2001 għall-Kummissjoni u sa mill-2003 għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea, l-"uffiċjal awtorizzanti b'delega" jrid jissottometti RAA lill-istituzzjoni tiegħu dwar il-prestazzjoni ta' dmirijietu, flimkien ma' informazzjoni finanzjarja u ta' ġestjoni.

Rata effettiva tal-imgħax

Ir-rata li tiskonta l-pagamenti jew l-irċevuti tal-flus futuri stmati tul il-ħajja mistennija tal-assi finanzjarju jew tal-obbligazzjoni finanzjarja għall-ammont riportat nett tal-assi jew tal-obbligazzjoni.

Rata ta' skont

Ir-rata użata biex taġġusta għall-valur taż-żmien tal-flus. L-iskontar huwa teknika użata għat-tqabbil tal-kostijiet u tal-benefiċċji li jseħħu f'perjodi ta' żmien differenti.

Reste à Liquider (RAL)

Bħala l-*Impenji pendenti*, tirrappreżenta l-ammont fejn ikun sar impenn baġitarju iżda l-pagament sussegwenti ma jkunx għadu sar. Huma jirrappreżentaw l-obbligi ta' ħlas għall-UE għas-snin futuri u joriġinaw direttament mill-eżistenza ta' programmi pluriennali u mid-dissoċjazzjoni bejn l-appropriazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament.

Riportar tal-appropriazzjonijiet

Eċċezzjoni għall-prinċipju tal-annwalità sakemm l-appropriazzjonijiet li ma setgħux jintużaw f'baġit partikolari jkunu jistgħu, taħt kundizzjonijiet stretti, jiġu riportati b'mod eċċezzjonali sabiex ikunu jistgħu jintużaw matul is-sena ta' wara.

Riżorsi proprji

Is-sors ewlieni ta' dħul għall-baġit tal-UE. Ir-riżorsi proprji differenti huma elenkati fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji applikabbli (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053) u huma riżorsi proprji tradizzjonali, riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT, riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat.

Riżorsi proprji tradizzjonali

Ir-riżorsi proprji tradizzjonali huma ddefiniti fid-Deċiżjoni applikabbli dwar ir-Riżorsi Proprji (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053) u jinkludu b'mod partikolari dazji doganali u imposti fuq iz-zokkor.

Skema b'benefiċċji stabbiliti

Skema b'benefiċċji ta' pensjoni jew ta' rtirar ieħor, fejn ir-regoli tal-iskema jiddefinixxu l-benefiċċji b'mod indipendenti mill-kontribuzzjonijiet pagabbli u fejn il-benefiċċji ma jkunux direttament relatati mal-investimenti tal-iskema. L-iskema tista' tkun iffinanzjata jew mhux iffinanzjata.

Suppożizzjonijiet attwarji

Is-suppożizzjonijiet li jintużaw biex jikkalkolaw il-kostijiet tal-avvenimenti futuri li jaffettwaw l-obbligazzjoni tal-pensjoni.

Trasferimenti (bejn il-linji baġitarji)

It-trasferimenti bejn il-linji baġitarji jimplikaw ir-rilokazzjoni tal-appropriazzjonijiet minn linja baġitarja waħda għal oħra, matul is-sena finanzjarja, u b'hekk jikkostitwixxu eċċezzjoni għall-prinċipju baġitarju ta' speċifikazzjoni. Madankollu, huma espliċitament awtorizzati mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea taħt il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament Finanzjarju (RF). Ir-RF jidentifika tipi differenti ta' trasferimenti, skont jekk isirux bejn jew fi ħdan it-titoli, il-kapitoli, l-artikoli jew l-intestaturi tal-baġit, u jirrikjedu livelli differenti ta' awtorizzazzjoni.

LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET

AC	Kost Amortizzat
AFS	Disponibbli għall-Bejgħ
AMF	Assistenza Makrofinanzjarja
AMIF	Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni
AOD	Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega
ATM	Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru
BĊE	Bank Ċentrali Ewropew
BEI	Bank Ewropew tal-Investment
BERŻ	Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp
BOP	Bilanċ tal-Pagamenti
CCS LGF	Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi
CIP	Il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni
COM	Il-Kummissjoni Ewropea
COSME	Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' Daqs Medju
COSO	Kumitat tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw il-Kummissjoni Treadway
CPF	Il-Fond ta' Proviżjonament Komuni
CRII+	Inizjattiva ta' Investment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus
D&WM	Dekummissjonar u Mmaniġġar tal-Iskart
EAD	Skopertura fl-Inadempjenza
EAR	Regola Kontabilistika tal-Unjoni Ewropea
EaSI	L-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali
ECL	Telf ta' Kreditu Mistenni
ECOFIN	Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
EDIF	Faċilità ta' Garanzija taħt il-Balkani tal-Punent
EFSD	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli
EFSE	Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa

EFSF	Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja
EFSM	Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja
EFTA	Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles
EGNOS	Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja
ElectriFI	Inizjattiva ta' Finanzjament għall-Elettrifikazzjoni
ELM	Mandat ta' Self Estern
ENEF	Fond ta' Espansjoni tal-Intrapriżi
ENIF	Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi
ENPI	Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija
ERI	Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI
ESA	Aġenzija Spazjali Ewropea
ETF	Faċilità Ewropea għall-Bidu ta' Negozju Teknoloġiku, 1998
EUMETSAT	Organizzazzjoni Ewropea għall-Utilizzazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi
Euratom	Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
FAEG	Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija
FAEŻR	Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
FEI	Fond Ewropew tal-Investment
FEIS	Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi
FEMS	Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd
FEŻ	Fond Ewropew għall-Iżvilupp
FEŻR	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
FFQR	Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji
FIFO	Joħroġ li daħal l-ewwel
FK	Il-Fond ta' Koeżjoni
FMI	Fond Monetarju Internazzjonali
FNE	Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

Fond BUFI	Fond ta' Multi fuq il-Baġit
FP7	Is-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku
FSDA	Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju
FSE	Il-Fond Soċjali Ewropew
FSIE	Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej
FVNA	Valur Ġust abbażi ta' Assi/Ekwità Netti
FVSD	Valur Ġust permezz ta' Surplus jew Defiċit
GNSS	Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita
H2020	Orizzont 2020
IF	Il-Fond għall-Innovazzjoni
IIW	Taqsimha Infrastruttura u Innovazzjoni
ING	Introjtu Nazzjonali Gross
IPSAS	Standards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku
IT	Teknoloġija tal-Infommazzjoni
ITER	Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali
JRC	Ċentru Konġunt tar-Riċerka
JU	Impriża Konġunta
KEFA f'Likwidazzjoni	Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni
LGD	Rata tat-Telf fil-Każ ta' Inadempjenza
LGTT	Strument ta' Garanzija tas-Self għal proġetti Ten-T
MAP	Programm Pluriennali – Programm ta' Inklużjoni Finanzjarja tal-Intrapriżi Medji
MES	Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà
MPE	Membru tal-Parlament Ewropew
MSME	Intrapriża Mikro, Żgħira u Medja
NDICI	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali
NGEU	NextGenerationEU
ORD	Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji
PAK	Politika Agrikola Komuni
PBI	Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti
PD	Probabilità ta' Inadempjenza
PDG	Prodott Domestiku Gross

PE	Il-Parlament Ewropew
PF4EE	Finanzjament Privat għal Strument ta' Effiċjenza Enerġetika
PGF	Fond ta' Garanzija għall-Parteċipanti
PPP	Sħubija Pubblika-Privata
PSEO	Skema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej
QEA	Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
QFP	Qafas Finanzjarju Pluriennali
RAA	Rapport Annwali tal-Attività
RAL	"Reste à Liquider" (Impenji Pendenti)
RDK	Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni
RF	Regolament Finanzjarju tal-UE
RRF	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
RTD	Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni
S&P	Standard & Poor's Financial Services LLC
SANAD	Fond MENA għall-Intrapriżi Mikro, Żgħar u Medji
SAPARD	Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali
SD FNE	Strument ta' Dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
SEAE	Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
SEMED	Programm tal-Inklużjoni Finanzjarja għall-Intrapriżi Mikro, Żgħar u Medji fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran
SICR	Żieda Sinifikanti fir-Riskju tal-Kreditu
SIUGI	Inizjattiva tal-SMEs Strument ta' Garanzija Mingħajr Limitu

SME	Intrapriża/i Żgħira/Żgħar u ta' daqs Medju
SMEW	Tieqa għall-SMEs (Tieqa għall-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju)
STŻR	Strument Temporanju tal-Iżvilupp Rurali
SURE	Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza
TFUE	Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
TOR	Riżorsi proprji tradizzjonali
UE	L-Unjoni Ewropea
UEM	Unjoni Ekonomika u Monetarja
VAT	Taxxa fuq il-Valur Miżjud
ŻEE	Żona Ekonomika Ewropea

Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti

(2022/C 399/02)

Opinjoni

I. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea, li jinkludu r-rapporti finanzjarji konsolidati⁽¹⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁽²⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021, u li ġew approvati mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2022;
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

II. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2021, ir-*riżultati* tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

Legalità u regolarità tat-*tranżazzjonijiet* li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**Dħul**

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul

III. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Infiq

IV. Għall-2021, aħna niprovdu żewġ opinjonijiet separati dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq. Dan jirrifletti l-fatt li l-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)* hija strument temporanju mwassal u ffinanzjat b'mod li huwa fundamentalment differenti għall-infiq normali tal-baġit taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).

Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq baġitarju

V. Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt "Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq baġitarju", l-infiq baġitarju aċċettat fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

⁽¹⁾ Ir-rapporti finanzjarji konsolidati jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni (inkluż ir-rappurtar fuq is-segmenti).

⁽²⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu wkoll noti ta' spjegazzjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq taħt l-RRF

VI. Fl-opinjoni tagħna, l-infiq taħt l-RRF aċċettat fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Bażi għal opinjoni

VII. Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC), l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-standards u kodiċijiet huma deskritti faktar dettall fit-taqsima "Responsabbiltajiet tal-awditur" fir-rapport tagħna. F'dik it-taqsima, aħna nipprovdnu wkoll aktar informazzjoni dwar il-bażi għall-opinjoni tagħna dwar id-dħul (ara l-paragrafu **XXXV**) u l-infiq taħt l-RRF (ara l-paragrafu **XXXVII**). Aħna rrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti. Nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdni bażi għall-opinjonijiet tagħna.

Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq baġitarju

VIII. Il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna għall-infiq baġitarju aċċettat fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 huwa ta' 3,0 %. Proporzjon sostanzjali ta' dan l-infiq huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Dan prinċipalment jirrigwarda l-infiq ibbażat fuq rimborżi, fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 4,7 %. Dan l-infiq żdied għal EUR 90,1 biljun fl-2021, u jirrappreżenta 63,2 % tal-popolazzjoni li awditjajna ⁽³⁾. Għalhekk, l-effetti tal-iżbalji li sibna huma kemm materjali kif ukoll pervażivi għan-nefqa aċċettata tas-sena.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar**Aħna vvalutajna l-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati**

IX. Il-karta tal-bilanċ tal-UE tinkludi obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati li ammontaw għal EUR 122,5 biljun fi tmiem l-2021 (2020: EUR 116,0-il biljun), li jirrappreżentaw kważi kwart tal-obbligazzjonijiet totali ta' EUR 496,4 biljun għall-2021 (2020: EUR 313,5-il biljun).

X. Il-biċċa l-kbira mill-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija relatata mal-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali u l-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (PSEO), li tammonta għal EUR 109,7 biljun (2020: EUR 100,7 biljun). L-obbligazzjoni rreġistrata fil-kontijiet hija stima tal-valur attwali tal-pagamenti futuri mistennija li l-UE se jkollha twestaq biex tissodisfa l-obbligi tagħha tal-pensjoni.

XI. Il-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema tal-pensjonijiet jitħallsu mill-baġit tal-UE. Filwaqt li l-UE ma ħolqotx fond tal-pensjonijiet imfassal apposta biex ikopri l-ispiża tal-obbligi futuri tal-pensjoni, l-Istati Membri jggarantixxu b'mod konġunt il-pagament tal-benefiċċji, u l-uffiċjali jikkontribwixxu terz tal-ispiża għall-finanzjament tal-iskema. L-Eurostat jikkalkula din l-obbligazzjoni kull sena fisem l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, billi juża parametri bħall-profil tal-età u l-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-UE, kif ukoll suppożizzjonijiet dwar kundizzjonijiet ekonomiċi futuri. Dawn il-parametri u s-suppożizzjonijiet jiġu wkoll iwwalutati mill-konsulenti attwarji tal-Kummissjoni.

XII. Iż-żieda fl-obbligazzjoni tal-pensjoni fl-2021 hija prinċipalment dovuta għat-tnaqqis fir-rata ta' skont nominali, li hija affettwata minn riduzzjoni fir-rati tal-imgħax globali ⁽⁴⁾.

⁽³⁾ Aħna nipprovdnu aktar informazzjoni fil-paragrafi 1.22-1.27 tar-Rapport Annwali 2021 tagħna.

⁽⁴⁾ Il-kontijiet annwali tal-UE għall-2021, in-Nota 2.9.

XIII. It-tieni l-akbar parti tal-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija kostitwita mill-obbligazzjoni stmata tal-UE lejn ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS), li ammontat għal EUR 10,3 biljun fi tmiem l-2021 (2020: EUR 12,9-il biljun). Din l-obbligazzjoni hija relatata mal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa li huma pagabbli lill-membri tal-persunal tal-UE matul il-perjodi ta' wara l-attività (bit-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tagħhom).

XIV. Bħala parti mill-awditjar tagħna, aħna nivalutaw is-suppożizzjonijiet attwarji li saru għal dawn l-iskemi u l-valwazzjoni riżultanti. Aħna nibbażaw l-evalwazzjoni tagħna fuq xogħol li jitwettaq minn esperti attwarji esterni indipendenti. Nivverifikaw id-data bażika li fuqha huma bbażati l-kalkoli, il-parametri attwarji u l-kalkolu tal-obbligazzjoni. Neżaminaw ukoll il-preżentazzjoni tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ konsolidata u n-noti għar-rapporti finanzjarji konsolidati.

XV. Nikkonkludu li l-istima tal-obbligazzjoni kumplessiva għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati ddikjarata fil-karta tal-bilanċ konsolidata hija ġusta u affidabbli.

Aħna vvalutajna stimi sinifikanti ta' tmiem is-sena li ġew ippreżentati fil-kontijiet

XVI. Fi tmiem l-2021, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba dovuti lill-benefiċjarji, iżda li kienu għadhom ma ntabx, kien ta' EUR 129,9 biljun (2020: EUR 107,8 biljun). Dawn l-ammonti ġew irreġistrati bħala spejjeż dovuti (?).

XVII. Iż-żieda f'dik l-istima tirrigwarda prinċipalment l-RRF, li hija l-qofol tan-*NextGenerationEU* (NGEU), jiġifieri l-istrument ta' rkupru temporanju biex jgħin isewwi l-ħsara ekonomika u soċjali immedjata kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. Il-pagamenti lill-Istati Membri taħt din il-faċilità jseguw profil ta' ħlas parzjali predefinit sal-2026. Fi tmiem l-2021, l-infiq dovut taħt l-RRF kien jammonta għal EUR 12,3-il biljun.

XVIII. Sabiex nivalutaw dawn l-istimi ta' tmiem is-sena, aħna eżaminajna s-sistema li l-Kummissjoni kienet stabbiliet għall-kalkoli tal-cut-off biex niżguraw il-korrettezza u l-kompletezza tagħhom fid-direttorati ġenerali li fihom iġġarrbu l-biċċa l-kbira mill-ispejjeż. Matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-kampjun ta' fatturi u ta' pagamenti ta' prefinanzjament, aħna eżaminajna l-kalkoli tal-cut-off rilevanti sabiex nindirizzaw ir-riskju li l-ammont dovut jiġi ddikjarat b'mod skorrett. Aħna fittixna kjarifika mis-servizzi kontabilistiċi tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija ġenerali għall-istabbiliment ta' dawn l-istimi.

XIX. Nikkonkludu li l-istima tal-ammont kumplessiv ta' imposti dovuti u ta' pagamenti bil-quddiem oħra għall-Istati Membri huma ppreżentati b'mod ġust fil-karta tal-bilanċ konsolidata.

Aħna rrieżaminajna l-assi li ġie ġġenerat mill-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit

XX. Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit (UK) ma baqax Stat Membru tal-UE. Taħt il-ftehim dwar il-ħruġ, ir-Renju Unit għamel impenn biex jonora l-obbligi finanzjarji kollha tiegħu taħt QFP preċedenti li jirriżultaw mis-sħubija tiegħu fl-UE. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit kompli jikkontribwixxi għall-baġit tal-UE, u jibbenefika minnu, daqslikieku kien għadu Stat Membru.

XXI. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, obbligi reċiproċi oħra min-naħa tal-UE u tar-Renju Unit wasslu għal ċerti obbligazzjonijiet u ammonti riċevibbli għall-UE. Dawn l-obbligi jridu jiġu riflessi fil-kontijiet annwali tal-UE. Il-Kummissjoni stmat li, fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-kontijiet tal-UE wrew ammont riċevibbli nett dovut mir-Renju Unit ta' EUR 41,8 biljun (2020: EUR 47,5 biljun), li minnhom huwa stmat li EUR 10,9 biljun se jitħallsu fit-12-il xahar wara d-data tar-rappurtar.

(⁵) Dawn jinkludu imposti dovuti ta' EUR 77,8 biljun fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ u, fuq in-naħa tal-assi, EUR 52,1 biljun li jnaqqsu l-valur tal-prefinanzjament.

XXII. Il-mekkaniżmu ta' pagament li għandu jiġi applikat għall-obbligi reċiproċi taħt il-ftehim dwar il-ħruġ huwa stabbilit fl-Artikolu 148 ("Pagamenti wara l-2020") tal-ftehim. Fl-2021, l-ammont irrappurtat bħala li kien dovut mir-Renju Unit taħt l-Artikolu 136, u l-Artikoli 140 sa 147, kien ta' EUR 11,9-il biljun. It-total tal-pagamenti li ġew riċevuti mir-Renju Unit fl-2021 kien jammonta għal EUR 6,8 biljun. Il-bilanċ li kien jifdal fi tmiem is-sena, f'ammont ta' EUR 5,1 biljun, kien pagabbli f'fames ħlasijiet parzjali ndaq ta' kull xahar minn Jannar sa Mejju 2022 inkluż, f'konformità mal-mekkaniżmu stabbilt fl-Artikolu 148 tal-ftehim dwar il-ħruġ.

XXIII. Bħala parti mill-proċeduri normali tal-awditjar tagħna, iddiskutejna mal-Kummissjoni dwar it-twaqqit, il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-assi rikonoxxut u l-pagamenti li saru. Aħna kkalkulajna mill-ġdid l-ammonti kkonċernati, irrikonċiljajniehom mar-reġistri ta' bażi u vverifikajna x-xerqien ta' kwalunkwe suppożizzjoni użata.

XXIV. Nikkonkludu li l-istima tal-assi totali rikonoxxut b'rabta mal-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit hija ppreżentata b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Aħna vvalutajna l-impatt li l-invażjoni mir-Russja fl-Ukrajna kellha fuq il-kontijiet

XXV. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja invadiet l-Ukrajna. Billi l-UE tipprovdi assistenza lill-Ukrajna fil-ġhamla ta' self u għotjiet, aħna vvalutajna l-kalkoli li l-Kummissjoni kienet għamlet rigward l-esponiment tal-UE għar-riskju finanzjarju assoċjat, kif ukoll il-bażi sottostanti tagħhom, biex niżguraw li l-konsegwenzi ta' dan l-avveniment sinifikanti kienu riflessi b'mod xieraq fil-kontijiet tal-UE. Ivvalutajna l-kalkoli tal-Kummissjoni bi tqabbil mad-*data* proprja tagħna u ma' *data* li kienet teżisti dwar il-kwistjoni.

XXVI. Nikkonkludu li l-fatt li l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja ġiet ittrattata bħala avveniment li ma jirrikjedix aġġustament wara l-għeluq tal-karta tal-bilanċ huwa xieraq. L-impatt tagħha ġie divulgat b'mod xieraq u ppreżentat b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Aħna vvalutajna l-impatt tal-miżuri relatati mal-COVID-19 fuq il-kontijiet

XXVII. Il-pandemija tal-COVID-19 laqtet b'mod serju l-ekonomiji u l-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea mobilizzat mezzi sostanzjali biex tirrinforza s-setturi tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri u biex timmitiga l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija fl-UE. L-azzjoni meħuda kienet tinkludi l-finanzjament ta' provvisti mediċi urġenti, l-introduzzjoni ta' aktar flessibilità fl-utilizzazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, kif ukoll l-għoti ta' self lill-Istati Membri b'termini favorevoli. Dawn l-inizjattivi kellhom effett sinifikanti fuq ir-rapporti finanzjarji.

XXVIII. Bħala parti mill-proċeduri normali tal-awditjar tagħna, aħna awditajna l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-miżuri li ttieħdu mill-Kummissjoni. Nikkonkludu li dawn huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Kwistjonijiet oħra

XXIX. Il-maniġment huwa responsabbli għall-provvediment ta' "informazzjoni oħra". Dan it-terminu jinkludi l-punti finanzjarji ewlenin tas-sena ("Financial highlights of the year"), iżda mhux il-kontijiet konsolidati jew ir-rapporti tagħna dwarhom. L-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet konsolidati ma tkoprix din l-informazzjoni l-oħra, u aħna ma nesprimu l-ebda forma ta' konklużjoni ta' aċċertament dwarha. Ir-responsabbiltà tagħna b'rabta mal-awditu tal-kontijiet konsolidati hija li naqraw l-informazzjoni l-oħra u nqisu jekk din l-informazzjoni tkunx materjalment inkonsistenti mal-kontijiet konsolidati jew mal-għarfien li nkunu ksibna fl-awditu, jew jekk jidherx li tkun saret xi dikjarazzjoni skorretta materjali oħra. Jekk nikkonkludu li jkun hemm dikjarazzjoni skorretta materjali tal-informazzjoni l-oħra, aħna meħtieġa nirrappurtaw dan il-fatt kif meħtieġ. Aħna ma għandna xejn x'nirrappurtaw f'dan ir-rigward.

Responsabbiltajiet tal-maniġment

XXX. F'konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet konsolidati tal-UE abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet (liġijiet, regolamenti, prinċipji, regoli u standards) li jirregolawhom. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

XXXI. Fit-tħejjija tal-kontijiet konsolidati, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-UE li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga kull kwistjoni rilevanti u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwidata l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmel dan.

XXXII. Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-UE.

XXXIII. Skont ir-Regolament Finanzjarju (it-Titolu XIII), l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni jrid jippreżenta l-kontijiet konsolidati tal-UE biex jiġu awditjati, l-ewwel bħala kontijiet proviżorji sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara u mbagħad bħala kontijiet finali sal-31 ta' Lulju. Il-kontijiet proviżorji jridu diġà jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Għalhekk, huwa imperattiv li l-entrati kollha tal-kontijiet proviżorji jiġu ppreżentati bħala kalkoli finali, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu nwettqu l-kompitu tagħna f'konformità mat-(Titolu XIII) tar-Regolament Finanzjarju u sad-dati ta' skadenza mogħtija. Kull bidla bejn il-kontijiet proviżorji u dawk finali normalment tkun tirriżulta mill-osservazzjonijiet tagħna biss.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet konsolidati u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

XXXIV. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-UE jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprova lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw kull deċizzjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet konsolidati.

XXXV. Għad-dħul, l-eżaminar tagħna tal-VAT u tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-aggregati makroekonomiċi li fuqhom dawn jiġu kkalkulati, u jivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sal-punt li fih il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u nanalizzaw il-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jkunu ġew riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet. Hemm riskju li d-dazji doganali jew ma jiġux iddikjarati jew inkella jiġu d-dikjarati b'mod skorrett lill-awtoritajiet doganali nazzjonali min-naħa tal-importaturi. Għalhekk id-dazji tal-importazzjoni realment miġbura se jkunu inqas mill-ammont li teoretikament jenħtieġ li jinġabar. Din id-differenza hija magħrufa bħala n-"nuqqas doganali". Dawn l-ammonti evażi ma jinqabdux mis-sistemi kontabilistiċi tal-RPT tal-Istati Membri u ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul.

XXXVI. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti fil-punt meta jsiru, ħlief il-pagamenti bil-quddiem. Aħna neżaminaw il-pagamenti bil-quddiem ladarba r-riċevitur tal-fondi jkun ipprova evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan għandu mnejn ma jseħħx qabel is-sena sussegwenti.

XXXVII. Din is-sena, għall-ewwel darba, eżaminajna l-infiq taħt l-RRF. B'mod differenti għal infiq baġitarju ieħor, li huwa bbażat fuq ir-rimborż tal-ispejjeż u/jew fuq il-konformità mal-kundizzjonijiet, taħt l-RRF il-kundizzjoni għall-pagament hija li jintlaħqu b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti jew il-miri. Għalhekk eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx gābret evidenza suffiċjenti u xierqa biex issostni l-valutazzjoni li hija kienet wettqet ta' din il-kundizzjoni. Il-konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali ma tagħmilx parti minn din il-valutazzjoni.

XXXVIII. Aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

- (a) Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tippovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabeż il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.
- (b) Niksbu fehim tal-kontroll intern rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern.
- (c) Nevalwaw l-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jintużaw mill-maniġment, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru minn dawn tal-aħħar.
- (d) Nilħqu konklużjoni dwar l-adeqwatezza tal-użu mill-maniġment tal-baży kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbaży tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità ta' entità li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet konsolidati jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex l-entità ma tkomplex bħala negozju avvjat.
- (e) Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet konsolidati, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet konsolidati jkunux jirrapreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' baży b'mod ġust.
- (f) Niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar rigward l-informazzjoni finanzjarja dwar l-entitajiet koperti mill-ambitu tal-konsolidazzjoni tal-UE biex nesprimu opinjoni dwar il-kontijiet konsolidati u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna għandna r-responsabbiltà li nidderieġu, nissorveljaw u nwettqu l-awditu, u aħna unikament responsabbli għall-opinjoni tal-awditjar li nagħtu.

XXXIX. Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ipplanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi sejbiet dwar kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

XL. Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni u ma' entitajiet oħra awditjati, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet konsolidati, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f'każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

L-14 ta' Lulju 2022

Klaus-Heiner LEHNE

Il-President

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT